# IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT 2016

MALTA
EKONOMIJA B'SAĦĦITHA

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI

# **IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT** 2016

10 ta' Ottubru 2016

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Berġa' ta' Kastilja
Il-Belt-Valletta VLT 1061

Tel.: (+356) 2200 0000
Website: http://www.opm.gov.mt

**Cataloguing-in-Publication Data**
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
It-Twettiq tal-Baġit, 2016
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti
Ewlieni, 2016

29.7, 21 cm

ISBN: 978-99957-1-016-3

Din il-pubblikazzjoni tista' tinxtara mid-

Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Castille Place,
Il-Belt, Valletta

Tel.: (+356) 2125 0550

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz:  €5.00

| | |
|---|---|
| OPM | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| MEAIM | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali |
| MEDE | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol |
| MTI | Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura |
| MGOZ | Ministeru għal Għawdex |
| MSDC | Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet ċivili |
| MEIB | Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi żgħar |
| MFIN | Ministeru għall-Finanzi |
| MFSS | Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali |
| MJCL | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali |
| MOT | Ministeru għat-Turiżmu |
| MHAS | Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali |
| MSDEC | Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima |
| MCDMS | Ministeru għall-Kompetittività u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi |
| MFH | Ministeru għas-Saħħa |

DAĦLA

Dan l-eżerċizzju jinsab fit-tielet sena tiegħu u wera li mhux eżerċizzju biss fi trasparenza li bil-bibien u t-twieqi miftuħa jagħti rendikont ta' dak li sar jew ma sarx u kif sar. Narah għodda wkoll fit-tisħiħ tal-ippjanar fis-servizz pubbliku kollu kemm hu fi żmien ta' tiġdid fil-mod kif jaħdem dal-qasam. Għax hemm differenza bejn li tagħmel pjan u jkollok l-ippjanar. Il-baġit huwa l-pjan ta' gvern għas-sena li jkun imiss; l-ippjanar huwa l-mod kif dak il-pjan ikun se jitwettaq u fil-fatt jitwettaq.

Li wieħed kellu jqabbel in-numru ta' miżuri mwettqa fl-ewwel sena, meta bdejna nagħtu dar-rendikont, u n-numru ta' miżuri mwettqa murija f'din il-pubblikazzjoni, insibu żieda b'saħħitha ta' 80 miżura. Imma hemm xejra ċara ta' żieda kull sena fin-numru ta' miżuri mwettqa, għax anki din iż-żieda hija reġistrata fuq in-numru ta' miżuri mwettqa s-sena li għaddiet. Fil-fatt din is-sena wettaqna 52 miżura iktar mis-sena l-oħra. Hemm żewġ modi kif tħares lejn dawn iż-żidiet: irrid ngħid li l-mod li qed naħdmu bih qed jagħtina riżultati dejjem aħjar minn sena għal oħra u dan ifisser ħafna. Is-servizz pubbliku jrid iwettaq il-programm tal-gvern tal-ġurnata u jrid ikun ingranat sew biex jagħmel dan, għax din funzjoni ewlenija tiegħu ras imb ras mas-servizz li jrid jingħata lin-nies. Imma mbagħad iż-żieda fin-numru ta' miżuri minn sena għal oħra jindika wkoll li meta jkollok magna li taraha taħdem aħjar, tgħabbi iktar fuqha ħa jiġi mwettaq iktar.

Dan wieħed jista' jarah fl-imrewħa sħiħa ta' miżuri mwettqa f'dan ir-rendikont dwar il-baġit għall-2016 u li wħud minnhom mhux biss jaffettwaw immens lin-nies imma kienu ilhom is-snin meqjusa diffiċli biex iseħħu. Fost l-ewlenin it-tneħħija tal-mediċini out of stock, it-tnaqqis fl-istennija għall-operazzjonijiet u fl-istennija fit-taqsima tal-emerġenza, it-tablet għal kull wild u magħhom bini ta' iktar skejjel u faċilitajiet edukattivi, ir-riforma fis-sistema ġudizzjarja, fl-ekokontribuzzjoni, dejjem iktar titjib fit-trasport pubbliku, stabbiltà fil-prezzijiet tal-gass u l-fjuwil, ir-restawr taċ-Ċittadella f'Għawdex u l-ħidma għall-Belt Valletta, u terġa' ma' dawn għexieren ta' miżuri oħra li, xi wħud mod u wħud mod ieħor, itejbu l-ħajja tan-nies.

Din il-ħidma għat-twettiq u r-rendikont li qed jingħata mhumiex, imma, xi ħaġa ta' darba jew li qed issir għall-baġit biss. Hija sistema ta' kif is-servizz pubbliku sar jaħdem u rriduh jaħdem. Ippjanar u miri ċari fejn irridu naslu. Minn servizz pubbliku jaħdem f'silos, kull fergħa għal rasha, għal servizz pubbliku li jaħdem iktar f'direzzjoni waħda u flimkien bi strateġiji komuni. Dak li qed isir għat-twettiq tal-baġit isir ukoll fir-rigward ta' simplifikazzjoni u issa wkoll fl-awditjar li jsir mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

Kemm dar-rendikont għall-baġit għall-2016 u l-pubblikazzjonijiet l-oħra li nbdew tul din l-amministrazzjoni u l-bqija tat-tiġdid li qed iseħħ għandhom strateġija waħda ewlenija matul is-servizz pubbliku kollu: servizz bi kwalità - u kwalità mfissra mhux sempliċi kelma li min jaf kemm issemmiet qabel. Imfissra f'erba' pilastri - il-vuċi għall-istakeholder, id-disinn tal-policies, il-pakkett tas-servizzi u l-kontabbiltà.

Il-kontabbiltà hija fil-qofol tal-ħidma kollha tas-servizz pubbliku. Dan ir-rendikont jagħti wkoll xhieda ta' dan.

**Mario Cutajar**
Is-Segretarju Permanenti Ewlieni

# L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Familja**<br><br>Id-dipartimenti governattivi kollha se jiddeterminaw il-core business hours tagħhom biex matulhom ikun hemm ir-riżorsi kollha meħtieġa għall-aħjar servizz. B'dal mod ma nkunux biss qed nassiguraw is-servizz, imma wkoll flessibbiltà għall-miżuri li jgħinu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, kif ukoll ngħinu li tittaffa l-problema tat-traffiku. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Strateġija u Ppjanar) | Ġie maqbul programm ta' riċerka min-naħa taċ-Ċentru għall-Iżvilupp, ir-Riċerka u t-Taħriġ (CDRT) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex jiġu identifikati l-preferenzi tal-pubbliku u l-intrapriżi dwar il-ħinijiet ideali ta' ftuħ ta' uffiċċji tal-gvern. | Bdiet ir-riċerka permezz ta' survey tal-pubbliku kif ukoll korrispondenza ma' korpi kostitwiti li jirrappreżentaw setturi kummerċjali. | Is-CDRT ippreżenta rapport bir-riżultati tar-riċerka kif ukoll numru ta' proposti. | Ir-rapport se jiġi kkunsidrat bil-għan li titfassal politika dwar core business hours. Jinħarġu struzzjonijiet lid-dipartimenti tal-gvern fid-dawl tal-politika l-ġdida. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 175 | **Mrieħel Masterplan**<br><br>Għandha tinħoloq Fondazzjoni bejn il-Gvern u s-settur privat. L-għan tagħha hu li tmexxi pjan ta' ħidma li jtejjeb l-ambjent minn fejn joperaw l-imprendituri fiż-Żona Industrijali tal-Imrieħel. Dan se jseħħ fil-qafas ta' Masterplan li huwa maħsub li jbiddel id-dehra ta' dak li sal-lum hu magħruf bħala ż-Żona Industrijali tal-Imrieħel, minn waħda ta' telqa għal Hub ta' Negozju u Kummerċ organizzat li jattira u jħajjar investiment ġdid fiż-żona. | Projects Malta | Il-Fondazzjoni twaqqfet f'Marzu. | Tħejja Masterplan li jelenka l-pjan ta' azzjoni tal-Fondazzjoni Mrieħel għas-snin li ġejjin. | Bdew it-tħejjijiet għall-implimentazzjoni tal-ewwel miżuri hekk kif inklużi fil-Masterplan. Sar tindif taż-żona industrijali tal-Imrieħel. | Mistenni jkompli l-pjan ta' ħidma għaż-żona industrijali. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 176a | **Rilokazzjoni tal-Monti ta' Marsaxlokk u r-Riabilitazzjoni ta' Marsaxlokk**<br><br>Il-Gvern qiegħed jassisti biex tinstab soluzzjoni ekwa u effettiva biex il-proġett ta' riabilitazzjoni ta' Marsaxlokk jilħaq l-iskop tiegħu fl-interess tar-residenti u tal-komunità kummerċjali li tinkludi wkoll numru kbir ta' bejjiegħa li ta' kull nhar ta' Ħadd jaqilgħu l-għajxien tagħhom mis-suq li ilu għexieren ta' snin jarma u li llum sar sinonimu ma' din il-lokalità. | L-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Enerġija u Proġetti) | Ġiet sottomessa applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permessi neċessarji biex jinbena parkeġġ għall-bejjiegħa tal-Monti fi Triq il-Kavallerizza. | Kompliet il-korrispondenza mal-Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi rigward ir-rekwiżiti li l-istess Awtorità qed titlob qabel ma jingħata l-permess neċessarju. | Ġie finalizzat l-abbozz tat-tender marbut mal-parkeġġ fi Triq il-Kavallerizza, liema parkeġġ ser jintuża mill-bejjiegħa tal-Monti. | Mistenni jinħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Jiġi ppubblikat it-tender relatat mal-parkeġġ u jintlaqgħu is-sottomissjonijiet. Isir il-proċess ta' evalwazzjoni marbut mas-sottomissjonijiet milqugħa. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 176b | Il-pjan ħolistiku marbut ma' dan il-proġett ser jinqasam f'diversi partijiet. L-ewwel parti se tkun iffukata fuq iċ-ċentru ta' Marsaxlokk, fejn il-ħsieb huwa li t-triq ta' Xatt is-Sajjieda tinbidel f'żona pedonali għall-familji. Dan għandu jwassal biex Xatt is-Sajjieda jinbidel f'żona isbaħ u iktar sigura. | | Tħejjew il-pjanti u d-disinji li ġew approvati mill-Kabinett. Ġiet sottomessa applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permess neċessarju biex jinbena parkeġġ għall-bejjiegħa tal-Monti fi Triq il-Kavallerizza, biex b'hekk tkun tista' titwettaq iż-żona pedonali f'Xatt is-Sajjieda. | Kompliet il-korrispondenza mal-Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi rigward ir-rekwiżiti li l-istess Awtorità qed titlob qabel ma jingħata l-permess neċessarju marbut mal-parkeġġ għall-bejjiegħa tal-Monti.<br><br>Bdiet ukoll il-ħidma fuq l-istima finanzjarja marbuta max-xogħol strutturali li ser isir f'Xatt is-Sajjieda. | Beda proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-proġett.<br><br>Beda wkoll il-proċess ta' surveying tal-istalls tal-bejjiegħa tal-Monti filwaqt li beda d-disinn tal-proġett ta' Xatt is-Sajjieda. | Mistenni jintemm il-proċess ta' surveying tal-istalls tal-bejjiegħa tal-Monti.<br><br>Jiġi finalizzat ix-xogħol fuq id-disinn tal-proġett ta' Xatt is-Sajjieda u jiġi abbozzat it-tender relatat.<br><br>Mistennija tinħareġ sejħa għal konkors ta' disinn tal-monument propost. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 177 | **Sħubija mal-privat fil-qasam tat-toroq**<br><br>Nemmnu li s-settur privat, bil-potenzjal kbir tiegħu, jista' jikkontribwixxi aktar fl-iżvilupp tal-infrastruttura tat-toroq f'pajjiżna. Transport Malta qed taħdem ma' Projects Malta fuq tfassil ta' Public Private Partnerships differenti kif ukoll fuq tnedija ta' programm ambizzjuż għal dan il-qasam fix-xhur li ġejjin. | Projects Malta | Beda x-xogħol min-naħa ta' Projects Malta biex jitfassal mudell għal dan il-proġett. | Projects Malta Ltd ippreżentat mudell lil Transport Malta għad-diskussjoni. | Transport Malta bdiet il-proċess ta' reviżjoni tal-mudell finanzjarju propost minn Projects Malta. | Mistennija tittieħed deċiżjoni minn Transport Malta fuq il-fattibilità tal-mudell propost. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 178 | **Parkeġġ**<br><br>Il-Gvern se jniedi proġett pilota biex flimkien mal-Kunsilli Lokali jidentifika żoni fejn ikunu jistgħu jinbnew parkeġġi, preferibbilment taħt l-art. L-għan ikun li dawn il-proġetti jsiru forma ta' Public Private Partnership. L-ewwel żewġ lokalitajiet identifikati huma l-Mosta u Marsaskala, żewġ postijiet fejn hemm nuqqas ta' postijiet ta' parkeġġ. | Projects Malta | Ġie identifikat is-sit fil-Mosta biex isir il-parkeġġ u sar studju dwar liema mudell finanzjarju huwa l-iktar fattibbli biex jiġi adottat.<br><br>Dwar il-parkeġġ f'Marsaskala, bdew jiġu evalwati siti differenti fil-lokalità fejn jista' jsir dan il-proġett. | Dwar il-parkeġġ tal-Mosta, ġie fformulat id-dokument marbut mas-Sejħa għall-Proposti. Saru wkoll laqgħat mal-Kunsill Lokali tal-Mosta dwar il-kontenut tal-istess dokument.<br><br>Dwar il-parkeġġ f'Marsaskala, tħejja rapport biex jistudja u jidentifika l-għażliet ta' fejn jista' jsir dan il-parkeġġ. | Rigward il-parkeġġ tal-Mosta, ġie abbozzat u ppubblikat ir-Request for Proposals. Dan wara diversi laqgħat ta' konsultazzjoni ma' stakeholders differenti.<br><br>Rigward il-parkeġġ f'Marsaskala, ġew analizzati l-għażliet kollha hekk kif proposti mill-perit tal-proġett. Ittieħdet deċiżjoni dwar is-sit li jista' jittieħed inkonsiderazzjoni għall-fini tal-proġett. Beda' studju ġeo-tekniku fuq dan is-sit biex jiġi deċiż jekk l-istess proġett hux fattibbli. | Rigward il-parkeġġ tal-Mosta, mistenni jagħlaq il-perjodu ta' sottomissjonijiet għar-Request for Proposals u jibdew jiġu evalwati l-offerti mitfugħa. Jitwaqqaf tim tekniku b'rappreżentanza mid-Djoċesi ta' Malta biex jiżgura li l-proġett ma jkollu l-ebda impatt negattiv fuq il-Knisja Arċipetrali tal-Mosta.<br><br>Rigward il-parkeġġ f'Marsaskala, mistenni jiġi konkluż l-istudju ġeo-tekniku biex finalment jiġi deċiż jekk is-sit propost għall-proġett huwiex fattibbli. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 180 | Barra minn hekk, se jsir ukoll investiment fil-madwar ta' Marsaxlokk, fejn se jitwettaq xogħol fuq il-konnessjoni tat-toroq f'diversi partijiet tar-raħal, bil-għan li jkun hemm titjib fil-fluss tat-traffiku. | L-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Enerġija u Proġetti) | Ġew pubblikati l-framework agreements relatati ma' Triq Bertelemi, Triq iż-Żejtun, u l-junction fil-madwar min-naħa ta' Transport Malta. Beda wkoll il-proċess ta' evalwazzjoni fuq l-offerti milqugħa. | Intemm il-proċess ta' evalwazzjoni fuq it-tliet framework agreements marbutin ma' Triq Bertelemi, Triq iż-Żejtun u l-junction ta' bejn Triq iż-Żejtun, Triq Axtart u Triq Melqart. Il-kuntratti relatati ġew iffirmati. | Bdew ix-xogħlijiet fuq il-junction ta' bejn Triq iż-Żejtun, Triq Melqart u Triq Axtart. | Mistennija jintemmu x-xogħlijiet fil-junction ta' bejn Triq iż-Żejtun, Triq Melqart u Triq Axtart. Jibdew xogħlijiet fi Triq iż-Żejtun. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 182 | Minkejja li se jiżdied id-dazju, il-prezzijiet tal-fjuwil se jonqsu minn Jannar 2016 għaliex l-Enemed ikkonkludiet ftehim li permezz tiegħu l-prezz tal-petrol se jorħos bi 3ċ u tad-diesel b'4ċ. | Enemed | Il-prezz tal-fjuwil naqas b'effett minn Jannar. | Roħs addizzjonali daħal fis-seħħ f'April, fejn il-prezz tal-petrol naqas b'4ċ waqt li dak tad-diesel naqas b'6ċ. | | | Implimentata |
| 183 | **Yachting Malta**<br><br>Din is-sena twaqqfet din il-PPP ġdida li hi ħidma konġunta bejn ir-Royal Malta Yacht Club u Projects Malta Ltd. Fil-ġimgħat li għaddew, ġie fi tmiemu proċess ta' konsultazzjoni bejn stakeholders ewlenin li għandu jwassal biex tkun ifformulata strateġija ħolistika f'dan is-settur marittimu importanti li ta' kull sena qed jirrendi l-miljuni fl-ekonomija Maltija. | Projects Malta | L-istrateġija, li ġiet ifformulata u konkluża minn Yachting Malta, ġiet ippreżentata lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. | L-istrateġija ġiet adottata u bdiet l-implimentazzjoni. | Bdew it-tħejjijiet għall-implimentazzjoni tal-ewwel miżuri hekk kif inklużi fl-istrateġija ħolistika. | Mistenni jkompli l-pjan ta' ħidma. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 185 | **Inċentivi għal miżuri t'effiċjenza**<br><br>Inkomplu nimxu fuq il-pjan li mhux biss qed iwassal biex l-Enemalta terġa' tqum fuq saqajha iżda li permezz tiegħu raħħasna l-kontijiet b'mod responsabbli. Qegħdin ukoll f'diskussjonijiet mal-imsieħba soċjali biex, kif ipproponew uħud minnhom stess, naħdmu fuq inċentivi oħra f'forma ta' miżuri għal enerġija effiċjenti biex b'hekk inkomplu ngħinu aktar lin-negozji. | L-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Enerġija u Proġetti) | Bdew id-diskussjonijiet bejn is-SEWCU u l-MHRA biex jiġi maqbul kif ser titħaddem din l-iskema. Ġie deċiż li jsir studju li jistabbilixxi benchmark f'dak li għandu x'jaqsam ma' prestazzjoni ta' enerġija fil-lukandi. | Ġie ppreparat u finalizzat Memorandum of Understanding bejn l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Enerġija u Proġetti) u l-MHRA biex titħaddem din l-iskema. | Ġie ffirmat il-Memorandum of Understanding u tfasslu l-inċentivi. | | Implimentata |
| 186 | **Titjib fil-qagħda finanzjarja tal-Enemalta**<br><br>Taħt din l-amministrazzjoni rajna titjib fl-outlook tal-Enemalta u titjib fl-istand alone credit rating tagħha. B'din il-ħidma kontinwa u skrutinizzata, l-Enemalta qed issir sostenibbli u m'għandhiex għalfejn tibqa' tiddependi fuq tariffi għoljin jew appoġġ mill-Gvern Ċentrali kif kien jiġri qabel biex issostni l-ħidma tagħha. Il-mira hi li sal-2017, il-kumpanija Enemalta tkun tista' tibda tagħmel il-profitt. | Enemalta | Tressaq u ġie approvat id-dokument tal-Baġit marbut mar-reviżjoni finanzjarja tal-Enemalta, liema dokument qed jipprevedi profitt fis-sena 2017. Fl-istess perjodu Standard's and Poor's tejbet il-klassifikazzjoni tal-Enemalta minn B+ għal BB-. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 187 | **Ħidma bi sħab max-Shanghai Electric Power**<br><br>L-Enemalta qed tmexxi wkoll 'il quddiem ħidma mal-imsieħba strateġiċi tagħha Shanghai Electric Power biex jibda l-operat taż-żewġ kumpaniji bi sħab, u li se jwassal biex il-kumpanija tibda tinvesti fi proġetti ġodda internazzjonali fil-qasam tal-enerġija sostenibbli u fil-manutenzjoni tal-impjanti tal-elettriku (energy service centre). Dawn l-investimenti se jkomplu jsaħħu l-qagħda finanzjarja tal-kumpanija, waqt li joffru opportunitajiet ġodda għall-ħaddiema Maltin. | Enemalta | Twaqqfet u bdiet topera r-Renewable Joint Venture.<br><br>Twaqqaf ukoll l-International Energy Service Centre, u l-ftehim bejn l-azzjonisti ġie ffirmat.<br><br>L-ewwel investiment tal-kumpanija ser ikun proġett marbut ma' wind farm f'Montenegro. Bdew il-preparamenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan il-proġett fosthom l-għażla tal-kuntrattur li ser iwettaq ix-xogħlijiet. | Rigward il-proġett f'Montenegro, beda x-xogħol preparatorju fuq it-toroq li jagħtu għas-sit fejn ser ikun il-wind farm. Bdiet ukoll il-manifattura tat-turbini tar-riħ. | Kompliet l-implimentazzjoni tal-proġett tal-wind farm f'Montenegro, inkluż il-manifattura tat-turbini tar-riħ.<br><br>Waslet l-ewwel kunsinna taċ-ċrieki li ser jiġu mqiegħda fil-bażi tat-turbini tar-riħ. | Mistennija tkompli l-implimentazzjoni tal-proġett tal-wind farm f'Montenegro. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 188 | **Qalba għall-Gass f'Delimara**<br><br>Is-sena d-dieħla, pajjiżna se jkollu power station ġdida li taħdem bil-gass, power station tal-ogħla livell f'termini ta' effiċjenza u fit-tnaqqis tal-emissjonijiet. Dan il-proġett qed igawdi minn tifħir mill-aġenziji ta' kreditu u anke mill-Kummissjoni Ewropea. Wara ħafna snin ma jsir xejn, bdiet tiġi indirizzata l-country specific recommendation li ta' kull sena kienet toħroġ fuq Malta għal dan il-għan. Il-proġett ta' Delimara, iffinanzjat mill-ElectroGas, miexi b'ritmu tajjeb. Għaddejja wkoll il-ħidma mill-SEP biex issir il-qalba għall-gass ta' Delimara 3. | Enemalta | Ix-xogħol fuq l-impjant il-ġdid f'Delimara u l-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass komplew għaddejjin b'ritmu tajjeb.<br><br>Tlestiet l-ewwel fażi tal-impjant mill-kumpanija Siemens.<br><br>Tkompla x-xogħol fuq il-bini tal-moll.<br><br>Ġew fi tmiemhom diskussjonijiet tekniċi u kummerċjali bejn ElectroGas u Bumi Armada dwar il-Floating Storage Unit.<br><br>Tnedew laqgħat mal-partijiet ikkonċernati dwar ir-rapporti u l-bżonnijiet meħtieġa għall-permess tal-IPPC. | Il-ħidma fuq il-power station il-ġdida kompliet għaddejja b'ritmu tajjeb.<br><br>Rigward Delimara 3, beda x-xogħol biex l-impjant jinqaleb f'wieħed tal-gass u l-infrastruttura bdiet tiġi żarmata. | Kompliet l-implimentazzjoni tal-power station il-ġdida tal-gass f'Delimara.<br><br>Kompliet ukoll l-ewwel fażi tal-proċess tal-qalba ta' Delimara 3. | Mistenni jasal l-LNG Tanker f'Malta filwaqt li tibda taħdem il-power station ġdida tal-gass f'Delimara.<br><br>Titlesta l-ewwel fażi tal-proċess tal-qalba tal-gass f'Delimara 3. It-tieni fażi tal-proġett tibda mal-finalizzazzjoni ta' Delimara 4. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 189 | **Ġlieda kontra s-serq**<br><br>Matul is-sena d-dieħla, l-Enemalta se tkompli bil-kampanja li bdiet fl-2014 sabiex jitwassal il-messaġġ li Enemalta PLC mhux se tittollera serq tal-elettriku. L-indikazzjonijiet juru li wara t-tnaqqis | Enemalta | Waqt konferenza li saret f'Marzu tal-2016, l-Enemalta ħabbret li rnexxielha tiffranka mat-30 miljun ewro f'non-technical losses.<br><br>Ġie rrappurtat li fil-perjodu bejn l-2014 u l-2015, l-uffiċjali | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | rekord ta' 33% fin-non-technical losses fl-2014, l-2015 se tkun sena oħra b'riżultati tajbin ħafna f'dak li huwa tnaqqis ta' elettriku mitluf minħabba serq jew illegalitajiet oħrajn. | | tal-Enemalta identifikaw u waqqfu 'l fuq minn 760 każ ta' serq ta' elettriku - żieda ta' 25% fuq l-erba' snin ta' qabel meħudin f'daqqa. | | | | |
| 190a | **Għeluq tal-Power Station tal-Marsa**<br><br>Wara 62 sena, għalaqna l-Power Station tal-Marsa. Dan qed iwassal għal arja u ambjent aħjar għar-residenti tal-madwar. Matul l-2016 se jkomplu x-xogħlijiet fit-twaqqigħ tal-Power Station tal-Marsa. | Enemalta | Ġie ffirmat il-kuntratt marbut mat-twaqqigħ tal-Power Station tal-Marsa. | Bdiet tiżżarma l-power station tal-Marsa. Fl-istess ħin bdiet ukoll il-ħidma fuq studji li jridu jsiru qabel ma jiżżarmaw xi partijiet oħra, hekk kif rikjest mill-Awtorità għall-Ippjanar. | Baqa' għaddej ix-xogħol ta' żarmar fuq Unit 8, waqt li beda wkoll l-iżżarmar ta' Units 1, 2, 3 u 4. Dwar il-Units l-oħra, komplew il-preparamenti tal-istudji neċessarji qabel ma dawn ikunu jistgħu jiżżarmaw. | Mistennija jkompli l-iżżarmar ta' Units 1, 2, 3, 4 u 8. | Implimentata |
| 190b | Se jitlestew ukoll il-pjanijiet tat-twaqqigħ tal-aktar impjant antik fil-Power Station ta' Delimara, biex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet, fosthom it-twaqqigħ taċ-ċumnija l-kbira. | Enemalta | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għat-twaqqigħ tal-power station f'Delimara.<br><br>L-Awtorità għall-Ippjanar ħarġet il-permessi neċessarji. | Il-maġġorparti tax-xogħol tat-twaqqigħ ikun jista' jibda wara li l-power station tal-gass il-ġdida tkun lesta u tibda topera. | Beda l-proċess ta' aġġudikazzjoni tat-tender tax-xogħlijiet marbuta ma' dan il-proġett. | Mistenni jintemm il-proċess ta' aġġudikazzjoni tat-tender tax-xogħlijiet marbuta ma' dan il-proġett. Il-maġġorparti tal-implimentazzjoni tkun tista' tibda wara li titlesta l-power station il-ġdida tal-gass. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 191 | **Investiment fid-distribuzzjoni**<br><br>L-Enemalta qed tiffoka parti kbira mill-ħidma tagħha biex issaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku bil-bini jew l-estensjoni ta' diversi ċentri ta' distribuzzjoni fosthom fil-Marsa, Manoel Island, St Andrew's, Santa Venera, ix-Xewkija u fil-Mellieħa. Dan l-investiment hu essenzjali biex ikollna serħan il-moħħ fis-sistema li twassal l-elettriku mingħand l-Enemalta għad-djar u n-negozji tagħna, biex nassiguraw inqas qtugħ fid-dawl u ħinijiet iqsar mingħajr dawl. L-importanza ta' dan qed tkompli tikber minħabba t-tkabbir ekonomiku. | Enemalta | Tkompla x-xogħol fuq diversi sistemi ta' distribuzzjoni fosthom dawk tal-Mellieħa, Santa Venera, Manoel Island, ix-Xewkija u l-Marsa. L-implimentazzjoni ta' bosta minn dawn iċ-ċentri waslet f'fażi avvanzata tant li beda wkoll il-proċess ta' ttestjar tal-istess sistemi. | Kompliet l-implimentazzjoni fuq diversi sistemi ta' distribuzzjoni. Ix-xogħlijiet fuq iċ-ċentri f'Manoel Island u x-Xewkija tlestew, waqt li f'oħrajn għadhom għaddejjin. | Kompliet l-implimentazzjoni ta' diversi sistemi ta' distribuzzjoni. Tlestew ukoll is-sistemi ta' distribuzzjoni fil-Mellieħa u Santa Venera. | Mistennija tkompli l-implimentazzjoni fuq is-sistemi ta' distribuzzjoni fil-Marsa u l-Imrieħel. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 192 | Matul is-sena d-dieħla, l-Enemalta se tkun qed iżżid il-konnessjonijiet bejn partijiet differenti tas-sistema u ddaħħal ukoll apparat ġdid li permezz tiegħu substations ewlenin f'kull lokalità f'Malta u Għawdex jibdew jiġu mħaddma mill-control room ċentrali tal- | Enemalta | Ġew introdotti sistemi awtomatizzati f'erba' substations f'Malta - li jinsabu fil-Ħamrun, fl-Imġarr, f'San Pawl il-Baħar u fix-Xemxija. | Tkompla x-xogħol biex jinxtara iktar materjal biex in-numru ta' substations awtomatizzati jiżdied għal tnax. | Waslet kunsinna oħra tal-apparat biex jiġu introdotti sistemi awtomatizzati f'numru ta' substations differenti. Kompliet il-ħidma biex jiġi installat l-apparat. | Mistennija jitlestew ix-xogħlijiet biex in-numru ta' substations awtomatizzati jiżdied għal tnax sal-aħħar tas-sena. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | kumpanija. B'hekk ikun hemm aktar kontroll fuq dawn il-ħoloq importanti tas-sistema tad-distribuzzjoni u tkun tista' ssir ħidma aktar immedjata f'każ ta' emerġenzi li jistgħu jolqtu s-sistema tad-distribuzzjoni. | | | | | | |
| 193 | **Iffinalizzar tal-Interconnector**<br><br>Beda l-proċess sabiex kapaċità addizzjonali fil-fibre optic link tal-interconnector bejn Malta u Sqallija tintuża mis-settur privat. | Enemalta | Saru diskussjonijiet mat-tliet operaturi privati biex jintlaħaq qbil fuq l-ispeċifikazzjonijiet li ser jiġu inklużi fil-kuntratt. Għal dan il-għan, twaqqaf tim intern. | It-tim kompla bil-ħidma tiegħu fuq il-punti tekniċi tal-kuntratt. Għal dan il-għan, bdew ukoll in-negozjati mal-privat. | Komplew in-negozjati mal-privat biex jintlaħaq qbil fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Beda jiġi abbozzat il-kuntratt. | Mistennija jiġu fi tmiemhom in-negozjati mal-privat u l-kuntratt jiġi finalizzat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 194 | **Stabilità fil-prezzijiet tal-gass u fjuwil**<br><br>Se nkomplu naħdmu għal stabilità fil-prezz tal-gass. Il-prezz eżistenti se jinżamm stabbli sal-aħħar ta' April li ġej. Dan huwa l-orħos prezz fl-aħħar erba' snin. Ifisser ukoll li dan il-prezz se jkun inżamm stabbli għal disa' xhur sħaħ inkluż fix-xhur kesħin tax-xitwa. | L-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Enerġija u Proġetti) | Il-prezz tal-gass baqa' stabbli fl-ewwel kwart tas-sena. | F'Mejju, il-prezz ta' ċilindru tal-gass naqas b'50ċ għal €14.50ċ. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 195 | L-istess politika ta' stabilità tapplika wkoll għall-prezzijiet tal-fjuwil. Minkejja li se jiżdied id-dazju, il-prezzijiet tal-fjuwil se jonqsu minn Jannar li ġej. Dan il-Gvern qed ifittex stabilità minflok tibdil fil-prezz minn xahar għal xahar, kif qed jipproponi ħaddieħor bil-konsumaturi jkollhom iġorru ż-żidiet kull darba li dan jiżdied. | L-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Enerġija u Proġetti) | Il-prezz tal-fjuwil naqas minn Jannar. | Roħs addizzjonali daħal fis-seħħ f'April, fejn il-prezz tal-petrol naqas b'4ċ waqt li dak tad-diesel naqas b'6ċ. | | | Implimentata |
| 196 | **ARMS Ltd**<br><br>Matul is-sena d-dieħla, hu ppjanat li jsir sforz kollettiv biex jiġu sfruttati aħjar metodi differenti ta' pagamenti mill-pubbliku fosthom pagamenti onlajn – banek u portal, fil-Maltapost, fil-Kunsilli Lokali, b'ċekkijiet u b'direct debits fejn jinqata' l-ammont direttament mill-kont tal-bank b'roħs ta' 2% jew €3. | ARMS | L-ARMS bdiet tistudja possibilitajiet differenti ta' kif tinċentiva lill-konsumatur biex juża metodi differenti ta' ħlasijiet. Għal dan il-għan, daħal fis-seħħ l-inċentiv tar-roħs ta' 2% jew tliet ewro meta l-ammont dovut jinqata' direttament mill-bank. Dan l-inċentiv ġie wkoll ikkomunikat lill-konsumatur permezz ta' fuljett li ntbagħat mal-kont tad-dawl. | L-ARMS fetħu fergħa ġewwa l-one stop shop ta' Raħal Ġdid.<br><br>Barra minn hekk, l-ARMS ikkummissjonat studju biex l-entità tieħu idea aħjar tal-għarfien u l-użanzi tal-klijent. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 197 | **Feed-In Tariffs**<br><br>Fix-xhur li ġejjin, se tkompli ħidma kontinwa sabiex jibqgħu jiġu offruti feed-in tariffs attraenti imma sostenibbli. Se nestendu l-feed-in tariffs ukoll għal pannelli li jkunu integrati fl-istruttura tal-bini. | L-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Enerġija u Proġetti) | Il-miżura ta' pannelli integrati fl-istruttura tal-bini ġiet implimentata f'Novembru 2015. | L-Avviż Legali marbut mal-estensjoni tal-feed-in tariffs, li jkopri sa Diċembru 2016, ġie ppubblikat. | | | Implimentata |
| 198 | **Solar Farms**<br><br>Għaddejjin u se jkomplu t-taħditiet bejn il-Gvern u għaqdiet tan-negozju biex dawn jiżviluppaw u jmexxu flimkien numru ta' solar farms. | L-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Enerġija u Proġetti) | Bdew id-diskussjonijiet bil-għan li tiġi ffurmata l-kumpanija għall-fini ta' din l-iskema kif ukoll biex jiġi stabbilit il-mudell finanzjarju tal-istess miżura. | Komplew id-diskussjonijiet mal-għaqdiet tan-negozju. Bdiet ħidma fuq l-istess abbozz tax-shareholders' agreement. | Ġew iffirmati żewġ shareholders' agreements mal-għaqdiet tan-negozju relatati. | | Implimentata |
| 199 | Bħalissa qed isir xogħol sabiex tiġi introdotta skema ġdida sabiex sistemi ta' pannelli ta' daqs akbar minn 1 megawatt jingħataw inċentivi fil-qafas regolatorju tal-Unjoni Ewropea li daħal fis-seħħ fl-2014 u li permezz tiegħu t-tariffa tingħata b'sistema tal-aħjar offerta. | L-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Enerġija u Proġetti) | Bdew il-kuntatti neċessarji mal-Kummissjoni Ewropea biex tiġi approvata l-iskema. | Kompliet il-korrispondenza mal-Kummissjoni Ewropea biex tingħata approvazzjoni tal-inċentiv propost fil-qafas regolatorju tal-Unjoni Ewropea, anke permezz ta' laqgħat li saru mal-istess Kummissjoni. | Ġiet approvata l-iskema mill-Kummissjoni Ewropea. | Mistenni jiġi ppubblikat l-Avviż Legali wara li tinħareġ l-approvazzjoni mill-Kabinett. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 200 | **Miri tal-enerġija rinovabbli**<br><br>Malta żammet ir-ritmu li qabdet fl-2013 biex tkun tista' tilħaq il-mira ta' 10% f'enerġija li tiġġedded sal-2020, u fil-fatt sal-aħħar tal-2015 hu mistenni li din tkun diġà qorbot il-5%. | L-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Enerġija u Proġetti) / SEWCU | L-akbar tkabbir fil-ġenerazzjoni minn enerġija li tiġġedded ikompli fil-qasam tal-pannelli tax-xemx, fejn matul l-ewwel tliet xhur tas-sena ġew installati 1.6MWp u allokati 3.3MWp ġodda. Kompla wkoll ix-xogħol biex titnieda skema ġdida għal pannelli fuq soqfa residenzjali, kif ukoll biex jiġu inċentivati sistemi ta' 1MWp jew akbar. | Tnediet skema ta' grants, kofinanzjata minn fondi Ewropej, biex familji jinstallaw sistemi fotovoltajċi fuq il-bejt tar-residenza tagħhom. Għal din l-ewwel fażi ġew allokati ħames miljun ewro li minnhom mistennija jibbenefikaw madwar 2,200 familja u li se jiġġeneraw madwar 9.4GWh fis-sena. Ġew estiżi l-feed-in tariffs li kienu jiskadu f'Ġunju. Dawn irriżultaw f'żieda ta' 6.4MWp f'kapaċità allokata matul it-tieni kwart tas-sena. Stimi proviżorji juru li l-mira ta' 5% għall-2015 inqabżet u għalhekk Malta kompliet iżżomm mal-mira tal-2020. | | | Implimentata |
| 201 | L-awdituri tal-enerġija, li ngħataw taħriġ speċifiku, issa ġew preparati sabiex jagħmlu energy audits ta' livell f'kull settur. Għalhekk issa jmiss li l-għarfien akkwistat mill-audits tal-intrapriżi kbar ikun trasferit lill-intrapriżi żgħar u medji, u dan se jsir bi pjan tul is-sena d-dieħla. | SEWCU | Beda eżerċizzju intern min-naħa tas-SEWCU biex jiġi deċiż liema kategorija ta' intrapriżi żgħar u medji ser jaqgħu taħt din l-iskema. | Wara li l-eżerċizzju intern biex jiġu stabbiliti l-kategoriji tal-intrapriżi u r-rati tal-awditjar ġie fi tmiemu, issoktaw laqgħat ta' konsultazzjoni mal-Malta Enterprise u l-GRTU biex jintlaħaq qbil fuq kif ser tkun qed titħaddem din il-miżura. | Inħarġet sejħa ta' espressjoni ta' interess għal awdituri ta' enerġija mill-Malta Enterprise u ntlaqgħu s-sottomissjonijiet. | Mistennija tibda topera l-iskema permezz ta' awditjar li jibda jsir f'intrapriżi żgħar u medji. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 202 | **Solar Farms Komunitarji**<br><br>Il-Gvern kommess ukoll illi jwettaq il-wegħda elettorali tiegħu u joffri l-opportunità lil dawk il-familji illi ma jistgħux jinstallaw pannelli fotovoltajċi fuq il-bjut tar-residenzi tagħhom sabiex ikunu jistgħu xorta waħda jkollhom aċċess għall-enerġija ġġenerata mix-xemx. Dan ser isir permezz ta' proġett fejn se jiġu identifikati xi artijiet fejn jistgħu jiġu installati numru sostanzjali ta' pannelli fotovoltajċi illi jkunu jistgħu jinxtraw minn dawn il-familji. B'hekk l-enerġija illi tkun iġġenerata tkun tista' tiġi riflessa fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma individwali ta' dawn l-istess familji sabiex huma wkoll ikunu jistgħu jgawdu minn tnaqqis fl-ispiża tal-enerġija tagħhom. | SEWCU | Ġie identifikat is-sit fejn ser isir il-proġett u ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permess. | L-applikazzjoni ġiet approvata u ġie approvat ukoll il-mudell ta' kif is-solar farm se jibda jopera.<br><br>Beda jiġi abbozzat it-tender relatat ma' dan il-proġett.<br><br>Beda għaddej ukoll xogħol ta' restawr fuq il-ġibjun tas-sit. | Ġie ppubblikat it-tender relatat ma' dan il-proġett. | Mistennija tiġi konkluża l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet u jiġi ffirmat il-kuntratt relatat ma' dan il-proġett.<br><br>Tinħareġ l-iskema u jibdew jintlaqgħu l-ewwel applikazzjonijiet. | Implimentata |
| 203 | **Kampanja favur l-Effiċjenza tal-Enerġija u l-Konservazzjoni tal-Ilma**<br><br>Nedejna wkoll, kif imwiegħed, kampanja permezz ta' proġett | SEWCU | Ġiet fi tmiemha l-evalwazzjoni tal-offerti marbuta mat-tender tal-fuljetti li tqassmu fid-djar biex jippromovu din il-miżura. | Il-kuntratt marbut mal-istampar tal-fuljetti ġie ffirmat. Il-fuljetti ġew stampati u ntbagħtu lill-ewwel 27,000 residenza madwar Malta. L-ewwel telefonati | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | pilota biex tinħoloq kuxjenza fuq l-effiċjenza tal-enerġija u l-konservazzjoni tal-ilma fir-residenzi. Għal dan il-għan intbagħtu fuljetti fi 15-il elf dar fil-lokalitajiet tal-Mosta, Ħal Qormi, Raħal Ġdid u Ħal Tarxien sabiex, fuq bażi volontarja u bla ebda ħlas, uffiċjali mħarrġa apposta jżuru d-djar tagħhom u jtuhom pariri siewja fuq kif jistgħu jagħmlu użu aktar effiċjenti mill-konsum tal-elettriku u l-ilma u anki jqajmu kuxjenza fuq sorsi ta' enerġija li tiġġedded. Il-ħsieb hu illi s-sena d-dieħla dan il-proġett jiġi estiż mal-kumplament tal-pajjiż kollu. | | | miċ-ċittadini biex jagħmlu appuntament mal-uffiċjali konċernati bdew jiġu milqugħa. | | | |
| 204 | **Fondi u Inizjattivi**<br><br>Din is-sena rnexxielna wkoll nikkonkludu b'suċċess ftehim mal-Unjoni Ewropea sabiex, għall-perjodu 2014-2020, ġiet allokata s-somma ta' xejn inqas minn €58 miljun f'fondi Ewropej intiżi għall-enerġija li tiġġedded u inċentivi oħra favur effiċjenza akbar fl-użu tal-enerġija. | SEWCU | Skema ta' Koġenerazzjoni: Ġew finalizzati l-linji gwida "Incentive Guidelines for Investment Aid for High Efficiency Co-Generation", liema dokument ġie approvat mill-Bord tal-Malta Enterprise. Ħarġet ukoll l-approvazzjoni neċessarja mill-Istate | Skema ta' Koġenerazzjoni: Ġie ppubblikat l-avviż legali fuq l-iskema kif ukoll ġie ffirmat Memorandum of Understanding bejn SEWCU u Malta Enterprise. Ġie finalizzat l-abbozz tekniku ta' kif ser titħaddem l-iskema għall-installazzjoni ta' apparat li jtejjeb l-użu iktar effiċjenti tal-enerġija. | Dwar l-iskema ta' Koġenerazzjoni, il-formola t'applikazzjoni kif ukoll informazzjoni relatata mal-iskema ġiet aċċessibbli fuq il-websajt tal-Malta Enterprise. Ġiet ukoll ippubblikata stqarrija dwar l-istess skema u l-iskema bdiet topera. | Mistennija tkompli topera l-iskema ta' Koġenerazzjoni.<br><br>Tibda topera l-iskema għall-installazzjoni ta' apparat li jtejjeb l-użu iktar effiċjenti tal-enerġija. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Bħalissa qed isir xogħol biex, flimkien mal-Malta Enterprise, jiġu mfassla programmi fejn l-intrapriżi ż-żgħar u medji jkunu jistgħu jgawdu minn benefiċċji finanzjarji meta jinvestu f'apparat u jimplimentaw miżuri intiżi sabiex itejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. | | Aid Monitoring Board għal din l-iskema. | Dwar l-iskema għall-installazzjoni ta' apparat li jtejjeb l-użu iktar effiċjenti tal-enerġija, ġie maqbul il-mudell tal-benefiċċji finanzjarji bejn SEWCU u Malta Enterprise. | | | |
| 205 | **Studji għal Pipeline tal-Gass**<br><br>L-istudju għall-implimentazzjoni tal-proġett tal-pipeline tal-gass issa daħal f'fażi oħra u diġà beda x-xogħol biex jiġi identifikat kuritur ta' 1.2 kilometru fil-qiegħ tal-baħar minn fejn ikun jista' jgħaddi l-pipeline u jiġu identifikati l-impatti ambjentali, kemm fuq in-naħa ta' Malta kif ukoll fuq in-naħa tal-Italja. Għal dan il-għan, irnexxielna niksbu €400,000 f'fondi Ewropej taħt il-Connecting Europe Facility għat-twettiq ta' dan l-istudju wara applikazzjoni li ġiet sottomessa fl-aħħar ta' April. Matul din is-sena, se nkunu qed naħdmu fuq dan l-istudju. | SEWCU | Tlesta l-ewwel rapport marbut mal-permessi ambjentali meħtieġa min-naħa tal-Italja biex il-proġett tal-pipeline jkun jista' jseħħ. | Ġie identifikat il-landing point fin-naħa ta' Malta. Bdew jiġu wkoll evalwati għażliet differenti dwar il-landing point fl-Italja. | Ġew identifikati żewġ landing points differenti fin-naħa tal-Italja. Ġie fformulat id-disinn bażiku taż-żewġ rotot proposti.<br><br>Ġew finalizzati studji ġeoloġiċi tar-rotta fin-naħa ta' Malta ġewwa Delimara. | Mistenni jiġi finalizzat il-Project Description Statement neċessarju biex jinbeda l-proċess tal-permessi ambjentali f'Malta. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 206a | **Il-Korporazzjoni tal-Ilma - Proġetti infrastrutturali**<br><br>Għas-sena li ġejja, il-Korporazzjoni tal-Ilma għandha l-ħsieb tapplika għall-fondi mill-Unjoni Ewropea biex issaħħaħ l-infrastruttura tagħha tad-distribuzzjoni kemm tal-ilma u kif ukoll tad-drenaġġ. Għal dan il-għan, diġà ġew identifikati xi proġetti kapitali. Dawn jinkludu:<br><br>Tħaffir ta' gallerija mir-Reverse Osmosis ta' Pembroke sal-ġibjun ta' Ta' Qali. | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Bdiet il-ħidma fuq disinji dettaljati u studji interni fuq l-aħjar mod li jiġi implimentat dan il-proġett, speċjalment fuq kif ser tiġi stabbilita r-rotta tal-gallerija. | Ix-xogħol relatat mas-surveying tal-art ġie finalizzat.<br><br>Ġiet ukoll finalizzata preżentazzjoni tal-proġett li tispjega kif l-għan ewlieni tal-istess proġett huwa konformi mal-Programm Operattiv 2014-2020. Din il-preżentazzjoni ntbagħtet lil JASPERS (Assistenza Konġunta għall-Appoġġ ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej). | Tkomplew it-taħditiet mal-Assistenza Konġunta għall-Appoġġ ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (JASPERS) u ntlaħaq qbil fuq l-interventi u l-għanijiet tal-proġett għall-fini tal-fondi Ewropej. | Mistennija toħroġ is-sejħa għall-fondi Ewropej mill-Awtorità ta' Ġestjoni.<br><br>Tiġi ppreparata u sottomessa l-applikazzjoni relatata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 206b | Bini ta' ġibjun intiż biex jiggarantixxi ħażna adegwata tal-ilma tax-xorb. | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Din il-miżura qed tiġi rappurtata f'miżura 211. | Din il-miżura qed tiġi rappurtata f'miżura 211. | Din il-miżura qed tiġi rappurtata f'miżura 211. | Din il-miżura qed tiġi rappurtata f'miżura 211. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 207 | Permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea mill-programm 2014-2020, il-Korporazzjoni sejra tkompli tinvesti fil-gżira Għawdxija u għandha l-ħsieb tapplika sabiex tibni Reverse Osmosis biex titnaqqas id-dipendenza tal-ilma mill-impjant taċ-Ċirkewwa filwaqt li titjieb il-kwalità tal-ilma. | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Tneħħew xi tankijiet ta' distribuzzjoni taż-żejt biex ikun jista' jsir dan il-proġett.<br><br>Bdew ukoll il-preparamenti fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal dan il-proġett. | Saru laqgħat mal-Awtorità għall-Ippjanar rigward il-permessi neċessarji għal dan il-proġett.<br><br>Ġiet finalizzata wkoll preżentazzjoni dettaljata tal-proġett li tispjega kif l-għan ewlieni tal-istess proġett huwa konformi mal-Programm Operattiv | Tkomplew it-taħditiet mal-Assistenza Konġunta għall-Appoġġ ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (JASPERS) u jintlaħaq qbil fuq l-interventi u objettivi tal-proġett għall-fini tal-fondi Ewropej. | Mistennija toħroġ is-sejħa għall-fondi Ewropej mill-Awtorità ta' Ġestjoni.<br><br>Tiġi ppreparata u sottomessa l-applikazzjoni relatata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 2014-2020. Din il-preżentazzjoni ġiet mibgħuta lil JASPERS (Assistenza Konġunta għall-Appoġġ ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej). | | | |
| 208 | **Ilma Ġdid**<br><br>Fost il-proġetti li l-Korporazzjoni wettqet b'suċċess matul is-sena kurrenti hemm dak sabiex jiġi msaffi l-ilma trattat mid-drenaġġ u b'hekk ikun ipprovdut bħala sors alternattiv ta' ilma għall-bdiewa u l-industrija. Din ir-riżorsa ġdida tal-ilma alternattiv sejra tnaqqas b'mod sinifikanti l-iżbilanċ bejn id-domanda u l-provvista nazzjonali għall-ilma u se tippermetti lil Malta tikseb il-good status objectives mitluba mill-Water Framework Directive. Dan il-proġett laħħaq l-ispiża kapitali ta' kważi €19-il miljun. Għas-snin li ġejjin, il-Korporazzjoni se tniedi proġetti ta' infrastruttura sabiex tkabbar u tirranġa s-sistema tad-distribuzzjoni tal-ilma tat-tieni klassi kemm għall-finijiet ta' irrigazzjoni kif ukoll għall-industrija. | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Ġew identifikati r-rotot minn fejn ser tgħaddi din is-sistema ta' distribuzzjoni. | Ġiet finalizzata preżentazzjoni dettaljata tal-proġett li tispjega kif l-għan ewlieni tal-istess proġett huwa konformi mal-Programm Operattiv 2014-2020. Din il-preżentazzjoni ġiet mibgħuta lil JASPERS (Assistenza Konġunta għall-Appoġġ ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej).<br><br>Kompla jiġi ffinalizzat il-mudell kif dan l-ilma ġdid ser jintuża, jinbiegħ u jitqassam. | Tkomplew it-taħditiet mal-Assistenza Konġunta għall-Appoġġ ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (JASPERS) u jintlaħaq qbil fuq l-interventi u l-għanijiet tal-proġett għall-fini tal-fondi Ewropej. | Mistennija jibdew jitħaddmu l-impjanti tat-trattament tal-ilma tad-drenaġġ u toħroġ is-sejħa għall-fondi Ewropej mill-Awtorità ta' Ġestjoni.<br><br>Tiġi ppreparata u sottomessa l-applikazzjoni relatata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 209 | **Titjib fir-Reverse Osmosis**<br><br>Huwa mistenni li matul is-sena 2016, il-Korporazzjoni tkompli bl-investiment ta' aktar minn €2 miljun fit-titjib tal-impjanti tar-Reverse Osmosis. B'dan l-investiment, maħsub li jħalli return on investment fuq medda ta' erba' snin, il-Korporazzjoni se tkun qed tnaqqas sinifikament id-dipendenza tagħha minn fuq l-elettriku, u għalhekk tilħaq il-miri tagħha, kemm finanzjarji u kif ukoll ambjentali. | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Ġew finalizzati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal dan il-proġett. Beda wkoll ix-xogħol fuq l-ixtillieri tal-istainless steel li qegħdin jiġu manifatturati mill-Korporazzjoni stess. | Kompla x-xogħol fuq l-ixtillieri tal-istainless steel li qed jiġu manifatturati mill-Korporazzjoni stess. | Tlesta x-xogħol fuq l-ixtillieri tal-istainless steel li qed jiġu manifatturati mill-Korporazzjoni stess. | Mistenni jiġi ffirmat il-kuntratt marbut mat-titjib fl-impjanti tar-Reverse Osmosis bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-kuntrattur u jibdew il-preparamenti għall-implimentazzjoni tal-istess kuntratt. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 210 | **Leakage Detection**<br><br>Għas-sena li ġejja, il-Korporazzjoni se tkun qed tagħmel xogħol ta' studju fil-Marokk u Tuneż b'finanzjament ġej ukoll mill-Bank Dinji. | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Wara rakkomandazzjoni mill-Bank Dinji, ġie deċiż li minflok il-Marokk, l-istudju għandu jsir fil-Libanu. | Il-Korporazzjoni kellha diskussjonijiet mal-Bank Dinji biex il-proġett tal-Libanu jiġi estiż fuq medda ta' 100 kilometru.<br><br>Il-Prim Ministru flimkien ma' delegazzjoni Maltija żar il-proġett pilota fil-Libanu li wassal biex mijiet ta' residenti f'Bejrut ikollhom l-ilma 24 siegħa kuljum. | Komplew in-negozjati bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Water of Beirut and Mount Lebanon. | Mistenni jiġi finalizzat il-kuntratt bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Water of Beirut and Mount Lebanon.<br><br>Tibda ssir iż-żjara mill-Korporazzjoni fil-Libanu biex b'hekk jibda l-proċess ta' studju. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Sadanittant, baqgħu għaddejjin in-negozjati bejn il-Korporazzjoni u l-Water of Beirut and Mount Lebanon fuq il-kontenut tal-kuntratt. | | | |
| 211 | **Riabilitazzjoni tal-ġibjuni pubbliċi ta' pajjiżna**<br><br>Miżura oħra importanti li se tkun indirizzata matul is-sena li ġejja tinvolvi r-riabilitazzjoni tal-ġibjuni pubbliċi ta' pajjiżna – infrastruttura pubblika li sfortunatament fil-parti l-kbira tagħha mhix qed tintuża. Għal dan il-għan is-SEWCU qed taħdem mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex jiġi identifikat l-istat ta' din l-infrastruttura sabiex eventwalment jiġi mniedi programm ta' riabilitazzjoni b'kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Strutturali 2014-2020. L-użu ta' dawn il-ġibjuni pubbliċi għandu jwassal għall-użu aħjar tal-ilma tax-xita, titnaqqas id-dipendenza fuq l-ilma tal-pjan u jitnaqqsu wkoll il-perikli relatati mal-għargħar. | SEWCU | Din il-miżura tagħmel parti minn pjan ħolistiku tal-Gvern li jkun hemm infrastruttura xierqa għall-ħażna tal-ilma f'pajjiżna, u tinkludi wkoll ir-riabilitazzjoni ta' Chadwick Lakes u r-riabilitazzjoni ta' Għajn Riħana. Dawn il-proġetti ser isiru permezz ta' kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm Operattiv I 2014-2020.<br><br>Fil-każ tal-proġett ta' Chadwick Lakes, bdiet l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet marbutin mat-tender tal-Eco-Hydrological Assessment. | Chadwick Lakes: Intemmet l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet marbutin mat-tender tal-Eco-Hydrological Assessment.<br><br>Għajn Riħana: Ġiet finalizzata wkoll preżentazzjoni dettaljata tal-proġett li tispjega kif l-għan ewlieni tal-istess proġett huwa konformi mal-Programm Operattiv 2014-2020. Din il-preżentazzjoni ġiet mibgħuta lil JASPERS (Assistenza Konġunta għall-Appoġġ ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej). | Fil-każ tal-proġett ta' Chadwick Lakes, il-proġett ġie approvat mill-Awtorità ta' Ġestjoni. Bdiet il-ħidma fuq l-abbozzar tat-tender marbut ma' Project Management tal-istess proġett.<br><br>Fil-każ ta' Għajn Riħana, bdew id-diskussjonijiet mal-JASPERS (Assistenza Konġunta għall-Appoġġ ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej) dwar il-kontenut tal-proġett fl-ambitu ta' fondi Ewropej. JASPERS bdew joffru assistenza teknika rigward l-applikazzjoni relatata. | Fil-każ tal-proġett ta' Chadwick Lakes mistenni jiġi ppubblikat it-tender marbut ma' Project Management u jibdew jintlaqgħu is-sottomissjonijiet relatati.<br><br>Fil-każ tal-proġett f'Għajn Riħana mistennija toħroġ is-sejħa għal fondi Ewropej min naħa tal-Awtorità ta' Ġestjoni u tiġi sottomessa l-applikazzjoni relatata. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Fil-każ ta' Għajn Riħana, twaqqaf grupp tekniku bejn is-SEWCU, il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura u l-Ministeru għal Għawdex biex jibdew il-preparamenti fuq l-applikazzjoni marbuta mas-sejħa għall-fondi tal-Unjoni Ewropea. | | | | |
| 212 | **Iċ-Ċentru Nazzjonali dwar il-Konservazzjoni tal-Ilma**<br><br>Huwa ppjanat li matul l-2016 jiġi mniedi Ċentru Nazzjonali dwar il-Konservazzjoni tal-Ilma fir-Rabat (Malta). Dan iċ-Ċentru se joffri esperjenza multimedjatika dwar l-importanza tal-ilma u l-bżonn ta' użu aħjar ta' dan ir-riżors. Barra minn hekk, iċ-Ċentru se jinkludi wkoll spazji miftuħa li jinkludu faċilitajiet bħal hands-on science area bl-iskop li joffri wkoll servizz ta' rikreazzjoni għall-familji. L-iżvilupp ta' dan iċ-ċentru huwa kofinanzjat mill-fond tal-European Economic Area. | SEWCU | Ġiet fi tmiemha l-evalwazzjoni tat-tender marbut max-xogħlijiet fis-sit. | Il-kuntratt marbut max-xogħlijiet ġie ffirmat u bdiet l-implimentazzjoni tal-proġett. | Komplew ix-xogħlijiet fis-sit.<br><br>Ġie ppubblikat it-tender marbut mal-makkinarju interattiv li ser ikun fiż-żona ta' esibizzjoni taċ-Ċentru. | Mistennija jintemmu x-xogħlijiet fis-sit.<br><br>Jintlaqgħu s-sottomissjonijiet marbutin mat-tender tal-makkinarju interattiv u jiġi fi tmiemu l-proċess ta' evalwazzjoni tal-istess sottomissjonijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

# MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ
# U TWETTIQ TAL-MANIFEST ELETTORALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 267 | **Il-Bank tal-Iżvilupp**<br><br>Ix-xogħol f'dan ir-rigward jinsab fi stadju avvanzat. L-abbozz ta' liġi biex jitwaqqaf dan il-Bank se jiġi ppreżentat fil-Parlament fis-sena li ġejja. Kien hemm diskussjonijiet mal-istituzzjonijiet Ewropej konċernati, bħall-Kummissjoni Ewropea, biex niżguraw li l-Bank tal-Iżvilupp ikun konformi mar-regoli tal-Unjoni Ewropea. Kellna wkoll konsultazzjonijiet mill-qrib mal-Bank Ewropew għall-Investiment u ma' istituzzjonijiet barranin oħra li offrew assistenza teknika għat-twettiq ta' din l-istituzzjoni importanti. | L-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea biex jiġi żgurat li l-Bank tal-Iżvilupp ikun konformi mar-regoli Ewropej. | Intensifikaw id-diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea.<br><br>L-Abbozz ta' Liġi li jistabbilixxi l-Bank ġie ppreżentat lill-Parlament f'Ġunju. | Il-Kummissjoni Ewropea approvat it-twaqqif tal- Bank ta' Żvilupp ta' Malta u ddikjarat li dan il-bank huwa f'konformità mal-liġijiet Ewropej ta' state aid. | Mistennija l-approvazzjoni tal-abbozz mill-Parlament u l-pubblikazzjoni tal-Att. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 268a | **Politika Barranija: Iċ-CHOGM, il-Valletta Summit u l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE 2017** | Il-Unit tal-Presidenza tal-Unjoni Ewropea, MEAIM | Tkompla x-xogħol ta' tfassil u evalwazzjoni ta' diversi tenders relatati ma' xogħlijiet li jridu jsiru fil-Palazz. Tlesta x-xogħol ta' restawr fi Triq l-Arċisqof u l-btieħi ta' ġewwa kif ukoll ġie introdott dawl artistiku fl-istess btieħi. | Beda x-xogħol fiż-żona tal-Palazz li se tintuża bħala Media Centre matul il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-UE kif ukoll inbeda x-xogħol għas-sistema tal-IT fl-istess Palazz. | Baqa' għaddej ix-xogħol ta' restawr u installazzjonijiet, inkluż fil-btieħi interni kif ukoll fl-ewwel sular. Kompla wkoll ix-xogħol fis-sala prinċipali li ser tospita lill-Ministri. | Jitlesta x-xogħol kollu marbut mal-Presidenza. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Se jibda x-xogħol ta' restawr u adattament sabiex is-sala, li sa ftit ilu kienet tintuża biex fiha jiltaqa' l-Parlament, tiġi attrezzata ħalli fiha jsiru l-laqgħat informali tal-Ministri matul il-Presidenza. L-istudenti tal-arti tal-MCAST ġew inkarigati biex jiddisinjaw il-logo tal-Presidenza. Il-logo se jiġi żvelat fl-aħħar tal-2016. | | | | | | |
| 268b | **Politika Barranija: Iċ-CHOGM, il-Valletta Summit u l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE 2017**<br><br>L-istudenti tal-arti tal-MCAST ġew inkarigati biex jiddisinjaw il-logo tal-Presidenza. Il-logo se jiġi żvelat fl-aħħar tal-2016. | Il-Unit tal-Presidenza tal-Unjoni Ewropea, MEAIM | Inħarġet sejħa għall-offerti biex id-disinn magħżul mis-sottomissjonijiet tal-istudenti tal-MCAST jiġi żviluppat biex tinħoloq l-identità viżwali għal matul il-Presidenza. | Beda x-xogħol biex tinħoloq l-identità viżwali. | Bdew jitfasslu linji gwida għall-branding tal-Presidenza u kampanji ta' pubbliċità. Beda jitfassal pjan ta' komunikazzjoni wara sejħa għall-offerti. | Jitlesta l-logo uffiċjali flimkien mal-identità viżwali tal-Presidenza li se jiġu varati fl- aħħar kwart tas-sena. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U X-XOGĦOL

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 123 | **Childcare Centres Ġodda**<br><br>Hu ppjanat li jinfetħu childcare centres ġodda għat-tfal f'Ħaż-Żebbuġ, San Ġiljan u Marsaskala. | Il-Fondazzjoni Skejjel ta' Għada | Bdew ix-xogħlijiet preparatorji fuq iċ-childcare centre ta' Ħaż-Żebbuġ.<br><br>Saru l-preparamenti għat-tender ta' kostruzzjoni tal-iskola ta' Marsaskala fejn dan iċ-childcare centre se jkun allokat. Beda d-disinn għaċ-childcare centre ta' San Ġiljan. | Tkomplew ix-xogħlijiet fuq it-tender ta' kostruzzjoni tal-iskola ta' Marsaskala fejn ġie konkluż u ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti.<br><br>Tkompla d-disinn u d-diskussjonijiet relatati maċ-childcare centre ta' San Ġiljan. | Ġie aġġudikat it-tender fuq ix-xogħlijiet fuq iċ-childcare centre ta' Ħaż-Żebbuġ u beda x-xogħol fuq dan iċ-ċentru.<br><br>Ġie ppubblikat it-tender ta' kostruzzjoni tal-iskola ta' Marsaskala fejn ser ikun allokat iċ-childcare centre.<br><br>Tlesta d-disinn għaċ-childcare centre ta' San Ġiljan. | Jitlestew ix-xogħlijiet infrastrutturali biex jinfetaħ iċ-childcare centre ta' Ħaż-Żebbuġ.<br><br>Jibda x-xogħol fuq iċ- childcare centre f'San Ġiljan. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 124 | **Skema ta' Paid Study Leave għall-Għalliema**<br><br>L-iskema ta' Paid Study Leave (Sabbatical) għall-għalliema mħabbra s-sena l-oħra se tiġi estiża u mwessgħa. L-iskema toffri l-opportunità ta' leave bi ħlas lill-uffiċjali fil-klassi tal-edukazzjoni sabiex jinvestu fl-iżvilupp professjonali bħal ngħidu aħna biex itejbu l-kisbiet professjonali jew akkademiċi tagħhom. | Dipartiment għar-Riżorsi Umani fil-Ministeru | "B'konsultazzjoni mal-PACBU u l-MUT, ġiet iffirmata Side Letter għall-impjegati kollha fil-klassi edukattiva li jaħdmu fl-iskejjel tal-istat u oħrajn, biex dawn l-edukaturi jkunu jistgħu japplikaw għal din l-iskema.<br><br>L-Areas of Study għal din l-iskema ġew iffinalizzati u prijorizzati wara konsultazzjoni interna. | L-iskema reġgħet tnediet. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 125 | **Immigration Work Office**<br><br>Qed jiġi studjat ukoll il-kunċett ta' Immigration Work Office bl-iskop li tiġi mnaqqsa l-possibbiltà ta' tfittxija ta' xogħol b'mod irregolari mill-immigranti u dan permezz ta' Job Brokerage Offices fiċ-ċentri miftuħa tal-Marsa u Ħal Far fejn il-ħsieb idur mal-kunċett ta' PPPs li jipprovdu sistema ta' work vouchers li tinvolvi kemm lill-impjegat u anke lil min iħaddem. | Jobsplus | Bdiet ħidma fuq id-dokument ta' konsultazzjoni. | Id-dokument ta' konsultazzjoni ġie ppubblikat u ngħata sitt ġimgħat ċans għall-kummenti. Iż-żmien ta' konsultazzjoni għalaq f'Mejju 2016 u bdiet l-evalwazzjoni ta' din il-konsultazzjoni. | Wara li tlestiet l-evalwazzjoni, inkitbu żewġ tenders, wieħed biex l-amministrazzjoni ta' din l-inizjattiva tiġi esternalizzata u l-ieħor fuq is-sistema ta' vouchers li ser tiġi użata. | Iż-żewġ tenders mistennija jinħarġu u ssir evalwazzjoni tagħhom. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 126 | **Aġenzija Żgħażagħ**<br><br>L-Aġenzija Żgħażagħ se tħejji programm ta' ħidma għall-Youth Village u se tibda t-tieni fażi sabiex ikun hemm post residenzjali fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jorganizzaw youth exchanges u mobility projects oħra. | Aġenzija Żgħażagħ | Tħejja pjan t'azzjoni għall-Youth Village. | Beda x-xogħol strutturali fuq dan il-post. | Tlestew il-pjanti mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada u bdew l-ewwel xogħlijiet. | Mistennija tinbeda t-tieni fażi taċ-Ċentru. | Implimentata |
| 127 | Wara l-proġett pilota Youth Help, se jitnieda l-proġett ta' Outreach u Detached Work maż-żgħażagħ fejn se jsir xogħol maż-żgħażagħ fit-toroq ġewwa l-Belt, Birżebbuġa, Wied il-Għajn, iż-Żurrieq u l-Kottonera. | Aġenzija Żgħażagħ | Beda s-servizz bi prova msejjaħ Aġenzija Żgħażagħ@ Kottonera.<br><br>Tħejjew il-pjanijiet għas-South East Youth Work Service. | Beda s-servizz ġos-South East Youth Work Service. | Wara l-evalwazzjoni tal-proġett pilota, beda s-servizz Youth Help fil-Kottonera, il-Belt, Birżebbuġa, Wied il-Għajn u ż-Żurrieq. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 128 | Se jkun żgurat li l-iskejjel ikollhom ambjent sigur għall-istudenti żgħażagħ LGBTIQ u jkollhom pjanijiet kontra l-ibbuljar li jseħħ fuq studenti LGBTIQ. | Aġenzija Żgħażagħ | Sar xogħol fuq programm ta' taħriġ għall-edukaturi u support staff fuq dan is-suġġett. | Beda t-taħriġ għall-edukaturi u s-support staff fuq dan is-suġġett. | Issaħħew il-proċessi għall-istudenti li jkunu qed ifittxu għajnuna jew jirrapportaw inċidenti li jkunu ltaqgħu magħhom.<br><br>Kkompla jiġi nkluż l-element pożittiv tal-LGBTIQ fil-kurrikulu biex tissaħħaħ l-integrazzjoni tad-diversità. | Ikomplu jissaħħu l-proċessi għall-istudenti li jkunu qed ifittxu għajnuna. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 129a | **ETC issir Jobsplus**<br><br>Kif ġie mħabbar, ladarba jkun approvat l-Att Legali ġdid, il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (l-ETC) se tibda tissejjaħ Jobsplus. Huwa mistenni li fil-ġimgħat li ġejjin jibda jsir it-taħriġ ma' min iħaddem u min qed ifittex ix-xogħol. Is-sistema se tkun disponibbli għall-użu ta' kulħadd mill-bidu tas-sena d-dieħla. | Jobsplus | Tfassal id-dokument ta' konsultazzjoni u kien approvat mill-Kabinett. | Wara l-pubblikazzjoni tad-dokument ta' konsultazzjoni ngħata perjodu ta' sitt ġimgħat żmien għall-proposti u kummenti. L-Abbozz ta' Liġi għall-bidla fl-isem tal-organizzazzjoni għadda mill-Parlament u b'effett mill-15 ta' Ġunju l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ bdiet tissejjaħ Jobsplus. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 129b | **Job Matching System**<br><br>Huwa mistenni li fil-ġimgħat li ġejjin jibda jsir it-taħriġ ma' min iħaddem u min qed ifittex ix-xogħol. Is-sistema se tkun disponibbli għall-użu ta' kulħadd mill-bidu tas-sena d-dieħla. | Jobsplus | Ġiet ippruvata s-sistema u tkompla l-iżvilupp tal-kompetenzi għal kull tip ta' xogħol. | Beda t-taħriġ għal min iħaddem.<br><br>Tħejjew l-aħħar preparamenti fuq is-sistema tal-Job Matching. It-taħriġ beda jingħata lil min iħaddem kif ukoll jingħata lil min qed ifittex xogħol meta tibda tintuża din is-sistema. | Ġiet varata s-sistema tal-Job Matching. | | Implimentata |
| 130 | **Job Practice Scheme**<br><br>Permezz tal-miżura tal-Job Practice l-istudenti tal-MCAST se jiġu offruti ċ-ċans li jkabbru l-portfolju tal-ħiliet tagħhom. Dan iwassal biex isibu impjieg li jkun jaqbel mal-linja tal-istudji tagħhom. | MCAST | Ġew żviluppati l-employability skills bite size modules.<br><br>Il-programm pilota għal Work Based Placement f'livell 2 ġie żviluppat minn studenti li ngħataw l-opportunità li jaħdmu fuq l-iżvilupp tas-sit elettroniku pilota ta' Interactive Apprenticeship & Work Based Learning.<br><br>Tħejja wkoll programm għal studenti tal-ICT f'livell 3 b'kollaborazzjoni mal-MCA. | Tkompla x-xogħol fuq il-preparazzjoni tas-sit elettroniku.<br><br>Ġew ukoll finalizzati l-parametri ta' ċertifikazzjoni u l-mod kif student jista' jipprogressa għat-tieni livell.<br><br>Saret it-tnedija tal-proġett pilota ta' work based experience ta' 16-il student tat-tieni livell fl-electrical. | L-isem Employability skills Bites Size Modules ġie rivedut u issa ġie msemmi Skills Kits u tlesta l-iżvilupp tagħhom. Ġew stabbiliti wkoll il-proċessi ta' ċertifikazzjoni u ta' kif student jista' jipprogressa.<br><br>Saret promozzjoni ta' dawn il-Kits u bdew deħlin l-ewwel applikazzjonijiet minn studenti li jixtiequ jattendu. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 131a | **Aċċess għall-Impjiegi**<br><br>Work Programme<br><br>Matul ix-xhur li ġejjin, se jkomplu jiġu mnedija diversi inizjattivi sabiex aktar nies jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Issa li l-ETC bdiet tħaddem il-Work Programme, tliet operaturi privati se jkunu qed jgħinu billi jsibu xogħol lil dawk li ilhom jirreġistraw. | Jobsplus | Din l-iskema bdiet minn Novembru 2015 u fil-bidu tas-sena l-parteċipanti tal-Work Programme bdew jaħdmu. | | | | Implimentata |
| 131b | **Aċċess għall-Impjiegi**<br><br>A2E<br><br>Minn Novembru li ġej il-Gvern se jniedi l-Access to Employment (A2E). Din l-iskema se tkun qiegħda tipprovdi għajnuna lill-intrapriżi biex tippromovi opportunitajiet ta' impjiegi fid-dinja tax-xogħol lil dawk li huma fost l-aktar żvantaġġjati, mingħajr xogħol jew qegħdin ifittxu xogħol. Din l-iskema hija kofinanzjata mill-Fond Soċjali Ewropew. L-ETC se tkun qiegħda toħroġ il-pagamenti dovuti kull sitt xhur u qed timpenja ruħha li tagħmel dan ftit ġimgħat wara li l-ħlas ikun dovut. | Jobsplus | Din l-iskema bdiet minn Novembru 2015. | Saru żjarat mill-Monitoring Officer lill-benefiċjarji. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 132 | **Riċerka fuq is-Suq tax-Xogħol**<br><br>Se jitwaqqaf unit magħmul minn analisti tas-suq tax-xogħol li jwettqu riċerka f'dan il-qasam. L-għan huwa li jkun hemm studju kontinwu tas-suq tax-xogħol għall-identifikazzjoni ta' ċerti trends u nuqqasijiet biex dawn ikunu indirizzati b'mod xjentifiku. | Jobsplus | Saru diskussjonijiet interni fuq din l-inizjattiva biex jiġi msaħħaħ unit eżistenti fil-Jobsplus. | Il-Labour Market Analysis Unit issaħħaħ. Sar mapping tal-ISCO codes għas-sistema l-ġdida tal-matching, kif ukoll stħarriġ mal-employers fuq il-livell ta' sodisfazzjon fuq is-servizzi tal-Jobsplus.<br><br>Saret analiżi tal-istħarriġ tan-National Employee Skills Gap. | | | Implimentata |
| 133 | **Tablet għal Kull Wild**<br><br>Fir-riċerka tal-proġett pilota, li ġie mniedi f'Marzu 2014, ħarġu 147 rakkomandazzjoni biex l-implimentazzjoni ssir fuq bażi nazzjonali u jingħataw l-ewwel tablets lill-istudenti kollha tar-Raba' Sena tal-Primarja, kif imwiegħed, sa minn Ottubru tal-2016. Huwa ppjanat li matul is-sena 2016 jibdew jiġu mwettqa r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' riċerka, fosthom billi jsiru s-sejħiet biex jinxtraw it-tablets, jibda t-taħriġ | e-Learning | Saret ħidma biex tissaħħaħ l-infrastruttura teknoloġika tal-internet fl-iskejjel bi tħejjija għat-tqassim tat-tablets fl-iskejjel.<br><br>Ġie ppubblikat it-tender tat-tablets u s-software. | Kompliet il-ħidma fuq il-pjan għal taħriġ għall-edukaturi.<br><br>Tkompliet l-evalwazzjoni tat-tender għal tablets u software. | Ġew aġġudikati kemm it-tender tal-hardware kif ukoll tal-apps li ser ikunu installati fit-tablet.<br><br>Beda t-taħriġ għall-għalliema kif ukoll tqassmu l-ewwel tablets lill-għalliema li jgħallmu lir-raba' sena. | Jibda t-tqassim tat-tablets fl-iskejjel lil kull tifel u tifla, kif ukoll tingħata l-assistenza fit-taħriġ lil dawn it-tfal, bl-involviment tal-ġenituri. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | għall-għalliema li hu diġà mfassal u pprogrammat għal Settembru 2015, tissaħħaħ l-infrastruttura teknika tal-internet fl-iskejjel, u jsiru tħejjijiet oħra amministrattivi għall-proġett nazzjonali li jibda minn Ottubru 2016. | | | | | | |
| 134 | **Nagħtu l-istipendju lill-istudenti li jidħlu taħt il-klawsola tal-maturità**<br><br>Studenti li jiġu aċċettati taħt il-klawsola tal-maturità se jitqiesu bħala studenti bil-kwalifiki kollha neċessarji meta japplikaw għall-istipendju. Dan japplika kemm għal studenti tal-MCAST u kemm għal studenti tal-Università. | Student Maintenance Grant Board | Ġew milqugħa l-applikazzjonijiet ta' studenti maturi u l-ħlas beda jingħata. | | | | Implimentata |
| 135a | **Fondi għat-Taħriġ**<br><br>Investing in Skills<br><br>Se jiġu mnedija għal darb'oħra fondi għat-taħriġ mill-Fond Soċjali Ewropew. Wara s-suċċess tat-Training Aid Framework, issa ser ikollna l-Investing in Skills. Kif sar matul din is-sena, se jkun qed jitħallas dak dovut lill-employers fi żmien ftit xhur u mhux wara snin. | Jobsplus | Ġiet ippjanata l-iskema u l-PPCD bdew żewġ studji addizzjonali fuq flat rates. | Ġie konkluż l-ewwel studju fuq flat rate dwar taħriġ mhux akkreditat u tkompla l-istudju fuq il-flat rate dwar taħriġ akkreditat mill-PPCD. | Tkompla l-istudju fuq il-flat rate fuq it-taħriġ akkreditat mill-PPCD. | Xħin toħroġ is-sejħa mill- PPCD, Jobsplus ser tkun qed tapplika għall-Fondi Ewropej. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 135b | **Fondi għat-Taħriġ**<br><br>Training Pays<br><br>Mis-sena d-dieħla, se tiġi mnedija Training Pays. Permezz ta' din l-iskema u sabiex jiġu mħeġġa aktar persuni jieħdu t-taħriġ li għandhom bżonn, kull min ikun qed jieħu t-taħriġ ikun jista' japplika sabiex tiġi ssussidjata parti mill-ħlas fuq it-taħriġ. | Jobsplus | Saru l-preparamenti fuq l-applikazzjoni għal fondi Ewropej għal din l-inizjattiva. | Tkomplew il-preparamenti interni għal din l-iskema. | Sar qbil li l-iskema Training Pays tkun inkorporata fil-proġett Training for Employment, li minnu qed jiġu ffinanzjati l-Work Exposure Scheme u t-Traineeship Scheme. | | Implimentata |
| 136 | **Work Exposure u Traineeships**<br><br>Għas-seba' snin li jmiss il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ se tkun qed toffri 500 work exposure u traineeship fis-sena sabiex tgħin biex ikompli nieżel il-qgħad għall-inqas livell li qatt kellu pajjiżna. | Jobsplus | Bdiet titħaddem l-iskema ta' Work Exposure u Traineeships. | | | | Implimentata |
| 137 | **Skola Mariam Al Batool**<br><br>Għas-sena d-dieħla wkoll, lill-iskola Mariam Al Batool se nagħtuha allokazzjoni finanzjarja addizzjonali biex jinbena sular ġdid biex jilqgħu aktar studenti. | Id-Dipartiment responsabbli mill-operat fil-Ministeru | Saru diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati dwar kif se jitmexxa dan il-proċess. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders dwar din il-miżura. | Tkomplew id-diskussjonijiet sabiex isir abbozz ta' ftehim li jinkludi klawsoli speċifiċi relatati mal-kwistjoni ta' approvazzjoni mill-Gvern Libjan. | Hu ppjanat li jsir l-abbozz ta' ftehim. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 138a | **Entità ġdida biex tħares il-kwalità tas-servizzi li toffri l-Università**<br><br>L-Università ta' Malta se twaqqaf entità ġdida biex tħares il-kwalità tas-servizzi li toffri minn kull dipartiment, u oħra biex tipprovdi servizz ikkonsolidat għall-akkademiċi bħala għajnuna amministrattiva fuq ir-riċerka. | L-Università ta' Malta | Twaqqfu l-Quality Assurance Unit u l-Quality Assurance Committee (QAC) fl-entità l-ġdida fi ħdan l-Università ta' Malta.<br><br>Saret ħidma fuq proċeduri interni biex jissaħħaħ dan il-Unit. | Tlesta x-xogħol fuq is-sit elettroniku tal-QAC, il-fuljett informattiv, il-manwal akkademiku diġitali, u s-sistema ta' Standard Operating Procedures. | | | Implimentata |
| 138b | Se tkun qed tibni faċilitajiet ġodda għall-Post Doc u se testendi l-bini tal-Matematika u l-Fiżika. | L-Università ta' Malta | Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet lill-MEPA għall-binja tal-Post Doc kif ukoll għall-estensjoni tal-binja tal-Matematika u l-Fiżika.<br><br>It-tender tal-kostruzzjoni ġie ppubblikat mid-Dipartiment tal-Procurement. | Ġew ippreparati l-ispeċifikazzjonijiet tat-tfassil u bini tal-binja għall-Post Doc. | Tkomplew il-preparazzjonijiet tat-tfassil u bini tal-binja Post Doc. | Jitkompla x-xogħol ta' preparazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 139 | **Programm ta' Screening**<br><br>Il-Gvern se jniedi programm ġdid ta' screening bl-isem ta' 'Lenti fuq l-Iżvilupp ta' Wliedna' fost it-tfal minn età bikrija biex jiġu identifikati l-bżonnijiet speċjali tagħhom bla ma jkun tard wisq għat-tfal biex jingħataw is-sapport meħtieġ. | Id-Direttorat għas-Servizzi tal-Istudenti | Saru diversi laqgħat mal-istakeholders kollha biex jiġu identifikati l-irwoli kollha.<br><br>Ġiet finalizzata l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej. Sar xogħol biex ikun jista' jsir il-validation exercise tal-istrument li ser jintuża mill-professjonisti kkonċernati. | L-applikazzjoni għall-fondi mill-UE ġiet sottomessa għall-valutazzjoni. Ġie ffirmat ukoll il-MoU bejn il-MEDE u l-MEH.<br><br>Saru l-preparamenti biex jibda l-proċess ta' ingaġġ ta' practitioners għall-proġett. | Tkomplew il-preparamenti għall-ingaġġ ta' practitioners għal dan il-programm.<br><br>Beda xogħol ta' refurbishment fid-Dipartiment tas-Servizzi tal-Istudenti minn fejn ser ikunu qed jingħataw xi servizzi marbutin ma' dan il-programm.<br><br>Bdew il-preparamenti għat-tenders biex jinxtraw ir-riżorsi meħtieġa. | Jibda l-proċess għall-ingaġġ ta' dawn il-practitioners flimkien ma' preparamenti għat-taħriġ tagħhom.<br><br>Jitlesta x-xogħol ta' refurbishment fid-Dipartiment tas-Servizzi tal-Istudenti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 140 | **Programmi tal-Litteriżmu**<br><br>Il-Gvern se jkompli jsaħħaħ il-programm bilingwi 'Aqra Miegħi/ Read with Me' li hu mmirat għal trabi u tfal ta' taħt it-tliet snin u l-ġenituri/kustodji tagħhom. Il-Gvern se jissokta bil-programm 'Aqra kemm tiflaħ' biex ikompli jiżdied il-qari fost it-tfal tal-iskejjel primarji u l-istudenti tal-iskejjel medji. Kull skola li tissieħeb fil-programm tingħata 100 ktieb, 50 bil-Malti u 50 bl-Ingliż għal kull klassi. | L-Aġenzija Nazzjonali għal-Litteriżmu | Il-programm 'Aqra Miegħi / Read with Me' tkompla billi s-sessjonijiet ta' qari għall-gost saru fi 53 ċentru madwar Malta u Għawdex. Tkompla l-programm ta' 'Aqra kemm tiflaħ', b'numru ta' skejjel f'lokalitajiet differenti jibbenefikaw minn numru ta' kotba bl-Ingliż u l-Malti. | Tkompla l-programm ta' 'Aqra Miegħi / Read with Me' b'sessjonijiet ta' qari għall-gost isiru f'64 ċentru madwar Malta u Għawdex.<br><br>Ibbenefikaw iżjed skejjel primarji f'dan it-tieni kwart tas-sena, bil-programm 'Aqra kemm Tiflaħ'. Sal-aħħar ta' dan il-kwart żdiedu għal 32 mit-22 skola li kienu f'din l-iskema fl-aħħar tal-2015. | Tkompla l-programm Aqra Miegħi f'ċentri madwar Malta u Għawdex għal sessjonijiet ta' qari għall-gost.<br><br>Ġew ippreparati riżorsi għall-għalliema li jikkumplimentaw il-kotba li se jitqassmu fl-iskejjel li se jibbenefikaw mill-programm Aqra Kemm Tiflaħ meta dan jissokta fis-sena skolastika l-ġdida. | Ikomplu s-sessjonijiet ta' Aqra Miegħi.<br><br>13-il skola oħra primarja u 2 skejjel oħra medji se jibbenefikaw mill-programm Aqra Kemm Tiflaħ.<br><br>Hu pjanat li jinfetaħ ċentru ieħor għall-programm ta' Nwar, u b'hekk dawn iċ-ċentri jiżdiedu għal 15. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Se jiżdied u jinfirex aktar is-servizz tal-programm 'Nwar' u permezz ta' dan il-programm fil-litteriżmu se naqtgħu l-waiting list tat-tfal li kienu qed jistennew li jingħataw dan is-servizz. | | Sax-xahar ta' Marzu l-programm ta' litteriżmu, Nwar, li hu programm għall-familji, ġie pprovdut fi 12-il ċentru madwar Malta u Għawdex. | Sal-aħħar ta' Ġunju l-programm Nwar ġie provdut fi 13-il ċentru madwar Malta u Għawdex. | | | |
| 141 | **Ftehim mal-Università ta' Cambridge**<br><br>Se jiġi sostnut il-ftehim li għamel il-Gvern mal-Università ta' Cambridge biex jissaħħaħ l-Ingliż u se nżommu l-impenn tal-Gvern biex iżjed tfal jagħżlu iżjed lingwi u noffru tagħlim tal-lingwi iżjed attraenti kif għamilna bil-programm SPA fit-Taljan u ser nifirxuh għall-Franċiż u l-Ġermaniż. | Id-Dipartiment responsabbli mill-Kurrikulu fil-Ministeru | Wara li ġie ffirmat il-ftehim bejn MEDE u Cambridge English Assessment fl-aħħar tal-2015, beda l-assessjar tal-istudenti fil-lingwa Ingliża fil-Year 5 u Form 4 fuq livell nazzjonali. Wara dan l-eżerċizzju, sar rapport dwar ir-riżultati miksuba. Bħala parti mill-ftehim bejn MEDE u Cambridge English Assessment inħarġet ċirkulari għall-għalliema biex japplikaw għat-taħriġ minn Cambridge English. | Sar it-taħriġ fuq ġimagħtejn għal 30 għalliem fil-ħila tal-assessjar kif ukoll fil-kompetenzi tal-Ingliż. Beda l-ippjanar biex jiġu mħarrġa 150 għalliem ieħor fis-sena skolastika li jmiss.<br><br>Tkompliet l-implimentazzjoni tas-Subject Proficiency Assessment u madwar 400 student qegħdin jitgħallmu l-lingwi barranin b'dan il-metodu. L-istudenti li jirnexxu qed jieħdu ċertifikat tal-Livell MQF 1, 2 jew 3 skont il-livell li jaslu. | Saru l-preparamenti għat-taħriġ tal-għalliema li ser isir fis-sena skolastika li ġejja.<br><br>Mal-bidu tas-sena skolastika jitkompla l-SPA fl-iskejjel sekondarji. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Is-Subject Proficiency Assessment (SPA) beda jiġi implimentat fl-iskejjel tal-Istat u tal-Knisja, fil-lingwi barranin li jinkludu t-Taljan, il-Ġermaniż, il-Franċiż ul-Ispanjol. Dan sar mal-istudenti tat-tielet, ir-raba' u l-ħames sena tas-sekondarja, liema studenti ma jkunux se jersqu għas-SEC. Dan il-metodu ta' tagħlim jagħti importanza ugwali għas-smigħ, kitba, qari u ftehim fil-lingwa. | | | | |
| 142 | **Prince's Trust**<br><br>Biex inkomplu noffru alternattiva b'valur miżjud lill-istudenti li għal diversi raġunijiet jaqgħu lura fl-istudji tagħhom, b'kollaborazzjoni ma' HSBC Malta, se nintroduċu f'Malta l-Prince's Trust biex ikunu jistgħu jimxu 'l quddiem u jiksbu ħiliet li jgħinuhom jintegraw fis-soċjetà. Dan il-programm se joħroġ għall-ewwel darba mir-Renju Unit u se jibda f'seba' skejjel tal-Istat. | Id-Dipartiment responsabbli mill-Kurrikulu fil-Ministeru | Beda l-programm f'seba' skejjel sekondarji. Ingħata taħriġ lill-edukaturi u għalliema li jaħdmu ma' studenti li għal diversi raġunijiet jaqgħu lura fl-istudji tagħhom.<br><br>Wara s-suċċess ta' dan il-programm ġie deċiż li għas-sena d-dieħla dan il-programm ikun parti mill-Core Curriculum Programme tal-iskejjel sekondarji tal-istat. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 143 | **Ftuħ tal-ESPLORA**<br><br>Bħala parti mill-pjan tal-Gvern biex nippromovu u nippopolarizzaw ix-xjenzi, se jkun qed jinfetaħ iċ-Ċentru tax-Xjenza 'ESPLORA', li ser ikun qiegħed jinkludi programm ikkordinat mal-iskejjel. | Malta College for Science and Technology | Tkomplew ix-xogħlijiet strutturali fuq il-bini.<br><br>Tħarreġ il-grupp kollu tat-taqsima edukattiva u programmi u ġie żviluppat programm ta' workshops u wirjiet.<br><br>Tfassal pjan ta' marketing għall-mezzi tal-midja soċjali u bosta pjani operattivi oħra. | Tkompla l-aħħar xogħol strutturali kif ukoll xogħol ta' finishings fuq il-bini. | Tkompla xogħol ta' finishings fuq il-bini. | Issir it-tnedija taċ-Ċentru tax-Xjenza ESPLORA. | Implimentata |
| 144 | **Għodda għall-Għalliema**<br><br>L-għalliema tar-raba' sena fl-iskejjel kollha ta' Malta (Stat, Knisja u Indipendenti) se jkollhom it-tablet f'idejhom u se jitkompla t-taħriġ tagħhom fuq l-użu tiegħu | e-learning | Ġew żviluppati programmi ta' taħriġ għall-għalliema. Sar taħriġ għall-għalliema filwaqt li ġie żviluppat u mqassam materjal edukattiv relatat mat-tagħlim tat-tablets.<br><br>Saru laqgħat mal-ġenituri dwar kif jistgħu jgħinu lil uliedhom fit-tablet. Saru laqgħat ukoll mal-Università ta' Malta fuq l-għajnuna għall-istudenti għalliema biex ikunu midħla tal-tagħlim tat-tablets. | Tkompla t-taħriġ għall-għalliema. | Sar it-taħriġ għall-għalliema tar-raba' sena fuq l-użu tat-tablets. | L-għalliema mistennija jibdew jużaw it-tablets waqt il-lezzjonijiet. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 145 | Se tiġi żviluppata wkoll Authoring Tool għall-għalliema u se jitnedew tliet kotba diġitali. | e-Learning | Ġew ippruvati u ffinalizzati żewġ kotba.<br><br>L-authoring tool tnediet f'Marzu u l-għalliema ngħataw aċċess għall-għodda. | Ġew ippubblikati żewġ kotba f'forma ta' App. Ingħata aċċess għall-WAND lill-għalliema tas-seba' u t-tmien sena wkoll. | | | Implimentata |
| 146 | Se jinxtraw aktar interactive whiteboards biex ikun hemm wieħed f'kull klassi u se jinxtara kompjuter għal ma' kull interactive board. | Il-Fondazzjoni Skejjel ta' Għada | L-interactive whiteboards u l-kompjuters inxtraw u tqassmu fl-iskejjel. | | | | Implimentata |
| 147 | Se jinbidlu l-laptops kollha tal-għalliema u għall-ewwel darba se nagħtu laptop ġdid lill-kindergarten assistants u lil-learning support assistants kollha fl-iskejjel tal-Istat. | Il-Fondazzjoni Skejjel ta' Għada | Il-laptops inxtraw u tqassmu lill-edukaturi. | | | | Implimentata |
| 148 | Se jinxtraw ukoll 3D scanners u printers għal-laboratorji tad-Disinn u t-Teknoloġija fl-iskejjel medji u sekondarji. | Id-Direttorat għall-Kwalità u Standards għall-Edukazzjoni | It-3D scanners u printers inxtraw u tqassmu fl-iskejjel tal-Istat. L-għalliema tħarrġu fl-użu tal-apparat. | | | | Implimentata |
| 149 | **Rotot Ġodda Edukattivi**<br><br>Se ssir reviżjoni tal-after school programmes ta' Klabb 3-16 biex jinkludu programmi ta' sapport fil-homework, fil-lingwi, u programmi ta' drama, sport u IT. | Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi | Ġie offrut programm strutturat f'dawn iċ-ċentri fejn joffru after school programme. Dan il- programm ikkonsista f'temi differenti bħal xjenza, arti eċċ. | Qed isiru diskussjonijiet bejn il-Fondazzjoni tas-Servizzi Edukattivi u d-Dipartiment tal-Kurrikulu biex il-programmi li jiġu offruti fl-after school | Tfasslu tliet programmi ġodda fi ħdan Klabb 3-16 li huma x-xjenza, il-lingwi u l-isport. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | programmes, li jinkludu sapport fil-homework u attivitajiet oħra, jiġu mibnija fuq dak li diġà t-tfal ikunu qed jitgħallmu fl-iskola. Tkomplew diskussjonijiet dwar il-lingwi, il-matematika u x-xjenza. | | | |
| 150a | Se tinfetaħ ukoll skola ġdida fil-Gżira għal studenti ta' 16-il sena li jkunu għaddew minn eżami wieħed biss tas-SEC biex nagħtuhom ċans ieħor li jissoktaw fit-tagħlim jew eventwalment fit-taħriġ u fix-xogħol. Lil dawn l-istudenti se nagħtuhom stipendju. | DES | Din l-iskola, li tissejjaħ ĠEM 16+, infetħet fis-sena skolastika 2015-2016. | Saru aktar diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati fejn beda jiġi evalwat l-andament tal-programm. | | | Implimentata |
| 150b | Il-Gvern qed jimpenja ruħu wkoll biex iżid l-investiment rikorrenti tiegħu lill-iskejjel tal-Knisja biex ikunu jistgħu joffru suġġetti vokazzjonali fl-iskejjel tagħhom filwaqt li l-għalliema jibbenefikaw minn kundizzjonijiet tax-xogħol li jkunu ekwivalenti għall-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-għalliema fl-iskejjel tal-istat. | Id-Dipartiment responsabbli mill-operat fil-Ministeru | Ingħatat l-għajnuna finanzjarja meħtieġa lill-iskejjel tal-Knisja biex ikunu jistgħu joffru suġġetti vokazzjonali. | L-għalliema ta' dawn l-iskejjel tal-Knisja qed jibbenefikaw minn kundizzjonijiet tax-xogħol li huma l-istess bħal dawk offruti lill-għalliema tal-istat. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 151 | **Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb**<br><br>Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb se jtejjeb il-kwalità tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb ħalli jiżdied il-prestiġju u r-rikonoxximent li jingħata lill-kittieba u l-pubblikaturi Maltin. Żdiedet ukoll l-allokazzjoni għan-National Book Fund. | Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb | Saret laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika fejn ġie diskuss il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Saru l-preparamenti preliminari l-oħra rigward kategoriji u taqsimiet rilevanti bil-kompożizzjoni tal-kriterji evalwattivi. Ġew innominati persuni li jistgħu jkunu membri tal-ġurija.<br><br>Ġie deċiż li jiddaħħal premju ieħor iddedikat għall-kittieb emerġenti li ta kontribut fil-letteratura jew fil-qasam tal-ktieb billi jkun iddistingwa ruħu b'xogħol ippubblikat.<br><br>Saret it-tnedija tal-konkors Premju Nazzjonali tal-Ktieb u ġew ippubblikati r-regolamenti tal-konkors fuq il-Gazzetta tal-Gvern. | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 152 | **Tisħiħ tar-Regolatur għall-Edukazzjoni Avvanzata**<br><br>Se jkun qed isir investiment fil-Kunsill Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, ħalli tissaħħaħ il-funzjoni regolatorja fis-settur tal-edukazzjoni. | Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla | Saru l-intervisti għall-uffiċjali biex tissaħħaħ il-funzjoni regolatorja. | Ġew magħżula l-uffiċjali għal din it-taqsima u bdew il-ħidma tagħhom. | Flimkien maż-żieda fir-riżorsi umani sar investiment f'sistema onlajn għall-użu tal-pubbliku biex tissaħħaħ l-effiċenzja tal-funzjoni regolatorja fis-settur edukattiv. | | Implimentata |
| 153a | **MCAST**<br><br>L-MCAST se jissokta bit-trasformazzjoni tal-istrutturi tiegħu tal-Foundation College, Technical College u University College. | MCAST | Il-kariga ta' Heads of College u Deputy Director Programme Management ġiet introdotta u l-persuni nħatru. | | | | Implimentata |
| 153b | L-MCAST se jkompli jsaħħaħ u jifrex aktar l-iskema tal-apprentistat filwaqt li jiġu introdotti forom oħra ta' work-based learning f'livelli differenti. | MCAST | Ġie varat il-proġett pilota tal-Apprenticeship Standards u ngħataw placements lil numru ta' apprentisti.<br><br>L-abbozz tal-Leġiżlazzjoni tal-Apprentistat ġie ppreżentat lill-Bord tal-Gvernaturi tal-kulleġġ u wara ġie ppreżentat lill-MEDE.<br><br>Saru l-emendi neċessarji wara l-konsultazzjoni mal-MEDE. | Beda taħriġ ta' lecturers biex ikunu jistgħu jassistu lill-apprentisti fl-istudji tagħhom. | Tkomplew it-tħejjijiet fuq programmi ġodda ta' apprentistat fejn ser jiġu offruti tliet korsijiet ġodda ta' apprentistat fuq Livell 3, u erba' korsijiet ġodda wkoll ta' apprentistat fuq Livell 4 fis-sena skolastika li ġejja.<br><br>Saret l-evalwazzjoni tal-Work-Based Placement f'Livell 2 li kien proġett pilota, u huwa ppjanat li dawn jitkomplew fis-sena akkademika li ġejja. | Jiġu implimentati programmi oħra fil-Livelli 3 u 4 fl-iskema tal-apprentistat. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 154 | Wara li tlestiet l-ewwel fażi tal-bini ta' kampus ġdid, se jitkompla l-bini tal-kampus il-ġdid inkluż il-blokok ġodda tal-Istitut tal-Inġinerija u Trasport, il-Librerija u l-Learning Support Unit. | MCAST | Sar ix-xogħol meħtieġ fuq l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej.<br><br>Sar ukoll xogħol fuq it-tenders li jikkonsistu fl-iskavar u l-kostruzzjoni tal-blokok il-ġodda. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej.<br><br>Tkompla x-xogħol fuq dawn it-tenders li jinkludu pubblikazzjoni kif ukoll evalwazzjoni. Ġiet sottomessa wkoll l-applikazzjoni tal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. | Tkompla x-xogħol fuq il-bini tal-kampus il-ġdid. | Ikompli x-xogħol fuq il-bini tal-kampus. | Implimentata |
| 155 | **Bini ta' Skejjel u Faċilitajiet Edukattivi**<br><br>Huma ppjanati wkoll numru ta' xogħlijiet u manutenzjoni infrastrutturali fosthom l-estensjoni taċ-ċentru tal-Wardija, il-grawnd fl-iskola ta' Marsaskala, l-iskola sekondarja superjuri f'Ħal Kirkop u f'Ħad-Dingli, u l-bini li kien tat-Teżor għall-użu tad-Dipartiment tal-Eżamijiet. | Il-Fondazzjoni Skejjel ta' Għada | Beda x-xogħol ta' kostruzzjoni u xogħol fuq l-iskola ta' Ħal Kirkop, kif ukoll sar xogħol ta' bini fl-iskola tar-Rabat. Għal din l-iskola saret applikazzjoni tal-ERDF.<br><br>Tkompla x-xogħol fl-iskola tal-Wardija.<br><br>Inħarġu tenders biex isir ix-xogħol fl-iskejjel imsemmija. | Tkomplew ix-xogħlijiet fuq dawn l-iskejjel kif ukoll tkompla l-ħruġ u l-għoti ta' tenders fuq xogħlijiet speċifiċi. | Saru l-aħħar preparamenti biex jinfetħu l-iskejjel ta' Ħad-Dingli, ta' Ħal Kirkop u l-estensjoni tal-Wardija. | L-iskejjel se jinfetħu fis-sena skolastika l-ġdida. | Implimentata |
| 156 | Se tibda l-ewwel fażi tal-iskola l-ġdida f'San Pawl il-Baħar u fuq l-isports track tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport. | Il-Fondazzjoni Skejjel ta' Għada | Beda x-xogħol ta' skavar.<br><br>Bdiet il-kumpilazzjoni tat-tender tal-kostruzzjoni għal din l-iskola. | Tkompla x-xogħol ta' skavar, kif ukoll tkompliet il-preparazzjoni fuq it-tender rigward il-kostruzzjoni ta' din l-iskola. | | Mistenni jibda x-xogħol fuq id-disinn u l-pjanti tal-isports track tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Bdew il-preparamenti biex jibda x-xogħol fuq l-isports track tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport. | | | |
| 157 | **National Skills Council**<br><br>Se jitwaqqaf ukoll in-National Skills Council u se jkunu studjati l-bżonnijiet tal-industrija u s-sehem tal-edukazzjoni. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Saru diskussjonijiet biex dan il-kunsill ikun immexxi mill-Ministeru bil-kollaborazzjoni ta' stakeholders ewlenin. | Sar abbozz tal-Avviż Legali li ġie mgħoddi lill-Ministeru tal-Finanzi għall-approvazzjoni tal-Kabinett. | Ġie ppreżentat il-kunċett tan-National Skills Council li ġie approvat mill-Kabinett. | Mistenni jiġi ppubblikat l-avviż legali u jinħatru l-membri tal-Kunsill. | Implimentata |
| 158 | **Education Malta**<br><br>Fid-dawl tal-internazzjonalizzazzjoni fl-edukazzjoni, se titwaqqaf Education Malta biex issir ħidma promozzjonali fuq livell lokali, Ewropew u internazzjonali fost operaturi li potenzjalment huma interessati li jinvestu fis-settur, bħalma hija l-Malta Enterprise. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Tħejja l-qafas għal Education Malta. L-imsieħba tal-Gvern li qed jirrappreżentaw l-entitajiet edukattivi fis-settur privat iddiskutew u ssottomettew proposta lill-membri tagħhom biex titwaqqaf Education Malta. | Stennija għall-approvazzjoni mill-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriżi u Industrija għat-twaqqif ta' Education Malta. | Il-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriżi u Industrija tat l-approvazzjoni tagħha għat-twaqqif ta' Education Malta. | Mistennija titnieda l-Fondazzjoni Education Malta. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 159 | **Il-Pixxina Nazzjonali**<br><br>Wara li sar ħafna xogħol din is-sena, se jkompli x-xogħol ta' mmodernizzar fuq il-pixxina nazzjonali f'Tal-Qroqq fosthom il-bdil tad-deck tal-pixxina, kif ukoll retrofitting ta' inġenji biex il-pixxina ssir aktar energy friendly u tiġi ffrankata ħafna enerġija. Se jiġi rriabilitat ukoll ġibjun sabiex ikun jista' jiġbor fih ilma sabiex jerġa' jiġi użat fl-istess pixxina. | SportMalta | Tkompla x-xogħol tal-immodernizzar fil-pixxina nazzjonali f'Tal-Qroqq. Dan jinkludi t-tqegħid tal-alarm, is-sistema biex jissaħħan l-ilma u l-Fire Alarm System.<br><br>Ħarġu tenders marbuta mal-ħtiġijiet tal-blokok tal-lvant u l-punent. | Komplew jinħarġu t-tenders marbuta mal-immodernizzar ta' dan il-kumpless. | Komplew jinħarġu u jiġu evalwati t-tenders marbuta mal-immodernizzar ta' dan il-kumpless. | Mistennija jitkomplew ix-xogħlijiet fuq id-deck. | Fil-proċess li tiġi implimentata**.** |
| 160a | **Proġetti Kapitali fil-Qasam tal-Isport**<br><br>Se jitfasslu pjanijiet ta' xogħol ieħor fuq pixxini f'Marsaskala, fil-Kottonera, f'Ħad-Dingli u f'Pembroke. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti<br><br>SportMalta<br><br>Il-Fondazzjoni Skejjel ta' Għada | Beda x-xogħol preparatorju fuq il-pjanijiet tax-xogħol f'Ħad-Dingli u Pembroke. | Saru stimi tal-pixxina f'Marsaskala.<br><br>Saret rievalwazzjoni tal-istimi oriġinali tal-pixxina f'Marsaskala.<br><br>Fil-pixxina tal-Kottonera l-periti lestew il-pjanti u ppreżentaw l-istima għal dan il-proġett. | Saru l-pjanijiet kif ser tinħareġ it-tender tal-pixxina tal-Kottonera. | Mistennija jibdew il-pjanijiet biex il-pixxina ta' Ħad-Dingli ssir taħt proġett Private Public Partnership Agreement.<br><br>Jibdew ukoll it-tħejjijiet tal-pjanti għall-pixxina ta' Pembroke. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 160b | Se tinbidel l-art tal-gym tal-Kumpless tal-Kottonera u se ssir estensjoni tas-sala tal-ġinnastika. | SportMalta | Sar l-assessjar fuq l-art tal-gym biex ikun żgurat li dan il-post huwa adatt. | Wara diskussjonijiet li saru, ġie deċiż li l-pixxina ssir fil-Kottonera, waqt li s-sala tal-ġinnastika ġiet trasferita għall-Kumpless Sportiv tal-Marsa. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 160c | Fil-kumpless ta' Ħal Kirkop se jsir xogħol fuq ix-shallow pool. | SportMalta | Sar studju mill-perit ta' SportMalta biex jinħareġ pjan sostenibbli kif ukoll stimi tax-xogħlijiet.<br><br>Beda x-xogħol mill-perit fuq il-pjanta. | Saru diversi abbozzi ta' disinji ta' dan il-proġett u beda jsir stħarriġ tal-arja. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess.<br><br>Tlesta l-istħarriġ tal-arja u ġew iffinalizzati l-aħħar disinji.<br><br>Bdew id-diskussjonijiet fuq kif ser jinħareġ it-tender għall-project management ta' dan il-proġett. | Mistenni joħroġ it-tender għall-project management għal dawn ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 160d | Se jsir xogħol fuq il-kumpless sportiv tal-Marsa. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Saru taħditiet fuq dan il-kumpless biex jiġi fformulat il-pjan t'azzjoni. | Tlestew il-pjanti għall-bini u t-tisbiħ tal-binja u ntbagħtu lill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>L-inġiniera ta' SportMalta bdew studju biex possibbilment ikunu installati pannelli fotovoltajċi fuq il-warm-up track biex dawn jagħtu d-dawl lill-kumpless kollu. | Saret l-evalwazzjoni tad-disinn tal-Kumpless tal-Marsa mill-periti ta' SportMalta u saret l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Bdew d-diskussjonijiet fuq il-ħruġ tat-tender għall-project management tal-proġett għall-kumpless tal-Marsa. | Joħroġ t-tender għall-project management biex jibda x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 160e | Se jsir ukoll xogħol fil-korsa tat-tiġrijiet taż-żwiemel li hemm bżonn sabiex tiġi elevata fuq livell internazzjonali. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Saret offerta ta' interess għat-tmexxija tal-korsa tat-tiġrijiet taż-żwiemel. Wara, saret evalwazzjoni ta' din l-offerta u bdew id-diskussjonijiet mal-Privatisation Unit (PU). | Saret preżentazzjoni tax-xogħol fuq din il-korsa.<br><br>Ġie ffirmat l-MOU. L-iffirmar tal-Concession Agreement ser isir f'Ottubru. | Saru negozjati bejn il-Privatisation Unit u l-investituri, fuq punti li kien hemm bżonn kjarifiki dwarhom. | Mistenni jiġi ffirmat il-Memorandum Of Understanding. Wara jiġi ffirmat il-Concession Agreement. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 165 | **Inizjattivi Sportivi Ġodda**<br><br>Bl-iskop li jissaħħaħ iktar il-kuntatt bejn il-federazzjonijiet sportivi u l-Kunsill Malti għall-Isport u jiżdied in-numru ta' lezzjonijiet lit-tfal, il-Gvern se jiftaħ akkademji ġodda għall-basketball, għall-volleyball u għall-ġinnastika. | SportMalta | Bdew l-ewwel sessjonijiet ta' dawn l-isports li jinkludu l-basketball, volleyball u ġinnastika.<br><br>Inxtara l-apparat meħtieġ għal dawn l-isports. | L-apparat tqassam mal-kumplessi kollha.<br><br>L-akkademji tal-ġinnastika u volleyball għaddejjin b'mod regolari, kif ukoll ġiet varata l-akkademja tal-basketball. | | | Implimentata |
| 166 | Il-Gvern qed ifittex li jkun hawn ukoll faċilità għall-judo. | SportMalta | Il-Federazzjoni tal-Judo ġiet stabbilita fil-kumpless tal-federazzjoni f'Pembroke. | | | | Implimentata |
| 167 | Jiġu żviluppati numru ta' jogging tracks madwar Malta. | SportMalta | Sar studju mill-perit ta' SportMalta biex isir pjan sostenibbli.<br><br>Tlesta l-abbozz tat-tender għall-jogging track ta' Santa Luċija.<br><br>Bdew id-diskussjonijiet dwar l-outdoor track ta' Ta' Qali. | It-tender tat-track ta' Santa Luċija ġie ppubblikat u evalwat.<br><br>Tkomplew id-diskussjonijiet biex tiġi żviluppata jogging track f'Ta' Qali. Għaddejjin diskussjonijiet oħra ma' diversi kunsilli lokali biex jiġu identifikati siti oħra fejn jistgħu jkunu żviluppati jogging tracks. | Beda x-xogħol fuq il-jogging track ta' Santa Luċija.<br><br>Tkomplew id-diskussjonijiet ma' diversi kunsilli lokali biex jiġu identifikati siti oħra fejn jistgħu jkunu żviluppati jogging tracks. | Tkompli l-ħidma fuq il-pjanijiet biex jiġu żviluppati aktar jogging tracks f'lokalitajiet oħra. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 168 | Se tkompli wkoll il-ħidma fuq il-possibbiltà li jkollna shooting range ta' livell internazzjonali. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Komplew għaddejjin id-diskussjonijiet dwar il-lokalità biex tiġi żviluppata x-shooting range. | Tħejja rapport dwar siti kkunsidrati għal shooting range u analiżi dwar kull sit. | Saru taħditiet mis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport dwar is-sit magħżul. | Jitkomplew id-diskussjonijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 169 | **Faċilitajiet Sportivi fil-Youth Village**<br><br>Flimkien ma' Aġenzija Żgħażagħ se nkunu qed naraw li fil-Youth Village jinbnew faċilitajiet sportivi sabiex ikunu jistgħu jintużaw kemm mill-istudenti tal-ALP u tal-Youth.inc u żgħażagħ oħra flimkien ma' għaqdiet sportivi. | SportMalta | Saret l-evalwazzjoni wara li nħareġ it-tender tal-pjanti tal-faċilitajiet sportivi.<br><br>It-tender ġie aġġudikat u beda d-disinn ta' dawn il-faċilitajiet. | Id-disinji ġew konklużi u issa qegħdin fi stadju ta' evalwazzjoni. | | | Implimentata |
| 170 | **White Paper dwar il-Professjonalizzazzjoni tal-Isport**<br><br>Fiż-żmien li ġej se tkun qed tiġi mnedija White Paper għad-diskussjoni mal-għaqdiet sportivi dwar kif dawn jistgħu jattiraw investiment fil-faċilitajiet tagħhom biex b'hekk l-isport Malti jitmexxa fuq bażi finanzjarja aktar soda u aktar sostenibbli. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Il-white paper tnediet fi Frar u nfetħet għall-konsultazzjoni pubblika sal-aħħar ta' Marzu. | Saret l-evalwazzjoni ta' din il-konsultazzjoni pubblika u saru diversi laqgħat ma' bosta stakeholders biex jiddiskutu l-kontenut tal-White Paper kif ukoll il-kummenti tal-konsultazzjoni.<br><br>Tħejja rapport dwar din il-konsultazzjoni. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 171a | **Community Work Scheme u Document Management**<br><br>Community Work Scheme<br><br>Kif ġie mwiegħed is-sena l-oħra, il-persuni kollha fil-Community Work Scheme se jiġu ingaġġati ma' kumpanija privata biex jingħataw id-dinjità li tixirqilhom. Issa li l-operatur intgħażel, beda l-proċess biex il-persuni kollha jiġu impjegati.<br>Fix-xhur li ġejjin, se titwettaq din il-wegħda li permezz tagħha għexieren ta' persuni se jinħarġu mill-prekarjat. | Jobsplus | Saru l-intervisti u t-taħriġ li wasslu għall-ingaġġ ta' persuni mas-CWSEF. | | | | Implimentata |
| 171b | **Community Work Scheme u Document Management**<br><br>Document Management<br><br>Se ssir ħidma mal-privat biex f'Għawdex jinħolqu opportunitajiet ta' xogħol għal persuni b'diżabilità. Issa li l-operatur ġie magħżul, se jibda b'mod gradwali jagħmel l-intervisti mal-persuni b'diżabilità biex jiġu offruti impjieg. | Jobsplus | Saru l-intervisti biex il-persuni b'diżabilità f'Għawdex jingħataw impjieg u taħriġ. | Ġie ffirmat il-kuntratt u bdew jingħataw l-impjiegi lill-persuni b'diżabilità. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 172 | **Persuni b'Diżabilità fid-Dinja tax-Xogħol**<br><br>Din is-sena tajna bidu għal waħda mill-akbar riformi soċjali ta' kull żmien fil-qasam tax-xogħol u persuni b' diżabilità, jiġifieri l-implimentazzjoni tal-liġi li teħtieġ li kumpaniji mdaqqsa u kbar josservaw il-liġi u jimpjegaw persentaġġ ta' persuni b'diżabilità. Ir-riżultati diġà qed jidhru. Filwaqt li qabel il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (l-ETC) kien jirnexxilha ssib xogħol għal anqas minn 100 persuna b'diżabilità fis-sena, issa qed jirnexxilha ssib xogħol għal 24 persuna b'diżabilità fix-xahar. Dan huwa riżultat ta' ekonomija b'saħħitha, u Gvern determinat li jaħdem b'kuxjenza soċjali. Din is-sena, il-kontribuzzjoni mill-kumpaniji li jimpjegaw aktar minn 20 ħaddiem u li ma josservawx il-liġi hija ta' €800 għal kull ħaddiem b'diżabilità li ma jimpjegawx. Kif diġà mħabbar, din se tiżdied għal €1,600 għas-sena d-dieħla. | Jobsplus | Din il-miżura tkompliet mis-sena l-oħra.<br><br>Saru t-tħejjijiet għall-memorandum ta' qbil bejn il-Gvern u l-assoċjazzjoni ta' min iħaddem rigward l-implimentazzjoni tas-sistema ta' kwoti. | Ġie ffirmat l-MOU bejn il-Gvern u l-assoċjazzjoni ta' min iħaddem rigward l-implimentazzjoni tas-sistema ta' kwoti. Tkompla l-infurzar ta' din il-miżura skont il-ftehim bejn il-Gvern u l-assoċjazzjoni ta' min iħaddem. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 173 | **Estensjoni tal-Kampus tal-Università f'Għawdex**<br><br>Se jibda xogħol fil-Kampus tal-Università ġewwa Għawdex biex tinbena wing ġdida li fiha se tospita studenti li jkunu qegħdin jistudjaw għal dottorati speċjalizzati u xogħol ta' riċerka. | L-Università ta' Malta | Saru diskussjonijiet dwar is-sostenibbiltà tal-proġett. | Beda jitfassal pjan ta' sostenibbiltà tal-proġett. | Kompla għaddej xogħol fuq it-tfassil tal-pjan ta' sostenibbiltà tal-proġett. | Il-pjan jiġi diskuss mal-istakeholders konċernati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 174 | **Skemi ta' xogħol u taħriġ f'Għawdex**<br><br>Flimkien mal-ETC saru diversi skemi sabiex isir taħriġ għal dawk li jirreġistraw għax-xogħol u għal dawk inattivi. Dan kien jinkludi on the job training kif ukoll żewġ skemi oħra għal dawk li jaħdmu fis-settur tal-ospitalità biex matul ix-xitwa jingħataw taħriġ fil-qasam tagħhom. Saru diversi korsijiet fosthom tal-kompjuter lill-pubbliku inġenerali. Hemm pjanijiet biex jinħarġu skemi oħra biex iħajru iktar xogħol f'Għawdex. | Jobsplus | Skema A - Catering Scheme: Din l-iskema ħarġet u għalqet fl-aħħar ta' Marzu.<br><br>Skema B - Seasonality Scheme: Sar it-taħriġ kollu u sar ukoll l-ipproċessar tal-pagamenti lil min iħaddem li bagħtu l-impjegati għat-taħriġ. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 378 | **American University of Malta**<br><br>Is-sena d-dieħla għandhom jibdew isiru l-applikazzjonijiet u eventwalment ix-xogħlijiet fuq l-American University of Malta, biż-żewġ campuses ta' Bormla u Marsaskala. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | L-akkreditazzjoni tal-programmi tkompliet biex l-American University of Malta tingħata l-liċenzja mill-NCFHE biex tkun tista' tibda topera.<br><br>Il-pjanijiet tal-permess tal-iżvilupp tal-bini Ingliż ġie sottomess u saru diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar fuq dawn il-pjanijiet.<br><br>Saru laqgħat oħra fuq l-iżvilupp ta' faċilitajiet sportivi f'Marsaskala, speċifikament il-grawnd tal-futbol kif ukoll il-waterpolo pitch.<br><br>L-att bejn is-Sadeen Group u l-Gvern Malti ġie ffirmat. | Saret konsultazzjoni pubblika fuq il-bini Ingliż. L-Awtorità tal-Ippjanar bagħtet il-feedback li rċeviet mill-pubbliku lill-applikant u l-applikant irrisponda.<br><br>Sar aġġornament fuq pjanijiet tal-Marsaskala Waterpolo Pitch kif ukoll tkomplew id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati fuq il-pitch tal-futbol. Ġew konklużi l-pjanijiet bl-approvazzjoni tal-partijiet interessati.<br><br>L-akkreditazzjoni tal-programmi qiegħda fl-aħħar stadju. | Sar xogħol fuq ir-restawr tal-Kampus ta' Bormla.<br><br>Tkomplew id-diskussjonijiet u l-laqgħat dwar il-Kampus ta' Marsaskala.<br><br>Baqgħu għaddejjin it-taħditiet ma' Sadeen Group. | Ladarba jiġi konkluż il-ftehim, tibda topera l-American University of Malta. | Implimentata. |
| 382 | Biex inħeġġu aktar employers jimpjegaw persuni b'diżabilità, se nġeddu l-inċentivi li l-Gvern iħallas il-bolla għal dawn l-impjegati, filwaqt li l-employers jingħataw 25% tal-paga lura flimkien ma' sussidju ta' €125 fil-ġimgħa għal tliet snin. | Jobsplus | Tkompla l-inċentiv fejn min iħaddem ġie rifondut il-bolla ta' persuni b'diżabilità li jħaddem. | Min iħaddem beda jibbenefika minn dan l-inċentiv.<br><br>Saru l-aħħar preparamenti biex l-inċentiv fiskali jitnieda f'Lulju, fejn min iħaddem ikun jista' jagħmel talba għal dan l-inċentiv li jkopri s-sena 2015. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Saru l-preparamenti neċessarji permezz ta' diskussjonijiet bejn l-istakeholders biex jiġi mniedi l-inċentiv fiskali fejn l-employers jingħataw ekwivalenti għal 25% ta' salarju bażiku ta' persuni b'diżabilità.<br><br>Is-sussidju lill-employers qed jiġi rrappurtat f'miżura 131b minħabba li din l-iskema tipprovdi għajnuna lill-intrapriżi biex tippromovi opportunitajiet ta' impjiegi fid-dinja tax-xogħol lil dawk li huma fost l-aktar żvantaġġjati. Employers li japplikaw għal din l-iskema ma jistgħux jibbenefikaw minn inċentiv fiskali. | | | | |

MINISTERU GĦAT-TRASPORT
U L-INFRASTRUTTURA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 22b | **Tax rebate lil ġenituri li jibagħtu t-tfal bit-trasport tal-iskola**<br><br>Se tibqa' fis-seħħ it-tax rebate mogħtija lil ġenituri li jibagħtu t-tfal tagħhom bit-trasport provdut mill-iskejjel tal-Knisja u oħrajn indipendenti. Se nkunu qed neżaminaw modi oħra kif fiż-żmien li ġej ninkoraġġixxu l-użu ta' dan il-metodu ta' trasport. | Transport Malta | Ġiet ikkunsidrata l-analiżi tal-istħarriġ u r-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mill-*White Paper* ippubblikata mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol *School Opening Hours and Traffic Congestion* | Bdew konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet ikkonċernati. | Ġiet mistħarrġa l-possibiltà li jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet mill-*White Paper* imsemmija. | Mistennija jitkomplew il-konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet ikkonċernati biex ikunu jistgħu jiġu implimentati miżuri li jistgħu jwasslu għal żieda fl-użu tat-trasport provdut mill-iskola għal studenti li jattendu skejjel tal-knisja u indipendenti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 26c | **Dixxiplina fis-Sewqan**<br><br>Hemm bżonn li nżidu d-dixxiplina fit-toroq. Affarijiet bħal sewqan taħt l-effett tal-alkoħol, li jwassal għal periklu ta' mewt għas-sewwieqa, passiġġieri u persuni oħra, ma jistgħux ikunu ttollerati. Il-Pulizija tinsab f'taħditiet biex iġġib apparat ġdid ta' breathalysers li jagħti reading u printout dak il-ħin, biex hekk tiġi evitata l-burokrazija li kien ikun hemm fil-passat. Se tiġi emendata l-liġi sabiex tagħmel tajjeb għas-sistemi l-ġodda li se jiġu użati filwaqt li se jiżdiedu l-multi għal min jinqabad isuq taħt l-effett tal-alkoħol. | Transport Malta | Bdiet titħejjija u tlestiet il-liġi dwar żidiet fil-multi għal min jinqabad isuq taħt l-effett tal-alkoħol. | Il-liġi daħlet fis-seħħ. Sadanittant komplew żjarat fl-iskejjel dwar is-sigurtà fit-toroq. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 27a | L-użu tal-mobile phone waqt is-sewqan huwa waħda mir-raġunijiet ewlenin ta' inċidenti. Se jiżdiedu l-multi għal dawk is-sewwieqa li jkunu qed jitkellmu bil-handset jew inkella jibagħtu messaġġi waqt li jsuqu. | Transport Malta flimkien mal-Korp tal-Pulizija | Żdiedu l-multi għal dawk is-sewwieqa li jkunu qed jitkellmu bil-handset jew jibagħtu l-messaġġi waqt is-sewqan. | | | | Implimentata |
| 27b | Se nkunu qed indaħħlu wkoll fis-seħħ regolamenti ġodda li permezz tagħhom ikunu jistgħu jinqabdu dawk il-persuni li jdaħħlu Malta karozzi bi pjanċi barranin bla ma jirreġistrawhom. | Transport Malta flimkien mal-Korp tal-Pulizija | Transport Malta bdiet tipprepara abbozz ta' regolamenti li jipprevedu li vetturi bi pjanċi barranin li jiddaħħlu Malta mingħajr ma jiġu rreġistrati jinqabdu. | Tkompliet il-preparazzjoni tal-abbozz ta' regolamenti. | Transport Malta bagħtet abbozz ta' regolamenti lill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura biex jiġi diskuss fil-Kabinett. | L-abbozz ta' regolamenti ppreparat minn Transport Malta mistenni jiġi diskuss fil-Kabinett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 261 | **Task Force għall-Belt Valletta**<br><br>Twaqqfet task force li għandha l-iskop li tindirizza ċerta telqa ġewwa l-Belt Valletta u jsiru xogħlijiet li jgħollu l-livell ta' manutenzjoni. Dawn ix-xogħlijiet jinkludu xogħlijiet infrastrutturali, kif ukoll tibdil ta' diversi tabelli. Wara diversi laqgħat ġiet identifikata ż-żona ta' Marsamxett fejn se tibda ħidma ta' titjib bħal bankijiet, pavimentar u sinjali tat-toroq. | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir flimkien mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u mad-Direttorat għat-Tindif | Wara ftehim bejn MOT u MTI, ġew ippreparati surveys biex issir applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-bdil ta' bankini fil-parti t'isfel ta' Triq ir-Repubblika. Il-permess tal-PA ġie approvat. Ġew ippreparati d-dokumenti tat-tender u pjanti biex tinħareġ tender għax-xogħol ta' restawr tal-bankini. Il-konsultazzjonijiet mal-entitajiet ġew konklużi. Saret koordinazzjoni mal-Kunsill Lokali biex ir-residenti u ħwienet ikunu infurmati bix-xogħlijiet. | Bdew jiġu ppreparati d-dokumenti tat-tender u pjanti biex jinħareġ tender għax-xogħol ta' restawr tal-bankini. Il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar ġie approvat. | L-uffiċċju responsabbli minn proġetti ta' riabilitazzjoni ħadem fuq pjanijiet biex jiġu rranġati l-bankini fil-parti ta' isfel ta' Triq ir-Repubblika. Il-Korporazzjoni għar-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet, u l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni kkollaboraw biex tinħoloq struttura organizzattiva biex tkun indirizzata materja relatata ma' din il-miżura. | Mistenni jkompli x-xogħol infrastrutturali fil-Belt Valletta, fosthom tindif, manutenzjoni, tibdil ta' tabelli tas-sinjali, irranġar ta' dwal, bankini u tisbiħ ġenerali. Ser ikunu qed jiżdiedu l-frekwenzi ta' tindif fil-belt kapitali. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Id-Direttorat għat-Tindif investa f'makkinarju ġdid biex isir tindif aħjar fiż-żoni pedonali. | | |
| 269 | **In-Naħa t'Isfel tal-Forti Sant'Iermu**<br><br>Wara li ntemmu x-xogħlijiet ta' restawr u riġenerazzjoni tal-parti ta' fuq tal-Forti Sant' Iermu, żdiedet il-ħtieġa li l-parti ta' isfel ta' dan il-forti tiġi riġenerata wkoll. Nemmnu li din hija opportunità għas-settur privat li jagħmel investiment ta' kwalità għolja li jirrispetta l-valur storiku tal-post filwaqt li jagħmel minn dan il-post attrazzjoni ħajja. Għalhekk, il-Gvern se jippubblika Request for Proposals għar-riġenerazzjoni tal-parti ta' isfel tal-Forti Sant'Iermu. Dan il-proċess għandu jwassal biex filwaqt li jsir xogħol ta' restawr tal-bini maestuż ta' din il-parti tal-Forti kif ukoll l-ispazji kollha li fiha, il-forti jingħata ħajja ġdida permezz ta' attivitajiet ġodda li jkunu mmexxija mis-settur privat. | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-proposti, daħlu l-offerti u beda l-proċess t'evalwazzjoni. | Ir-rapport tal-evalwazzjoni tlesta, ġie diskuss mill-Bord tal-GHRC, u ngħata lill-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura. | Saret preżentazzjoni mill-perit tal-offerent lill-kumitat tal-UNESCO f'Malta, u anki saret żjara fuq il-post. Ġiet studjata l-proposta tal-offerent liema proposta tikkonsisti f'aspett ta' restawr tal-bini storiku tal-parti ta' isfel tal-Forti Sant'Iermu, kif ukoll aspett ta' riġenerazzjoni mibnija fuq attivita' kummerċjali. | Mistenni li wara ż-żjara f'Malta mid-delegazzjoni tal-UNESCO, isiru aktar negozjati mal-offerent dwar il-proġett sottomess. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 270 | **Kreditu tat-taxxa għal azjendi li joffru trasport b'xejn lill-ħaddiema tagħhom**<br><br>Transport Malta se tieħu ħsieb biex flimkien mal-Malta Enterprise, se tidħol f'taħditiet mal-korpi kostitwiti, trade unions u assoċjazzjonijiet taż-żoni industrijali, biex indaħħlu sistema ta' inċentivi għal dawk il-postijiet tax-xogħol li joffru trasport lill-ħaddiema tagħhom, li jingħaqdu flimkien biex joffru dan it-trasport, jew li jinċentivaw lill-ħaddiema tagħhom biex jużaw it-trasport pubbliku. | Transport Malta | Beda jiġi preparat kwestjonarju biex ikun jista' jiġi analizzat x'inċentivi huma diġà offruti minn kumpaniji li joperaw f'żoni industrijali u biex tinġabar informazzjoni demografika. | Kompla x-xogħol u tlesta l-kwestjonarju. | Tnieda kwestjonarju ma' numru ta' kumpaniji li joperaw mill-Industrial Estate ta' Bulebel. Saru intervisti ma' impjegati li jaħdmu fl-Industrial Estate biex isir kejl tal-interess fost il-ħaddiema. | Mistennija aktar kollaborazzjoni bejn il-Malta Enterprise u l-Bulebel Industrial Estate Tenants Association (BIETA). | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 272 | Apparti minn hekk, sabiex iżjed nies inaqqsu l-użu tal-karozzi, muturi b'magni inqas minn 125cc jistgħu jiġu misjuqa minn kull min għandu 18-il sena u 'l fuq u hu fil-pussess ta' liċenzja ta' kategorija B. Filwaqt li nagħmlu dan, se nisħqu fuq il-bżonn ta' aktar dixxiplina u attenzjoni fis-sewqan. Dan għaliex nafu li jekk din il-miżura tkun suċċess, filwaqt li | Transport Malta | Minn Jannar bdiet tiġi implimentata l-miżura biex persuni li għandhom il-kategorija B fuq il-liċenzja tas-sewqan tagħhom ikunu jistgħu jsuqu muturi b'ċilindrata li ma taqbiżx il-125 ċentimetru kubu u forza tal-magna mhux aktar minn 11 kW u bi proporzjon bejn forza u piż li ma jaqbiżx 0.15 kW/kg. | Transport Malta (TM) ħarġet numru ta' liċenzji tas-sewqan fejn turi li persuna tista' ssuq it-tali mutur bil-kategorija B. TM flimkien mal-Malta Road Safety Coucil organizzat diversi kampanji ta' għarfien dwar is-sigurtà fit-toroq. | Komplew jintlaqgħu u jiġu proċessati aktar applikazzjonijiet għal-liċenzja ta' kategorija B. | Mistennija tissokta l-kampanja ta' Transport Malta ffukata fuq is-sigurtà fit-toroq, filwaqt li jkomplu jiġu milqugħa u proċessati aktar applikazzjonijiet | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | tgħin tittaffa pressjoni fuq traffiku, se jinbet fenomenu ġdid fit-toroq Maltin li kemm is-sewwieqa kollha kif ukoll il-pedestrians iridu jkunu aktar konxji tagħha. Għal dan il-għan, Transport Malta se timbarka fuq kampanja ffukata ta' sigurtà fit-toroq. | | Dawn is-sewwieqa jridu jagħmlu 10 sigħat ta' taħriġ ma' skola tas-sewqan ċertifikata minn Transport Malta (TM). Wara li joħroġ iċ-ċertifikat ta' dan it-taħriġ, TM iżżid code fuq il-liċenzja tas-sewqan biex turi li l-persuna għamlet dan it-taħriġ u tista' ssuq it-tali mutur bil-kategorija B. | | | | |
| 273 | **Mina bejn Malta u Għawdex**<br><br>Matul din is-sena sar pass importanti 'l quddiem rigward l-għażliet li għandna quddiemna dwar il-mod li bih nistgħu ngħaqqdu Malta u Għawdex permezz ta' permanent link. Transport Malta u l-Gozo Business Chamber flimkien ikkummissjonaw studju, fejn ġew analizzati xenarji u metodi differenti. L-istudju jidentifika li fl-eventwalità li jsir proġett, l-aħjar għażla li tagħmel sens ekonomiku u finanzjarju | Transport Malta | Saret preżentazzjoni lill-General Contracts Committee biex tiġi approvata l-kumpanija Norveġiża SINTEF biex tassisti fit-tfassil tal-proċess u tenders għall-istudji meħtieġa. Il-General Contracts Committee approva t-talba tal-Awtorità. Bdew il-preparamenti għall-ħruġ ta' tenders biex isiru diversi studji. | Tkomplew il-preparamenti għall-ħruġ ta' tenders. Transport Malta kellha wkoll diskussjonijiet mal-Università ta' Malta biex tinvestiga l-possibilità ta' koperazzjoni fuq l-istudji. | Ġie finalizzat it-tender u ġie ppubblikat. Tkomplew ukoll il-preparamenti mal-Università biex isiru l-istudji sismiċi. | Huwa ppjanat li jibdew l-istudji sismiċi kif ukoll li jiġu evalwati l-offerti għat-tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | tkun dik ta' sub-seabed tunnel. Jirriżulta wkoll li dan il-proġett jista' jsir anke bl-involviment dirett tas-settur privat. Il-pass li jmiss huwa li jsiru l-istudji ġeoloġiċi neċessarji li għandhom jitfgħu aktar dawl fuq il-vijabbiltà teknika tal-metodu identifikat. Huwa ppjanat li matul din is-sena nkomplu nżidu fir-ritmu bil-għan li nkunu f'pożizzjoni li nieħdu d-deċiżjonijiet finali. | | | | | | |
| 274 | **Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Bajja ta' San Ġorġ**<br><br>Huwa ċar li għas-snin li ġejjin se jkun hemm konċentrazzjoni ta' proġetti ta' kwalità għolja fl-inħawi tal-Bajja ta' San Ġorġ f'San Ġiljan. Filwaqt li aħna favur li jsiru dawn il-proġetti, li se jgħollu l-kwalità tal-prodott ta' pajjiżna, ma nistgħux nippermettu li din iż-żona tant importanti tispiċċa żona ta' kostruzzjoni miftuħa għal ħafna żmien. Għaldaqstant, hemm bżonn ta' koordinament sħiħ bejn | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir | Saru tħejjijiet biex titwaqqaf il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Bajja ta' San Ġorġ u ħarġet sejħa għal Operations Coordinator. | Daħlu l-applikazzjonijiet għall-kariga t'Operations Coordinator, saru l-intervisti lill-applikanti eleġibbli u ġiet magħżula l-persuna biex tokkupa l-kariga msemmija. | Tkompla l-proċess formali tar-reklutaġġ tal-Operations Coordinator. Ġiet magħżula persuna għal din il-pożizzjoni, u tkompla l-proċess biex tingħata kuntratt. | Mistennija jibdew konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati u jiġi ppreparat pjan operattiv. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | il-proġetti, biex ikun hemm sinerġiji u jiġi mnaqqas l-inkonvenjent. Hemm bżonn ukoll li jkun hemm punt wieħed ta' kuntatt li jikkoordina l-awtoritajiet u l-aġenziji tal-Gvern biex titnaqqas il-burokrazija u x-xogħol jitlesta aktar malajr. B'hekk tittejjeb l-infrastruttura b'mod li x-xogħlijiet ifixklu mill-inqas lin-negozji u residenti eżistenti. Se titwaqqaf is-St George's Bay Regeneration Corporation, bil-għan li bi sħubija mas-settur privat interessat, tagħmel dan ix-xogħol ta' koordinament. Għall-ewwel żmien tagħha, din il-korporazzjoni se topera taħt il-GHRC. | | | | | | |
| 275a | **Infrastruttura, Tindif u Tisbiħ Rurali**<br><br>Qegħdin jiġu kkonċentrati diversi attivitajiet u proġetti fi bliet u rħula storiċi bħall-Belt Kapitali, l-Imdina u t-Tlett Ibliet (Kottonera) sabiex ikomplu jikkumplimentaw il-pjan tal-Gvern ta' riabilitazzjoni. | L-Uffiċċju tal-Proġetti għar-Riabilitazzjoni | Ġiet konkluża l-aġġudikazzjoni tal-ewwel dokument tal-Pre-Qualification Questionnaire, iżda l-ebda sottomissjoni ma kienet aċċettabbli. Għaldaqstant din il-proċedura ġiet ikkanċellata. | Id-Dipartiment tal-Kuntratti approva t-talba biex jinbdew negozjati għax-xogħol ta' restawr tal-Funtana tat-Tritoni mal-uniku konsorzju aċċettabbli mill-proċedura preċedenti msejħa Competitive Dialogue. | In-negozjati mal-Fonderia Del Chiaro waqfu wara li ma ntlaħaqx qbil bejn il-partijiet. Inbdew negozjati ma' konsorzju ieħor, wara li dan ġie approvat mill-General Contracts Committee. | Wara li jiġu iffinalizzati n-negozjati mal-konsorzju, mistenni jiġi ffirmat il-kuntratt biex jibdew isiru x-xogħlijiet ta' restawr fuq il-funtana, filwaqt li jiġu installati sistemi ta' dawl u ilma li jirriflettu teknoloġija moderna. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Dawn ix-xogħlijiet se jiġu intensifikati u hemm proġetti estensivi ppjanati għall-Furjana u l-akkwati tal-Belt Valletta, li jinkludu l-bidu tar-restawr tal-Funtana tat-Tritoni. | | | | | | |
| 275b | Il-Gvern se jibqa' impenjat li jissapportja l-kampanja 'Għalfejn tħammeġ pajjiżek?' fejn il-konkorrenza baqgħet tiżdied. | Id-Direttorat għat-Tindif | Kompliet il-kampanja 'Għalfejn tħammeġ pajjiżek?' b'mod partikolari fl-iskejjel u l-kunsilli lokali. Tfasslet l-istrateġija ta' ppjanar dwar x'inizjattivi ser jittieħdu kull xahar matul din is-sena. Żdiedu wkoll il-faċilitajiet ta' CCTV cameras, partikolarment f'subways. | Komplew jitwasslu messaġġi fuq il-midja, b'aċċenn fuq ir-rimi ta' skart illegali. Uffiċjali mid-Direttorat attendew numru t'attivitajiet organizzati minn skejjel biex jiżdied l-għarfien tal-kampanja 'Għalfejn Tħammeġ Pajjiżek?'. Sar disinn ta' cigarette ashtrays tal-kartun biex jiġu mqassma matul is-sajf fuq il-bajjiet u żoni pubbliċi. Komplew jitwaħħlu aktar CCTV cameras f'postijiet pubbliċi, speċjalment f'żoni fejn għad hemm abbuż ta' rimi ta' skart. Fil-bidu tal-istaġun tas-sajf żdied sehem id-Direttorat fi programmi tar-radju u televiżjoni biex il-pubbliku jkun iktar konxju ta' kif għandu jiddisponi mill-iskart. | Id-Direttorat għat-Tindif kompla bil-promozzjoni tal-kampanja 'Għalfejn Tħammeġ Pajjiżek?'. Id-Direttorat ipparteċipa fil-fiera tal-MFCC, il-Beer Festival, u diversi attivitajiet oħra. Permezz ta' koperazzjoni mal-MEDE, id-Direttorat għat-Tindif ipparteċipa f'diversi skejjel permezz tal-inizjattiva Skola Sajf. | Mistennija tissokta l-kollaborazzjoni mal-MEDE, filwaqt li d-Direttorat għat-Tindif ikompli bi preżentazzjonijiet f'diversi skejjel wara l-bidu tas-sena skolastika ġdida. Tkompli wkoll promozzjoni b'diversi interventi fuq stazzjoniet tar-radju u televiżjoni. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 275c | Kif ukoll li jindirizza t-tindif ta' bajjiet, żoni turistiċi, żoni rikreattivi, żoni rurali u urbani. kompli l-programm ta' tisbiħ ta' toroq, central strips, roundabouts u wesgħat pubbliċi, bħala parti mill-programm għat-tisbiħ ta' pajjiżna. | Transport Malta flimkien ma' MTI | Tkomplew ix-xogħlijiet ta' tisbiħ relatati mal-proġett tal-Coast Road tas-Salini. | Inbeda xogħol fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid, fejn ġew rilokati numru ta' siġar tal-ficus. | Saru sforzi biex it-tisqija regolari u neċessarja fuq il-pjanti u fjuri fir-roundabouts u central strips titkompla tul il-ġranet l-aktar xotti tas-sena bl-anqas tfixkil għat-traffiku. | Mistennija jibdew xogħlijiet ta' tisbiħ fil-ġonna ta' Sant' Anton, il-Foss tal-Imdina, ir-roundabout tal-Qrendi, Ġnien Herbert Ganado, u l-Argotti. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 275d | Il-Gvern qiegħed fil-proċess li jwaqqaf Pjan Nazzjonali Integrat għat-Tisbiħ u l-Protezzjoni tal-Widien. Issa jmiss li l-Gvern jinvesti fi programm serju u programmat, bis-sapport ta' tim speċjalizzat. Il-widien għandhom funzjoni idroloġika importanti, u għalhekk ser jintalbu fondi taħt il-Programm Operattiv 2014–2020. | Is-Sezzjoni għall-Kosta tal-Baħar, Għargħar u l-Ġestjoni tal-Widien | Tlesta l-ewwel abbozz ta' qafas għall-proġetti tal-WID-MTI. Abbażi ta' dan il-qafas tkompla x-xogħol u bdew jiġu identifikati siti u proġetti fil-widien kif ukoll fuq il-kosta, li għalihom għandhom jiġu ppreparati l-applikazzjonijiet għall-fondi tal-UE. | Saru taħditiet mas-SEWCU għall-kollaborazzjoni fi proġett f'dan il-qasam. Ġew identifikati erba' komponenti għal dan il-proġett, li jistgħu jiġu implimentati bħala numru ta' azzjonijiet taħt strateġija ta' proġett wieħed. Dan il-kunċett ġie ppreżentat waqt seminar organizzat mis-SEWCU dwar proġetti proposti għall-fondi tal-UE. | Wara li saru laqgħat ma' JASPERS u SEWCU, ġie deċiż li l-MTI jissottometti l-ewwel applikazzjoni għal fondi taħt il-Programm Operattiv 2014-2020. Din l-applikazzjoni tikkonsisti fi studju fuq l-erba' komponenti tal-proġett RainWIIN u l-implimentazzjoni ta' proġett pilota. | Stennija għal approvazzjoni tal-applikazzjoni għall-fondi taħt il-Programm Operattiv 2014-2020. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 275e | Se jibda l-proġett tal-Villaġġ tal-Karnival tal-Marsa li se jara t-trasferiment tal-operat tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi għal Kordin. | Id-Direttorat għall-Manifattura u s-Servizzi | Sar tindif u t-tneħħija ta' materjal eżistenti mis-sit. Inħarġu żewġ tenders, wieħed għall-bdil tal-pjanċi tas-saqaf tal-workshop, u l-ieħor għall-bini tal-gable end wall tal-istess sit. Dawn ġew aġġudikati, u tressqu | Kompla x-xogħol fuq it-tender 'Design and Build'. L-ewwel fażi tinkludi r-rilokazzjoni tal-faċilitajiet tal-MSD mill-Marsa għal Kordin. Din il-fażi kważi tlestiet u ser tiġi mgħoddija lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-verifika u | Tlesta t-tender 'Design and Build' għall-bini ta' workshops ġodda f'Kordin. | Mistennija ssir il-pubblikazzjoni tat-tender u l-offerti jiġu evalwati. Sussegwentament mistenni jiġi ffirmat il-kuntratt mal-offerent magħżul biex jinbeda x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | għall-approvazzjoni tad-DCC. Il-MEPA approvat il-permess li jkopri l-proġett propost biex jiġu rilokati l-faċilitajiet mill-Marsa għal Kordin. Beda jitħejja tender għall-ewwel fażi tal-proġett biex jiġu rilokati l-faċilitajiet tal-MSD mill-Marsa għal Kordin. | l-pubblikazjoni. Ingħata t-tender relatat max-xogħol fuq il-bdil tal-pjanċi tal-workshop temporanju għall-mastrudaxxi fl-MSD Marsa. Dan ix-xogħol tlesta. Il-ħaddiema tal-MSD bdew iżarmaw il-magni tal-mastrudaxxi mill-workshop eżistenti u jġorru għal dak temporanju. Ingħata wkoll it-tender relatat mal-bini ta' gable end wall. Dan ix-xogħol tlesta wkoll. Sar ukoll xogħol mill-ħaddiema tad-Dipartiment fuq il-bini ta' guard room u punch clock area ġodda fl-MSD Marsa, fosthom xogħol ta' tqegħid ta' madum. | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 277 | **Pjan integrat għall-Konservazzjoni tal-Widien**<br><br>B'koordinazzjoni mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, qed jiġi żviluppat pjan għall-konservazzjoni u żvilupp tal-widien ta' pajjiżna. Huwa ppjanat li l-ewwel xogħlijiet ta' konservazzjoni isiru f'Wied il-Qlejgħa u Wied Għajn Riħana, taħt programm kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020. Dan il-pjan se jara li dawn il-widien mhux biss jitnaddfu iżda jiġu żviluppati f'ċentri ta' rikreazzjoni li jagħtu informazzjoni dwar il-karatteristiċi naturali tal-ambjent rurali ta' pajjiżna. | Is-Sezzjoni għall-Kosta tal-Baħar, Għargħar u l-Ġestjoni tal-Widien | L-MTI pprovda għajnuna teknika lis-SEWCU biex dawn setgħu jissottomettu l-applikazzjoni għall-fondi mill-UE. L-MTI tat ukoll l-għajnuna teknika biex isiru t-Terms of Reference għal sejħa għal servizzi ta' konsulenza ambjentali għall-proġett. Is-sejħa għalqet u ġiet evalwata. | L-offerti għal servizz ta' konsulenza ambjentali għall-proġett ta' Wied il-Qlejgħa ġew evalwati; l-evalwazzjoni ġiet konkluża. | L-evalwazzjoni tal-offerti għall-istudju ambjentali għall-proġett ta' Wied il-Qlejgħa tlestiet, iżda wieħed mill-offerenti appella mir-riżultat. | Mistenni li jkun inbeda l-istudju ambjentali u jitnieda l-pjan għall-interventi ta' konservzzjoni meħtieġa, li jwasslu biex Wied il-Qlejgħa u Wied Għajn Riħana jitnaddfu u jiġu żviluppati f'ċentri ta' rikreazzjoni u apprezzament ambjentali għall-pubbliku. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 278a | **Riġenerazzjoni Pace Grasso**<br><br>Il-Gvern għaddej bi proċess ta' ppjanar u tħejjija għar-riġenerazzjoni tas-sit fejn hemm il-grawnd ta' Pace Grasso f'Raħal Ġdid. Wara li l-MEPA lestiet il-masterplan għal din iż-żona, ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-bini ta' ċentru tas-saħħa reġjonali (Health Hub) mill-Ministeru tas-Saħħa. | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir | Il-GHRC issottomettiet applikazzjoni għal permess għat-tħaffir tas-sit lill-Awtorità tal-Ippjanar u applikazzjoni għal permess għall-binja mill-FMS tal-Health Hub. | Saret applikazzjoni mill-FMS/Health għall-finanzjament tal-proġett mill-UE. | Il-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) kompliet bil-komunikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, il-PPCD, u entitajiet oħra dwar il-parti tal-proġett fejn ser jinbena ċentru tas-saħħa. | Mistennija jkomplu t-taħditiet bejn il-partijiet interessati, li għandhom iwasslu għat-twettiq tal-proġett għall-bini ta' ċentru tas-saħħa reġjonali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 278b | Il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali qiegħed iħejji l-pjani biex f'parti oħra ta' dan is-sit isir ċentru ta' servizzi għall-familji (family resource centre). | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir | Ġew evalwati t-tenders biex isir upgrading tal-pitch tal-boċċi ta' Paola Wolves, biex temporanjament jiġi allokat il-klabb tal-boċċi ta' Schreiber. | Ix-xogħlijiet relatati mal-upgrading tal-pitch tal-boċċi ta' Paola Wolves inbdew, u tlestew il-maġġorparti tax-xogħlijiet. | Il-proġett tlesta, u s-sit ġie mgħoddi lil Schrieber Boċċi Club. | | Implimentata |
| 278c | Kif ukoll faċilitajiet residenzjali fil-komunità għall-persuni b'diżabilità (priority centre). | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir | Wara laqgħa mal-MFSS, il-GHRC ġiet infurmata li l-MFSS qegħdin jaraw il-pjanti u dettalji oħra biex tiġi ppreparata l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. | L-MFSS qegħdin fil-proċess ta' konsiderazzjoni tal-pjanti. | Sar xogħol ta' pjanar mill-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali dwar il-proġett għal akkomodazzjonijiet moderni għall-benefiċċju ta' persuni bi bżonnijiet speċjali. | Ikomplu l-istudji u l-pjanijiet mill-perit tal-proġett appuntat mill-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 278d | Nofs is-sit fejn hemm il-grawnd Pace Grasso se jkun qiegħed jiġi kkonvertit fi spazji miftuħa għall-komunità b'faċilitajiet rikreattivi, kummerċjali u anke ta' parkeġġ. | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir | Il-GHRC bdiet tikkunsidra possibilitajiet alternattivi għal dan il-proġett. | Komplew jiġu kkunsidrati l-possibilitajiet alternattivi. | Saret konsultazzjoni dwar il-parti tal-proġett intenzjonata għal ġnien, parkeġġ u żona kummerċjali. | Mistennija tkompli l-konsultazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 279 | **Riġenerazzjoni Pace Grasso**<br><br>Il-Gvern għaddej bi proċess ta' ppjanar u tħejjija għar-riġenerazzjoni tas-sit fejn hemm il-grawnd ta' Pace Grasso f'Raħal Ġdid. Wara li l-MEPA lestiet il-masterplan għal din iż-żona, ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-bini ta' ċentru tas-saħħa reġjonali (Health Hub) mill-Ministeru tas-Saħħa. Il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Socjali qiegħed iħejji l-pjani biex f'parti oħra ta' dan is-sit isir ċentru ta' servizzi għall-familji (family resource centre) kif ukoll faċilitajiet residenzjali fil-komunità għall-persuni b'diżabilità (priority centre). Nofs is-sit fejn hemm il-grawnd Pace Grasso se jkun qiegħed jiġi kkonvertit fi spazji miftuħa għall-komunità b'faċilitajiet rikreattivi, kummerċjali u anke ta' parkeġġ. | Transport Malta | Sar xogħol preparatorju biex ikunu jistgħu jintbagħtu ittri u applikazzjoni lil kull min huwa eliġibbli għal din l-iskema. | Intbagħtu l-ittri u l-applikazzjonijiet lil kull min huwa eliġibbli għal din l-iskema. L-applikazzjonijiet bdew jiġu evalwati u verifikati. | L-applikazzjonijiet komplew jiġu evalwati. Is-sidien tal-vetturi li rreġistraw vettura fl-2005 u li kienu eleġibbli rċevew il-ħlas kollu permezz ta' ċekk. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 280a | **Infrastruttura (Portijiet) u l-Marittimu Merkantili**<br><br>Matul is-sena li ġejja, il-Gvern se jkompli jinvesti fil-portijiet tagħna. Wieħed jista' jsemmi l-proġett tal-breakwater għal Marsamxett li bħalissa għadu f'fażi ta' studju, però li meta jseħħ mistenni jiġbed aktar investimenti u tkabbir ekonomiku. Hekk naraw li l-impenn tal-Gvern huwa wieħed persistenti. Il-European Fund for Strategic Investments (EFSI), propost mill-Kummissjoni bħala parti mill-Juncker Investment Plan for Europe, jista' jkun għajn sabiex isiru proġetti aktar sostenibbli u li għandhom impatt pożittiv fuq l-ekonomija, l-ambjent u s-soċjetà inġenerali. | Projects Malta | Tlesta rapport minn Projects Malta li permezz tiegħu se tkun qed tiġi evalwata r-responsabilità ta' dan il-proġett. | Ir-rapport tlesta u beda jiġi evalwat. | Il-MIMCOL u Projects Malta ħadmu fuq Concept Paper li fiha pproponew disinji tal-kunċett kif ukoll numru ta' inizjattivi ta' kif jista' jiġi mtejjeb u jintuża aħjar l-ispazju fil-port ta' Marsamxett bħala riżultat tal-bini ta' breakwater.<br>Sar ukoll studju preliminari finanzjajru biex jiġi kkalkulat id-dħul li jista' jiġi ġġenerat fil-port. | Mistennija jinbdew diskussjonijiet preliminari mal-Kummissjoni Ewropea dwar l-użu ta' fondi mill-European Fund for Strategic Investments (EFSI) għal dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 280b | L-istandards dejjem telgħin marbuta mas-sigurtà marittima u l-mod ġdid ta' kif qegħdin nimmaniġġjaw il-bandiera Maltija qed jissarrfu f'titjib mhux biss fin-numri ta' vapuri reġistrati, imma anke fejn jidħol l-istanding ta' kumpaniji li qegħdin ifittxu li jirreġistraw il-vapuri tagħhom f'Malta. Dan se jkompli jsir fl-impenn tal-Gvern li jiġbed aktar klijenti ta' fama u ta' kwalità. | Transport Malta | Matul dan il-perjodu, in-numru ta' vapuri reġistrati taħt il-bandiera Maltija żdied b'102, għal 7,351, filwaqt li t-tunnellaġġ gross żdied b'1,276,392 tunnellata, għal 67,439,529 tunnellata. | Matul dan il-perjodu, in-numru ta' vapuri reġistrati taħt il-bandiera Maltija żdied b'191, għal 7,542, filwaqt li t-tunnellaġġ gross żdied b'2,248,095 tunnellata, għal 69,687,624 tunnellata. | It-tunnellaġġ gross ta' vapuri reġistrati taħt il-bandiera Maltija żdied b'mod konsistenti tul dan-il-perjodu. | Mistenni jkompli jiżdied in-numru ta' vapuri reġistrati taħt il-bandiera Maltija, kif ukoll żdied it-tunnellaġġ gross. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 281 | **Esplorazzjoni taż-Żejt u Gass u Minerali**<br><br>Fil-qasam tat-tiftix għaż-żejt il-Gvern qiegħed fil-proċess li jiġbor informazzjoni ġeofiżika ġdida u li jirripproċessa informazzjoni siżmika li nġabret fil-passat. Fl-istess ħin il-Gvern se jkompli jagħmel tibdil fil-leġiżlazzjoni li tirregola dan il-qasam u se jkompli bl-inizjattivi sabiex informazzjoni tal-passat tinqaleb f'format diġitali. | Id-Dipartiment Blata Kontinentali | Saru tħejjijiet mal-kumpanija Ratio biex tinġabar informazzjoni ġeofiżika ġdida. Saru wkoll diskussjonijiet biex tiġi ripproċessata informazzjoni siżmika li nġabret fil-passat. Ġew ippreparati sejħiet tal-offerti biex informazzjoni tal-passat tinqaleb f'format diġitali. Beda wkoll ix-xogħol fuq l-emendi li jridu jsiru fuq il-leġiżlazzjoni biex ċerti dispożizzjonijet jiġu aġġornati. | Tlesta l-proċess biex informazzjoni siżmika fuq tapes tinqaleb fuq hard disks. Inbeda l-proċess biex well logs jinqalbu f'format diġitali. Intlaħaq ftehim ma' Ratio Oil biex tinġabar informazzjoni siżmika ġdida 3D fl-2017. Komplew id-diskussjonijiet ma' Capricorn Malta dwar il-programm tax-xogħol wara Diċembru 2016. Is-sistema tal-GIS kompliet tiġi żviluppata. | Kompla l-proċess sabiex well logs jinqalbu f'format diġitali. Tkomplew diskussjonijiet ma' Capricorn Malta dwar il-programm tax-xogħol. Is-sistema tal-GIS bdiet tiġi żviluppata inhouse. | Mistenni jinbeda u jitlesta l-proċess biex jinqalbu r-rapporti f'format diġitali. Din l-informazzjoni diġitali mbagħad tiddaħħal ġo database u tiġi inkorporata fis-sistema tal-GIS. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 282 | **Dual Fuel**<br><br>Qegħdin nallokaw €100,000 biex tiġi introdotta skema ġdida għall-vetturi kummerċjali u tal-ġarr tal-passiġġieri tat-tip N2, N3, M2 u M3, fejn se tingħata għotja ta' €700 għall-konverżjoni għall-Euro 5 jew Euro 6a. Din il-konverżjoni tinkorpora sistema msejħa 'Dual Diesel Fuel', li tutilizza d-diesel u LPG fl-istess ħin. L-ispejjeż biex wieħed jikkonverti l-vettura tiegħu jammontaw għal madwar €3,000. Din l-iskema se tapplika mill-1 ta' Jannar 2016. | Transport Malta | Il-Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) qed tikkonsidra metodi ta' kif tista' ssir din il-konverżjoni. | L-entitajiet konċernati bdew jiddiskutu biex jaraw kif tista' tiġi introdotta l-iskema proposta. | L-MCCAA ma identifikatx sistema ta' konverżjoni li tista' tiġi ċċertifikata u, għaldaqstant, din il-miżura mhix se tiġi mwettqa f'dan l-istadju. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 283 | **Scrappage Scheme**<br><br>Il-Gvern qed jerġa' jdaħħal l-iskema għall-iskrappjar ta' vetturi qodma u li jħammġu aktar. Permezz ta' din l-iskema l-Gvern se jagħti għotja meta tkun skrappjata karozza li jkollha 10 snin jew aktar meta tinxtara waħda ġdida. Sabiex ninċentivaw l-użu ta' vetturi li huma żgħar u jniġġsu anqas, se tingħata għotja ta' | Transport Malta | L-iskema fetħet u għalqet meta l-fondi assenjati għall-iskema ġew eżawriti fix-xahar ta' Frar. Saret talba għal 400,000 ewro oħra, liema talba ġiet milqugħa mill-Ministeru tal-Finanzi, u l-iskema reġgħet infetħet fix-xahar ta' Marzu. | Fix-xahar ta' Ġunju, għat-tieni darba, il-fondi assenjati għall-iskema ġew eżawriti, u reġgħet saret talba lill-Ministeru tal-Finanzi sabiex jerġgħu jiġu vvutati 400,000 ewro oħra. | Din it-talba ġiet approvata, u għaldaqstant l-iskema reġgħet fetħet b'ammont ta' 400,000 ewro. | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | €7,000 meta tinxtara vettura elettrika ġdida u tiġi skrappjata vettura antika; €4,000 meta tinxtara vettura elettrika iżda ebda vettura ma tiġi skrappjata; u €2,000 għal electric quadricycle. Fil-każ ta' vetturi tal-passiġġieri se tingħata għotja ta' €2,000 għal vettura hybrid b'emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju ta' bejn 50-65g/km; €3,000 għal vettura plug-in hybrid electric b'emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju ta' bejn 50-65g/km; €900 meta tinxtara vettura b'emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju li ma jeċċedux il-100g/km; filwaqt li tingħata għotja ta' €700 meta tinxtara vettura b'emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju ta' bejn 101 g/km u 130 g/km. Għal dan il-għan, il-Gvern qed jalloka s-somma ta' €600,000 u huwa mistenni li madwar 600 vettura jibbenefikaw minn din l-iskema. Din l-iskema se tapplika mill-1 ta' Jannar 2016. | | | | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 284 | **Miżuri relatati ma' vetturi elettriċi għan-negozju**<br><br>Apparti mill-inċentivi li hemm biex wieħed jiskrappja vettura antika u jixtri waħda tal-elettriku li tħammeġ inqas, se ngħinu lill-importaturi ta' karozzi ġodda sabiex jinvestu f'apparat u taħriġ meħtieġ biex issir il-manutenzjoni ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku. Din l-iskema se tkun limitata u għaldaqstant tingħata fuq bażi first come first served. Flimkien ukoll ma' din l-iskema se nkunu qed ngħinu lill-kumpaniji biex jiġu installati charging points għal vetturi elettriċi. L-allokazzjoni għal dawn l-iskemi se tkun ta' €100,000. Dawn l-iskemi se japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016. | Transport Malta | Ġew stabbiliti l-parametri u l-objettiv ta' din l-iskema u nkiteb dokument bil-proċedura kollha meħtieġa kif ukoll l-applikazzjonijiet kollha. Ġie wkoll ippubblikat l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. | | | | Implementata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 285 | **Autogas**<br><br>L-iskema tal-autogas fejn tingħata għotja ta' €200 għall-konverżjoni ta' vetturi tat-tip M1 jew N1 se tiġi estiża għas-sena 2016. L-allokazzjoni għal din l-iskema hi ta' €50,000. Din l-iskema se tapplika mill-1 ta' Jannar 2016. | Transport Malta | L-iskema reġgħet infetħet. | | | | Implimentata |
| 286 | **Sistema ta' cameras**<br><br>Se jiġu installati wkoll numru ta' cameras f'postijiet strateġiċi li jaħdmu b'sistema ta' ANPR (li hija sistema li tagħraf il-pjanċi tal-vetturi), sabiex nikkontrollaw aħjar vetturi li għandhom iħallsu b'lura taxxa taċ-ċirkolazzjoni annwali kif ukoll vetturi bi pjanċi barranin. Għal dan il-proġett se tkun allokata s-somma ta' €100,000. | Transport Malta | L-Awtorità qablet u ġew identifikati ħames postijiet strateġiċi fejn ser jeħlu dawn il-cameras. Dawn il-ħames cameras ANPR bdew jiġu installati. | Intalbu l-kwotazzjonijiet biex isir xi xogħol alternattiv biex ix-xogħlijiet jitlestew fiż-żmien stipulat. | Il-cameras komplew jiġu installati. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 287 | **VRT**<br><br>Sabiex inkomplu ninċentivaw l-użu ta' karozzi moderni u ġodda, vetturi tat-tip M1 jew N1 li jkollhom 160,000 kilometru u aktar se jiġu sottomessi għal VRT kull sena flok kull sentejn. | Transport Malta | L-emendi fir-Regolamenti tal-VRT biex jirriflettu din il-miżura ġew ippubblikati permezz ta' Avviż Legali. Is-sistema tal-VERA ġiet aġġornata u b'hekk din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |
| 288 | **Galleriji f'Bieb il-Belt**<br><br>Se titnieda skema li biha jiġu rranġati l-aperturi u galleriji tal-bini li jagħti fuq il-Kavallier ta' San Ġwann u Triq l-Ordinanza. | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir | Tħejja t-tender u l-applikazzjonijiet neċessarji. Saru laqgħat mal-Awtorità tad-Djar, fejn ġie diskuss l-involviment tal-Awtorità biex issir laqgħa mar-residenti u mal-kunsill lokali. | Saru aktar laqgħat mal-perit responsabbli dwar xi galleriji li jidhru li jista' jkollhom problemi strutturali. Komplew il-laqgħat mal-Awtorità tad-Djar dwar il-proġett u ġie maqbul li r-residenti jiġu informati b'konsultazzjoni mal-kunsill lokali. Saret laqgħa mar-residenti. Ix-xogħol fuq it-tender ġie konkluż. | Ġie ppubblikat it-tender għax-xogħljiet ta' rranġar tal-aperturi u galleriji tal-bini li jagħti fuq il-Kavallier ta' San Ġwann u Triq l-Ordinanza. | Mistennija jibdew ix-xogħlijiet wara li jiġu evalwati l-offerti u jiġi magħżul l-aħjar offerent. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 289 | **Regolamentazzjoni tal-Bini u Infrastruttura Sostenibbli**<br><br>Il-mira għall-2016 hi li permezz tal-pubblikazzjoni ta' Avviż Legali ġdid, l-istess Uffiċċju jkun aktar effettiv fil-ġestjoni ta' tali obbligi filwaqt li l-istess eżerċizzju sar fejn jikkonċernaw Drittijiet ta' Terzi. Se jkompli l-impenn tal-Gvern sabiex din ir-regolamentazzjoni mhux biss tidħol fis-sistema infrastrutturali tagħna, talli se jiżdied l-infurzar sabiex jara li bini u kostruzzjoni jilħaq l-ogħla standards ta' effiċjenza.<br><br>Il-Gvern se jkompli jimpenja ruħu li jara li jkun hemm kontroll xieraq fuq xogħlijiet ta' bini f'żoni turistiċi matul il-peak periods. | L-Uffiċċju għar-Regolamenti tal-Bini | Tħejja abbozz ta' regolamenti li ġie kkunsidrat minn bord imwaqqaf apposta. L-abbozz ħareġ għal konsultazzjoni pubblika. Ir-reazzjonijiet li daħlu bdew jiġu evalwati biex jiġi deċiż jekk ikunux meħtieġa tibdiliet fl-istess abbozz kif ippubblikat. | Ir-reazzjonijiet mill-pubbliku li daħlu għall-abbozz tal-Avviż Legali kif ippubblikat għall-konsultazzjoni pubblika komplew jiġu evalwati, filwaqt li beda jiġi analizzat jekk ikunux meħtieġa tibdiliet fl-istess abbozz. | Intemm l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni tar-reazzjonijiet li daħlu għall-Abbozz tal-Avviż Legali dwar il-Ġestjoni tal-Lantijiet tax-Xogħlijiet kif ippubblikat għall-konsultazzjoni pubblika. Ġew evalwati wkoll ir-reazzjonijiet li daħlu għall-pubblikazzjoni tal-konsultazzjoni interministerjali għall-abbozz tal-Avviż Legali dwar Drittijiet ta' Terzi biex dan eventwalment ukoll ikun ippubblikat għall-konsultazzjoni pubblika. | L-Avviż Legali mistenni jiġi konsolidat. Ladarba r-reazzjonijiet jiġu analizzati u jsiru l-emendi meħtieġa fid-dokument finali, dan jiġi mgħoddi lill-MJCL għall-evalwazzjoni u traduzzjoni għall-Malti, isir Impact Assessment kif ukoll Cabinet Memo, u eventwalment l-Avviż Legali jiġi ppubblikat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 290 | **Proġetti Infrastrutturali**<br><br>Il-Gvern qed jaħdem fuq pjan li permezz tiegħu jipprijoritizza l-proġetti infrastrutturali. Il-proġett ta' Triq il-Kosta kien wieħed minn dawk li l-aktar imxew qrib l-iskeda. Xorta għad fadal xi jsir biex intejbu l-immaniġġjar tal-proġetti li qabel ftit li xejn kien jeżisti. Konxjament, il-Gvern iddeċieda li ma jkunx hemm aktar minn proġett maġġuri wieħed kull darba, sabiex l-inkonvenjent ikun limitat. Il-proġett għas-sena d-dieħla huwa dak tal-Junction tal-Kappara. Dan ikun segwit mit-triq tal-Marsa. Ovvjament, se jkun hemm inkonvenjent bix-xogħlijiet tal-Kappara, u se jkun hemm bżonn xogħol estensiv għal rotot alternattivi. Iżda nafu li fl-aħħar dan il-proġett se jħalli effett tajjeb u se jħaffef it-traffiku, minkejja li matul ix-xogħol li se jdum 24 xahar se joħloq problemi. Transport Malta se tipprova tilħaq | Transport Malta | Inbdew ix-xogħlijiet fuq rotot alternattivi. Sadattant saru wkoll numru ta' laqgħat bejn Transport Malta u l-kuntrattur biex jitfassal ix-xogħol prinċipali f'din il-junction. | Ix-xogħlijiet fuq ir-rotot alternattivi ġew konklużi. Komplew il-laqgħat bejn Transport Malta u l-kuntrattur. Sadanittant bdew ix-xogħlijiet bit-tneħħija tas-siġar tal-palm minn ġor-roundabout, kif ukoll is-siġar li qegħdin fejn ser titwessa' t-triq. Sar twaqqigħ ta' bini fi Triq il-Madonna tal-Ġebla, il-Gżira, biex it-triq li twassal għall-Junction tal-Kappara titwessa'. Saru wkoll xogħlijiet fuq ir-retaining walls. Ġiet implimentata s-sistema tal-immanniġġjar tat-traffiku għal Vjal ir-Riħan. Intant bdew ukoll xogħlijiet fuq Triq MA Vassalli, liema xogħlijiet kienu jinkludu xogħol maġġuri fil-ġnub tat-triq, it-tkissir ta' parti mis-cental strip, kif ukoll il-kxif ta' diversi cables tal-elettriku. | Wara li daħlu fis-seħħ numru ta' sistemi tal-immanniġġjar tat-traffiku marbuta ma' dan il-proġett, ingħalqet Triq tas-Sliema mir-roundabout tal-Kappara lejn il-Gżira. Tkomplew ix-xogħlijiet tul Triq M A Vassalli, bil-bini tal-ħitan tal-ġnub u l-kxif ta' diversi servizzi li jeħtieġ jinbidlu. | Mistennija jitkomplew ix-xogħlijiet fuq diversi partijiet tal-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | bilanċ bejn li tara li l-kuntratturi jħaffu x-xogħlijiet billi jaħdmu anki billejl, u li ma jinħoloqx inkonvenjent żejjed għar-residenti. | | | | | | |
| 291a | **Toroq Ġodda**<br><br>Transport Malta se tinvesti €13–il miljun f'bini u irranġar ta' toroq matul is-sena d-dieħla fosthom Vjal ix-Xarolla, iż-Żurrieq. | Transport Malta | Saru laqgħat ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali involuti. Saru wkoll laqgħat mas-Sovritendenza tal-Wirt Kulturali fuq Triq il-Kuċċard, fejn instabu oġġetti ta' valur storiku u li ħa tkun qed issir flimkien mal-proġett ta' Vjal ix-Xarolla. | Id-disinn ta' Triq il-Kuċċard ġie emendat, u saret laqgħa ta' konsultazzjoni mal-kunsill lokali li min-naħa tiegħu ħareġ b'xi proposti addizzjonali li se jiġu integrati. Id-disinn il-ġdid ġie ppreżentat lill-Awtorità tal-Ippjanar. Fil-każ ta' Vjal ix-Xarolla, il-pjanti tlestew, u beda jiġi ffinalizzat it-tender. | Ġew ippubblikati l-ewwel tenders li jikkonċernaw Vjal ix-Xarolla fiż-Żurrieq u Triq il-Kuċċard f'Ħal Safi. It-tenders ġew aġġudikati u ntgħażlu l-offerenti preferuti. | Mistennija jibdew ix-xogħlijiet bit-twessigħ ta' Vjal ix-Xarolla fiż-Żurrieq. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 291b | Xogħlijiet oħra fi Triq Patri Pelaġju. | Transport Malta | Ix-xogħlijiet inbdew. Dawn jikkonsistu f'resurfacing, bini mill-ġdid tal-bankini, u t-tqegħid tas-servizzi. | Ix-xogħlijiet tlestew f'April. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 291c | U Triq Anthony Aquilina f'Ħaż-Żebbuġ. | Transport Malta | Ix-xogħlijiet inbdew. Dawn jikkonsistu f'resurfacing, bini mill-ġdid tal-bankini, u t-tqegħid tas-servizzi. Minbarra dawn ix-xogħlijiet, ser isiru xi xogħlijiet oħra fuq il-pedamenti tat-triq. | Ix-xogħlijiet tlestew f'April. | | | Implimentata |
| 292a | **Tidal System u Smart Traffic Management System**<br><br>F'għadd ta' toroq se nintroduċu b'esperiment it-tidal system, jiġifieri li minn kull 4 lanes, 3 jkunu użati għad-direzzjoni fejn l-aktar ikun hemm traffiku skont il-ħin tal-ġurnata. | Transport Malta | Inħarġet sejħa għall-offerti u beda x-xogħol fi Vjal Sir Paul Boffa, Raħal Ġdid. | Tlestew bosta xogħlijiet infrastrutturali fi Vjal Sir Paul Boffa. Ingħata l-asfalt, it-Tidal Lane ġiet imqabbda mal-mains tad-dawl, twaħħlu l-high impact bollards, u tlestew il-marki tal-karreġġjata. Wara li tlestew dawn ix-xogħlijiet, inbeda l-proċess tal-verifikazzjoni u kkummissjonar tas-sistemi. Ix-xogħlijiet fuq it-Tidal Lane tlestew. Sar monitoraġġ u ġiet iċċekkjata s-sistema kollha. Is-sistema qed taħdem kif mistenni. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 292b | Ninsabu fl-aħħar stadju tal-aġġudikazzjoni tal-Ismart Traffic Management System, li permezz ta' cameras se timmoniterja t-traffiku, tibgħat messaġġi lis-sewwieqa, u tgħin biex tiġi kontrollata aħjar is-sitwazzjoni. | Transport Malta | Il-kuntratt relatat mal-installazzjoni ta' CCTV cameras biex jimmonitorjaw it-traffiku ġie ffirmat f'Diċembru 2015. Sussegwentament Transport Malta kkordinat ix-xogħlijiet mal-kuntrattur biex jibda l-proċess tal-implimentazzjoni tax-xogħol. Sar il-FAT Test relatat mat-tagħmir li nxtara. Ix-xogħlijiet fuq l-installazzjoni tal-VMS tlesta. | Il-proġett tal-installazzjoni ta' CCTV cameras inbeda, fejn sar ix-xogħol preparatorju qabel ma jinfetaħ il-lant. Kompla x-xogħol fuq l-installazzjoni ta' sistemi elettroniċi għall-bus priority measures u l-adaptive systems. | Ix-xogħlijiet fuq l-installazzjoni tal-VMS u l-installazzjoni ta' CCTVs tlestew. Ix-xogħol fuq l-installazzjoni ta' sistemi elettroniċi għall-bus priority measures u l-adaptive systems tlesta. | Is-sistemi kollha tal-control centre mistennija jiġu amalgamati u jsir it-taħriġ lill-impjegati tal-Awtorità. | Implimentata |
| 293a | **Żwiemel u Trakkijiet fit-Toroq**<br><br>Intemmet il-konsultazzjoni dwar l-użu ta' trakkijiet u dalwaqt jittieħdu d-deċiżjonijiet. | Transport Malta | Saret konsultazzjoni dwar iċ-ċirkulazzjoni tat-trakkijiet fit-toroq. Saru wkoll diskussjonijiet mal-istakeholders. | L-emendi li saru mill-avukat ta' TM wara diskussjonijiet mal-istakeholders ġew diskussi internament. | Il-liġi ġiet ifformulata, u sussegwentament ġiet preżentata għall-kusiderazjoni tal-Kabinett. | | Implimentata |
| 293b | Intemmet il-konsultazzjoni dwar iż-żwiemel fit-toroq u dalwaqt jittieħdu d-deċiżjonijiet. | Transport Malta | Saru laqgħat mal-istakeholders bi tħejjija għall-implimentazzjoni tar-regolamenti. Saru laqgħat mas-sidien u d-dilettanti taż-żwiemel f'Malta u Għawdex biex ikunu spjegati l-obbligi l-ġodda li joħorġu mir-regolamenti. | Tkomplew jitwettqu l-miżuri amministrattivi kif ukoll tkomplew il-laqgħat mal-istakeholders bi tħejjija għall-implimentazzjoni sħiħa tar-regolamenti. | Iddaħħlu l-miżuri amministrattivi kollha. Saret laqgħa għas-sidien u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal-liċenzjar. Bdew deħlin l-applikazzjonijiet għal-liċenzjar taż-żwiemel, vetturi miġbuda miż-żwiemel u ta' xufiera/rikkieba. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 294 | **Trasport Pubbliku**<br><br>Is-sistema tat-trasport pubbliku hija work-in-progress u għadna m'aħniex sodisfatti minkejja l-progress sinifikanti fuq is-sistema ta' qabel. Se nkunu qed nistennew li n-network il-ġdid kollu jidħol fis-seħħ u se nesiġu mal-operatur li nkomplu naraw titjib fil-frekwenza u puntwalità. | Transport Malta | Wara li f'Novembru u f'Diċembru tas-sena l-oħra ġew introdotti r-rotot il-ġodda, minn Frar ta' din is-sena bdew jiġu implimentati numru ta' interventi, kemm fir-rotot kif ukoll fil-frekwenzi biex dawn ikunu jirriflettu aħjar il-bżonnijiet tal-pubbliku. | Kompliet l-implimentazzjoni tal-interventi fir-rotot u fil-frekwenzi tat-trasport pubbliku li nbdew fi Frar ta' din is-sena. | Mill-introduzzjoni ta' Tallinja Card, żdiedu n-numru ta' passiġġieri u żdiedet ukoll il-puntwalità. | | Implimentata |
| 295 | **Mezzi ta' Trasport ġodda madwar il-Portijiet**<br><br>Permezz tal-proġett Connections, li diġà ħarġet sejħa għalih, se naraw li t-trasport bil-baħar minn u lejn il-Belt Valletta, minn Tas-Sliema u min-naħa ta' isfel tal-pajjiż isir aktar aċċessibbli. Qed neżaminaw ukoll kif nies li jaslu x-xatt ikunu jistgħu jitilgħu fiċ-ċentru tal-Belt b'mod aktar komdu. B'mod strateġiku, il-Gvern qed jeżamina metodi alternattivi ta' trasport, fosthom permezz ta' tunnels taħt l-art, kif ukoll people movers fuq l-art. | Projects Malta | Projects Malta ħarġet sejħa għal proposti għad-disinn, bini u operat ta' transport links alternattivi fiż-żona ta' bejn il-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett. | Wara li sar il-proċess tal-għażla, l-offerent preferut ġie identifikat. Bħala parti mill-concession agreement, saru numru ta' konsultazzjonijiet u studji. | Projects Malta Ltd kienet ħarġet RfP għad-disinn, bini u operat ta' transport links alternattivi fiż-żona ta' bejn il-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett. Wara li sar il-proċess tal-għażla, l-offerent preferut ġie identifikat. Bħala parti mill-concession agreement, saru numru ta' konsultazzjonijiet u studji. Saru negozjati mal-offerent, u saru taħditiet mal-Awtorità għall-Ippjanar, l-Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi, il-UNESCO, u Transport Malta. | Mistennija ssir żjara mill-UNESCO f'Malta biex jiġi diskuss il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 296 | Transport Malta se timbarka fuq proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa mas-sewwieqa u dawk kollha li jużaw it-toroq b'mod regolari, sabiex tisma' ideat dwar kif jista' jitħaffef it-traffiku, kif ukoll biex jiġu identifikati aħjar toroq u ċirkustanzi li qed joħolqu aktar konġestjonijiet. | Transport Malta | Saru tħejjijiet relatati mal-kampanja, u ġie rivedut id-dokument li se joħroġ għall-konsultazzjoni pubblika. | Id-dokument relatat mal-konsultazzjoni pubblika ġie finalizzat, u l-istess konsultazzjoni pubblika tnediet f'Ġunju. Waqt din il-kampanja bdew isiru laqgħat mal-imsieħba soċjali u stakeholders oħra. | Il-konsultazzjoni pubblika għalqet f'Lulju. Bdiet l-analiżi tal-informazzjoni li waslet mill-pubbliku. | Il-konklużjonijiet mill-analiżi tal-informazzjoni li waslet mill-pubbliku mistennija jiġu inklużi fid-dokument. | Implimentata |
| 297a | **Car Sharing u l-Pjan Nazzjonali għaċ-Ċikliżmu**<br><br>Qed isir xogħol għat-tħejjija ta' car sharing u car pooling policy li tispjega l-vantaġġi li se jkun jista' jgawdi minnhom min jaħdem flimkien biex juża karozza waħda. Għal dan il-għan, Transport Malta għenet fl-iżvilupp ta' app li se tiġi mnedija dalwaqt. | Transport Malta | Saret konsultazzjoni mal-istakeholders. Tlesta abbozz għal sejħa ta' offerti fuq bażi ta' concession tender għal operatur privat biex jipprovdi servizz nazzjonali ta' car sharing. L-abbozz ġie studjat minn konsulenti legali qabel jiġi ppubblikat. Tkompliet il-prova tal-app li tnediet f'Ottubru 2015 f'żewġ skejjel privati. | Saret talba lill-Ministeru tal-Finanzi biex jiġi eżentat il-ħlas tar-reġistrazzjoni għal vetturi elettriċi li se jiffurmaw parti mill-flotta ta' vetturi għall-użu tas-servizz ta' car sharing. | Tkompla x-xogħol fuq is-sejħa għall-offerti dwar servizz ta' car sharing. | Mistenni li s-sejħa għall-offeri taħt forma ta' konċessjoni tiġi ppubblikata mid-Dipartiment tal-Kuntratti u l-offerti li jidħlu jiġu evalwati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 297b | Sadanittant se nibdew naħdmu fuq Pjan Nazzjonali għaċ-Ċikliżmu. | Transport Malta | Saru diskussjonijiet mal-istakeholders dwar iċ-ċikliżmu. Ir-riċerka dwar il-Pjan Nazzjonali għaċ-Ċikliżmu tlestiet, u nbeda l-proċess tal-kompilazzjoni u analiżi tal-informazzjoni. Tfassal proġett nazzjonali dwar electric bicycle. Il-proġett jinkludi wkoll kampanja edukattiva u studju għal rotot għaċ-ċikliżmu. | Ħarġet sejħa għall-offerti għal studju bi tħejjija għal proġett ta' ebike-sharing u tfassil tar-rotot għall-użu ta' persuni li jużaw ir-rota bħala mezz ta' trasport. Tlestiet ir-riċerka dwar il-Pjan Nazzjonali għaċ-Ċikliżmu u kompla l-proċess tal-kompilazzjoni u analiżi tal-informazzjoni. | Saret l-aġġudikazzjoni ta' sejħa għall-offerti għal studju li jikkonċerna l-identifikazzjoni ta' postijiet fejn se jiġu nstallati 45 stazzjon għal roti li jaħdmu bl-elettriku. L-istudju li jikkonċerna l-identifikazzjoni ta' postijiet fejn se jiġu installati 45 stazzjon għal roti li jaħdmu bl-elettriku ġie kkommissjonat. | Huwa ppjanat li toħroġ sejħa għall-offerti taħt forma ta' konċessjoni għal servizzi ta' bike sharing. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 378 | **Aktar inċentivi għal karozzi li jniġġsu anqas**<br><br>Nafu li sors ewlieni ta' tniġġis fl-arja huma l-karozzi. Sabiex inkomplu nħeġġu x-xiri ta' vetturi li jħammġu anqas, kull min għandu vettura hybrid jew li taħdem bl-elettriku se jiġi eżentat milli jħallas it-tariffi tas-CVA, li huma applikabbli meta vettura tidħol il-Belt. | Transport Malta | L-emendi fir-regolamenti tas-CVA biex jirriflettu din il-miżura ġew ippreżentati lill-Ministeru għall-approvazzjoni. Is-sistema tal-VERA ġiet aġġornata biex din il-miżura tkun implimentata. L-emendi fir-regolamenti tal-VRT biex jirriflettu din il-miżura ġew ippubblikati permezz ta' Avviż Legali. | | | | Implimentata |

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 361 | **Studenti Għawdxin f'Malta**<br><br>L-allowance li jingħataw l-istudenti Għawdxin f'Malta se tiżdied bi €300 għal kull student fis-sena. Din il-miżura tidħol fis-seħħ mis-sena d-dieħla. | Dipartiment tal-Customer Services | Sar l-ewwel pagament biż-żieda. | Sar it-tieni pagament biż-żieda. | Sar it-tielet u l-aħħar pagament għas-sena 2016. | | Implimentata |
| 362 | **Tender għal Terminal tal-Cruise Liners u Yacht Marina f'Għawdex**<br><br>Għaddejjin negozjati mal-konsorzju li ssottometta l-proposti tiegħu. | MGOZ flimkien mal-MEIB | Saru diskussjonijiet dwar l-akkwist tal-art mill-konsorzju għall-Yacht Marina u l-Cruise Liner Terminal. | Komplew id-diskussjonijiet dwar l-akkwist tal-art. | Komplew id-diskussjonijiet dwar l-akkwist tal-art. | Ħa jitkomplew id-diskussjonijiet biex tittieħed deċiżjoni mill-Gvern fuq dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 363 | **Baga għall-cruise liners fix-Xlendi**<br><br>B'kollaborazzjoni bejn il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura u l-Ministeru għal Għawdex, qegħdin isiru studji dwar il-baga ġdida li kien hemm bżonn flok dik eżistenti fix-Xlendi. Dawn waslu fi stadju avvanzat. Dawn l-istudji jinkludu kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-preservazzjoni tal-ambjent naturali u ta' fdalijiet arkeoloġiċi li jinstabu f'qiegħ il-baħar. | Id-Direttorat għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku | Ġew approvati n-negozjati għat-tieni studju mad-Dipartiment tal-Kuntratti u ġie ffinalizzat u ffirmat il-kuntratt mal-entità li ġiet ikkumissjonata biex tagħmel dan l-studju. | Inbeda x-xogħol fuq it-tieni studju ta' taħt il-baħar. | Tkompla x-xogħol marbut mat-tieni studju fil-baħar. | Huwa mistenni li jiġi ċċertifikat ir-riżultat tat-tieni studju ta' taħt il-baħar u li jinbeda x-xogħol biex jinħareġ it-tender għall-installazzjoni tal-baga. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 364 | **SME Park f'Għawdex**<br><br>Iż-żona industrijali fix-Xewkija għandha potenzjal li tiġi estiża. Saret applikazzjoni għall-fondi Ewropej biex jinbena park għal entitajiet żgħar fejn dawn ikunu jistgħu joffru x-xogħol tagħhom f'ambjent adattat. | Id-Direttorat għall-Proġetti u Żvilupp | Wara li s-sena l-oħra ġiet sottomessa applikazzjoni għall-kostruzzjoni ta' SME Park fix-Xewkija mal-MEPA, inħarġet screening letter fejn saru numru ta' rakkomandazzjonijiet. Saru numru ta' laqgħat bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Awtorità tal-Ippjanar. Il-pjanti ġew emendati. | L-applikazzjoni għall-kostruzzjoni ta' SME Park fix-Xewkija ġiet emendata bi pjanti ġodda biex tirrifletti t-talbiet magħmula mill-Awtorità tal-Ippjanar fl-iscreening letter. Ġew finalizzati Fire Safety and Ventilation Report u Utility and Storm Water Management Plans għall-approvazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Ġiet sottomessa emenda fl-applikazzjoni għall-kostruzzjoni tal-SME Park lill-Awtorità tal-Ippjanar . | Jiġi pubblikat it-tender għax-xogħol ta' tħammil wara li jkunu ħarġu l-permessi kollha neċessarji mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 365 | **Xogħlijiet madwar Għawdex**<br><br>Twaħħlu diversi pannelli fotovoltajċi fil-qasam tad-djar magħruf bħala Taċ-Ċawla. Sejjer jitqiegħed parquet ġdid fil-Gozo Gymnasium, u jitkompla x-xogħol tat-tkabbir taċ-Ċimiterju tar-Rabat. Hemm pjanijiet ta' tisbiħ ta' iktar toroq u pjazez f'Għawdex kif ukoll kisi bit-tarmak ta' għadd ta' toroq madwar Għawdex. | Id-Direttorat għall-Proġetti u Żvilupp | Ix-xogħol fuq il-gymnasium u ċ-Ċimiterju tar-Rabat tlesta. Tkomplew xogħlijiet fuq Triq ir-Repubblika, Victoria. Tlestiet Triq Dawwara, Victoria, u l-ewwel fażi ta' Triq ta' Ċenċ, Sannat. F' Marzu nbeda x-xogħol fuq il-junction tal-Pjazza ta' Ta' Ċenċ, Sannat. Bdew diskussjonijiet preliminari mal-istakeholders prinċipali biex jibda x-xogħol fuq Triq Gedrin u Triq Għajn Qatet, Victoria. | Tlesta x-xogħol fuq il-junction tal-Pjazza ta' Ta' Ċenċ, Sannat. Tlesta wkoll ix-xogħol fi Triq Gedrin, Victoria. Inbeda x-xogħol fi Triq Għajn Qatet, Victoria. Tlesta x-xogħol fi Triq ir-Repubblika. | Tlesta x-xogħol f'Misraħ il-Vitorja u Vjal it-8 ta' Settembru fix-Xagħra u tlestiet ukoll l-ewwel fażi tax-xogħol fi Triq Għajn Qatet, Victoria. Tkompla x-xogħol fi Triq Gedrin, Victoria. | Huwa ppjanat li jitlesta x-xogħol fuq it-tieni fażi ta' Triq ta' Ċenċ, Triq Sannat, Sannat, Triq Wileg il-Qala u Triq Vajringa, Victoria. Jitkompla wkoll ix-xogħol fuq Triq Sannat is-Sannat, Triq Wileg il-Qala u Triq ir-Rabat iż-Żebbuġ, Għawdex. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 366 | **Restawr taċ-Ċittadella**<br><br>Ir-restawr estensiv taċ-Ċittadella, li sewa €14-il miljun, wasal fit-tmiem tiegħu tant li hu maħsub li x-xogħol jitlesta sal-aħħar ta' din is-sena. Barra r-restawr ta' dan il-ġojjell f'nofs il-gżira, sejjer jittejjeb l-aċċess għall-post u jingħataw servizzi ġodda bħall-interpretation centre. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Kompla x-xogħol fuq iċ-Ċentru tal-Viżitaturi. Ġie kkummissjonat u installat bieb għall-fetħa fis-swar taċ-Ċittadella. Saret rikostruzzjoni ta' passaġġi, il-pjazza u toroq fil-madwar, sistema ta' dwal, manifattura u installazzjoni ta' xogħlijiet tal-azzar, sinjali ta' direzzjoni u informazzjoni, installazjoni ta' lifts u ċentru tal-arti. | Tlesta x-xogħol kollu marbut mal-proġett. | | | Implimentata |
| 367 | **Bini ġdid għall-Qorti ta' Għawdex**<br><br>Wara konsultazzjoni mal-MEPA, saru pjanti ġodda li jakkomodaw aħjar dan l-iżvilupp. | Id-Direttorat għall-Proġetti u Żvilupp | Id-disinn ġie ffinalizzat u approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar. It-Traffic Impact Statement ġie ffinalizzat u aċċettat minn Transport Malta. | Stennija għall-għoti tal-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Inħarġu l-permessi meħtieġa u nbeda x-xogħol fuq is- sejħiet pubbliċi għall-offerti. | Mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għall-bini ta' parkeġġ taħt l-art. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 368 | **Djar għall-anzjani f'Għawdex**<br><br>Din is-sena beda l-iskavar tal-post u fl-2016 tibda l-kostruzzjoni tad-dar. Il-post huwa maħsub li jakkomoda wkoll koppji tant li se jipprovdi 70 kamra li jakkomodaw 140 anzjan. Dan apparti estensjoni speċjali għal dawk li jsofru mid-dimenzja. | Id-Direttorat għall-Proġetti u Żvilupp | Ġie konkluż il-proċess ta' aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti għall-bini tad-dar tal-anzjani. Ġie ffirmat il-kuntratt. | Beda x-xogħol ta' kostruzzjoni. | Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni. | Huwa mistenni li jitlesta l-ewwel u t-tieni sular tal-bini. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 369 | **Rifużjoni ta' paga għal impjegati ġodda f'Għawdex**<br><br>Se nagħtu iktar inċentivi biex jinħolqu impjiegi ġodda mas-settur privat f'Għawdex billi għal kull impjegat li jiġi offrut kuntratt ta' tliet snin jew iżjed, jingħata rifużjoni ta' 20% tal-paga medja ta' impjegat sa massimu ta' €5,000. | MGOZ flimkien ma' Jobsplus | Tnediet l-iskema li r-riżultati tagħha jibdew jinħassu fi żmien tliet snin. | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 370 | **Proġetti oħra**<br><br>Proġetti oħra li jtejbu l-ħajja tal-Għawdxin fis-snin li ġejjin jinkludu pixxina. | Id-Dipartiment tal-Customer Services | Ħarġet sejħa għal proposti u bdiet tiġi evalwata. | Baqa' għaddej il-proċess tal-evalwazzjoni tas-sejħa għal proposti. | Tlesta l-proċess ta' evalwazzjoni u nbeda l-proċess biex jiġi ffirmat il-Memorandum of Understanding bejn il-kumpanija magħżula, il- Privatisation Unit u l-Ministeru Għal Għawdex. | Jiġi ffirmat il-Memorandum of Understanding. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 371 | Riġenerazzjoni ta' Pjazza San Franġisk li tinkludi aċċess ġdid għall-parkeġġ ewlieni tal-Belt Victoria. | Id-Direttorat għall-Proġetti u Żvilupp | Ħarġet sejħa għall-offerti għal xogħol ta' skavar u l-kostruzzjoni tat-taraġ. Is-sejħa ġiet evalwata u mogħtija. | Tlesta x-xogħol ta' skavar u beda xogħol ta' kostruzzjoni fuq it-taraġ. Tħejjiet sejħa għall-offerti għall-finishing tat-taraġ. | Tlesta x-xogħol fuq il-pedamenti tat-taraġ u beda x-xogħol fuq il-kostruzzjoni tiegħu. Bdiet titħejja sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' finishing. | Huwa ppjanat li jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni u jiġu evalwati s-sejħiet għall-offerti tax-xogħlijiet tal-finishing. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 372 | Il-Ministeru għal Għawdex se jkompli fuq programm intensiv ta' tisbiħ tal-widien u bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ f'diversi lokalitajiet. | Id-Direttorat għal EkoGħawdex u Żvilupp Reġjonali | Tħejjiet applikazzjoni għall-fondi tal-Unjoni Ewropea għad-diversi proġetti relatati mal-ilma mmexxija mis-SEWCU taħt il-programm LIFE IP. Ġew approvati permessi ta' tindif ta' żewġ widien, li huma Wied is-Seqer, l-Għasri, u Wied ta' Mġarr ix-Xini, Sannat. | Sar xogħol fuq bini ta' ħitan tas-sejjieħ b'tul ta' madwar 90 metru fi Triq tal-Gruwa, Sannat. Tħejjew sejħiet għall-offerti għat-tindif tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini. | Beda x-xogħol ta' tindif tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini limiti ta' Sannat. Ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti tat-tindif ta' Wied il-Għasri, limiti tal-Għasri. | Jitkompla u jitlesta x-xogħol relatat mat-tindif tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini. Jinbeda x-xogħol fuq Wied il-Għasri. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa.. |
| 373 | Noħolqu iktar xogħol f'Għawdex billi nġibu iktar xogħol ta' back office minn Malta għal Għawdex.  Fost dawn hemm it-taqsima tas-salarji tad-Dipartiment tal-Pulizija. | Id-Direttorat Ġenerali (Operations) | Inbeda proċess biex jiġu identifikati uffiċjali li huma residenti f'Għawdex u li huma assenjati xogħol ma' Ministeri u Dipartimenti f'Malta, biex jiġi determinat min huwa dispost li jiġi trasferit lejn Għawdex. | L-uffiċjali pubbliċi Għawdxin li jaħdmu f'Malta ngħataw l-opportunità li jmorru jaħdmu f'Għawdex. | Tħejja pjan għall-migrazzjoni tat-taqsima tas-salarji tad-Dipartiment tal-Pulizija. Il-Management Efficiency Unit ġew ikkummissjonati biex iħejju l-pjan. | Jiġi diskuss il-pjan propost mill-Management Efficiency Unit. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 374 | Se jsiru applikazzjonijiet biex jiġu restawrati postijiet storiċi f'Għawdex fosthom l-akwedott li kien iwassal l-ilma minn Santa Luċija sar-Rabat, il-Mitħna tax-Xewkija u l-Għar ta' Kalipso, ix-Xagħra. | Id-Direttorat għall-Implimentazzjoni ta' Programmi | Ġiet ippreparata u sottomessa l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej. | Stennija għall-eżitu tal-applikazzjoni għall-fondi tal-Unjoni Ewropea. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni tal-iżvilupp lill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Stennija għall-eżitu tal-applikazzjoni għall-fondi tal-Unjoni Ewropea għall-Mitħna tax-Xewkija u l-Għar ta' Kalipso. | Jibda l-proċess għat-tħejjija u l-ħruġ tat-tenders rispettivi.<br><br>Jekk jiġi approvat il-proġett tal-Mitħna tax-Xewkija u l-Għar ta' Kalipso, jibda l-proċess biex jitħejjew u jinħarġu t-tenders. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 377 | Hemm pjanijiet għal mużew ta' Għawdex u se jiġu akkwistati oġġetti ta' arti għal dan il-mużew. | Id-Direttorat għall-Implimentazzjoni ta' Programmi | Ġiet ippreparata sejħa għal kompetizzjoni għad-disinn għat-twettiq tal-mużew. | Ingħalqet is-sejħa għal kompetizzjoni u beda l-proċess ta' evalwazzjoni. | Tlesta l-proċess ta' evalwazzjoni u ġie ppubblikat ir-riżultat. Sadanittant sar appell minn wieħed mill-offerenti, liema appell beda jinstema' quddiem il-Public Contracts Review Board. | Stennija għall-eżitu tal-appell biex jitkompla l-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

# MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI, AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 109 | Il-kumpens għall-għoli tal-ħajja s-sena d-dieħla se jkun ta' €1.75 fil-ġimgħa. | Id-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali | Il-kumpens għall-għoli tal-ħajja ta' €1.75 fil-ġimgħa ddaħħal fis-seħħ permezz ta' Avviż Legali. | | | | Implimentata |
| 110 | L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, l-OHSA, se tkompli taħdem biex tħaffef il-proċess biex min għandu xi obbligu legali jkun jista' jikkonforma ruħu mal-ħtiġijiet tal-liġi b'iktar faċilità. F'dan ir-rigward, se jitkompla l-proċess ta' simplifikar ta' regolamenti u żvilupp ta' iktar għodda li tista' tintuża minn dawk li għandhom l-ikbar numru ta' obbligi legali, iżda li ma jkollhomx ir-riżorsi meħtieġa. B'dan il-mod, l-OHSA tkun qed tiffaċilita l-proċess u tnaqqas l-ispejjeż lil dak li jkun biex jikkonforma mal-liġi. | L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol | (a) Emendi tar-regolamenti tal-kostruzzjoni - Ġie ppreparat tibdil fir-regolamenti tal-kostruzzjoni. (b) Emendi tar-regolamenti dwar l-użu t'apparat fuq il-post tax-xogħol - il-proposti mħejjija mill-OHSA kienu approvati mill-Kabinett u nbdiet konsultazzjoni pubblika dwarhom. (ċ) Gwidi ta' prattiċi tajba ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol - dawn kienu ffinalizzati. | (a) Emendi tar-regolamenti tal-kostruzzjoni - L-OHSA kompliet taħdem fuq l-abbozzar ta' dawn ir-regolamenti, anke permezz ta' laqgħat ma' esperti mir-Renju Unit u mill-Irlanda. (b) Emendi tar-regolamenti dwar l-użu t'apparat fuq il-post tax-xogħol - Il-proposti li daħlu mill-konsultazzjoni pubblika kienu diskussi mal-imsieħba soċjali. L-OHSA bdiet tiffinalizza l-emendi għar-regolamenti f'dan is-settur, biex eventwalment jinħareġ l-Avviż Legali. | (a) Emendi tar-regolamenti tal-kostruzzjoni - Saru diskussjonijiet mas-Segretarjat Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva dwar numru ta' provvedimenti fir-regolamenti tal-kostruzzjoni kif proposti mill-OHSA.<br><br>(b) Emendi tar-regolamenti dwar l-użu t'apparat fuq il-post tax-xogħol - Ir-regolamenti l-ġodda mħejjija mill-OHSA kienu approvati mill-Kabinett u ġew ippubblikati bħala Avviż Legali. | (a) Emendi tar-regolamenti tal-kostruzzjoni - Dawn ir-regolamenti l-ġodda mistennija jkunu approvati u jiddaħħlu fl-aħħar kwart tal-2016. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 111 | Għar-rigward tal-Awtorità dwar il-Mediċini, għas-sena d-dieħla, se jissaħħu t-taħriġ u l-opportunitajiet ta' sapport fl-istudju kif ukoll se jkun estiż it-traineeship programme sabiex is-settur ikompli jiżviluppa. Se nkomplu nibnu fuq ir-riżultati ta' dawn l-aħħar sentejn u nżidu l-opportunitajiet ta' sapport fl-istudju, li żdiedu minn 10% fl-2013 għal 70% fl-2015. Se nsaħħu s-sistemi informatiċi sabiex l-imsieħba tal-Awtorità jinqdew aħjar. | L-Awtorità dwar il-Mediċini | Inħarġet Espressjoni ta' Interess għat-traineeship programme. L-applikazzjonijiet kollha li daħlu kienu evalwati u saru anke l-intervisti tal-applikanti li kienu msejħa għal dan il-għan. Sar taħriġ estensiv fejn jidħlu oqsma farmaċewtiċi avvanzati, b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu spezzjonijiet ta' fabbriki tal-manifattura li jipproduċu mediċini sterili. L-Awtorità dwar il-Mediċini varat numru ta' inizjattivi biex tagħti sapport lil kull impjegat biex jilħaq tal-inqas kwalifika fil-livell numru 5 skont il-Malta Qualifications Framework. L-Awtorità ħadmet man-National Competent Authority tal-Irlanda biex l-Awtorità jkollha l-aktar sistema informatika avvanzata possibbli. | L-applikanti li ntgħażlu mill-ewwel sett ta' intervisti bdew it-traineeship tagħhom mal-Awtorità. Sadanittant, beda t-tieni sett ta' intervisti marbuta mal-istess traineeship programme. | It-tieni sett ta' intervisti għal dawk li applikaw għat-traineeship programme' tlesta wkoll, u dawk il-kandidati li ntgħażlu ser jiddaħħlu fuq it-traineeship programme fi żmien qasir. Il-ħidma bażika fuq din il-miżura tlestiet, iżda dan il-proċess jibqa' wieħed kontinwu. | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 112 | Il-proġett fejn jissaħħu l-laboratorji nazzjonali se jkompli. Dan għandu jwassal biex dawn mhux biss jirċievu l-akkreditazzjoni neċessarja iżda wkoll tiżdied iż-żamma tal-kwalità skont normi Ewropej. | Malta Laboratories Network | Tħejjew il-kriterji għat-twaqqif ta' dan in-network tal-laboratorji fil-Project Selection Committee mwaqqaf mill-MSDC. | In-network tal-labarotarji twaqqaf u beda jiffunzjona. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 113 | Huwa ppjanat li jitwaqqfu laboratorji skont kif titlob l-arti tax-xjenza billi jinfetħu laboratorji sofistikati fit-taqsima tad-DNA u tossikoloġija, kemm dik forensika u oqsma oħra relatati. | Malta Laboratories Network | Beda x-xogħol biex jitwaqqfu laboratorji ġodda fit-taqsima tad-DNA u tat-tossikoloġija. Saret l-evalwazzjoni tas-sottomissjoni li daħlet wara s-sejħa ta' interess li kienet inħarġet. Tkomplew ix-xogħlijiet neċessarji biex jitwaqqfu l-laboratorji l-ġodda fil-Life Sciences Park. | Il-laboratorju fit-taqsima tad-DNA tlesta u nfetaħ uffiċjalment fil-Life Sciences Park mill-Prim Ministru f'Ġunju. | | | Implimentata |
| 114 | Hu maħsub li matul is-sena 2016 dawn il-laboratorji jkunu mmexxija fuq linji ta' negozju sostenibbli. | Malta Laboratories Network | Ġie ffirmat l-ewwel ftehim li permezz tiegħu l-Malta Laboratories Network ser jibda jkollha dħul ta' 10% fuq id-dħul ta' wieħed mil-laboratorji. Kien iffinalizzat l-istudju li sar mill-Management Efficiency Unit f'dan ir-rigward. | Għal kull proġett individwali beda jsir Memorandum of Understanding mal-entità esperta fil-qasam partikolari, biex jiġi aċċertat li kull laboratorju jkun immexxi fuq linja ta' negozju sostenibbli. | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 115 | **Il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali**<br><br>Kif imwiegħed fil-programm elettorali, il-Gvern huwa kommess li l-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali jissaħħaħ. Fil-bidu ta' din is-sena, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili ħatret working group bil-għan li jitressqu proposti u rakkomandazzjonijiet għar-ristrutturar tal-MCESD biex ikun jista' jaħdem aħjar. Wara li l-Gvern itemm l-evalwazzjoni ta' dawn il-proposti, huwa ppjanat li kmieni s-sena d-dieħla titħabbar riforma fl-MCESD. Dan għandu jwassal biex tissaħħaħ il-komunikazzjoni bejn il-partijiet soċjali kollha fi ħdan is-soċjetà Maltija u l-istrutturi ta' dan il-Kunsill kif ukoll titwaqqaf sistema fejn kull entità fis-soċjetà Maltija tkun tista' verament issemma' leħinha. | Il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, MSDC | Wara l-approvazzjoni tal-Kabinett, dokument ta' pożizzjoni bil-proposti ta' ristrutturar intbagħat għall-konsiderazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma mwaqqaf apposta fi ħdan l-MCESD. Bdiet titfassal il-pożizzjoni/reazzjoni tal-imsieħba soċjali għall-imsemmija proposti ta' ristrutturar. | Il-memorandum li sar bil-proposti għat-tibdil fil-liġi tal-MCESD ġie approvat mill-Kabinett. Tfasslu l-emendi legali neċessarji u nbeda l-proċess biex dawn l-emendi jitressqu għad-diskussjoni fil-Parlament. | L-emendi tal-liġi ġew finalizzati u l-memorandum tressaq quddiem il-Kabinett għall-approvazzjoni. | Wara l-approvazzjoni tal-Kabinett, l-abbozz ta' liġi bit-tibdil fil-liġi tal-MCESD mistenni jkun diskuss u maqbul mill-Parlament fl-aħħar kwart tal-2016. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 116 | **It-Twaqqif ta' Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza**<br><br>Għal dak li għandu x'jaqsam mat-twaqqif ta' Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza, matul l-2015 il-Gvern ikkummissjona żewġ abbozzi ta' liġijiet. Wieħed sabiex jifformula l-liġi preżenti tal-ugwaljanza sabiex jestendi dan il-prinċipju fl-oqsma kollha tal-ħajja u l-ieħor sabiex jirriformula l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza f'Istitut Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem li jkun kompletament indipendenti mill-Gvern u li jkun jirrispondi direttament lill-Parlament. Dawn l-abbozzi se jkunu qed jitmexxew 'il quddiem fil-ġimgħat li ġejjin biex is-sena d-dieħla jitwaqqaf dan l-Istitut Nazzjonali. | Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni | Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni twaqqaf fi ħdan il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili. Tlestiet il-konsultazzjoni pubblika dwar iż-żewġ abbozzi ta' liġijiet u saret anke diskussjoni fuq is-suġġett mal-imsieħba soċjali fi ħdan l-MCESD. | Tkompla d-djalogu fuq is-suġġett mal-entitajiet ikkonċernati, inkluża l-Knisja. Matul il-konsultazzjonijiet mal-imsieħba soċjali, ħareġ li kellhom riservi dwar ċerti dispożizzjonijiet f'dawn l-abbozzi ta' liġijiet, anke jekk dawn diġà jikkostitwixxu standards minimi tal-liġi Ewropea u parti sew minnhom diġà jinsabu fil-liġi Maltija. | Il-konsultazzjoni ġiet fi tmiemha. Bdiet ħidma mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u mal-Justice Unit dwar dawn l-abbozzi, qabel dawn jgħaddu għand il-Kabinett għall-approvazzjoni. | Wara l-approvazzjoni tal-Kabinett, iż-żewġ abbozzi ta' liġijiet mistennija jkunu diskussi fil-Parlament fl-aħħar kwart tal-2016. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Fl-istess waqt, il-Gvern qed jaħdem sabiex ikollu struttura ġdida li tiżgura l-ugwaljanza u d-drittijiet fil-ħidma tiegħu. Fil-fatt, għaddejjin l-aħħar tħejjijiet sabiex jitwaqqaf Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni fi ħdan il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili. | | | | | | |
| 117 | **Is-Settur Volontarju**<br><br>Għas-sena li ġejja, il-Gvern se jkompli jsaħħaħ l-inizjattivi li ttieħdu f'dawn l-aħħar sentejn fis-settur volontarju, fosthom l-iskema ta' stipendji għal żgħażagħ li jwettqu ħidma volontarja u l-ftuħ ta' żewġ Ċentri tal-Volontarjat, kif ukoll l-iskemi ta' għoti ta' fondi u programmi ta' taħriġ. Is-sena d-dieħla, se niftħu t-tielet Ċentru tal-Volontarjat fin-nofsinhar ta' Malta sabiex b'hekk inkunu wettaqna bis-sħiħ wegħda elettorali oħra favur dan is-settur. Għas-sena d-dieħla, qegħdin nallokaw €335,000 biex ngħinu lis-settur volontarju. | Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat | Inħarġu l-applikazzjonijiet tal-fond Voluntary Organisations Projects Scheme. Saru sessjonijiet ta' taħriġ indirizzati għall-amministraturi tal-għaqdiet volontarji. Iltaqa' l-Kumitat Interministerjali dwar il-koordinament ta' informazzjoni ta' fondi indirizzati għas-settur tal-volontarjat. Tkomplew it-tliet riċerki fl-aspetti varji tas-settur tal-volontarjat. | Kompliet l-iskema ta' stipendji għal żgħażagħ u qed jinħadmu l-linji gwida għall-fażi li jmiss, dwar esperjenza barra minn Malta.  Dan wara li din l-iskema ġiet imnedija f'Mejju tal-2015. Intant bdiet l-evalwazzjoni tal-espressjoni ta' interess biex tgħin liż-żgħażagħ li jsiefru barra minn Malta. Fil-proġetti tal-Voluntary Organisations Projects Scheme ġew mogħtija l-kuntratti u bdew kollha. Ħarġu wkoll l-applikazzjonijiet taħt l-istruttura l-ġdida ta' taħriġ. | Tnedew żewġ inizjattivi oħra f'dan il-qasam. Waħda kienet dwar l-iskema ta' stipendji għal żgħażagħ li minn din is-sena se tkun estiża għal esperjenza ta' ħidma volontarja barra minn Malta. Inizjattiva oħra kienet tikkonċerna l-istruttura l-ġdida ta' taħriġ li toffri opportunità lill-voluntiera li jmorru għal taħriġ barra minn Malta, kif ukoll li organizzazzjonijiet joffru taħriġ huma lokalment, kif ukoll infetħu l-applikazzjonijiet tas-Civil Society Fund. | Tibqa' għaddejja l-ħidma marbuta mal-iskema ta' stipendji għaż-żgħażagħ, liema skema m'għandhiex skadenza. Mistennija jingħataw Premji Nazzjonali għas-Settur tal-Volontarjat. Mistenni wkoll jiġi inawgurat uffiċjalment it-tielet Ċentru tal-Volontarjat, li ser jinfetaħ fir-Rabat, Malta. Barra minn hekk, ser tkompli l-kollaborazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta dwar Ċentru tal-Volontarjat f'Marsaxlokk. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Tkomplew it-tliet riċerki fl-aspetti varji tas-settur tal-volontarjat.<br><br>Bħalissa hemm żewġ Ċentri tal-Volontarjat miftuħin, wieħed il-Belt u l-ieħor fil-Qawra. Bdiet ħidma biex jinfetħu żewġ ċentri oħra, fosthom wieħed fir-Rabat (Malta). Bdew ukoll preparamenti biex ikun hemm ċentru ieħor f'Marsaxlokk. | | | | |
| 118 | **Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**<br><br>Ilha tinħass il-ħtieġa li tissaħħaħ il-funzjoni tal-Kummissjoni għall Vjolenza Domestika. Għal dan il-għan, għas-sena d-dieħla, il-Gvern se jżid il-vot ta' din il-Kummissjoni għal €70,000, kważi d-doppju tas-sena 2014. Dan se jgħin biex il-Kummissjoni tkun tista' verament tkabbar il-ħidma tagħha f'dan il-qasam biex tassigura li l-obbligi ta' Malta li joħorġu mill-Konvenzjoni ta' Istanbul jiġu mwettqa. | Il-Kummissjoni għall-Vjolenza Domestika | Kompla x-xogħol fuq l-emendi fil-liġi bl-iskop ewlieni ta' dawn l-emendi jkun li tingħata protezzjoni legali għad-drittijiet tal-vittmi tal-vjolenza domestika. Dawn l-emendi fil-qasam tal-vjolenza domestika għandhom rabta mal-obbligi ta' Malta li joħorġu mill-Konvenzjoni ta' Istanbul. | Kompliet tissaħħaħ l-istruttura amministrattiva bl-ingaġġ ta' Research Analyst. Tlaqqgħu Focus Groups for Domestic Violence Service Providers f'Għawdex, fejn kienu mistiedna professjonisti fuq is-suġġett. Beda jitħejja rapport dwar l-eżitu ta' dawn il-Focus Groups, inklużi l-proposti dwar x'għandu jsir fil-ġejjieni f'Għawdex f'dan il-qasam. | Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika kienet ri-kostitwita u għamlet evalwazzjoni ta' fejn kienet waslet il-ħidma tal-Kummissjoni preċedenti biex ix-xogħol f'dan il-qasam ikun jista' jitkompla. | Il-konferenza annwali tal-Kummissjoni tkun organizzata f'Novembru. Sadanittant, il-Kummissjoni mistennija tkompli żżid il-ħidma tagħha f'dan il-qasam bil-għan li Malta tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Sar ukoll seminar biex il-Kummissjoni tfakkar l-10 snin mit-twaqqif tagħha, fejn ingħataw ukoll il-premjijiet ta' kompetizzjoni tat-tpinġija li kienet miftuħa għall-istudenti. | Sar ukoll kuntatt mal-Judiciary Studies Committee dwar il-possibilità ta' kollaborazzjoni dwar taħriġ f'dan il-qasam għall-ġudikatura u l-avukati. | | | |
| 119 | **Prekarjat**<br><br>Fejn jirrigwarda l-ħidma kontra l-prekarjat, qed isir it-twettiq tal-pegging tas-salarji fejn għall-ewwel darba, ħaddiema li jaħdmu b'kuntratti mas-settur pubbliku, u li l-kuntratt tax-xogħol skada jew kien jiskadi matul din is-sena, bdew igawdu rata ta' salarju simili għal dik li jgawdu ħaddiema fis-settur pubbliku. Se tkompli tiġi mwettqa fil-każ ta' kuntratti għal servizzi ma' dipartimenti jew entitajiet fis-settur pubbliku li se jiskadu matul l-2016.<br>Bil-għan li l-liġi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tibqa' tiġi infurzata, fil-ġimgħat li ġejjin, | Id-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali | Il-pegging tas-salarji beda fis-sena 2015 u b'hekk ħaddiema li kienu jaħdmu b'kuntratti mas-settur pubbliku, u li l-kuntratt tax-xogħol skada jew kien se jiskadi matul is-sena, bdew igawdu rata ta' salarju simili għal dik li jgawdu ħaddiema fis-settur pubbliku. Dan il-proċess kompla jitjieb fl-2016, fejn kien rakkomandat illi jibda jintuża l-kunċett tal-Most Economically Advantageous Tender (MEAT) fl-għoti tal-kuntratti fl-oqsma msemmija. Intant ġew ingaġġati ħames spetturi tal-EIRA ġodda, li bdew jingħataw it-taħriġ | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Il-Gvern se jkun qed jingaġġa seba' spetturi tax-xogħol u staff ieħor biex ikunu mħarsa wkoll ir-regolamenti tal-Gvern kontra x-xogħol prekarju. | | neċessarju dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol kif ukoll dwar ir-regolamenti tal-Gvern kontra x-xogħol prekarju. Ġew ingaġġati wkoll żewġ Senior Managers fuq ħidma dwar xogħol prekarju. | | | | |
| 120 | Id-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali se jkun qed jippubblika wkoll u jqassam Charter bil-kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol f'kull dar f'Malta u f'Għawdex sabiex il-partijiet kollha involuti, inklużi ħaddiema f'setturi vulnerabbli, ikunu mgħarrfa bil-kundizzjonijiet bażiċi li huma jistennew li jkollhom fil-postijiet tax-xogħol rispettivi tagħhom. | Id-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali | Tkomplew il-preparamenti neċessarji marbuta maċ-Charter, inkluż l-aġġornament tal-kontenut li għandu jkun inkluż, bil-kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol. | Iċ-Charter kien ippubblikat onlajn u tqassam ukoll f'kull residenza f'Malta u f'Għawdex. | | | Implimentata |
| 121 | Bi qbil mal-imsieħba soċjali u wara diskussjoni fi ħdan l-MCESD, il-Gvern qed jeżamina kif jista' jassigura li d-drittijiet bażiċi jkunu inklużi awtomatikament fil-kuntratti tax-xogħol. | Id-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali | Saret ħidma biex jiġi ffinalizzat l-arranġament tat-templates, u kif dawn għandhom jitpoġġew onlajn fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment. | Saru diskussjonijiet fuq il-kontenut tat-templates u dwar x'emendi kellhom isiru sabiex dawn jirriflettu d-diversità li teżisti fil-kundizzjonijiet | Il-kontenut tat-templates ġie finalizzat. Dawn it-templates ġew maqsumin f'erba' tipi ta' kuntratti, jiġifieri, Full-time Definite, Full-time Indefinite, | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Il-ħsieb huwa li templates ta' kuntratti varji jitpoġġew onlajn fejn ikunu jistgħu jiġu mniżżla minn kulħadd. B'hekk nassiguraw li l-ħaddiema kollha jkollhom kuntratt ta' xogħol li jirrifletti l-kundizzjonijiet kif stabbiliti fil-liġi. | | | tax-xogħol f'industriji differenti minħabba l-Wage Regulation Orders. Bdew jinbnew il-paġni onlajn fejn se jkunu qed jittellgħu l-kuntratti. | Part-time Definite u Part-time Indefinite. It-templates tpoġġew onlajn fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment. | | |
| 122 | **Leave għall-IVF**<br><br>Wara li tajna l-leave lill-ġenituri li jadottaw, issa se nestendu dan il-benefiċċju għall-koppji li jkollhom bżonn li jagħmlu użu mill-faċilità ta' IVF. | Id-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali | Saru konsultazzjonijiet ma' rappreżentanti mill-Ministeru tas-Saħħa fuq il-proċess tal-IVF fil-prattika, fejn ġew diskussi l-għażliet għall-implimentazzjoni. Kien hemm ukoll diskussjoni mal-Ministeru għall-Finanzi dwar Economic Impact Assessment f'dan ir-rigward. | Tressaq memorandum u ġie diskuss fil-Kabinett. Reġgħet bdiet konsultazzjoni mal-partijiet interessati biex ikunu koperti l-koppji kollha li jwettqu dan l-intervent, irrispettivament minn fejn isir. | Saru konsultazzjonijiet fuq is-suġġett fil-Bord dwar Relazzjonijiet dwar l-Impjieg u mal-Board of Trustees. Fl-aħħar tħejja memorandum bil-proposti għall-konsiderazzjoni tal-Ministeru u eventwalment tal-Kabinett. | Hekk kif ikun hemm l-approvazzjoni tal-Kabinett, l-Avviż Legali relattiv jiġi ppubblikat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
INVESTIMENT U INTRAPRIŻI ŻGĦAR

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 298 | **Dominju Pubbliku**<br><br>Il-Gvern għaddej bl-eżami tal-abbozz imressaq mill-Oppożizzjoni dwar dominju pubbliku wara li kien ġie kkummissjonat studju li qatt ma sar xejn dwaru. Il-Gvern beħsiebu jressaq l-emendi tiegħu u jressaq l-abbozz għad-diskussjoni. | Is-Segretarju Parlamentari għall-Kompetittività | Wara li saru numru ta' emendi bi qbil mal-Kabinett, il-Grupp Parlamentari u l-Oppożizzjoni, l-abbozz għadda għad-diskussjoni fil-Parlament. | L-Att għadda mit-tieni stadju fil-Parlament. B'hekk din il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata |
| 299 | **Koperattivi**<br><br>Se tissokta l-konsultazzjoni għal riforma ħolistika fis-settur tal-koperattivi. Din ir-riforma tinkludi reviżjoni tar-regolamenti li jiggvernaw il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi u l-proċess ta' tisħiħ tal-liġi tal-koperattivi, fosthom in-numru minimu ta' ħaddiema membri meħtieġa biex titwaqqaf koperattiva. | Il-Bord tal-Koperattivi | Is-suġġett tar-riforma fil-Fond Ċentrali tal-Koperattivi beda jiġi diskuss u tressqu numru ta' proposti lill-Ministeru li ġew aċċettati. | Beda x-xogħol fuq l-avviż legali u saru numru ta' diskussjonijiet dwar l-emendi li qed isiru. | Tlesta l-abbozz tal-avviż legali li jirregola l-kompożizzjoni u t-tmexxija tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi għall-approvazzjoni tal-Avukat Ġenerali. Tħejja wkoll memorandum għall-Kabinett. | Il-memorandum mistenni jitla' għall-approvazzjoni tal-Kabinett biex isiru t-tibdiliet proposti. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 300 | **Assistenza għall-Esportazzjoni bi Kreditu għal Riskju mhux Kummerċjabbli (Export Credit Guarantee scheme)**<br><br>Il-Gvern ħa jkun qed jaħdem biex jistabbilixxi struttura ta' assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu għal riskju mhux kummerċjabbli. Din hija neċessarja biex tgħin l-esportazzjoni f'żoni anqas żviluppati fejn ir-riskju huwa akbar. | Trade Malta | Trade Malta u Malta Enterprise bdew jattendu laqgħat dwar Export Credit Guarantee Systems. Intant beda għaddej xogħol fuq stima għal Export Credit Agency. | Trade Malta talbet informazzjoni mingħand PwC Germany u anke Euler Hermes, li għandhom esperjenza f'dan il-qasam, biex jaqsmu proposta bil-għan li jibdew studji għall-bini tal-istruttura meħtieġa. Ġew avviċinati numru ta' banek għal sapport finanzjarju. | Komplew diskussjonijiet mal-banek lokali biex jappoġġjaw l-istudju preliminari dwar skemi ta' export credits. Ġie organizzat business breakfast biex tinkiseb l-opinjoni tal-banek lokali dwar l-iskema tal-export credits. | Mistennija laqgħat regolari fi Brussell dwar export credits speċjalment fid-dawl tal-preparamenti għall-Presidenza f'Malta. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 301 | **Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Ħwienet**<br><br>Hekk kif intemmet il-konsultazzjoni dwar il-White Paper dwar il-ħinijiet tal-ħwienet, il-Gvern se jkun qed iħabbar ir-regoli l-ġodda sal-aħħar tas-sena. Fit-teħid tad-deċiżjoni, se nżommu f'moħħna d-drittijiet tal-ħaddiema u l-flessibbiltà. | MEIB | Wara li nġabru numru ta' rakkomandazzjonijiet, ġiet ippreżentata memo għall-Kabinett u rapport dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet li ġie approvat. | Beda xogħol ta' kordinazzjoni bejn id-deċiżjoni li jinbidlu l-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet vis-a-vis it-tneħħija ta' xi wħud mil-liċenzji kummerċjali. | Beda l-abbozzar tal-leġiżlazzjoni dwar is-simplifikazzjoni għal ftuħ ta' negozji ġodda vis-à-vis il-proposti għall-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet. Sar ftehim mal-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, li d-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi (DIER) jipprepara t-tibdiliet neċessarji fil-leġiżlazzjoni dwar ir-relazzjonijiet industrijali u l-impjiegi. | Mistennija jitlestew l-abbozzi bit-tibdiliet fiż-żewġ leġiżlazzjonijiet, jiġifieri, dik dwar il-ftuħ tal-ħwienet u dik dwar ir-relazzjonijiet industrijali u l-impjiegi. Wara l-approvazzjoni tal-Justice Unit, dawn jgħaddu għall-approvazzjoni tal-Kabinett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 302 | **Trade Malta Ltd**<br><br>Matul l-2015 Trade Malta wettqet b'suċċess Trade Mission fil-Milan Expo. Kumpaniji Maltin wieġbu għas-sejħa pubblika li għamlet Trade Malta u dawn kellhom iċ-ċans jibnu kuntatti ġodda ma' kumpaniji Taljani b'saħħithom. Sakemm qed nagħmlu dan il-baġit għaddejjin il-preparamenti għal żewġ missjonijiet fi swieq internazzjonali importanti: l-Alġerija u t-Turkija. Għexieren ta' kumpaniji wieġbu għal dawn iż-żewġ sejħiet. | Trade Malta | Trade Malta pparteċipat f'numru ta' żjarat, uħud minnhom statali, fosthom fl-Alġerija, l-Albanija u l-Oman. Bdew preparamenti għal delegazzjonijiet oħrajn fosthom dik fil-Libanu u l-Ġordan. | Trade Malta organizzat delegazzjoni għal negozjanti Maltin fil-Ġordan u l-Libanu li kienet immexxija mill-Prim Ministru. F'Mejju żaret Malta delegazzjoni ta' 50 kumpanija Alġerina. Bdew tħejjijiet għal żjarat f'Dubaj, Abu Dhabi u l-Oman fix-xhur li ġejjin. Bdiet tingħata għajnuna finanzjarja lill-kumpaniji Maltin b'mod regolari biex jesebixxu f'fieri internazzjonali. | Komplew it-tħejjijiet għal business missions f'Dubaj, Abu Dhabi u l-Oman, flimkien ma' parteċipazzjoni f'numru ta' fieri oħra internazzjonali. Trade Malta bdiet ukoll xogħol fuq proġett tal-ERDF. | Mistennija ssir żjara f'Dubaj, Abu Dhabi u l-Oman kif ukoll parteċipazzjoni f'attivitajiet u fieri internazzjonali oħra relatati ma' kummerċ. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 303 | **Skemi ta' għajnuna għan-Negozji**<br><br>Bil-għan li tilħaq l-aspettativi ta' firxa aktar wiesgħa ta' setturi u kumpaniji, il-Malta Enterprise sal-aħħar ta' din is-sena se tkompli tintroduċi aktar skemi intiżi li jgħinu lin-negozji. Dawn l-iskemi se jingħaqdu ma' dawk l-iskemi ġodda li diġà kienu varati fosthom il-B-Start, skemi ta' għajnuna għall-iżvilupp ta' ħwienet tax-xogħol fil-Crafts Village ġewwa Ta' Qali | | Din il-miżura qed tiġi rappurtata f'miżuri 304 - 307, 318 u 320. | | | | |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | u Ta' Dbigi f'Għawdex kif ukoll l-estensjoni ta' skemi bħal Microinvest, Investment Aid, Get Qualified, Research & Development, Certify u Gozo Transport. | | | | | | |
| 304 | **Assistenza biex inkabbru l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-imprenditorjat**<br><br>Sabiex inkattru l-imprenditorjat fost in-nisa ħa jsiru tibdiliet fl-iskema tal-Micro Invest sabiex nisa self-employed u negozji li fihom hemm maġġoranza ta' ekwità kkontrollata min-nisa jingħataw massimu ta' kreditu ta' taxxa ta' €50,000 flok €30,000. | Malta Enterprise | Il-Kabinett approva l-linji gwida u l-avviż legali marbut mal-emenda fl-iskema Micro Invest. L-inizjattiva ġiet varata. | | | | Implimentata |
| 305 | **Assistenza għal Trasferiment tal-Għarfien fl-Intrapriżi**<br><br>Malta Enterprise ħa tkun qed tniedi skema ta' assistenza biex tgħin fit-trasferiment tal-għarfien fl-intrapriżi. L-għajnuna ħa tkun intenzjonata biex il-ħiliet eżistenti tal-impjegati jkunu jistgħu jiġu trasferiti għall-impjegati ġodda, u biex ħaddiema Maltin jakkwistaw ħiliet ġodda | Malta Enterprise | Sar ix-xogħol preparatorju fuq l-avviż legali tal-iskema u ġie notifikat l-Istate Aid Monitoring Board (SAMB). Ġew emendati l-linji gwida tal-iskema skont kif suġġerit mill-SAMB u ntbagħat kollox għall-approvazzjoni. | Wara l-approvazzjoni tal-Kabinett ġiet varata l-iskema fuq is-sit tal-Malta Enterprise. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | neċessarji biex jinġieb ix-xogħol ġdid lejn Malta. L-assistenza ħa tingħata bħala kreditu ta' taxxa, iżda tista' tingħata wkoll bħala għotja finanzjarja fejn il-proġett ikun ta' importanza sinifikanti għall-iżvilupp tal-kumpanija. Għaldaqstant ħa jittieħed provediment ta' €1 miljun biex ikopri l-assistenza finanzjarja li ħa tingħata permezz ta' din l-iskema. | | | | | | |
| 306 | **Assistenza għal Intrapriżi Żgħar fis-Settur tal-Manifattura**<br><br>Il-Malta Enterprise ħa tniedi inċentiv biex intrapriżi zgħar li jikru spazju addizzjonali mingħand il-privat għal skop ta' manifattura jingħataw kumpens għar-rilokazzjoni tagħhom. L-għajnuna tista' tingħata għal perjodu massimu ta' sentejn u ma tistax taqbeż l-€10,000 fis-sena. Din il-miżura ħa tiswa €0.50 miljun. | Malta Enterprise | Sar ix-xogħol fuq l-avviż legali tal-iskema u wara l-approvazzjoni mill-SAMB din għaddiet għall-approvazzjoni tal-Kabinett. | Il-Kabinett approva l-avviż legali u ġiet varata l-iskema fuq is-sit tal-Malta Enterprise. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 307 | **Għajnuna għall-Artiġjanat**<br><br>Il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat u l-Malta Enterprise ħa jniedu proġett pilota bl-għan li jitrawmu artiġjani ġodda li jkunu jistgħu jiżviluppaw setturi ta' artiġjanat tradizzjonali li llum huma fir-riskju li jintilfu. Dan il-proġett hu mistenni li jiswa €1 miljun u se jipprovdi assistenza lil artiġjani li joffru li jgħaddu l-għarfien tagħhom biex tiġi żviluppata skema ta' taħriġ minn istituzzjonijiet edukattivi. Ħa tingħata assistenza wkoll lil dawk li wara li jirċievu t-taħriġ ipoġġu dak li tgħallmu fil-prattika u jibdew negozju f'dak is-settur tal-artiġjanat li fuqu rċevew it-taħriġ. | Malta Enterprise | Saru taħditiet mal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat u l-MCAST dwar studju preliminari. Intgħażlu żewġ snajja' - is-sengħa tal-bini tad-dgħajjes u xogħol fuq il-ġebel - biex dawn jintużaw fi proġett b'kollaborazzjoni mal-MCAST għall-promozzjoni tal-artiġjanat. | Sar xogħol fuq espressjoni ta' interess u beda xogħol fuq MoU flimkien mal-MCAST. Saru preparamenti dwar il-kurrikulu u l-kontenut ta' korsijiet li huma maħsuba li jibdew jiġu offruti mill-MCAST matul l-2017. | Malta Enterprise iffirmat MOU mal-MCAST u l-Kunsill tal-Artiġjanat. Il-Bord tal-Korporazzjoni approva l-fondi neċessarji biex l-MCAST tkun tista' tħejji l-kurrikulu, kontenut tal-korsijiet u preparamenti oħra marbuta mat-twettiq ta' dawn il-korsijiet. | Mistennija toħroġ l-espressjoni ta' interess għall-provvista ta' servizzi relatati ma' dawn il-korsijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 308 | **Aktar saħħa lin-Negozji biex ikomplu jinvestu**<br><br>F'konformità mal-programm tal-Gvern, il-Malta Industrial Parks approvat policy fejn sidien ta' negozji li għandhom proprjetà mikrija mill-istess MIP jistgħu japplikaw sabiex jingħataw titlu aktar b'saħħtu fuq l-istess | Malta Industrial Parks | Din il-miżura ġiet implimentata fl-aħħar kwart tal-2015. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | proprjetà u jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jinvestu u joħolqu aktar impjiegi. | | | | | | |
| 309 | **Il-Proġett ta' Hub Marittimu**<br><br>Wara li kien iffirmat Memorandum of Understanding bejn il-Privatisation Unit u l-proponent favorit, issa qed jitfassal il-ftehim fuq il-konċessjoni. Dan il-proġett huwa speċifikament immirat biex jagħti servizzi lill-industrija taż-żejt billi jipprovdi servizzi relatati mal-manutenzjoni u l-loġistika, fost ħafna servizzi oħrajn. Dan l-iżvilupp industrijali joffri opportunitajiet kbar għall-ħaddiema tas-sengħa u għall-apprentistat relatat mal-inġinerija. | MEIB | Saret ħidma fuq pjan ta' azzjoni biex jiġi fformulat u konkluż il-kuntratt. Peress li s-sit ser ikun dikjarat bħala free zone area saru numru ta' laqgħat mal-Kontrollur tad-Dwana. | Ġie inawgurat il-Mediterranean Oil & Gas Maritime Hub. Tlesta l-abbozz finali tal-kuntratt u b'hekk in-negozjati ġew finalizzati. Saret konferenza tal-aħbarijiet li matulha l-Prim Ministru ta informazzjoni dwar il-Hub Marittimu. | Ġie ffirmat il-kuntratt. | | Implimentata |
| 310 | White Rocks Malta: Il-proġett tal-White Rocks Malta rrenda ħdax-il proponent li mill-istadju ta' Espressjoni ta' Interess ikkwalifikaw għall-istadju tar-Rikjesta għal Proposti. Dawn l-istess proponenti issa se jiġu mistiedna mill-Privatisation Unit biex jiġbru d-dokument tar-Request for Proposals | Privatisation Unit | Bdiet l-evalwazzjoni taż-żewġ proposti sottomessi miż-żewġ sottokumitati - il-kumitat tekniku u l-kumitat ta' aġġudikazzjoni. Iż-żewġ proponenti ntalbu jagħmlu xi kjarifiki dwar il-proposti rispettivi tagħhom. | Il-kjarifiki mitluba liż-żewġ proponenti ġew indirizzati u għalhekk iż-żewġ sottokumitati komplew bl-analiżi tagħhom u ħejjew ir-rapport rispettiv. Infetħet l-offerta finanzjarja taż-żewġ proponenti u r-rapporti taż-żewġ | Sar xogħol fuq sejħa għall-proposti dwar l-eżerċizzju tal-valutazzjoni tal-art relatat mal-proġett ta' White Rocks Malta. | Mistenni jitwaqqaf it-tim tan-negozjati u jibda l-proċess ta' negozjati mal-offerent preferut. Jitħejja Memorandum of Understanding. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | biex eventwalment jissottomettu l-proposti finali tagħhom, li jridu jinkludu bini ta' lukandi ta' ħames stilel u aktar, apparti faċilitajiet u kumditajiet oħra ta' livell għoli li jattiraw turisti ta' kwalità. Il-Fakultà tal-Arkitettura tal-Università ta' Malta ġiet assenjata r-rwol biex tipprovdi parir dwar diversi aspetti ambjentali tal-proġett, inkluża rakkomandazzjoni dwar x'inhu l-aħjar użu tal-art allokata għal dan il-proġett. Mill-art kollha allokata għal dan il-proġett, li l-iżvilupp tiegħu jrid jimxi mal-prinċipji ta' Natura 2000, hija biss 30% tal-art li ser tiġi żviluppata; il-bqija tal-art se tkun dedikata għal ġonna u pajsaġġi ta' diversi tipi u li jippermettu lill-pubbliku inġenerali jkollu aċċess għat-tgawdija ta' dawn l-ispazji miftuħa. | | | sottokumitati ġew finalizzati. Wara li dawn ġew preżentati lit-tim tal-aġġudikazzjoni (EAC), l-EAC għamel ir-rapport finali tiegħu fejn intgħażel il-proponent preferut. Iż-żewġ proponenti ġew mgħarrfa bir-riżultat. | | | |
| 311 | **Villaġġ ta' Snajja' f'Ta' Qali**<br><br>Wara aktar minn 20 sena, fl-aħħar ser jibda x-xogħol fuq il-proġett tal-Villaġġ ta' Snajja' f'Ta' Qali. Dan wara li l-Malta Industrial | Malta Industrial Parks | Wara li f'Settembru 2015 l-MIP issottomettiet l-applikazzjoni għall-finanzjament mill-fondi Ewropej, sar xogħol preparatorju dwar id-disinn tal-proġett | L-approvazzjoni għall-finanzjament mill-fondi Ewropej ħarġet fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju. | Ġie ppubblikat it-tender biex tintgħażel il-kumpanija li se tieħu ħsieb it-tlestija tad-disinn tal-proġett, bills of quantities kif ukoll il-project | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa biex jintgħżel il-kuntrattur preferut. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Parks issottomettiet l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej għal dan il-proġett. | | u l-formulazzjoni tat-tenders. L-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet ukoll il-permessi meħtieġa. | | management matul il-perjodu tal-proġett. | | |
| 312 | **Tliet Hangars ġodda fis-Safi Aviation Park**<br><br>Se jkompli l-iżvilupp fl-infrastruttura għall-industrija tal-avjazzjoni permezz ta' bini ta' tliet hangars fis-Safi Aviation Park u ser jibda wkoll ix-xogħol minn kumpanija barranija fuq il-bini ta' hangar ieħor li se jkun użat għall-aircraft spray painting. | Malta Industrial Parks | **Tliet Hangars**<br><br>Sar xogħol ta' skavar fuq is-sit; bini tal-pedamenti u l-istruttura tal-hangars; servizz taħt l-art fis-service road u l-ġibjuni għall-ilma; formazzjoni tal-artijiet għall-apron u l-hangars.<br><br>**Hangar għall-Ispray Painting**<br><br>Sar skavar fuq is-sit għall-bini tal-pedament u l-ġibjuni u beda x-xogħol fuq il-ġibjuni u s-servizzi ta' taħt l-art. | Kompla għaddej ix-xogħol fuq il-bini tat-tliet hangars u l-hangar għall-ispray painting. | Kompla għaddej ix-xogħol fuq il-bini tat-tliet hangars u l-hangar għall-ispray painting. | Mistenni jitlesta x-xogħol fuq il-hangar għall-ispray painting filwaqt li jissokta x-xogħol fuq il-bini tat-tliet hangars. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 313 | **Upgrading taż-Żoni Industrijali**<br><br>Filwaqt li se titkompla l-ħidma biex il-Malta Industrial Parks tiġi f'qagħda aktar sostenibbli, se jissokta wkoll ix-xogħol ta' manutenzjoni u investiment fl-oqsma industrijali f'pajjiżna. Sa Lulju ta' din is-sena l-MIP diġà kienet investiet 'il | Malta Industrial Parks | **Żona Industrijali ta' Ħ'Attard**<br><br>Tlestew is-surveys, il-pjanti u l-istima tal-ispejjeż biex toħroġ sejħa għall-offerti. Ġie maqbul li l-proġett jinqasam f'fażijiet.<br><br>**Xogħol fuq iż-Żona Industrijali ta' Ħal Luqa** | **Żona Industrijali ta' Ħ'Attard**<br><br>Tlestew il-bills of quantities u ħarġet is-sejħa għall-offerti. | **Xogħol fuq iż-Żona Industrijali ta' Ħ'Attard**<br><br>Ġew evalwati l-offerti li ntefgħu wara sejħa għat-tenders.<br><br>**Xogħol fuq iż-Żona Industrijali ta' Ħal Luqa**<br><br>Kompla x-xogħol fuq iż-żona industrijali ta' Ħal Luqa. | **Xogħol fuq iż-Żona Industrijali ta' Ħ'Attard**<br><br>Mistenni jitkompla x-xogħol fuq iż-żona industrijali ta' Ħ'Attard. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | fuq minn €2 miljun fl-oqsma industrijali, liema ammont sal-aħħar ta' din is-sena jista' jilħaq €3.5 miljun. Se jibdew xogħlijiet fuq toroq li jwasslu għaż-żoni industrijali, fosthom fuq it-triq li twassal għall-Mosta Industrial Estate li kienet ilha fi stat ta' abbandun totali u spiċċat tintuża bħala miżbla. | | Tlestew is-surveys, il-pjanti u l-istima tal-ispejjeż biex toħroġ sejħa għall-offerti. Ġie miftiehem li l-proġett jinqasam f'fażijiet.<br><br>**Xogħol fuq iż-Żona Industrijali tal-Mosta**<br><br>Tlestew id-dokumenti biex ikun jista' jitwettaq ix-xogħol. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti u bdiet l-evalwazzjoni tagħhom. | **Żona Industrijali ta' Ħal Luqa**<br><br>Ħarġet sejħa għall-offerti li ġiet evalwata, tħabbar il-kuntrattur preferut u beda x-xogħol.<br><br>**Żona Industrijali tal-Mosta**<br><br>Ġiet konkluża l-evalwazzjoni u tħabbar il-kuntrattur preferut. Beda x-xogħol fuq is-sit. | **Xogħol fuq iż-Żona Industrijali tal-Mosta**<br><br>Tkompla x-xogħol fuq iż-żona. | **Xogħol fuq iż-Żona Industrijali ta' Ħal Luqa**<br><br>Mistenni jitkompla x-xogħol fuq iż-żona industrijali ta' Ħal Luqa.<br><br>**Xogħol fuq iż-Żona Industrijali tal-Mosta**<br><br>Ix-xogħol fuq iż-żona industrijali tal-Mosta mistenni jitlesta. | |
| 314 | **Att dwar in-Negozju tal-Familja**<br><br>F'konformità mal-programm tal-Gvern, l-istudju u l-proposti dwar l-introduzzjoni tal-leġiżlazzjoni għan-negozji tal-familja ġew konklużi din is-sena. Dawn il-proposti legali flimkien ma' inċentivi għall-governanza tan-negozju aħjar, kif ukoll inċentivi fiskali sabiex it-trasferiment tan-negozju bejn il-membri tal-familja jsir b'mod iktar sostenibbli, ġew approvati mill-Kabinett u fil-ġimgħat li ġejjin titnieda white paper għal konsultazzjoni pubblika qabel l-abbozz jiġi ppreżentat fil-Parlament. | MEIB | Tkompla x-xogħol fuq l-abbozzar finali tal-liġi. Saru diversi diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati dwar l-emendi fil-liġi. Tkompla x-xogħol biex ikun finalizzat Grant Agreement għall-fond Ewropew, COSME Grant Award, u beda xogħol fuq applikazzjoni għall-fondi tal-Erasmus. | L-abbozz tal-liġi ġie finalizzat u għaddiet memo dwar l-Att tan-Negozju tal-Familja għall-approvazzjoni tal-Kabinett. L-Att għadda mit-Tieni Qari fil-Parlament. | Il-Parlament iddiskuta u aċċetta l-Att li ġie approvat ukoll fl-istadju ta' Kumitat. L-Att ġie ppubblikat. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 315 | **Att dwar l-Intrapriża Soċjali**<br><br>Din is-sena flimkien mal-programm tal-Gvern sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet li għandha s-soċjetà tagħna u fl-istess waqt isir kontribut għat-tkabbir ekonomiku, ġie finalizzat l-abbozz tal-liġi dwar l-intrapriżi soċjali. Wara li ġiet ippubblikata white paper għal konsultazzjoni pubblika, imiss issa li ssir ir-reviżjoni tal-abbozz, abbażi tas-sottomissjonijiet li saru mill-pubbliku, biex fix-xhur li ġejjin jitressaq l-abbozz ta' liġi fil-Parlament. | MEIB | Saru l-emendi għall-Att wara r-rispons li l-Ministeru rċieva mill-konsultazzjoni tal-White Paper. Saru numru ta' diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati dwar l-inċentivi u skemi tat-taxxa li għandhom ikunu inklużi f'dan l-Att. | Stennija għall-approvazzjoni mill-Kabinett u l-Parlament peress li l-Att jinkludi ammont ta' inċentivi fiskali. | Stennija għall-approvazzjoni mill-Kabinett u l-Parlament peress li l-Att jinkludi ammont ta' inċentivi fiskali. | Stennija għall-approvazzjoni mill-Kabinett u l-Parlament peress li l-Att jinkludi ammont ta' inċentivi fiskali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 316 | **Life Sciences Park**<br><br>Il-Life Sciences Park f'San Ġwann mistenni jilqa' l-ewwel kumpaniji sal-aħħar ta' din is-sena. Fl-istess waqt li tkompla x-xogħol infrastrutturali fuq dan il-proġett, issoktat il-ħidma ta' promozzjoni ta' dawn il-faċilitajiet ma' investituri barranin u Maltin f'dan is-settur. Frott ta' din il-ħidma, il-Malta Enterprise qiegħda fil-proċess li tiffirma numru ta' kuntratti ma' kumpaniji biex jibdew joperaw minn dan il-kumpless. | Malta Enterprise | Ġew konklużi numru ta' kuntratti ma' operaturi li ġew approvati spazju fil-Malta Life Sciences Park. | Kompliet il-ħidma biex ikompli jimtela l-ispazju fil-Malta Life Sciences Park. Ġew konklużi aktar kuntratti m'operaturi fil-MLSP. | Kompliet il-ħidma biex ikompli jimtela l-ispazju fil-Malta Life Sciences Park. Ġew konklużi aktar kuntratti m'operaturi fil-MLSP. | Mistennija titkompla l-ħidma biex jimtela l-ispazju fil-Malta Life Sciences Park b'aktar kuntratti m'operaturi. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 317 | **Logistics Policy**<br><br>Il-Malta Enterprise kompliet bil-ħidma tagħha biex tiżviluppa Logistics Policy b'mod ħolistiku bil-għan li nittrasformaw lil Malta f'hub loġistiku f'nofs il-Mediterran. Sadanitant diġà tressqu numru ta' emendi neċessarji fil-liġi li tirregola l-promozzjoni tal-intrapriża, ħalli b'hekk l-intrapriżi li joperaw f'dan is-settur ikunu jistgħu jikkwalifikaw għal numru ta' inċentivi. | Malta Enterprise | Saru taħditiet biex jiġi determinat is-sors ta' finanzjament għall-iżvilupp tal-infrastruttura bħala parti mil-Logistics Policy. | Ġiet ippreżentata memo għall-Kabinett biex jiġi żviluppat Logistics Hub. Fuq l-approvazzjoni tal-Kabinett, beda x-xogħol fuq sejħa għall-proposti relatata mal-iżvilupp ta' Logistics Hub. | Tlesta x-xogħol fuq dokument ta' Sejħa għall-Proposti relatata mal-iżvilupp ta' Logistics Hub. Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti mill-Privatisation Unit. | Wara li tagħlaq is-sejħa għall-offerti, mistennija ssir l-evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa. | Implimentata |
| 318 | **Assistenza lill-Istart-Ups**<br><br>Wara li din is-sena giet imnedija l-iskema tal-BStart immirata biex toffri għajnuna lill-istart-ups, fil-jiem li ġejjin il-Malta Enterprise se tniedi skema oħra ta' assistenza għall-kumpaniji start-ups ġodda. L-assistenza ħa tingħata f'forma ta' għotja li titħallas lura lill-korporazzjoni fuq perjodu ta' għaxar snin.<br>Din l-iskema ħa tipprovdi assistenza finanzjarja li tista' tlaħħaq sa €200,000, pari passu mal-ekwità privata (private equity). Fil-każ ta' impriża innovattiva li qed tiżviluppa prodotti, | Malta Enterprise | Din il-miżura ġiet implimentata fl-aħħar kwart tal-2015. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | proċessi jew servizzi ġodda u li huma ta' livell ogħla minn dak li qed jiġi offrut mill-industrija, l-assistenza tista' tlaħħaq sa €500,000 u tingħata għax-xiri ta' apparat. Tista' tingħata wkoll assistenza lill-kumpaniji li jippruvaw jiġġeneraw fondi permezz ta' crowdfunding. | | | | | | |
| 320 | **Inċentivi għall-Investiment fir-Riċerka u l-Innovazzjoni**<br><br>Biex tiġi faċilitata r-riċerka u l-innovazzjoni, il-Malta Enterprise se tgħin lill-intrapriżi li jimpjegaw persuni li għandhom dottorat jew qed jistudjaw għal dottorat fix-xjenza, teknoloġija tal-informatika u inġinerija, billi jingħataw kreditu fiskali ta' mhux aktar minn €10,000 meta l-impjiegi jkunu miżmuma għal aktar minn tnax-il xahar. Permezz tal-programmi mmexxija mill-MCST se nkomplu ninċentivaw ir-riċerka u l-innovazzjoni bi programmi bħal Fusion li jikkumplimenta l-fondi tal-UE permezz tal-programm Horizon 2020 u li l-komunità ta' | Malta Enterprise | Saru taħditiet biex jiġu determinati s-setturi li ser jibbenefikaw minn din l-iskema. | Komplew id-diskussjonijiet dwar il-parametri li għandhom japplikaw għal din l-iskema. Saret riċerka ta' skemi simili f'reġjuni Ewropej u madwar id-dinja biex iservu ta' gwida fit-tfassil tal-linji gwida għall-iskema lokali. Kompla x-xogħol fuq l-abbozz tal-linji gwida. | Tlestew il-linji gwida marbuta ma' din l-iskema li ġew approvati mill-Bord tal-Korporazzjoni. | Mistenni jitlesta memorandum għall-Kabinett. L-iskema titnieda wara l-approvazzjoni tal-Kabinett. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | riċerkaturi qed jirnexxilha tikseb anke jekk iffaċċjata minn kompetizzjoni ħarxa fis-settur. | | | | | | |
| 322 | **Monti tal-Belt**<br><br>Waqt li konna mexjin bil-proċess ta' rilokazzjoni tal-Monti tal-Belt, tajna każ il-fehmiet ta' dawk li esprimew rwieħhom. Smajna wkoll lil tal-Monti nfushom. Innutajna wkoll dak li qal Renzo Piano li tkellem favur Monti fi Triq l-Ordinanza. Madankollu ma rnexxilniex nirrilokaw Monti sħiħ f'nofs l-ispazju maħsub oriġinarjament u qegħdin nikkunsidraw soluzzjonijiet oħra. Ikunu liema jkunu dawn is-soluzzjonijiet, aħna reżoluti li ndaħħlu sistema ġdida ta' management tal-Monti, li tinforza dixxiplina u ndafa. | MEIB | Tkompliet riċerka dwar swieq fi bliet kapitali Ewropej biex wieħed janalizza l-operat ta' dawn is-swieq u jinstab prototip għall-belt kapitali Maltija. Saru diversi laqgħat kemm mal-bejjiegħa tal-Monti u r-rappreżentanti tagħhom kif ukoll ma' stakeholders oħra f'dan il-proċess ta' rilokazzjoni. Il-Gvern ħareġ proposta għal dawk il-bejjiegħa li xtaqu jirrilaxxaw il-liċenzja. | Ġew rilokati l-bejjiegħa tal-Monti fi Triq Merkanti biex tkun vakata l-pjazza ta' quddiem is-Suq l-Antik. Ġiet preżentata memo għall-approvazzjoni tal-Kabinett dwar ir-rilokazzjoni tal-Monti għal Triq l-Ordinanza. F'dan il-perjodu saret preżentazzjoni lill-bejjiegħa tal-Monti tal-Belt dwar kif l-aħjar jopera l-Monti fi Triq l-Ordinanza. Saru numru ta' suġġerimenti mill-bejjiegħa li ġew ikkunsidrati. | | Il-Monti tal-Belt mexa għal Triq l-Ordinanza f'Awwissu. | Implimentata |
| 323 | **Digital Hub f'Għawdex**<br><br>Għadu kif ġie ffinalizzat l-istudju dwar il-fattibilità teknika u finanzjarja dwar l-implimentazzjoni ta' digital hub f'Għawdex. Flimkien mal-Malta Enterprise qed naħdmu biex nattiraw investiment f'dan il-qasam. | Malta Enterprise | Il-Ministeru għal Għawdex ħejja studju dwar il-bżonn li jkun hemm konnettività permezz ta' Fibre Optic Cable. Minħabba l-importanza u anke fl-isfond ta' aktar investiment fil-gżira Għawdxija f'din l-aħħar sena, | L-implimentazzjoni se ssir bejn MGOZ u MEIB permezz tal-Malta Enterprise. Saru preparamenti amministrattivi biex ikunu jistgħu joħorġu t-tenders għall-implimentazzjoni. | Wara diskussjonijiet bejn il-Malta Enterprise, il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, il-Ministeru għal Għawdex, u l-Ministeru għall-Kompetittività u Ekonomija Diġitali, Marittima u | Mistennija jsiru l-preparamenti biex tinġieb l-approvazzjoni dwar State Aid. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | il-konnettività saret prijorità minħabba l-ftuħ tal-Isptar Barts f'Għawdex. Il-konnettività bejn iż-żewġ gżejjer tirrappreżenta l-infrastruttura neċessarja biex aktar 'il quddiem jiġi żviluppat il-kunċett ta' Digital Hub f'Għawdex. | | tas-Servizzi, intlaħaq ftehim li l-proġett jiġi finanzjat minn fondi lokali jew ikun inkorporat fi proġett akbar. Ġiet stabbilita l-ħtieġa t'approvazzjoni rigward State Aid. | | |
| 324 | **Creativity Hub f'Għawdex**<br><br>L-applikazzjoni għal fondi Ewropej biex jiġi żviluppat is-sit li qabel kien okkupat mill-Malta Dairy Products ġiet sottomessa f'Settembru 2015. L-għan hu li dan il-post isir ċentru għal kumpaniji ġodda li joffru servizzi innovattivi u kreattivi, bħal pereżempju l-industrija tal-films. | Malta Industrial Parks | Wara li l-MIP issottomettiet applikazzjoni għal fondi Ewropej, din bdiet tiġi evalwata. Sar xogħol fuq kjarifiki mitluba mingħand il-PPCD. | L-applikazzjoni ġiet approvata u bdew taħditiet bejn l-MIP u l-Awtorità tal-Ippjanar peress li saru xi tibdiliet fil-pjanti lokali. | Ġew preparati t-tenders relatati ma' partijiet differenti tal-proġett. Wara l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti, dawn it-tenders ġew ippubblikati. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa biex jintgħażel il-kuntrattur preferut. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 325 | Se nagħtu aktar inċentivi biex jinħolqu impjiegi ġodda f'Għawdex u investiment barrani li jkompli jsaħħaħ u jiddiversifika l-ekonomija Għawdxija. | Malta Enterprise | Ġew introdotti numru ta' skemi u inċentivi mill-Malta Enterprise li huma mmirati lejn intrapriżi li joperaw f'Għawdex. | Ġiet approvata assistenza lill-intrapriżi li joperaw minn Għawdex taħt diversi skemi amministrati mill-MIP. | Ingħatat aktar assistenza lill-intrapriżi li joperaw minn Għawdex taħt diversi skemi amministrati mill-ME. | Mistennija tingħata aktar assistenza lill-intrapriżi li joperaw minn Għawdex taħt diversi skemi amministrati mill-ME. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

MINISTERU GĦALL-FINANZI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Aġġustament fir-rata tat-Taxxa tad-Dħul**<br><br>Bħalma ġara fil-Baġit preċedenti, kull min jaqla' dħul minn impjieg jew pensjoni li ma teċċedix il-paga minima se jerġa' ma jħallasx taxxa.<br><br>Barra minn hekk, kull min ma gawdiex mit-tnaqqis fl-income tax ta' sentejn ilu, se jgawdi issa. | Il-Kummissarju tat-Taxxi - Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni | L-Att dwar l-implimentazzjoni tal-Miżuri tal-Baġit ġie ppubblikat f'Marzu. B'hekk il-miżura daħlet fis-seħħ. | | | | Implimentata |
| 3 | **Taxxa tad-Dħul imnaqqsa għal 7.5% għall-atleti u plejers ta' kull sport**<br><br>Fis-sentejn li għaddew gawdew plejers tal-football u tal-waterpolo minn dan it-tnaqqis. Minn din is-sena qegħdin niftħu dan il-benefiċċju għall-plejers u atleti ta' kull sport, biex b'hekk ikunu jistgħu jgawdu mir-rata favorevoli ta' 7.5%. Dan il-benefiċċju qiegħed jiġi estiż ukoll għall-kowċis. | Il-Kummissarju tat-Taxxi - Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni | L-Att dwar l-implimentazzjoni tal-Miżuri tal-Baġit gie ppubblikat f'Marzu. B'hekk il-miżura daħlet fis-seħħ. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4 | **Rata ta' VAT imnaqqsa (7%) fuq faċilitajiet sportivi**<br><br>Se titnaqqas ir-rata ta' VAT minn 18% għal 7% fuq kull faċilità sportiva, inklużi l-gyms, fitness centres, football nurseries u faċilitajiet sportivi oħra sabiex inkunu qegħdin ninċentivaw l-isport u s-saħħa. | Il-Kummissarju tat-Taxxi - Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni | Din il-miżura daħlet fis-seħħ permezz ta' Avviż Legali. | | | | Implimentata |
| 5 | **Ħin żejjed maħdum mill-Pulizija intaxxat b'rata ta' 15%**<br><br>Qegħdin inkomplu ntejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-pulizija. B'effett mill-1 ta' Jannar 2016, il-ħlas li jingħata lill-pulizija għal xogħol extra duty, li hu xogħol li jsir minn pulizija għal organizzazzjonijiet, individwi u kumpaniji, se jibda jkun intaxxat separatament b'rata ta' taxxa ta' 15%. | Il-Kummissarju tat-Taxxi - Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni u MHAS | Ġie ppreparat l-Avviż Legali. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ permezz ta' Avviż Legali. | | | Implimentata |
| 6 | **Malta Community Chest Fund**<br><br>Il-kumpaniji li jagħtu donazzjoni ta' mhux inqas minn Eur2,000 lill-Malta Community Chest Fund matul is-sena 2015 | Kummissarju tat-Taxxi | Din il-miżura daħlet fis-seħħ permezz t'Avviż Legali. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | se jingħataw deduzzjoni mid-dħul taghħom li hija ekwivalenti għal 100% tal-għotja tagħhom. B'hekk qegħdin ninċentivaw u nirrikonoxxu l-għajnuna filantropika ta' dawn il-kumpaniji. | | | | | | |
| 7 | Rata ta' Taxxa mnaqqsa fuq xiri ta' Proprjetà fiż-Żoni UCA (Urban Conservation Areas) - Għas-sena d-dieħla, se tkun imnaqqsa r-rata tal-boll li titħallas fuq ix-xiri ta' proprjetà minn 5% għal 2.5% meta l-proprjetà tinstab f'Urban Conservation Area stabbilita mill-MEPA. Fl-2016, se titnaqqas ukoll ir-rata ta' taxxa meta proprjetà f'dawn iż-żoni tiġi restawrata u mibjugħa, minn 8% għal 5%. Dan biex ninkoraġġixxu n-nies sabiex jixtru u jirranġaw proprjetà antika. B'hekk inkunu qegħdin nikkonservaw il-wirt li għandna fil-bini storiku. Dawn il-miżuri qed jittieħdu għall-2016 biss. | Il-Kummissarju tat-Taxxi - Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni | Din il-miżura daħlet fis-seħħ permezz ta' Avviż Legali. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | **Eżenzjoni għall-First Time Buyers**<br><br>L-eżenzjoni mill-boll għall-first time buyers se tiġi estiża. Dan il-Gvern ħadem u se jkompli jaħdem għal ekonomija b'saħħitha u rridu li ż-żgħażagħ tagħna jgawdu minnha. Għalhekk, qed inġeddu dan il-programm sa tmiem is-sena d-dieħla sabiex iż-żgħażagħ jiffrankaw sa €5,000 fuq l-ewwel dar tagħhom. Dan se jkun b'seħħ b'lura għal konvenji b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2015 meta għalaq il-programm l-ieħor. Dawk il-first time buyers li laħqu għamlu konvenju u kuntratt wara l-ewwel ta' Lulju se jingħataw rifużjoni tal-boll li ħallsu. | Il-Kummissarju tat-Taxxi | Din l-estensjoni ġiet ippubblikata f'Avviż legali li ħareġ fl-aħħar kwart tas-sena li għaddiet. | | | | Implimentata |
| 9 | **Tibdil fil-Kalkolu tad-Deprezzament**<br><br>L-industrija tas-servizzi, bħal servizzi finanzjarji u l-igaming, maż-żmien ħadet prominenza akbar fl-ekonomija Maltija u madwarha nibtu numru ta' servizzi anċillari, fosthom il-kiri ta' uffiċini. | Il-Kummissarju tat-Taxxi | Ġie ppubblikat l-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit. Tħejja l-Avviż Legali. | Sar l-abbozzar tal-Avviż Legali filwaqt li saru wkoll il-proċeduri mal-Justice Unit. L-abbozz intbagħat lill-Ministeru tal-Finanzi għall-approvazzjoni. Ġie deċiż li għandhom | Saru t-tibdiliet mitluba mill-Ministeru fl-Avviż Legali. L-Avviż Legali tlesta u ntbagħat lill-Kummissarju. | Dan l-Avviż Legali għandu issa jiġi diskuss bejn il-Kummissarju u l-Ministru u approvat. Imbagħad ikun jista' jiġi ppubblikat. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Bil-ħsieb li tingħata imbottatura lill-industrija tas-servizzi kif ukoll lill-operaturi ta' dawn is-servizzi ancillari, mill-2016 dawk l-investituri li jinvestu f'binjiet ġodda bl-iskop li jintużaw bħala uffiċini se jkunu jistgħu jibbenefikaw huma wkoll mil-leġiżlazzjoni eżistenti li toffri l-possibilità ta' tnaqqis tal-ispiża kapitali bħala deprezzament u li bħalissa huma eliġibbli għaliha binjiet industrijali, il-lukandi u l-parkeġġi. | | | isiru numru ta' tibdiliet f'dan l-Avviż Legali qabel ma jiġi ppubblikat. | | | |
| 10 | **Konsolidazzjoni fiskali (fiscal consolidation) fil-liġi tat-taxxa fuq id-dħul**<br><br>Qegħdin naħdmu fuq l-introduzzjoni tal-kunċett tal-konsolidazzjoni fiskali għall-kumpaniji. Dan il-kunċett, li huwa rikonoxxut fuq livell internazzjonali, għandu jippermetti li gruppi ta' kumpaniji tal-istess sidien ikollhom il-faċilità li jippreżentaw id-dħul tagħhom b'mod aggregat daqslikieku kienu kumpanija waħda. Dan ghandu jkompli jissimplifika l-proċess tal-komputazzjoni tad-dħul ta' dawn il-kumpaniji | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni. | Bdiet ħidma fuq l-abbozz tal-leġiżlazzjoni. | Ix-xogħol fuq din il-miżura ma kompliex peress li l-Kummissjoni Ewropea għamlet proposta biex tiġi introdotta id-direttiva Anti-BEPS (Anti base Erosion and Profit Shifting). | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | u d-dikjarazzjoni tad-dħul tagħhom kemm għalihom kif ukoll għad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. | | | | | | |
| 11 | **Taxxa Mnaqqsa fuq kiri ta' Proprjetà Kummerċjali -**<br><br>Fil-Baġit ta' sentejn ilu konna daħħalna rata ta' taxxa finali ta' 15% fuq dħul minn kera ta' proprjetà residenzjali. B'hekk dan id-dħul beda jiġi intaxxat b'din ir-rata benefiċjali minflok ir-rati normali tat-taxxa li jitilgħu sa 25%. Din ir-rata finali issa se tiġi estiża wkoll għall-kera ta' proprjetà kummerċjali u għalhekk mis-sena li ġejja d-dħul kollu minn kera jista' jiġi dikjarat bil-15%. Kumpaniji li huma parti mill-istess grupp ta' kumpaniji u li jikru lil xulxin se jkunu esklużi. | Il-Kummissarju tat-Taxxi | L-Att dwar l-implimentazzjoni tal-Miżuri tal-Baġit ġie ppubblikat f'Marzu. B'hekk il-miżura daħlet fis-seħħ. | | | | Implimentata |
| 12 | **Miżuri tad-Dħul**<br><br>Id-dazju tas-sisa fuq il-fjuwil se jogħla bi 3ċ fuq il-petrol u 3ċ fuq id-diesel. | Il-Kummissarju tat-Taxxi | Il-miżura daħlet fis-seħħ fl-aħħar kwart tas-sena li għaddiet. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Se jkun hemm ukoll żieda ta' dazju tas-sisa fuq il-prodotti tat-tabakk manifatturat, iż-żjut lubrikanti u s-siment. L-ekokontribuzzjoni li kien hemm fuq il-basktijiet tal-plastik, konteirituri tal-birra, l-inbid, fermented beverages, intermediate products, xorb alkoħoliku, xarbiet nonalkoħoliċi kif ukoll iċ-chewing gum qed titneħħa u għaldaqstant, biex jinżamm il-messaġġ favur l-ambjent filwaqt li s-sistema tkun aktar faċli li tiġi implimentata u tnaqqas l-abbużi, se tiġi sostitwita bid-dazju tas-sisa. Ir-rati jinstabu fid-dokument tad-Diskors tal-Baġit 2016. | Il-Kummissarju tat-Taxxi - Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni | Iż-żieda ta' dazju tas-sisa daħlet fis-seħħ fl-aħħar kwart tas-sena li għaddiet. Dan filwaqt li ż-żieda ta' dazju tas-sisa fuq iż-żjut lubrikanti daħlet fl-ewwel kwart tal-2016. | | | | Implimentata |
| 14 | **Kontribuzzjoni Ambjentali**<br><br>Il-Gvern ħa d-deċiżjoni li mill-1 ta' April 2016, se tiddaħħal kontribuzzjoni ambjentali li se titħallas mit-turisti kollha, mill-età ta' 18-il sena 'l fuq, li jżuru pajjiżna. Din se titħallas bir-rata ta' Eur0.50 għal kull lejl li t-turist iqatta' Malta, iżda sa massimu ta' Eur5 għal kull żjara. Għal dan il-għan, se jsiru d-diskussjonijiet kollha mal-partijiet involuti dwar it-twettiq ta' din il-miżura. | Il-Kummissarju tat-Taxxi | Sar studju minn kumpanija ingaġġata mill-Ministeru għat-Turiżmu. L-istess kumpanija ħadmet fuq abbozz ta' liġi għal din il-kontribuzzjoni. | Saret ħidma mill-Ministeru flimkien mal-Ministeru għat-Turiżmu dwar l-avviż legali li nħareġ fl-istess kwart. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | **Reġistrazzjoni ta' Kumpaniji b'mod elettroniku**<br><br>Mis-sena d-dieħla kull min jirreġistra kumpanija b'kapital ta' mhux aktar minn Eur1,500 b'mod elettroniku se jibda jħallas Eur100 minflok Eur250 għar-reġistrazzjoni tal-kumpanija. Permezz ta' din il-miżura l-Gvern se jkompli jnaqqas il-piż minn fuq il-kumpaniji ż-żgħar. | Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji | L-att dwar il-kumpaniji (emendi fil-miżati) daħal fis-seħħ f'dan il-kwart. | | | | Implimentata |
| 16 | **Il-Borża ta' Malta**<br><br>Il-Borża ta' Malta ħadmet fuq inizjattiva biex twaqqaf suq ġdid bil-ħsieb li tiġi indirizzata l-ħtieġa tal-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs) għal finanzjament biex jibqgħu jikbru u jiżviluppaw. Dan is-suq ġdid se jkollu struttura ta' multilateral trading facility u hu maħsub biex jipprovdi opportunità lill-SMEs biex jiksbu finanzjament dirett minn investituri mis-suq, b'mod effiċjenti u regolat u mingħajr spejjeż għoljin u fuq kollox b'livell għoli ta' trasparenza u protezzjoni għall-investitur. | Il-Borża ta' Malta | Ġie inawgurat is-suq il-ġdid. L-ewwel taħriġ lill-Corporate Advisors beda jingħata fi Frar. Beda wkoll il-proċess ta' evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-Corporate Advisors. | Il-Borża kompliet tipproċessa u ġew ingaġġati l-ewwel Corporate Advisors. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Dan is-suq jipprovdi wkoll l-infrastruttura biex dawn il-kumpaniji jibdew jaħsbu għal Succession Planning. | | | | | | |
| 17 | Bħala operatur tas-suq lokali, il-Borża ta' Malta flimkien mal-Ministeru għall-Finanzi għaddejjin b'taħditiet permezz ta' Kumitat ta' Esperti stabbilit speċifikament, biex jitħejja Road Map dwar l-iżvilupp ta' suq kapitali f'Malta għas-snin li ġejjin, partikolarment fil-kuntest tar-regolamenti u direttivi ġodda Ewropej kif ukoll fil-kuntest tad-diskussjonijiet dwar Capital Market Union li qed iseħħu bħalissa fl-Unjoni Ewropea. | Il-Borża ta' Malta | Bdew l-ewwel laqgħat ta' dan il-kumitat t'esperti. Saru diskussjonijiet fil-laqgħat tal-Kumitat Road Map li jkopri l-iżviluppi fil-Borża fi ħdan pjan strateġiku għas-servizzi finanzjarji kollha, fosthom it-twaqqif tal-Istitut ta' Taħriġ fl-Edukazzjoni Finanzjarja. | Komplew il-laqgħat dwar l-iżvilupp u l-operat tal-Borża filwaqt li tkomplew il-laqgħat dwar ir-Road Map fi ħdan il-kumitat. | Komplew id-diskussjonijiet dwar ir-Road Map fuq l-iżvilupp tas-suq kapitali f'Malta għas-snin li ġejjin. | Ir-Road Map li jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar l-iżvilupp tas-suq kapitali f'Malta mistenni jiġi ppubblikat għall-konsultazzjoni. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 18 | Riċentament, il-Borża ta' Malta flimkien mal-Ministeru għall-Edukazzjoni waqqfu inizjattiva biex jitjieb l-għarfien dwar l-edukazzjoni finanzjarja f'Malta billi ġie mniedi kumitat li fih membri mill-Borża ta' Malta, mill-Ministeru għall-Edukazzjoni flimkien ma' esperti oħra biex tiġi evalwata mhux biss is-sitwazzjoni finanzjarja edukattiva skont il- | Il-Borża ta' Malta | L-ewwel laqgħat tal-Kumitat saru fl-aħħar kwart tas-sena li għaddiet fejn ġie deċiż li l-ewwel inizjattiva tkun trading game għat-tfal tal-iskejjel sekondarji. Il-laqgħat komplew u ġie deċiż li jibda taħriġ fuq investimenti u finanzi inġenerali. | Beda jitħejja l-qafas tat-taħriġ. | Komplew id-diskussjonijiet dwar l-inizjattivi fuq l-edukazzjoni finanzjarja għal matul ix-xhur li ġejjin fosthom it-twaqqif tal-Malta Stock Exchange Institute kif ukoll attivitajiet għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji u għall-investituri inġenerali. | Mistennija tiġi ppubblikata l-informazzjoni fuq it-taħriġ li ser jingħata mill-Malta Stock Exchange Institute li huwa ppjanat li jibda jopera fil-bidu tas-sena d-dieħla. Ser isir ukoll it-tieni seminar għall-investituri kif ukoll inizjattivi oħra. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | kurrikulu nazzjonali, imma wkoll biex jiġu organizzati numru ta' avvenimenti mmirati lejn investituri u investituri potenzjali. L-ewwel konferenza għall-investituri se tiġi organizzata fil-jiem li ġejjin. | | | | | | |
| 19 | **Tiġdid fil-Liġi tal-Insolvenza**<br><br>Twaqqaf grupp ta' ħidma biex tiġi riveduta l-liġi tal-insolvenza bil-għan li l-proċeduri konnessi mal-insolvenza jimxu b'mod aktar effiċjenti u trasparenti. Proposti minn dan il-grupp huma mistennija fix-xahar li ġej u mbagħad ikun jista' jissokta l-proċess biex tista' tiġi emendata l-liġi u l-istituzzjonijiet konċernati jiġu attrezzati bir-riżorsi meħtieġa. | Grupp ta' Ħidma | Il-Grupp ta' Ħidma lesta xogħol preparatorju sa tmiem is-sena li għaddiet. Ġiet ippreparata memo biex tiġi diskussa fil-Kabinett. | L-inizjattiva nfetħet għall-konsultazzjoni mal-Imsieħba Soċjali u ngħalqet. | Inkitbu l-emendi neċessarji fil-Liġi tal-Kumpaniji. | L-Abbozz ta' Liġi mistenni jitressaq fil-Parlament. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 20 | **Miżuri relatati ma' muturi żgħar**<br><br>Fl-2016 se ninkoraġġixxu aktar persuni biex jagħżlu muturi żgħar minflok karozzi, biex b'hekk tonqos il-pressjoni fuq it-traffiku, filwaqt li tittaffa l-problema tal-parkeġġ. Għal dan il-għan se nnaqqsu drastikament għal sena | MFIN u MTI | Tnaqqset il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tal-muturi żgħar ta' 125cc u tneħħiet it-taxxa ta' reġistrazzjoni għall-muturi elettriċi. B'hekk din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | (fl-2016) il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni għall-muturi żgħar ta' 125cc għal rata nominali ta' €10 fis-sena. Se nneħħu wkoll kull taxxa ta' reġistrazzjoni fuq muturi elettriċi. Din il-miżura se tapplika mill-1 ta' Jannar 2016. | | | | | | |
| 21 | **Tnaqqis fit-taxxa tal-kumpaniji meta jixtru Vetturi Elettriċi**<br><br>Bħalissa kumpanija li tinvesti f'vetturi elettriċi setgħet tibbenefika minn tnaqqis ekwivalenti għal 125% tal-ispiża magħmula li tittieħed kontra d-dħul taxxabbli ta' dik is-sena. Qegħdin nipproponu sabiex it-tnaqqis kontra d-dħul taxxabbli jogħla għal 150% għal xiri ta' vetturi mingħajr emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju, cioè 0g/km. Vetturi hybrid b'emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju sa 70g/km se jibbenefikaw minn tnaqqis ta' 125% kontra d-dħul taxxabbli. Din tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2016. | Il-Kummissarju tat-Taxxi | Ġie ppubblikat l-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit. Tħejja l-Avviż Legali. | L-Avviż Legali ġie ppubblikat. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 22a | **Tax rebate lil ġenituri li jibagħtu t-tfal bit-trasport tal-iskola**<br><br>Se tibqa' fis-seħħ it-tax rebate mogħtija lil ġenituri li jibagħtu t-tfal tagħhom bit-trasport provdut mill-iskejjel tal-Knisja u oħrajn indipendenti. Se nkunu qed neżaminaw modi oħra kif fiż-żmien li ġej ninkoraġġixxu l-użu ta' dan il-metodu ta' trasport. | Il-Kummissarju tat-Taxxi - Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni u MTI | It-tax rebate daħal fis-seħħ fl-aħħar kwart tal-2015. It-tieni parti tal-miżura qed tiġi rrappurtata fl-MTI. | | | | Implimentata |
| 23 | **Se nżidu l-inċentiv fiskali għal donazzjonijiet għall-arti permezz ta' tnaqqis fit-taxxa ta' 150% tal-valur tad-donazzjoni mogħtija.** | Il-Kummissarju tat-Taxxi - Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni | Ġie approvat l-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Miżuri tal-Baġit. | L-Avviż Legali nħareġ. B'hekk din il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata |
| 24 | **Ir-Riforma tal-Ekokontribuzzjoni**<br><br>Issa nħossu li wasal iż-żmien sabiex inwettqu l-fażi finali tar-riforma msemmija. Għalhekk, u wara l-konsultazzjoni meħtieġa ma' kull min huwa involut, il-Gvern biħsiebu jibda l-proċess għat-tneħħija kompleta ta' din it-taxxa, liema proċess mistenni jitlesta sal-1 ta' Settembru 2016. | MFIN u MSDEC | Saru diskussjonijiet bejn il-Ministeru u l-Awtorità tal-Ippjanar dwar ir-riforma tal-Ekokontribuzzjoni.<br><br>Bdiet tinġabar ukoll informazzjoni fuq prodotti li huma suġġetti għall-ekokontribuzzjoni biex tkun tista' ssir l-analiżi meħtieġa. | Saret ħidma u ġie maqbul pjan bejn l-MFIN u l-MSDEC dwar kif se ssir ir-riforma tal-Ekokontribuzzjoni fuq il-batteriji. | Ġie ffinalizzat l-Avviż Legali biex jitneħħew il-batteriji mill-eko-kontribuzzjoni u jiddaħħlu f'qafas legali ġdid li jonora l-obbligi tad-Direttiva Ewropea fuq il-Batteriji. L-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) ħabbret konsultazzjoni pubblika bl-għajnuna tal-MEUSAC. | Ġie deċiż li l-prodotti li bħalissa huma soġġetti għall-ekokontribuzzjoni jitneħħew mid-data tal-Baġit 'il quddiem. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 25 | **Inħeġġu lin-nies jinvestu fit-Tielet Pilastru tal-Pensjoni**<br><br>Daħħalna qafas regolatorju għall-pensjonijiet privati, magħrufa aħjar bħala 'Third Pillar', imsaħħaħ b'inċentivi fiskali. Ninsabu mgħarrfin li fil-ġimgħat li ġejjin se jinħarġu prodotti marbuta ma' din l-iskema minn operaturi finanzjarji privati. Mis-sena li ġejja se nwaqqfu working group sabiex jikkonsidra dawk il-benefiċċji fiskali għall-employers marbuta mal-pensjonijiet privati fuq bażi volontarja fuq il-post tax-xogħol. | Grupp ta' ħidma | Tfasslu t-terms of reference ta' dan il-Grupp ta' Ħidma. | Twaqqaf il-Grupp ta' Ħidma. | | | Implimentata |
| 379 | **Titjib fil-ftuħ ta' performance guarantees**<br><br>Il-Gvern se jkompli jinkoraġġixxi lill-azjendi żgħar biex jipparteċipaw f'tenders pubbliċi u jagħmilhielhom aktar faċli biex jagħmlu dan. Għalhekk, se nniżżlu l-performance guarantee li tintalab minn 10% għal 4% meta l-valur tal-kuntratt ma jkunx jaqbeż in-nofs miljun ewro. | Id-Dipartiment tal-Kuntratti | Il-miżura daħlet fis-seħħ fl-aħħar kwart tal-2015. F'Jannar bdew jittieħdu l-miżuri neċessarji biex din il-miżura tiġi implimentata fis-Servizz Pubbliku u fis-Settur Pubbliku kollu. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 380 | **Barra minn hekk, se ndaħħlu l-kunċett tas-Single Bond**<br><br>Dan ifisser li meta azjenda jkollha iktar minn kuntratt wieħed għaddej mal-istess dipartiment jew entità pubblika, tkun tista' toħroġ garanzija waħda minflok ma tkun trid toqgħod tiftaħ garanzija għal kull kuntratt li tirbaħ. | Id-Dipartiment tal-Kuntratti | Il-miżura daħlet fis-seħħ fl-aħħar kwart tal-2015. F'Jannar bdew jittieħdu l-miżuri neċessarji biex din il-miżura tiġi implimentata fis-Servizz Pubbliku u fis-Settur Pubbliku kollu. | | | | Implimentata |
| 381 | **Mezzi ta' trasport aktar nodfa**<br><br>Il-Gvern se jkompli jinċentiva l-użu ta' mezzi alternattivi ta' trasport li ma jniġġsux u li fl-istess ħin ikunu ta' ġid għas-saħħa tal-individwu. Wara li 'l fuq minn tmienja u tmenin individwu applikaw għall-iskema li nedejna fl-aħħar Baġit, se nestendu din l-iskema ta' għotja ta' 15.25% tal-prezz fuq roti u roti tal-elettriku filwaqt li l-massimu tal-għotja se ntellgħuh għal €250. | It-Taqsima għall-Politika u Amministrazzjoni Finanzjarja | L-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern ġie ppubblikat fi tmiem is-sena li għaddiet. | | | | implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 383 | **Barra minn hekk, se nagħtu inċentiv lil dawk l-azjendi li jinvestu f'bicycle racks** ħalli l-impjegati tagħhom ikollhom fejn ipoġġu r-roti meta jużaw dan it-tip ta' trasport biex imorru fil-post tax-xogħol. Għal dan il-għan se jiġi allokat fond ta' €150,000, li permezz tiegħu l-Gvern se jkun qed joħroġ nofs l-ispiża li tkun għamlet l-azjenda. | It-Taqsima għall-Politika u Amministrazzjoni Finanzjarja | Ġiet konkluża l-fażi ta' diskussjonijiet ma' wħud mill-istakeholders. Tfassal il-qafas tal-iskemi. | Baqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet mal-istakeholders. | Wara l-konsultazzjoni, tfassal pjan bil-għan li jattira l-azjendi biex jinvestu f'dan il-proġett. | Mistennija tibda l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 54 | Il-benefiċċju 'In-Work' se jkun qed jiġi estiż għal dawk il-familji b'persuna waħda li taħdem bi qligħ ta' bejn €6,600 u €12,700. Il-benefiċċju massimu se jkun ta' €150 għal kull wild. Madwar 3,700 familja u kważi 5,000 tifel u tifla, li ħafna minnhom jinsabu f'riskju ta' faqar, se jibbenefikaw minn din il-miżura. L-inċentiv li t-tieni ġenitur jidħol jaħdem, se jibqa'. Fil-fatt, fejn iż-żewġ ġenituri jkunu f'impjieg, il-benefiċċju jogħla għal massimu ta' €1,000 kull wild. | id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Saru diskussjonijiet bejn id-DSS u l-MITA fejn ġew maqbula l-enhancements fis-sistema tal-IT biex tiżdied kategorija ġdida ta' benefiċjarji kif ukoll biex jibdew jinħadmu t-talbiet ta' dawk li huma eliġibbli għal dan il-benefiċċju. | Intbagħtu l-ittri ta' dawk li kienu tħallsu s-sena l-oħra biex jerġgħu japplikaw bl-FS3 tal-2015 flimkien mal-payslip tal-2016. L-ewwel pagamenti saru fl-aħħar ġimgħa ta' April. Din il-miżura bdiet tiġi implimentata iżda se jittejjeb il-proċess tal-implimentazzjoni tagħha. | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 55 | Il-ħidma fuq il-Pensjoni Minima Nazzjonali Garantita se tissokta mill-1 ta' Jannar 2016, meta 12,000 anzjan se jgawdu minn żieda fil-pensjoni. Għas-sena d-dieħla, l-anqas pagament ta' pensjoni kontributorja u bonus għal min għandu ħlas suffiċjenti se jkun ta' €7,280 fis-sena jew €140 fil-ġimgħa. | id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Saru diskussjonijiet bejn DSS u MITA u saru l-enhancements neċessarji biex tibda titħallas iż-żieda msemmija. L-ewwel pagamenti tal-pensjonijiet biż-żieda tħallsu fit-2 ta' Jannar u tħallsu kollha sal-aħħar tal-istess xahar. B'hekk din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ħlas prorata jingħata għal min għandu ħlas insuffiċjenti ta' bolol. Iż-żieda fil-pensjoni għal dawk li se jibbenefikaw minnha tkun ta' medja ta' €8.92 fil-ġimgħa għal dawk ta' 75 sena 'l fuq u ta' €8 għal dawk taħt il-75 sena. | | | | |
| 56 | Għal dawk il-miżżewġin li bħalissa qed jirċievu l-pensjoni minima tal-miżżewġin u ma jiġux affettwati mill-miżura ta' hawn fuq, se tingħata wkoll żieda wara l-ħlas tal-COLA li flimkien tammonta għal €4.15 fil-ġimgħa. Minn din il-miżura se jgawdu 'l fuq minn 12,000 persuna. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Saru diskussjonijiet bejn DSS u MITA u saru l-enhancements neċessarji biex tibda titħallas iż-żieda msemmija. L-ewwel pagamenti ta' pensjonijiet biż-żieda tħallsu fit-2 ta' Jannar u tħallsu kollha sal-aħħar tal-istess xahar. B'hekk din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |
| 57 | Ir-romol li kienu jaħdmu u kellhom dritt għall-pensjoni tal-irtirar iżda tilfuha meta romlu għax bdew jieħdu l-pensjoni tar-romol, mis-sena d-dieħla se jibdew jirċievu l-pensjoni sħiħa tal-konjugi tagħhom u mhux aktar 5/6 kif qed jiġri bħalissa. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Saru diskussjonijiet bejn id-DSS u l-MITA u ġew implimentati l-enhancements neċessarji biex tibda titħallas iż-żieda msemmija. | F'dan il-perjodu ġiet ippruvata s-sistema min-naħa tal-assessuri, id-DSS u l-MITA u beda x-xogħol fuq il-każijiet li ġew identifikati u li għandhom dritt jibbenefikaw minn din il-miżura. | Sar ix-xogħol ta' riassessjar tal-każijiet li ġew identifikati u bdiet tintbagħat il-pensjoni sħiħa. | Mistenni li jitkompla x-xogħol ta'riassessjar u jkomplu jinħarġu l-pagamenti. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Il-Gvern jemmen li b'dan il-mod dawn ir-romol ikunu qed jiġu kkumpensati xi ftit għall-kontribuzzjonijiet li jkunu ħallsu matul ħajjithom u li għalihom ma jkunux qed jieħdu pensjoni. Din il-miżura fl-2016 se tiswa €1.7 miljun. | | | | | | |
| 58 | Iż-żewġ skemi li hemm preżenti, jiġifieri l-Pensjoni tal-Wens (Carers Pension) u l-Għajnuna Soċjali għall-Carers (Social Assistance for Carers), se jiġu riveduti u amalgamati f'qafas wieħed. L-eliġibilità tal-iskema l-ġdida wkoll se tiġi riveduta u miftuħa iżjed ħalli iktar nies li jieħdu ħsieb anzjani d-dar ikunu jistgħu jibbenefikaw minn din ir-reviżjoni u b'hekk ngħinu biex aktar anzjani jibqgħu jgħixu fi djarhom. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Saru taħditiet mal-istakeholders biex titfassal skema li jkunu jistgħu jibbenefikaw minnha persuni li jieħdu ħsieb l-anzjani tagħhom u ġie deċiż illi jsir studju ta' kif jaħdmu l-Barthel Scale u l-Mini-Mental. L-istudji fuq il-Barthel Index u Mini Mental ġew konklużi u l-emendi li hemm bżonn ġew imdaħħla fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Id-diskussjonijiet ġew konklużi u tlesta l-abbozz ta' liġi għall-iskrutinju tal-Parlament u tal-Kabinett. | Il-proposti ġew ippreżentati lill-Kabinett fejn ġie deċiż li minħabba emendi li jridu jsiru, il-miżura titkompla fil-Baġit 2017. | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 59 | Ġenituri li twieldu bejn l-1952 u l-1961 se jingħataw sentejn ta' krediti għal kull wild waqt li ġenituri li twieldu wara se jingħataw 4 snin ta' krediti għal kull wild sa massimu ta' 12-il sena. Mhux se tibqa' aktar ir-rabta li hemm illum li l-ġenitur irid ikun ħadem wara għal perjodu ekwivalenti biex jieħu dawn il-krediti. Però ġenituri li twieldu mill-1962 'il quddiem jieħdu sentejn ta' krediti oħra addizzjonali mir-raba wild 'il quddiem bil-kundizzjoni li wara li jkunu rabbew lit-tfal ikunu ħadmu għal perjodu ekwivalenti ta' żmien daqskemm jingħataw krediti kif inhi llum. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Tlestew l-emendi legali meħtieġa. Ġew identifikati dawk il-każijiet ta' ommijiet li kellhom it-tfal u li ma kinux eliġibbli għal pensjoni minħabba nuqqas ta' kontribuzzjonijiet, biex terġa' tinħadem it-talba oriġinali tagħhom għall-pensjoni u jingħataw żieda ta' credits skont il-miżura. Ġiet stabbilita lista oħra ta' dawk il-każijiet simili li għalkemm jirċievu pensjoni, hemm possibbiltà li jkollhom rata ogħla meta jiżdidulhom credits skont il-miżura. Sar ukoll xogħol fuq dawk il-każijiet ta' persuni li kellhom it-talba għal pensjoni kontributorja miċħuda minħabba li ma kinux jissodisfaw in-numru ta' kontribuzzjonijiet minimi meħtieġa u li issa bis-saħħa ta' din il-miżura ser jingħataw iżjed credits u b'hekk jilħqu l-ammont ta' kontribuzzjonijiet minimu meħtieġ. | Bdew jibbenefikaw il-ġenituri li kienu diġà ħadu l-pensjoni u permezz ta' din il-miżura qed jirċievu pensjoni kontributorja. Il-miżura ġiet implimentata u se tolqot b'mod pożittiv lil dawk l-ommijiet li ħadu career break biex irabbu t-tfal. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 60 | Għall-ewwel darba se jidħol il-kunċett tal-krediti tal-bolla għal perjodi ta' bla impjieg għal min ikun baqa' jistudja u jispeċjalizza u kif ukoll għal min ikompli għaddej jitħarreġ f'korsijiet fit-tul ta' lifelong learning. Dan għandu jservi biex jiġi żviluppat u msaħħaħ il-kapital uman. Il-krediti li jistgħu jingħataw jingħaddu flimkien għall kull Livell MQF li l-persuna tkun laħqet u jingħataw fil-perjodu tal-istudju. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Dawn il-każijiet bdew jinħadmu skont min jagħmel talba għal reviżjoni u dawk li japplikaw għall-ewwel darba. F'kull applikazzjoni futura għall-pensjoni, dawn il-kontribuzzjonijiet akkreditati se jkunu qed jiddaħħlu immedjatament. | Bdew jibbenefikaw persuni li diġà kienu ħadu l-pensjoni. Il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata |
| 61 | Fl-istess waqt, nemmnu li rridu ninċentivaw aktar nies biex b'mod volontarju u bi qbil ma' min iħaddimhom, jibqgħu fid-dinja tax-xogħol.Dawk li jibqgħu jaħdmu u ma japplikawx għall-pensjoni meta jkollhom dritt għaliha, għal kull sena se nkunu qed intuhom inċentiv. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali/ Il-Ministeru għall-Finanzi | Ġew konklużi d-diskussjonijiet mal-MFIN biex ikunu stabbiliti l-kriterji tal-inċentiv. L-inċentiv ġie mħabbar f'Marzu permezz ta' konferenza tal-aħbarijiet mill-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali u l-Ministru għall-Finanzi. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 62 | Se nkunu qed inniedu miżura sabiex titjieb ir-rata ta' pensjoni ta' numru ta' pensjonanti li bdew il-ħajja tax-xogħol tagħhom f'impjieg b'paga tajba u għalhekk kienu jħallsu kontribuzzjoni għolja, iżda li matul iż-żmien, minħabba ċirkustanzi li setgħu ma kellhomx kontroll fuqhom, ittantaw xortihom bħala self-employed, li iżda ma rrendiex dħul daqstant tajjeb. Għal din ir-raġuni, dawn il-persuni kienu kostretti jħallsu kontribuzzjoni baxxa li wasslithom jieħdu pensjoni baxxa. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Bdiet ħidma mal-MITA biex isiru l-enhancements neċessarji tas-sistema. | Baqa' għaddej ix-xogħol fuq l-enhancements fis-sistema tal-IT min-naħa tal MITA. | Tlestew l-enhancements fis-sistema tal-IT u saret il-fażi tas-system testing min-naħa tal-MITA u tad-DSS. Bdew jiġu identifikati l-każijiet eliġibbli taħt din il-miżura biex jinħadmu u jitħallsu. Il-każijiet tħallsu u din il-miżura issa bdiet tiġi implimentata. | | Implimentata |
| 63 | Għall-pensjonanti jew ir-romol tagħhom li ser jibdew jitħallsu, il-pensjoni tibda titħallas mill-għada li jispiċċaw mix-xogħol jew mid-data tal-mewt. Din il-miżura f'sena tolqot madwar 2,800 ruħ. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Ġew maqbula l-enhancements tas-sistema mal-MITA. Sar ix-xogħol neċessarju fis-sistema tal-IT kif ukoll xogħol biex jiġu implimentati dawn l-enhancements. Tlestiet ukoll il-fażi ta' prova. Il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 64 | Se nkomplu nallokaw €200 addizzjonali kull sena mill-istima tal-pensjoni tas-servizz għall-fini tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali. In-nefqa fuq din il-miżura tlaħħaq €1.6 miljun u tolqot 5,000 pensjonant. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Beda l-eżerċizzju biex l-imsemmija żieda tingħata. | Ġew identifikati l-persuni eliġibbli u nħadmu ż-żidiet dovuti. | Ix-xogħol fuq dawn il-każijiet kważi tlesta kollu u tħallsu l-maġġorparti tal-każijiet. | Il-kumplament tal-pensjonanti mistennija jingħataw din iż-żieda. | Implimentata |
| 65 | Il-persuni b'diżabilità meta jagħlqu l-età tal-pensjoni jibdew jitħallsu bir-rata ekwivalenti tal-pensjoni tal-età mhux kontributorja. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | L-emendi fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali tlestew u għaddew mill-istadju ta' Kumitat tal-Parlament. Din il-miżura bdiet titħaddem u l-benefiċjarji eliġibbli ġew imħallsa fil-bidu ta' Frar 2016. Din hija miżura li ser tkompli titħaddem fix-xhur u s-snin li ġejjin. | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 66 | Matul is-snin inħolqu diversi anomaliji fis-sistema tal-pensjonijiet li laqtu diversi kategoriji ta' ħaddiema, fosthom il-ħaddiema tal-eks-Korpi tax-Xogħol, tal-Electricity Board u oħrajn. Il-Gvern diġà indirizza numru minn dawn l-anomaliji. Iżda baqa' xi jsir. | Il-Ministeru għall-Finanzi/Il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali | Sar xogħol preparatorju u proposti ta' kif dawn l-anomaliji għandhom jiġu indirizzati. | Il-proposti qegħdin għall-konsiderazzjoni tal-Ministeru għall-Finanzi. | Il-proposti qegħdin għall-kunsiderazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi in vista tal-Baġit 2017. | Il-proposti qegħdin għall-kunsiderazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi in vista tal-Baġit 2017. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Dawn l-anomaliji qegħdin jiġu kkunsidrati bil-għan li naslu għal soluzzjoni xierqa u sostenibbli. Għalhekk, il-Gvern irid jerġa' jtenni l-impenn tiegħu li fuq medda ta' żmien raġonevoli, se jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jindirizza dawn l-anomaliji. | | | | | | |
| 67 | L-anzjani li jkollhom minn 75 sena 'l fuq ser jibqgħu jirċievu l-għotja ta' €300 fis-sena. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Saru l-peparamenti meħtieġa biex il-pagamenti joħorġu fi Frar. Il-pagamenti bdew jinħarġu u se jkomplu sakemm jitħallsu dawk li jkunu għalqu l-75 sena. | | | | Implimentata |
| 68 | Se jitwaqqaf fond pilota ta' €1 miljun li minnu familji li għandhom anzjan/anzjana dipendenti u bi bżonn ta' kura kostanti se jkun qed jingħatalhom sussidju meta dawn jimpjegaw carer kwalifikat, fuq bażi ta' full-time jew part-time. Dawn se jkunu jistgħu jieħdu sussidju sa nofs il-paga minima nazzjonali. Min jingaġġa lil xi ħadd part-time jibbenefika prorata. Mill-fond allokat, huwa stmat li madwar 160 anzjan se tingħatalhom din it-tip ta' għajnuna. | Id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (Segretarjat Parlamentari) | Il-proġett pilota tnieda f'Jannar. L-applikazzjonijiet intlaqgħu mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità u ġew ipproċessati biex ikunu jistgħu jinħarġu l-pagamenti dovuti. Sar rapport fuq il-proġett li ġie ppreżentat lis-Segretarju Parlamentari fejn saru xi tibdiliet li permezz tagħhom żdied in-numru ta' persuni eliġibbli għal dan il-proġett pilota. | L-ewwel kuntratti ġew iffirmati fil-bidu t'April, bil-benefiċjarji jirċievu l-pagamenti lejn l-aħħar t'April. | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 69 | Nifhmu li hemm min ġenwinament jinsab fil-bżonn u ma jistax joħroġ jaħdem minħabba mard, diżabilità u problemi ta' saħħa mentali. Dawn l-individwi u l-familji tagħhom irridu naraw li ma jaqgħux f'riskju ta' faqar. Għalhekk, mis-sena d-dieħla, għall-fini ta' għajnuna soċjali, id-dħul tat-tfal ta' meta jkunu jaħdmu ma jibqax jiġi kkunsidrat għat-test tal-mezzi tal-kap tal-familja. B'dan il-mod, ma jitnaqqsux €16.30ċ fil-ġimgħa għal kull wild li jaħdem u jgħix fid-dar. Pereżempju, familja ta' 4 persuni, minflok €92.72ċ fil-ġimgħa, tibda tieħu €125.32ċ, jekk iż-żewġt itfal ikunu jaħdmu. Din il-miżura se tiswa €1.5 miljun u tolqot 'il fuq minn 2,000 familja. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Dan l-eżerċizzju beda matul ix-xahar ta' Novembru 2015 u kompla fix-xhur ta' wara. Kull min kien eliġibbli tħallas mal-pagament ta' Jannar 2016. Il-miżura se tkompli titħaddem matul is-snin li ġejjin. | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 70 | Se jitkompla l-proġett Soċjetà Ġusta fejn il-Gvern ħa impenn ambizzjuż ħafna - dak ta' għaxart idjar żgħar fil-komunità biex inserrħu moħħ il-ġenituri ta' persuni b'diżabilità għal meta dawn jiġu nieqsa. Tlestiet l-ewwel dar fis-Siġġiewi li diġà qed tilqa' fiha l-ewwel grupp ta' residenti. | SAPPORT FSWS (Segretarjat Parlamentari) | Id-djar tas-Siġġiewi u tar-Rabat Għawdex infetħu u qegħdin jintużaw. Saru diskussjonijiet ma' bosta NGOs biex jinfetħu xi djar oħra matul is-sena. Il-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar fuq ix-xogħlijiet tad-dar ta' Ħaż-Żabbar | Id-dar taż-Żurrieq ġiet inawgurata filwaqt li Dar il-Fjuri f'Għawdex infetħet għall-pubbliku biex ikun hemm aktar għarfien dwar is-servizzi ta' dawn id-djar f'Għawdex. Ġew iffinalizzati n-negozjati tal-Espressjoni ta' Interess u tlesta | F'dan il-perjodu tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti dwar ix-xogħlijiet fuq id-dar ta' Ħaż-Żabbar, filwaqt illi sar il-proċess ta' l-evalwazzjoni tal-offerti tax-xogħlijiet fuq id-dar ta' Pembroke. | Mistennija jibdew ix-xogħlijiet strutturali fuq id-djar ta' Ħaż-Żabbar, Pembroke u l-Marsa. Mistenni wkoll li Dar il-Fjuri u dar oħra f'Għawdex jibdew l-operat tagħhom. Huwa mistenni wkoll li jinħarġu t-tenders ta' tlett idjar oħra li qegħdin f'Ħal Kirkop, l-Qrendi u ż-Żurrieq. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Dar oħra f'Għawdex qed titlesta, filwaqt li dawk ta' Ħaż-Żabbar u Pembroke għaddejjin bil-proċess tal-MEPA. Qed jiġi konkluż proċess dwar dar oħra wara li ħarġet espressjoni ta' interess, filwaqt li qed issir diskussjoni ma' NGOs dwar żewġt idjar oħra. | | ħarġu filwaqt illi d-dokument tat-tender tax-xogħlijiet tad-dar ta' Ħaż-Żabbar u s-sejħa għas-servizzi tal-immaniġjar tal-proġett tlestew. It-tender ta' Pembroke ġie ffinalizzat; inħarġet sejħa oħra għas-servizzi tal-immaniġjar tal-proġett. Intlaħaq ukoll ftehim ma' NGO oħra għal dar oħra fil-komunità taż-Żurrieq. | r-rapport tal-kumitat. Ġew ippubblikati t-tenders għax-xogħlijiet fuq id-dar ta' Ħaż-Żabbar u tad-dar ta' Pembroke u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti dwar ix-xogħlijiet fuq id-dar ta' Ħaż-Żabbar. Bdew isiru diskussjonijiet ma' numru ta' NGOs. Ġiet identifikata dar ġdida fil-Marsa. | Fir-rigward ta' Dar il-Fjuri, beda l-proċess tar-reklutaġġ. Ġiet identifikata dar oħra fil-Marsa u tlestew il-pjanti tal-proġett. | | |
| 71 | Fost il-persuni singoli li jgħixu mal-ġenituri, jista' jkun hemm min ma jistax jaħdem minħabba mard mentali jew mard terminali. Biex dawn il-persuni wkoll ma jispiċċawx ta' piż fuq il-ġenituri tagħhom, fejn wieħed jew waħda minnhom tkun bil-pensjoni, se jkunu qed jingħataw id-dritt li jibbenefikaw mill-Għajnuna Medika. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Saru laqgħat mal-istakeholders konċernati. Tħejjew it-tibdiliet fil-liġi u l-Budget Implementation Bill 2016 ġie diskuss fil-Parlament. L-emendi fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali tlestew u għaddew mill-istadju ta' kumitat tal-Parlament. Il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 72 | Miżura oħra tolqot dawk il-persuni li jidħlu għal programm biex jaqtgħu l-vizzju tad-drogi. Lil dawn, se jingħata l-benefiċċju magħruf bħala Drug Addict Allowance, irrispettivament mid-dħul tagħhom jew tal-familji tagħhom. Barra minn hekk, dan il-benefiċċju se jiżdied minn €23.29 għal €30 fil-ġimgħa. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Din il-miżura daħlet fis-seħħ f'Jannar 2016. | | | | Implimentata |
| 73 | Se nwarrbu r-restrizzjonijiet li hemm fuq vjaġġar għal dawk li jirċievu benefiċċji soċjali. Għalhekk, persuni bl-għajnuna soċjali jkunu jistgħu jmorru f'pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, għal mhux iżjed minn tmint ijiem f'sena kalendarja, mingħajr ma jitilfu d-dritt għall-benefiċċju. Persuni li jirċievu Pensjoni tal-Età mhux Kontributorja u li għandhom qraba fl-Awstralja, New Zealand u l-Kanada, ikunu jistgħu jżuruhom għal mhux iżjed minn tliet xhur mingħajr ma jitilfu l-pensjoni. Dawk il-benefiċjarji li jkunu jridu jsiefru lejn pajjiż barra mill-Unjoni Ewropea, il-mawra tagħhom tista' tkun ta' mhux aktar minn xahar. | Id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali | Din il-miżura daħlet fis-seħħ f'Jannar 2016. Persuni li jaħdmu fid-Distretti kif ukoll l-assessuri fid-Direttorat Benefiċċji mhux Kontributorji ġew infurmati b'dan it-tibdil. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 74 | Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (il-KNPD) ser (a) twaqqaf call centre sabiex ittejjeb is-servizzi tagħha lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom;<br><br>(b) permezz tal-iskema Sharing Lives, se jingħata sostenn lill-familji li jridu jżommu magħhom żgħażagħ u adulti b'diżabilità; u<br><br>(ċ) fuq kollox, is-sapport lill-persuni b'diżabilità se jkompli jissaħħaħ bl-Empowerment Programme li permezz tiegħu tissaħħaħ l-għajnuna lill-persuni b'diżabilità li jixtiequ jgħixu ħajja indipendenti kif ukoll jingħata servizz aħjar ta' respite. | Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità: Segretarjat Parlamentari | (a) Beda jitħaddem il-Call Centre tal-KNPD wara li sar ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-impjegati.<br><br>(b) L-iskema tax-Sharing Lives ġiet emendata biex jintlaħqu iżjed nies fil-bżonn ta' dan is-servizz.<br><br>(ċ) Fir-rigward tal-Empowerment Scheme, ġew magħquda flimkien żewġ servizzi - dawk tal-għajnuniet speċjali u l-iskema tat-trasport. Il-komponent tas-servizz Għajnuniet Speċjali beda jopera taħt l-Aġenzija SAPPORT u nħatar il-bord. | Saru żjarat ma' NGO biex ikun mistħarreġ kif u b'liema mod grupp ta' persuni b'diżabilità jistgħu jgħixu flimkien għalkemm b'mod indipendenti. Saru diversi diskussjonijiet bejn l-Aġenzija SAPPORT u l-PSDAA biex jitjieb u jiġi ddiversifikat il-proġett Sharing Lives. Beda l-proċess biex toħroġ sejħa biex tintgħażel persuna li ħa tmexxi dan il-proġett. F'dak li għandu x'jaqsam mal-Empowerment Programme, tkompla x-xogħol relatat mal-iskema tat-trasport għat-tisħiħ tal-għajnuna lill-persuni b'diżabilità li jixtiequ jgħixu ħajja indipendenti. | (b) Il-proposta u l-qafas ġdid ta' din l-iskema ġiet approvata. Beda l-proċess tar-reklutaġġ biex tiġi identifikata l-persuna li ħa tmexxi dan il-proġett.<br><br>(ċ) Il-bord tal-Empowerment Programme kompla jiltaqa'. B'hekk din il-parti tal-miżura ġiet implimentata. | (b) Mistenni li ssir kampanja ta' informazzjoni dwar il-proġett biex tattira l-klijenti; tinħareġ sejħa għal voluntiera; jingħata t-taħriġ lill-voluntiera; u jibdew isiru l-ewwel laqgħat mal-klijenti. | Implimentata. |
| 75 | Il-Gvern ilu jaħdem fuq kunċett li jinħoloq hub attrezzat u adattat għall-persuni b'diżabilità, post fejn dawn il-persuni b'abbiltajiet differenti jiltaqgħu u jintegraw ma' persuni b'abbiltajiet differenti minn tagħhom biex b'hekk tiġi promossa l-inklużjoni u jkollhom | Ad Hoc Working Group (Segretarjat Parlamentari) | Twaqqaf grupp ta' ħidma għal dan il-proġett. Inġabar il-materjal u l-istudji li saru s'issa biex fuqhom ikompli jiġi żviluppat dan il-proġett. Ġew stabbiliti wkoll | Baqa' għaddej ix-xogħol bejn il-grupp ta' ħidma u l-periti fuq il-preparamenti għal dan il-proġett. | Tkompla x-xogħol preparatorju sakemm tittieħed deċizjoni finali mill-Awtorita' Maniġerjali dwar l-approvazzjoni tal-proġett biex dan jiġi kofinanzjat mill-fondi tal-UE. | Jitkompla x-xogħol preparatorju sakemm tittieħed deċizjoni finali mill-Awtorita' Maniġerjali dwar l-approvazzjoni tal-proġett biex dan jiġi kofinanzjat mill-fondi tal-UE. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | aċċess ghal diversi servizzi u faċilitajiet minn post wieħed u allura f'iktar kumdità. Parti mill-proġett se jitħaddem mal-Malta Guide Dogs Foundation fejn ukoll ser ikun hemm programm li se jolqot persuni neqsin mid-dawl u mis-smigħ, persuni awtistiċi u persuni bid-dijabete, u allura l-firxa ta' persuni li jistgħu jibbenefikaw minn dan il-post hija sostanzjali. | | l-irwoli tal-membri u tħejja pjan ta' kif se jitmexxew ix-xogħlijiet fix-xhur li ġejjin. Tħejjiet l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej u qiegħda fil-fażi finali tagħha. | | | | |
| 76 | Il-Gvern se joħroġ talba għal proposti biex tinbena dar tal-anzjani ġewwa Birkirkara. Dan il-proġett se jkun iffinanzjat fuq bażi ta' Public Private Partnership mal-privat. Kif ikun lest dan il-proġett, hemm ħsieb li jiċċaqalqu fih xi uffiċċji tad-Dipartiment tas-Saħħa. | Id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (Segretarjat Parlamentari) | Bdew id-diskussjonijiet dwar din il-miżura, anke fid-dawl ta' żviluppi oħrajn li qed iseħħu fis-settur. | Saru diskussjonijiet bejn l-entitajiet ikkonċernati u nġabret ukoll l-informazzjoni neċessarja. | Saru diskussjonijiet bejn il-PSDAA u l-Ministeru tas-Saħħa u ġie deċiż li tinħareġ Espressjoni ta' Interess. | Mistennija li titfassal u tiġi ppubblikata l-Espressjoni ta' Interess. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 77 | Il-programm għall-2016 jinkludi proġetti fi tliet lokalitajiet fosthom blokk ta' 48 unit fil-Ħamrun fejn hu ppjanat li jsiru xogħlijiet ta' tiswija u tibdil ta' soqfa u kontrabjut waqt li se jsir ukoll upgrading sħiħ tal-partijiet komuni u estensivi tal-blokka. | L-Awtorità tad-Djar | Tħejja d-dokument tat-tender u ġie ppubblikat f'Marzu. F'dan il-perjodu saru wkoll l-applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar biex isiru xogħlijiet marbuta mal-bdil ta' xi soqfa u nkisbu l-permessi meħtieġa. | Saret l-evalwazzjoni ta' dawn l-offerti u l-Bord tal-Evalwazzjoni tal-offerti li ġew ippreżentati u ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur biex jibda x-xogħol. | Tlesta l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti li ġew ippreżentati u ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur biex jibda x-xogħol. | Mistenni jibda x-xogħol fl-imsemmija units. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Dan jinkludi tibdil ta' servizzi ta' dawl, ilma u drenaġġ, tibdil ta' madum u aperturi, kif ukoll tindif u tibjid fil-partijiet komuni. | | | | | | |
| 78 | It-tieni proġett se jkopri xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq faċċati u bjut f'diversi blokok fil-Housing Estate f'Ta' Giorni. | L-Awtorità tad-Djar | Tlestew il-Bill of Quantities, il-pjanti tax-xogħlijiet u l-istimi ta' xogħlijiet fuq erba' blokki. Tħejja wkoll id-dokument tat-tender. | Ġie ppubblikat it-tender u beda l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti li ġew ippreżentati. | Beda l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa. | Jitlesta l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa u jiġi ffirmat il-kuntratt biex ikun jista' jibda x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 79 | F'Pembroke wkoll, wara li din is-sena tranġat is-sistema ta' dawl fil-landscaping ta' madwar 7 blokok fi Triq Pietro Darmenia bi spiża ta' €40,000, huwa ppjanat li s-sena d-dieħla jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-faċċati kif ukoll tiswijiet u manutenzjoni fil-pavimentar u s-sistema ta' rain water culverts sabiex tissolva l-problema ta' dħul ta' ilma li ggravat matul is-snin. | L-Awtorità tad-Djar | F'dan il-perjodu tlestew il-Bill of Quantities, l-istimi u l-pjanti tax-xogħlijiet li ser isiru f'dawn il-binjiet u d-dokument tat-tender. | It-tender ġie ppubblikat u beda l-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerti. | Beda l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa. | Beda l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa u jiġi ffirmat il-kuntratt biex ikun jista' jibda x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 81 | L-Awtorità tad-Djar qed taħdem fuq pjan kif tista' tilqa' għad-domanda kontinwa għall-akkomodazzjoni soċjali. Fil-preżent, l-Awtorità għandha mal-2,900 applikazzjoni pendenti. | L-Awtorità tad-Djar | Ġiet iffurmata l-kumpanija HPMU (Housing Project Management Unit Limited) u nħatar Bord tad-Diretturi għall-istess kumpanija. | Saru aktar laqgħat bejn id-Dipartiment tal-Kuntratti, il-European Investment Bank (EIB) u l-Council of Europe Development Bank (CEB). | Ġiet iffinalizzata l-istruttura legali ta' din il-kumpanija u saru diskussjonijiet ma' CEB u EIB biex jiġi ffirmat il-ftehim. Bdew jiġu evalwati l-offerti mitfugħa għal Framework Agreement għal xogħol ta' skavar. | Mistenni li jiġi ffirmat il-ftehim. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Għal dan il-għan, l-Awtorità tad-Djar se tidħol għal proġett ta' €50 miljun biex b'hekk tkun f'pożizzjoni li żżid l-istokk tagħha għal skopijiet ta' akkomodazzjoni soċjali. Dan il-proġett jinkludi bini fuq art li huwa kopert bil-permessi maħruġa mill-PA, kif ukoll ix-xiri mill-privat ta' proprjetà li tinsab dilapitata. | | Saru laqgħat tekniċi bejn il-Malita Investments p.l.c., il-Ministeru tal Finanzi, u l-Bord tal-HPMU. | Sar xogħol biex ikun hemm struttura legali bejn l-Awtorità tad-Djar, il-Malita Investment plc u l-Gvern. Il-kumpanija HPMU ħarġet tender għall-Framework Agreement. Saru wkoll diskussjonijiet biex jingħalaq il-loan agreement mal-European Investment Bank u l-Council of Europe Development Bank. Saru taħditiet mal-Malita plc, MFIN, CEB u Eurostat biex tiġi maqbula l-istruttura li għandha tiġi użata. | | | |
| 82 | Se nagħmlu strutturar aħjar tal-fondi li jingħataw lill-għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu fil-qasam tal-ħarsien soċjali. Mis-sena d-dieħla, dawn l-għaqdiet se jkunu qed jintalbu biex, bħalma diġà hemm fil-każ ta' ħafna oħrajn li għamlu hekk, jidħlu f'Public Social Partnerships mal-Ministeru responsabbli mill-Ħarsien Soċjali biex ikun hemm qbil bil-quddiem dwar il-miri u l-oġġettivi li tali servizzi għandhom jilħqu. | MFSS | Saret ħidma mill-Ministeru biex jiġi ffinalizzat il-ftehim biex ikun hemm qbil dwar il-miri u l-oġġettivi li tali servizzi għandhom jilħqu fi ħdan il-Public Social Partnerships (PSPs). Għal din is-sena, il-Ministeru beda bl-ewwel żewġ għaqdiet mhux governattivi (NGOs) li huma Caritas Malta u Dar Merħba Bik. Dan filwaqt li l-Ministeru | Ġew iffirmati l-Public Social Partnerships (PSPs) ma' Caritas Malta u Dar Merħba Bik. Bdew id-diskussjonijiet dwar il-Public Social Partnership (PSP) ma' Dar Merħba Bik, Fondazzjoni Richmond, Fondazzjoni Nazareth, Fondazzjoni Mid-Dlam għad-Dawl u l-Fondazzjoni Suret il-Bniedem. | Il-Public Social Partnership ma' Dar Merħba Bik ġie ffirmat. Ingħatat l-approvazzjoni għal PSP ma' Fondazzjoni Wens u Fondazzjoni Arka. PSP ieħor li l-fondi għalih ġew trasferiti mill-Ministeru responsabbli mid-Djalogu Soċjali huwa dak mal-Malta Autism Centre. | Il-PSPs li huma mistennija li jiġu konklużi sal-aħħar tas-sena huma: it-tlieta mar-Richmond Foundation: KIDS Programme, Villa Chelsea u Supported Housing Scheme; il-PSPs ma' Fondazzjoni Suret il-Bniedem u Fondazzjoni Mid-Dlam għad-Dawl; il-PSP mal-Malta Autism Centre; u kif ukoll il-PSP ma' Fondazzjoni Nazareth. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | B'dan il-mod, dawn l-għaqdiet ikollhom anqas burokrazija biex jieħdu l-fondi għax ma jkollhomx bżonn japplikaw kull sena għalihom waqt li se jkollhom ukoll aktar serħan il-moħħ għax il-fondi jkunu garantiti għat-tul tal-ftehim li jilħqu mal-Ministeru responsabbli mill-Ħarsien Soċjali. Fl-istess ħin, dawk l-għaqdiet mhux governattivi li huma iżgħar, u li mhux neċessarjament jaħdmu fil-qasam soċjali, se jkollhom aktar opportunità biex jibbenefikaw mill-fondi mogħtija taħt il-Fond tal-Għaqdiet Volontarji taħt il-Ministeru responsabbli mid-Djalogu Soċjali. | | beda jfassal abbozz ta' PSPs ma' Fondazzjoni Suret il-Bniedem, Fondazzjoni Nazareth, Mid-Dlam għad-Dawl u Richmond Foundation. | | Sar xogħol biex jiġu stabbiliti rati li bihom il-Ministeru ħa jkun qed iħallas għas-servizzi mingħand din l-NGO. | | |
| 83 | L-Awtorità tad-Djar ser ittejjeb żewġ skemi li diġà għandha billi żżid l-għotja li r-residenti jkunu jistgħu jibbenefikaw minnha. Permezz ta' dan it-titjib, l-għotja massima taħt Skema għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Irranġar u Titjib f'Residenzi Okkupati minn Sidien | L-Awtorità tad-Djar | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | jew Inkwilini se tiżdied minn €10,000 għal €11,000, filwaqt li l-għotja massima taħt l-Iskema Strutturi Perikolużi se tiżdied minn €7,000 għal €8,000. | | | | | | |
| 84 | Il-proġett Għaqal id-Dar se jkun mifrux ma' aktar Kunsilli Lokali kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. | MFSS | Il-kors Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar beda jiġi mogħti fil-lokalitajiet tal-Ħamrun, Ħad-Dingli, il-Birgu u l-Għarb b'rata għolja ta' interess minn fost il-pubbliku u b'suċċess ta' parteċipazzjoni. Saru wkoll il-preparamenti neċessarji biex il-kors jingħata f'erba' lokalitajiet oħra lejn it-tieni kwart tas-sena. | Ġew konklużi s-sessjonijiet li kienu qed isiru fil-Ħamrun, il-Birgu, Ħad-Dingli u l-Għarb u saret ċerimonja li matulha dawk il-parteċipanti li attendew regolarment ingħataw ċertifikat t'attendenza. Bdiet ukoll it-tieni fażi tal-programm għal din is-sena fejn bdew is-sessjonijiet fil-Mosta, Tas-Sliema, Raħal Ġdid u Ħal Kirkop. | Il-korsijiet ġewwa l-Mosta, Raħal Ġdid, Tas-Sliema u Ħal Kirkop ġew fi tmiemhom u bdew preparamenti għall-kors Għaqal id-Dar ġewwa Bormla, Ħaż-Żabbar, Birkirkara u x-Xagħra (Għawdex). | Mistenni jingħata l-programm Għaqal id-Dar ġewwa l-lokalitajiet ta' Birkirkara, Bormla, Ħaż-Żabbar u x-Xagħra (Għawdex), b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali rispettivi. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA,
KULTURA U GVERN LOKALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 85 | **Baħħara eks-Seamalta**<br><br>Il-Gvern jinsab f'negozjati avvanzati mal-eksbaħħara tas-Seamalta sabiex darba għal dejjem tiġi konkluża l-pendenza li huma għandhom quddiem il-Qrati. | L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali | Saru laqgħat fuq livell Ministerjali dwar is-suġġett. | Wara li ntlaħaq qbil mal-ħaddiema tal-eks-Seamalta, inbdew diskussjonijiet mal-MFIN biex jiġu allokati l-fondi meħtieġa. | Il-kuntratti mal-eksbaħħara tas-Sea Malta ġew iffirmati f'Settembru u tħallas il-kumpens dovut. | | Implimetata |
| 86 | **Tnaqqis fiż-żmien li hemm bżonn biex tinbiegħ proprjetà wara wirt**<br><br>Waħda mir-raġunijiet għall-proprjetà vakanti hlja litigazzjoni bejn il-werrieta. Is-sitwazzjoni llum hija li jekk aktar minn 51% tal-werrieta jaqblu fuq prezz sabiex ibigħu, u l-werrieta l-oħra ma jaqblux, il-proprjetà tkun tista' tinbiegħ biss wara għaxar snin jew ħames snin li tkun intirtet, jiddependi skont meta ntirtet. Għaldaqstant sabiex innaqqsu l-fenomenu tal-proprjetajiet vakanti, se nkunu qed innaqqsu dan il-perjodu minn għaxar snin jew ħames snin għal tliet snin fil-konfront tal-proprjetajiet kollha li ntirtu u li għad iridu jintirtu. | L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali | Saret il-bidla meħtieġa fil-Kodiċi Ċivili, liema bidla daħlet fis-seħħ mill-1 ta' April, 2016. | | | | Implimetata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 | **Penali fuq Proprjetà Kummerċjali Abbandunata**<br><br>Il-Gvern jixtieq jgħolli l-livell tal-ambjent li ngħixu fih u l-proprjetà abbandunata hija fattur li jkerrah il-bliet tagħna. Għal dan il-għan, il-Gvern se jikkonsulta mal-pubbliku u s-settur tal-proprjetà biex jiġi mfassal pjan biex għall-ewwel darba jiġi stabbilit obbligu fil-liġi li proprjetà tinżamm fi stat tajjeb. L-ewwel fil-mira tal-Gvern se jkun bini kummerċjali bħal showrooms li tħallew mitluqa u miftuħa, u f'ċerti każijiet b'mod perikoluż fejn faċilment jista' jweġġa' xi ħadd. | L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali | Saru laqgħat mal-Awtorità tal-Ippjanar fejn b'konsultazzjoni mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ġie propost li jiġi emendat l-Avviż Legali biex fih ikopri bini kummerċjali abbandunat. | Wara konsultazzjoni pubblika saret il-pubblikazzjoni tal-Avviż Legali. B'hekk l-Awtorità tal-Ippjanar tista' tibda tieħu l-miżuri neċessarji, fosthom multi biex il-bini jinżamm fi stat tajjeb. | Is-Segretarjat Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva beda beda jħejji White Paper. | Mistennija ssir l-analiżi ta' dak li joħroġ mill-White Paper. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 88a | **Fondi Ewropej għal Investiment fi Proġetti Kapitali Kulturali**<br><br>Is-sena d-dieħla se nikkonċentraw fuq il-konklużjoni tal-proġett tal-Ipoġew. | Heritage Malta | Ġie ppubblikat u evalwat it-tender tax-xogħolijiet. | It-tender ġie mogħti lill-kuntrattur rebbieħ. | Beda x-xogħol fuq il-proġett. | Mistenni jitkompla x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 88b | U se nkunu qed naħdmu fuq inizjattivi ġodda taħt il-programm ta' fondi ERDF 2014-2020. | Id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni ta' Programmi | Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet għall-Proġetti Kapitali. | Stennija għall-fondi tal-Unjoni Ewropea. Sadanittant saru preparamenti u laqgħat dwar il-proġetti li għalihom ġew sottomessi applikazzjonijiet għall-fondi. | Stennija għall-approvazzjoni tal-fondi għall-proġetti. | Mistennija jibdew il-preparamenti għall-ħruġ tat-tenders. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 88c | Inizjattiva ċentrali hi l-applikazzjoni sabiex b'effett mis-sena 2016, l-Arkivju Notarili fil-Belt Valletta jiġi riabilitat u mmodernizzat kif xieraq. | L-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern | Ġew ippreparati t-tenders. Il-konvenju biex jinxtara l-post biswit l-Arkivju Notarili ġie diskuss mal-partijiet konċernati. | Stennija għall-fondi tal-Unjoni Ewropea. Sadanittant saru preparamenti u laqgħat dwar dan il-proġett. Ġew ippreparati tenders biex joħorġu mill-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern. Il-konvenju biex jinxtara l-post biswit l-Arkivju Notarili kompla jiġi diskuss mal-partijiet konċernati. | Stennija għall-approvazzjoni tal-fondi għall-proġetti. | Mistennija jibdew il-preparamenti għall-ħruġ tat-tenders. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 89a | **Valletta 2018 - Kapitali Kulturali Ewropea**<br><br>Għaddejjin il-preparamenti sabiex jitfassal programm xieraq li għandu jwassalna sa u għal meta l-Belt Valletta tkun il-Belt Kapitali Kulturali Ewropea. Apparti minn dan hemm numru ta' applikazzjonijiet għal Fondi Ewropej biex jgħinu fl-ispiża kapitali tal-Gvern fuq bosta proġetti importanti li se jħallu marka fuq ix-xena kulturali ta' pajjiżna lil hinn mill-2018 meta l-Belt Valletta se tkun il-Kapitali Ewropea tal-Kultura. Fost l-applikazzjonijiet li tressqu, insibu dik tal-Valletta Design Cluster. | Valletta Design Cluster - Direttorat tal-Kultura | Tlesta x-xogħol fuq il-Cost Benefit Analysis tal-proġett. Saret previżjoni tal-fondi neċessarji inkonnessjoni ma' dan il-proġett. Sar xogħol ta' restawr fuq il-faċċata li tagħti fuq Triq San Kristofru. | Ġie ffinalizzat is-CBA tal-proġett u sar l-arranġament għall-ħlas. | Stennija għall-approvazzjoni għall-fondi tal-proġett. | Mistennija jibdew il-preparamenti għall-ħruġ tat-tenders. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 89b | Il-proġett MUŻA. | Proġett MUŻA - Heritage Malta | Beda xogħol fuq il-faċċata tal-Berġa tal-Italja. Tlesta wkoll it-tender għall-pubblikazzjoni. | Stennija għall-fondi tal-Unjoni Ewropea. Sadanittant saru preparamenti u laqgħat dwar il-proġett. Wasal fl-aħħar fażi tiegħu x-xogħol fuq il-faċċata tal-binja. | Ix-xogħol tal-faċċata tlesta. Mistennija l-approvazzjoni għall-fondi tal-proġett. | Mistennija jibdew il-preparamenti għall-ħruġ tat-tenders. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 89c | il-Grand Salon for Costume, Fashion and Film. | Grand Salon for Costume, Fashion and Film - Direttorat tal-Kultura | Inbeda x-xogħol fuq it-tender tal-Project Management. | Stennija għall-fondi tal-Unjoni Ewropea. Sadanittant saru preparamenti u laqgħat dwar il-proġett. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-Proġetti Kapitali. | Mistennija jibdew il-preparamenti għall-ħruġ tat-tenders. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 89d | U l-Malta International Contemporary Art Space. | Malta International Contemporary Art Space - Direttorat tar-Restawr | Bdew il-preparamenti għat-tender għas-servizz ta' konsulenza għall-MCAST Galleries. Stennija għall-approvazzjoni tal-fondi Ewropej. Saru diversi laqgħat bħala preparamenti għal dan il-proġett. Beda x-xogħol ta' restawr fuq is-swar ta' San Salvatore fil-Furjana li jinsabu wara l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fuq ir-riħ tal-Port ta' Marsamxett. | Tlesta t-tender għas-servizzi ta' konsulenza għall-MCAST Galleries. Tkomplew id-diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-kostruzzjoni u r-restawr li jagħmlu parti mill-proġett. Kompla x-xogħol ta' restawr fuq is-swar ta' San Salvatore fil-Furjana. Stennija għall-fondi tal-Unjoni Ewropea. | Stennija għall-approvazzjoni għall-fondi tal-proġett. | Mistennija jibdew il-preparamenti għall-ħruġ tat-tenders. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 90 | **Summit Dinji dwar l-Arti u l-Kultura**<br><br>Matul is-sena d-dieħla, il-Kunsill Malti għall-Arti se jkun qed jospita s-seba' Summit Dinji dwar l-Arti u l-Kultura b'400 delegat minn 80 pajjiż madwar id-dinja. Dan ix-xogħol se jsir bi sħab mal-International Federation of Arts Councils and Culture Agency (IFACCA). | Il-Kunsill Malti għall-Arti | Intgħżlu l-kelliema u t-temi għal dan is-Summit. Sar xogħol fuq il-Programm Kulturali kif ukoll fuq il-kampanja tal-midja soċjali. | Bdew jintbagħatu l-inviti lill-Ministri tal- Kultura ta' diversi pajjiżi. Infetħet il-faċilitàta' reġistrazzjoni onlajn u ġiet varata l-kampanja tal-midja soċjali. Bdew l-arranġamenti mal-lukanda li se tkun qed tospita dan is-summit. | Bdew jintlaqgħu ir-reġistrazzjonijiet tal-mistiedna. Kompliet il-kampanja pubbliċitarja filwaqt li ġie ffinalizzat il-programm sħiħ għal dan is-Summit. | Mistennija jiġu finalizzati l-aħħar dettalji għas-Summit. | Implimentata |
| 91 | **Parteċipazzjoni ta' Malta fil-Biennale ta' Venezja**<br><br>Kif imwiegħed ukoll fil-Manifest Elettorali, se nirsistu biex nerġgħu naraw lil Malta tipparteċipa fil-Biennale ta' Venezja tal-2017. Għalhekk se nallokaw vot ġid b'investiment inizjali li din is-sena jlaħħaq €100,000 u bi spiża totali ta' €350,000 mifruxa fuq sentejn. | Il-Kunsill Malti għall-Arti | Infetħet is-sejħa għall-għażla tal-kuratur jew tim kuratorjali u twaqqaf il-bord internazzjonali tal-għażla. | Tħabbar ir-riżultat tas-sejħa għall-għażla tat-tim kuratorjali. | | | Implimentata |
| 92 | **Partnerships ġodda ma' organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-Kultura**<br><br>Permezz ta' ristrutturar u allokazzjoni akbar għal fondi eżistenti fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti, se jinħoloq fond kompetittiv ta' €500,000 li jipprovdi kofinanzjament fuq perjodu ta' tliet snin lill-imsieħba ewlenin f'dan il-pjan. | Il-Kunsill Malti għall-Arti | Saru l-pjanijiet ta' kif se jkunu mqassma l-iskemi ta' partnerships. Fost dawn hemm skema ta' partnerships ma' entitajiet Għawdxin. Tnediet sejħa pubblika għall-partnerships ma' organizzazzjonijiet li huma rreġistrati bħala organizzazzjonijiet volontarji. | Saret l-għażla tal-proġetti. Tfassal ukoll proġett ta' taħriġ. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 93 | **Twaqqif ta' Teatru Malta**<br><br>Kif sentejn ilu ħabbarna t-twaqqif ta' ŻfinMalta, issa se nagħmlu investiment inizjali biex titwaqqaf struttura professjonali għat-teatru bl-għan li jinħoloq xogħol teatrali kontemporanju b'relevanza għas-soċjetà u b'viżjoni ta' innovazzjoni kreattiva u eċċellenza artistika li tinkludi wkoll esperimentazzjoni fi stili, drammaturġija, teknoloġija u kitba, fost oħrajn. Dan se jseħħ permezz ta' produzzjonijiet u koproduzzjonijiet ma' artisti u kumpaniji teatrali Maltin u barranin. | Il-Kunsill Malti għall-Arti | Beda x-xogħol tat-tfassil tal-pjan għat-twaqqif ta' Teatru Malta. Ġew stabbiliti kuntatti ma' Theatre Im Keller fl-Awstrija biex jinbnew networks importanti għat-twaqqif ta' Teatru Malta;<br><br>European Forum in European Culture dwar konferenza f'Sofija, fil-Bulgarija, bl-isem ta' Creating Europe Through Engaged Theatre. Il-Kunsill stabbilixxa wkoll kuntatt li se jwassal għal kollaborazzjoni ma' National Theatre Wales. | Bdiet il-ħidma fuq riċerka u żvilupp ta' strateġija għas-settur u għall-proġett innifsu b'kollaborazzjoni sħiħa mal-istakeholders kollha. Ġie deċiż li toħroġ sejħa għal koordinaturi/ koordinatriċi tal-proġett mal-Kunsill. Saret żjara f'Cardiff biex jiġu stabbiliti linji ta' kooperazzjoni bejn NTW u Teatru Malta. | Wara li saru diversi laqgħat u riċerka dwar l-istruttura, Teatru Malta tnieda waqt konferenza tal-aħbarijiet f'Awwissu. Waqt din il-konferenza saret ukoll sejħa għal Direttur Artistiku. | | Implimentata |
| 94a | **Riforma fis-Sistema Ġudizzjarja**<br><br>Il-Gvern wiegħed riforma ħolistika fil-qasam tal-ġustizzja u qiegħed iwettaqha. Iddaħħlu diġà sistemi u drittijiet ġodda li mmarkaw differenza sostanzjali. Fl-istess waqt, iddaħħlu u se jkomplu jiddaħħlu elenku sħiħ ta' | L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali | Dwar id-dritt tal-avukat waqt l-arrest ġew imfassla żewġ abbozzi ta' liġi minn żewġ aspetti differenti u saret analiżi mill-Avukat Ġenerali għal proposta leġiżlattiva waħda. | Komplew jiġu evalwati ż-żewġ abbozzi biex jiġi deċiż liema wieħed se jkun adattat. | Saru l-preparamenti kollha meħtieġa u sar qbil bejn il-partijiet.<br><br>. | Fl-aħħar kwart mistennija tidħol fis-seħħ direttiva tal-UE li ssaħħaħ id-dritt tal-avukat waqt l-arrest. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | sistemi ġodda kemm teknoloġiċi u kemm proċedurali fil-kamp ċivili li jkissru l-burokrazija u d-dewmien żejjed. Żdied l-ispazju fiżiku fil-Qrati bil-ftuħ tal-Binja tal-Ġudikanti. Din kienet deċiżjoni li taħseb mhux biss għall-preżent imma anke għall-futur u tagħti opportunità biex jiżdiedu r-riżorsi umani fil-Qrati tagħna.<br>Se tkompli l-ħidma biex jitwettqu iktar rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni għar-Riforma Ħolistika fil-Qasam tal-Ġustizzja fir-rapport finali tagħha. Matul is-sena d-dieħla se niffukaw fuq erba' binarji:<br>L-ewwel nett, irridu nkomplu ndaħħlu drittijiet ġodda fil-kamp kriminali biex jitkattru l-garanziji u s-salvagwardji tal-persuni. Għal dan il-għan, matul is-sena d-dieħla, se ntejbu u nirriformaw id-dritt tal-avukat waqt l-arrest | | | | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 94b | U se nibdew proġett pilota fejn il-prosekuzzjonijiet jitmexxew minn Avukat u mhux minn membru tal-Korp tal-Pulizija li ħafna drabi jkun hu stess li investiga r-reat. | Qrati tal-Ġustizzja | Kompla l-proġett pilota fis-seduti tat-traffiku fl-Awla tal-Maġistrat Depasquale. L-Avukat magħżul għal dan il-proġett qed jattendi għas-seduti flimkien mal-Ispettur tal-Pulizija. | Saret analiżi statistika tal-ammont ta' kumpilazzjonijiet li għandu l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali biex jitfassal pjan ta' assenjazzjoni ta' Avukati biex jipprosegwixxu dawn il-kumpilazzjonijiet. | Dan il-proġett pilota ġie estiż ukoll għas-seduti tat-Traffiku. | | Implimentata |
| 95 | It-tieni nett, fil-kamp ċivili, se nibdew inizjattivi bla preċedent biex indaħħlu f'Malta l-kultura li diġà hija predominanti fuq livell Ewropew illi wieħed jirrikorri għall-medjazzjoni qabel ma jgħaddi biex jiftaħ kawżi fil-Qrati tagħna. Nemmnu li l-medjazzjoni hija għodda li jekk imħaddma tajjeb tagħti soluzzjonijiet tajba, iktar mgħaġġla u b'ħafna inqas spejjeż liċ-ċittadini tagħna. Matul is-sena d-dieħla, se mmexxu 'l quddiem pakkett ta' emendi li jtejbu u jimmodernizzaw dan is-settur u se nqajmu kuxjenza dwar il-benefiċċji tal-użu tal-medjazzjoni fuq bażi nazzjonali. | Id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni ta' Programmi | Ġew abbozzati l-emendi l-ġodda tal-Att dwar il-Medjazzjoni. | Saru emendi ulterjuri fl-Abbozz. Bdew il-preparamenti għal seminar dwar il-medjazzjoni. | Il-liġi ġiet approvata mill-Kabinett. F'Settembru sar seminar biex f'Malta tiddaħħal kultura dwar il-medjazzjoni. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 96 | It-tielet nett, fil-kamp kummerċjali, se nagħtu prijorità lil żewġ oqsma li fis-settur legali fl-aħħar ġenerazzjonijiet ta' snin waqgħu lura - il-kamp tal-falliment (bankruptcy proceedings) u l-kamp tal-infurzar tal-kuntratti. | Id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni ta' Programmi | Rigward il-kamp tal-falliment saru diversi laqgħat ma' persuni li jaħdmu f'dan l-istess kamp inkluż mal-Ministeru tal-Finanzi. Rigward il-kamp tal-infurzar tal-kuntratti saru l-preparamenti neċessarji biex issir ir-riċerka f'dan il-qasam. Bdew preparamenti biex issir konsultazzjoni pubblika. | Rigward il-kamp tal-falliment, wara konsultazzjoni pubblika li saret f'Mejju 2016, saru xi emedi żgħar inkluż fit-test Ingliż tal-liġi. Rigward l-infurzar tal-kuntratti, bdiet issir ir-riċerka, inkluż riċerka komparattiva ma' ġurisdizzjonijiet barranin. | Dwar il-kamp tal-falliment saru xi emendi oħra u ġew mgħoddija lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali għall-verifika. Dwar il-kamp tal-infurzar tal-kuntratti saru diversi laqgħat li involvew persuni fis-settur legali inkluż persuni li jaħdmu l-Qorti, fejn ġie deċiż li għandha tiġi esplorata l-introduzzjoni ta' Qorti Ċivili, Diviżjoni Kummerċjali. | Dwar il-kamp tal-falliment, l-Abbozz mistenni jiġi ppreżentat quddiem il-Parlament għall-ewwel qari. Dwar il-kamp tal-infurzar tal-kuntratti, ser issir konsultazzjoni mal-persuni kkonċernati dwar l-introduzzjoni ta' Qorti Ċivili, Diviżjoni Kummerċjali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 97a | Ir-raba' nett, se nżidu u ninvestu fir-riżorsi umani fil-Qrati tagħna, mhux l-inqas bl-assenjazzjoni ta' avukati full-time mal-ġudikanti tagħna fil-kamp Ċivili. Il-proċess diġà beda din is-sena u se jitkompla s-sena d-dieħla. Dawn l-avukati se jkunu magħżula mill-Ġudikanti stess, kif wara kollox isir illum fil-każ ta' uffiċjali oħra tal-Qorti bħall-avukat tat-tfal, u se jassistu lill-Ġudikant fir-riċerka u fil-preparazzjoni tas-sentenzi fuq il-mudell tal-Ġuristi fil-kontinent. | Qrati tal-Ġustizzja | Wara li saret laqgħa mal-Prim Imħallef u l-Ġudikanti tal-Appell, inġabret statistika tal-kawżi li ilhom aktar minn ħames (5) snin għas-sentenza. Aktar minn Avukat wieħed jew waħda ġew assenjati biex jaħdmu ma' Ġudikanti li għandhom ħafna kawżi pendenti għas-sentenza. | Ġew assenjati aktar Avukati lill-Ġudikanti. Saru laqgħat mal-Ġudikanti fir-rigward tax-xogħol li qed isir mill-istess Avukati. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 97b | Fl-istess waqt, se ntejbu l-programmi ta' taħriġ għall-Ġudikanti u l-istaff tal-Qorti anke bl-għajnuna ta' fondi Ewropej. | Sezzjoni taħriġ fil-Qrati tal-Ġustizzja | Ġie ffirmat ftehim bl-għajnuna tal-Gvern Irlandiż ma' entitajiet internazzjonali għal taħriġ speċjalizzat tal-Ġudikatura. Issaħħaħ il-Judicial Studies Committee b'iktar staff u organizza seminar ta' taħriġ għall-ġudikanti. | | | | Implimentata |
| 98 | Se tingħata attenzjoni speċjali fil-Qrati fejn il-Gvern jemmen li għandu jkun hemm titjib fir-rata ta' ħeffa tal-kawżi. | Id-Dipartiment tal-Ġustizzja | Daħlu fis-seħħ l-emendi legali fir-rigward tal-kompetenzi tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar u tal-Qorti tal-Maġistrati, Sede Ċivili, li jinsabu f'Abbozz 129 tal-2015, kif ukoll numru ta' emendi legali oħra li ser jgħinu biex tiżdied l-effiċjenza tal-qrati. Dawn l-emendi għandhom iħallu effett pożittiv f'dak li huwa t-tnaqqis taż-żmien li kawża ddum il-qorti, u għaldaqstant isarrfu f'titjib fir-rata ta' ħeffa tal-kawżi. | Ġew introdotti diversi miżuri intiżi biex ikun hemm titjib fir-rata ta' ħeffa tal-kawżi, liema miżuri diġà qed jagħtu l-frott. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 99 | Fl-istess waqt, id-Dipartiment tal-Ġustizzja se jkompli x-xogħol li beda din is-sena bit-titjib tas-servizzi tal-għajnuna legali li jipprovdi l-Gvern bil-għan li iktar nies fil-bżonn ikunu jistgħu jgawdu minn dan il-benefiċċju. | Id-Dipartiment tal-Ġustizzja | L-Avviż Legali dwar Proċeduri tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Inbdew diversi proċeduri li jtejbu dan is-servizz offrut. | Tnieda s-servizz tal-Għajnuna Legali. | | | Implimentata |
| 100 | **Whistleblowers' Act u Liġi tal-Finanzjament tal-Partiti**<br><br>Iktar kmieni din is-sena, il-Gvern implimenta żewġ liġijiet kruċjali għal governanza aħjar f'pajjiżna - il-Whistleblowers' Act u l-Liġi tal-Finanzjament tal-Partiti. Se jissaħħaħ il-Whistleblowers' Unit li joffri assistenza lil persuni li jixtiequ jressqu informazzjoni taħt il-kappa tal-Att dwar il-Protezzjoni ta' Informatur anki billi jinstab post wieħed ċentrali, xieraq u aċċessibbli minn fejn dan il-Unit jista' jopera, li jkun magħmul minn nies imħarrġin u istruwiti li jiggwidaw aħjar lil kull min jersaq 'il quddiem bl-informazzjoni. | Whistleblowers' Unit | Ġie identifikat post xieraq għal dan il-Unit, liema post beda jopera u jilqa' lin-nies. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 101 | Il-Liġi tal-Finanzjament tal-Partiti se tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar li ġej. B'hekk se tiżdied it-trasparenza f'dan il-qasam mill-partiti u mill-kandidati għall-elezzjonijiet. Il-Gvern se jara li fix-xhur li ġejjin jimplimenta, wara konsultazzjoni, ir-regolamenti neċessarji ghat-tħaddim aħjar ta' din il-liġi. | L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali | Ir-regolamenti neċessarji għat-tħaddim aħjar ta' din il-liġi tħejjew u ntbagħtu lill-partiti għall-kummenti tagħhom. Wara li saret laqgħa biex jiġu ċċarati xi punti li nqalgħu, ir-regolamenti għaddew għand il-Kummissjoni Elettorali. | Saret ħidma fuq żewġ Avviżi Legali dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Partiti Politiċi u dwar it-template li hemm bżonn tintuża biex il-partiti jagħtu rendikont finanzjarju. | F'nofs Awwissu ħareġ l-Avviż Legali dwar it-template li se tintuża biex il-partiti politiċi jagħtu rendikont finanzjarju. | | Implimentata |
| 102 | **Gvern Lokali**<br><br>Din is-sena twaqqfet formalment l-Aġenzija l-ġdida li tirregola l-operat tal-Infurzar Lokali, il-Local Enforcement System Agency (LESA). Qabel l-aħħar ta' din is-sena b'mod gradwali, din l-Aġenzija se tkun assumiet il-funzjoni regolatorja ta' dan is-settur. Nemmnu li l-Aġenzija se tagħmel id-differenza fil-ħajja taċ-ċittadini ta' pajjiżna li għal snin twal kienu ilhom ibatu minn prattiċi li għamlu ħsara kbira lill-kredibilità tal-qasam tal-infurzar lokali. Dawn l-eċċessi se jinqatgħu, | Aġenzija LESA | Bdew il-laqgħat ma' numru ta' Kunsilli Lokali biex flimkien jiġi determinat kif il-ħajja fil-Komunità tista' timxi 'l quddiem. Bdiet ħidma biex jitfassal programm edukattiv fl-iskejjel dwar it-traffiku u aktar responsabbilità fit-toroq.<br>Il-Gwardjani Lokali bdew jingħataw taħriġ biex b'hekk tissaħħaħ il-kwalità tas-servizz lejn il-pubbliku. | Wara diversi laqgħat ta' diskussjoni, tfassal proġett pilota - Traffic Education Campaign. F'dan il-proġett se jsiru żjarat fl-iskejjel għat-tfal t'etajiet varji, biex titqajjem aktar kuxjenza dwar ir-responsabilità fit-toroq.<br>Il-Gwardjani Lokali baqgħu jiġu aġġornati permezz ta' taħriġ biex is-servizz lejn il-komunità jibqa' jitjieb. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | waqt li nassiguraw is-sostenibilità tas-sistema b'aċċenn iktar fuq l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-aspetti komunitarji. | | | | | | |
| 103 | Se nidħlu fi proċess ta' konsultazzjoni sabiex nagħtu responsabilitajiet ġodda ta' koordinament lill-Kumitati Reġjonali sabiex jassistu lill-Kunsilli Lokali ħalli jkunu jistgħu joffru servizz ta' aktar kwalità lir-residenti tagħhom u b'hekk jissaħħu l-Kunsilli Lokali tagħna. | Is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali | Wara konsultazzjoni, il-Kumitati Reġjonali ngħataw responsabilitajiet ġodda ta' koordinament biex jassistu lill-Kunsilli Lokali fosthom biex ħaddiema min-naħa tar-Reġjuni jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalitajiet. Ir-Reġjuni se jkunu qed jaħdmu wkoll biex isaħħu l-ħidma kulturali fil-lokalitajiet kif ukoll flimkien ma' Kunsilli Lokali li għandhom il-bajjiet, se jkunu qed iwettqu proġetti biex il-bajjiet jinżammu fi stat tajjeb. | | | | Implimentata |
| 104 | Il-ħidma fil-qasam tal-Gvern Lokali ma tiqafx fl-infurzar lokali biss. Il-proġett imniedi sabiex il-Kunsilli Lokali jittrażmettu live l-laqgħat tagħhom se jiġi jifforma parti mill-obbligi tal-Kunsilli Lokali fil-liġi tagħna. | Is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali | Saru proposti biex jinħareġ avviż legali li permezz tiegħu kull Kunsill Lokali jkun obbligat bil-liġi jittrażmetti live l-laqgħat. | L-avviż legali ġie ppubblikat u mill-15 t'April kull Kunsill Lokali għandu obbligu bil-liġi li jittrażmetti live il-laqgħat tal-Kunsill. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 105 | Se nkunu qegħdin ukoll inwettqu proġett pilota sabiex persuni fost il-pubbliku jkollhom l-opportunità li jkunu f'bordijiet tal-għażla ta' kuntratti maġġuri tal-Kunsilli Lokali tagħhom. Dan ukoll sabiex titħares it-trasparenza, speċjalment fejn għandu x'jaqsam l-infiq u l-ispejjeż tal-Kunsill Lokali. | Is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali | Ġie ppreparat dokument ta' kif il-miżura tista' titħaddem. | Dan id-dokument ġie rivedut u beda jitfassal memo għall-Kabinett. | Il-Kabinett approva l-memo biex jinbeda l-proġett pilota fil-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun Nofsinhar. | | Implimentata |
| 106 | Se nsaħħu l-impenn tagħna favur l-arti u l-kultura sabiex l-artisti lokali jkollhom opportunitajiet aħjar u nimpenjaw lill-Kunsilli Lokali fi proġetti mmirati lejn taħriġ lil dawk il-persuni li jixtiequ jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom. | Is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali / Il-Kunsill Malti tal-Arti | B'koordinament bejn il-Kunsilli Lokali u l-Kunsill Malti tal-Arti tħejja pjan biex matul ix-xahar ta' Ġunju jsiru numru ta' laqgħat koordinati mar-Reġjuni għall-artisti lokali u NGOs. | Saru laqgħat b'koordinament mal-Kunsilli Lokali dwar għajnuna min naħa tal-Kunsill Malti għall-Arti lill-artisti lokali li jixtiequ jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom. | | | Implimentata |
| 107 | Il-proġett Għaqal id-Dar se jkun mifrux ma' aktar Kunsilli Lokali kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex u se nkomplu nagħtu prijortà lill-ġbir tal-iskart u b'koordinament mal-Ministeru għall-Ambjent inkomplu nsaħħu l-proġett pilota tal-ġbir tal-borża organika. | Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali | Il-proġett Għaqal id-Dar beda f'diversi lokalitajiet fosthom il-Birgu, Ħad-Dingli, l-Għarb, il-Ħamrun u lokalitajiet oħra. Il-proġett pilota ta' ġbir ta' skart tal-borża organika beda f'diversi lokalitajiet fosthom Marsaxlokk, is-Swieqi, Ħal Kirkop u lokalitajiet oħra. | Il-proġett Għaqal id-Dar kompla jinfirex f'diversi lokalitajiet oħra fosthom Tas-Sliema, Ħal-Kirkop, il-Mosta u Raħal Ġdid. Il-proġett pilota ta' ġbir ta' skart tal-borża organika kompla jinfirex ukoll f'diversi lokalitajiet fosthom Bormla, Ħal-Għaxaq, Birkirkara, l-Imdina u lokalitajiet oħra. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 108 | **Kunsill Lokali Valletta**<br><br>Wieħed jista' jgħid li fil-bliet kapitali kważi kollha tad-dinja, is-sede tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ikun f'post prominenti. Il-Belt Valletta hija eċċezzjoni, b' Kunsill li jinsab pjuttost imwarrab u f'binja li ma tagħtix ġieħ biżżejjed lil din l-istituzzjoni. Dan minkejja li għal diversi snin, il-Kunsill tal-Belt għamel talbiet għal rilokazzjoni. | Ministeru/Direttorat tar-Restawr | Saru konsultazzjonijiet mal-entitajiet involuti fuq disinji ta' kunċett biex jiġu stabbiliti l-proposti u l-pjanti meħtieġa. Ġiet sottomessa applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għal permess tax-xogħolijiet li huma meħtieġa fil-binja magħrufa bħala Cafè Premier. Ġiet żgumbrata l-kantina. Saru investigazzjonijiet tal-kundizzjoni ta' partijiet tal-ħitan u soqfa tal-pjan terran. Bdew isiru stimi dettaljati għax-xogħlijiet meħtieġa. | Ġie ppubblikat l-ewwel tender għax-xogħlijiet ta' tindif, restawr u bidliet fil-pjan terran fejn huma proposti uffiċini tal-Kunsill Lokali filwaqt li saret ukoll l-evalwazjoni tal-offerti biex jintgħażel il-kuntrattur. Ir-rapport intbagħat lill-bord tad-DCC fejn ġie approvat. Ġew sottomessi diversi pjanti u informazzjoni oħra mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar. Bdew jiġu ffinalizzati rapporti oħra mitluba mill-PA. | Saret id-devoluzzjoni tal-binja mid-Dipartiment tal-Artijiet lill-Kunsill Lokali tal-Belt. Dan tħabbar f'konferenza tal-aħbarijiet f'Awwissu. | | Implimentata |
| 47a | Għas-sena 2016, l-Aġenzija għandha bosta proġetti li se tkun qed tniedi fosthom ix-xiri ta' pjanti online mid-Dipartiment tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet u dan bi ftehim mal-MEPA. | Identity Malta | Kompla u tlesta x-xogħol biex tidħol is-sistema l-ġdida li tinkludi l-faċilità ta' xiri ta' pjanti online. | Sar it-testing kollu neċessarju u ġie ffinalizzat il-proċess tal-merchant account tal-ħlasijiet online. | Saret l-ordni tal-materjal meħtieġ għal din is-sistema filwaqt li tlesta l-ittestjar meħtieġ. | Mistennija tibda topera s-sistema l-ġdida. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 47b | Għas-sena 2016, l-Aġenzija għandha bosta proġetti li se tkun qed tniedi fosthom ix-xiri ta' pjanti online mid-Dipartiment tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet u dan bi ftehim mal-MEPA. | Identity Malta | Tkompla l-ittestjar fuq l-integrazzjoni tas-sistema l-ġdida mas-sistema l-antika. | Sar it-testing meħtieġ u kemm is-sistema l-antika kif ukoll il-ġdida se jkunu qed jużaw il-pjanti skont l-aħħar verżjoni li ħarġet l-Awtorità tal-Ippjanar. | Baqgħu għaddejjin il-preparamenti u l-ittestjar tas-sistema. | Is-sistema l-antika mistennija tiġi integrata mas-sistema l-ġdida. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 48 | Qed tiġi żviluppata sistema ġdida għar-riċerki tal-artijiet, kuntratti u dokumenti legali oħra fi ħdan id-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet. L-ewwel fażi mistennija li tkun lesta tard din is-sena filwaqt li t-tieni fażi tkun lesta lejn l-aħħar tal-2016. | Identity Malta | Kompliet tiġi żviluppata s-sistema l-ġdida u beda l-ittestjar tal-ewwel fażi. Beda l-proċess biex jiġi ingaġġat Database Administrator. | Wara li tlestiet l-ewwel fażi u l-utenti bdew jużaw is-sistema l-ġdida, iż-żewġ sistemi bdew jaħdmu. Inbeda wkoll il-proċess biex Ghawdex jużaw is-sistema l-ġdida. Ġie ingaġġat id-Database Administrator. | | | Implimentata |
| 49 | Is-software prinċipali tar-residenza tal-persuni barranin se jiġi mtejjeb sabiex il-proċessi jitjiebu filwaqt li jiżdiedu l-pulizija u l-ETC bħala stakeholders ewlenin fil-proċess. | Identity Malta | Sar proċess ta' konsultazzjoni ma' diversi partijiet konċernati, fosthom mal-Pulizija u l-Jobsplus dwar modifikazzjoni u żvilupp tas-software prinċipali tar-residenzi tal-persuni barranin. Bdiet il-ħidma fuq dan is-software. | Kompliet il-ħidma fuq is-software u ġew finalizzati t-tibdiliet li kienu neċessarji. Ġie deċiż li l-Pulizija u Jobsplus ikunu l-istakeholders. Beda l-ittestjar tas-software. | Tkompla t-testing tas-software. | Mistenni jitlesta t-testing kollu tas-software. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 50 | Investiment ieħor li se jsir mill-Aġenzija jirrigwarda l-proċess tas-Single Permit fejn il-permess tar-residenza u xogħol jinħareġ fl-istess dokument skont id-direttivi tal-UE. | Identity Malta | Wara proċess ta' konsultazzjoni ma' diversi partijiet konċernati beda żvilupp fuq is-software li kien qed jintuża. B'hekk ikun iffaċilitat l-ipproċessar tas-single permit. Bdiet il-ħidma fuq l-iżvilupp tas-software. | Kompliet il-ħidma fuq is-software. | Il-permess tas-Single Permit beda jinħareġ fl-istess dokument. | | Implimentata |
| 51 | Se jsir investiment ġdid fil-passaporti fejn se jinxtraw magni ġodda għall-personalizzazzjoni, cioè, id-dettalji tal-persuna kif ukoll il-programmazzjoni tad-dettalji bijometriċi fiċ-ċippa tal-passaport. | Identity Malta | Inxtraw u ġew ippruvati żewġ magni ġodda. | Bdew jitħaddmu l-printing machines il-ġodda fl-Uffiċċju tal-Passaporti. Wara li t-testijiet intemmu b'suċċess bdew joperaw minflok iż-żewġ magni l-oħra. | | | Implimentata |

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 245a | **ITS Ġdida**<br><br>Se jibda wieħed mill-akbar proġetti li qatt saru għar-riżorsi umani fit-turiżmu meta se ninvestu €56 miljun fil-bini ta' Institute of Tourism Studies ġdid fi Smart City. | MOT u Projects Malta | Ġew iffinalizzati l-pjanti u ddaħħlu għand l-Awtorità tal-Ippjanar. Tkompla x-xogħol fuq il-finanzjament tal-proġett minn Projects Malta filwaqt li bdew jitħejjew it-tenders. | Tkompla x-xogħol fuq il-finanzjament tal-proġett minn Projects Malta. Tlestew it-tenders biex joħorġu wara li jiġi ffinalizzat il-finanzjament. | Ġew ippubblikati t-tenders għax-xogħlijiet. | Mistenni jigi ppubblikat it-tender minn Malita u jigi ffirmat ftehim bejn Malita u Projects Malta biex Projects Malta tkun il-project leader. Mistenni wkoll li jibda l-proċess ta' evalwazzjoni tat-tenders. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 245b | L-ITS ġdid se jkun qed iservi l-ħtiġijiet tal-istudenti Maltin u ħaddiema tal-industrija, kif ukoll sabiex jiġu attirati studenti barranin biex jiġu jistudjaw it-turiżmu u l-ospitalità f'pajjiżna. Ir-rilokazzjoni se tkun qed tagħti prodott aħjar lill-istudenti u opportunitajiet ġodda. | MOT (ITS) | Ġie ffirmat ftehim ma' Haage Helia biex akkademiċi tal-Istitut jiġu mħarrġa u jkollhom Baċellerat u konsegwentament Masters fl-ospitalità. Saru wkoll reviżjonijiet tal-pjanti bil-kollaborazzjoni tal-istaff akkademiku tal-Istitut biex il-kampus il-ġdid ikun tal-aqwa livell biex jiġi mgħallem il-kurrikulu ġdid u korsijiet oħra illi se jkunu varati. | Saret reviżjoni tal-miżati biex dawn ikunu aktar xierqa mal-livell illi qiegħed jingħata. Sar ukoll qbil biex studenti barranin illi se jkunu obbligati jaħdmu f'din l-industrija jiġi ffaċilitat lilhom il-ksib tas-single permit. Bdew diskussjonijiet ma' Haage Helia biex isir eżerċizzju ta' RPL (recognition of prior learning). Saret applikazzjoni ma' NCFHE biex ITS jingħata estensjoni tal-iskop biex ikun jista' jagħti korsijiet mhux biss sa livell 5 imma wkoll sa livell 7. | Saru diskussjonijiet mad-DAN Europe biex jitwaqqaf istitut fis-sigurà tad-diving u diving medicine taħt l-ITS. Komplew ukoll il-preparamenti ma' Haage Helia biex isir l-eżerċizzju tal-RPL. | Mistenni jiġi iffirmat il-ftehim ma' DAN Europe. Jiġi ffirmat il-ftehim ma' Haage Helia biex jitnieda kors ta' baċellerat fl-ospitalità internazzjonali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 245c | Se tinħareġ sejħa għall-offerti għall-post illum okkupat mill-Istitut sabiex ikun hemm proġett ieħor kumplimentari mal-inħawi. | MOT u Projects Malta | Wara li għalaq il-perjodu ta' sottomissjoni fuq is-sejħa għall-offerti, inħoloq Bord ta' Evalwazzjoni u bdew jiġu evalwati l-offerti. | Wara li l-evalwazzjoni tal-offerti ġiet fi tmiemha, bdew negozjati mal-offerent preferut. | Inħarġet sejħa għal espressjoni t'interess bl-għan li jiġi identifikat użu alternattiv tas-sit preżenti f'San Ġiljan. L-għan huwa li jiġi attirat investiment internazzjonali u li jiġu kkreati impjiegi ġodda. Beda eżerċizzju minn kumpanija tal-awdituri li hija indipendenti biex tiddetermina l-valur tal-art ġewwa l-bajja ta' San Ġorġ. Din il-formola għandha tiġi applikata għal proposti oħra fl-istess żona. | L-eżerċizzju mill-kumpanija indipendenti tal-awditjar mistenni jkun finalizzat | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 245d | Diġà qed tiġi esplorata wkoll il-possibbiltà ta' alleanzi strateġiċi ma' skejjel internazzjonali u rinomati fil-ġestjoni tal-ospitalità. | MOT (ITS) | Bdew taħditiet biex ikunu mfassla diversi ftehim ma' istituzzjonijiet lokali u barranin. | Ġew iffirmati Memoranda of Understanding ma' EAHM, UOM, MCAST, u DAN Europe. | Komplew id-diskussjonijiet m'entitajiet varji internazzjonali illi magħhom se jkun varat kors ta' baċellerat u korsijiet oħra fuq oqsma ġodda, fosthom il-cruise lining, diving, gastronomy u international cuisine. | Mistenni jitkompla x-xogħol ma' entitajiet illi magħhom ġie ffirmat il-Memorandum of Understanding. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 246 | **Grant ġdid għall-istudenti tal-ITS**<br><br>Mis-sena skolastika li jmiss, għall-ewwel darba, dan il-Gvern se joffri €233 fi grant sabiex parzjalment tkopri l-ispejjeż relatati ma' materjal edukattiv tal-istudenti. | ITS | L-ewwel grant ingħata fl-aħħar kwart tas-sena li għaddiet. Il-grant li jmiss jingħata mal-bidu tas-sena skolastika li ġejja. | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 247 | **Rwol tas-settur turistiku fin-natura u l-bijodiversità**<br><br>Hemm il-possibilità li jitwaqqfu networks li jġibu turisti ta' kwalità ogħla. F'dan il-kuntest, il-kapital naturali f'Malta huwa abbundanti u għalhekk hemm opportunitajiet biex jiżdied aktar il-valur ekonomiku miżjud permezz tal-isfruttar tas-suq fl-ekoturiżmu. | L-Awtorità ta' Malta għat-Turiżmu | Saru numru ta' diskussjonijiet ma' aġenziji u Ministeri bħal PA/ERA u MSDEC partikolarment fuq management plans u fuq l-implimentazzjoni tagħhom. Sar ukoll sforz għall-manutenzjoni ta' mixjiet rurali. Bdiet issir evalwazzjoni ta' kif tista' tikber in-network ta' mixjiet. | Tkomplew id-diskussjonijiet fuq l-implimentazzjoni tal-management plans f'numru ta' żoni bħad-Dwejra, Pembroke u Kemmuna. Sadanittant beda xogħol fuq app għal smartphones biex wieħed ikollu aċċess għall-mixjiet b'mod elettroniku u bl-internet. Inġabret l-informazzjoni tal-mixjiet eżistenti tal-MTA u qed issir il-konverżjoni elettronika. | Beda l-proċess ta' disinn tas-software tal-mobile app. Dan se jkollu l-mixjiet rurali kollha b'opportunità li jiżdiedu oħrajn. | Jitlesta l-ipprogrammar tal-app u titnieda għall- użu tal-pubbliku. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 248 | **Inċentivi għall-Industrija tal-Films**<br><br>Il-Kummissjoni għall-Films qed tesplora wkoll possibilitajiet ta' investiment flimkien mas-settur privat f'sound stage u apparat ieħor relatat. Għal dan il-għan, se toħroġ espressjoni ta' interess għal PPP tal-film studios ġewwa l-Kalkara. Permezz ta' fond li twaqqaf apposta għall-koproduzzjonijiet, kumpaniji lokali qed jingħataw opportunijiet ġodda sabiex jaħdmu għas-suq internazzjonali. Il-Kummissjoni tal-Films se tkompli tippromovi lil Malta madwar id-dinja kollha, u għal dan il-għan se jiżdiedu l-fondi allokati għal marketing u PR. | Il-Kummissjoni Maltija tal-Films | Ġie reġistrat progress fil-proċess kompetittiv biex jinstab partner strateġiku. Ġiet evalwata espressjoni ta' interess. Ħarġet sejħa għall-proposti u beda l-proċess tal-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni żiedet l-intensità tal-pubbliċità tagħha madwar id-dinja, kemm bħala reklami fuq rivisti u siti elettroniċi fl-industrija, kif ukoll fil-festivals tal-films importanti madwar id-dinja. | Il-Fond ta' Koproduzzjoni temm l-evalwazzjoni ta' tliet proġetti. Il-Kummissjoni tal-Films kompliet bil-pubbliċità tagħha madwar id-dinja, b'mod partikolari waqt il-festival ta' Cannes fi Franza fejn saret sensiela ta' laqgħat ma' producers internazzjonali. | Ġie ffinalizzat u ppubblikat id-dokument tal-RFP biex jitkompla l-proċess kompetittiv li qed isir biex jinstab partner strateġiku li jinvesti fl-istudios fil-Kalkara. | Mistennija jintlaqgħu l-proposti fil-proċess tal-RFP biex jinstab partner strateġiku. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 249 | Se nkomplu ninċentivaw l-industrija internazzjonali tal-films biex ikomplu joperaw f'Malta, ħalli niġġeneraw l-impjiegi f'din l-industrija u madwarha, kif ukoll noħolqu sors ta' qligħ stabbli minn din l-industrija b'mod kontinwu. | Il-Kummissjoni Maltija tal-Films | Il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq pakkett ta' inċentivi biex produzzjonijiet internazzjonali jinħadmu f'Malta. Ġew imtejba wkoll inċentivi għal produtturi lokali li jkunu jridu jaħdmu films lokali. | Il-Kummissjoni kompliet tinċentiva l-produzzjoni ta' films lokali fosthom bil-Film Fund li nfetaħ f'dan il-kwart tas-sena. | Il-Kummissjoni tal-Films kellha diversi żjarat minn producers ta' films u sensiliet televiżivi internazzjonali. Wara diskussjonijiet mal-kummissjoni tal-films dawn il-producers ikkonfermaw li se jaħdmu f'Malta. Dawn il-produzzjonijiet se jiġġeneraw miljuni ta' ewro fl-ekonomija Maltija. | Se jkunu qed jinħadmu sensiela ta' films u produzzjonijiet għat-televiżjoni li attirat lejn Malta il-kummissjoni tal-films. Fl-istess ħin se jkompli l-proċess ta' marketing waqt festivals ewlenin, fosthom dawk ta' Londra u l-Amerka. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 250a | **Is-Settur tal-Avjazzjoni**<br><br>Il-Malta Air Traffic Services (MATS) kompliet bil-ħidma tagħha fuq proġett ta' Air Traffic Management (ATM) System Upgrade. Dan l-iżvilupp, illi huwa l-aktar proġett kumpless illi MATS qatt għamlet mit-twaqqif tagħha, huwa mistenni li jiġi kkummissjonat iktar tard is-sena d-dieħla. | Malta Air Traffic Services | L-ATM System Upgrade għaddiet minn test ieħor magħruf bħala shake-down li jfisser it-tħaddim tas-sistema bi traffiku reali mhux simulat. | Is-Sistema ATM hi lesta biex il-MATS tkun tista' tibda x-shadow mode operations, jiġifieri li tibda titħaddem minflok is-sistema antika mingħajr ma tintefa din tal-aħħar. | Bdiet l-aħħar fażi tat-taħriġ fuq is-sistema. | Mistenni jkompli t-taħriġ fuq is-sistema l-ġdida. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 250b | Proġetti oħra jinkludu Air Traffic Control Centre (ATCC) ġdid. | Malta Air Traffic Services | Saru numru ta' laqgħat ta' konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti. | Ħarġet l-ewwel sejħa għall-offerti ta' dan il-proġett u bdiet l-evalwazzjoni tal-proposti. Saret ukoll żjara teknika f'żewġ pajjiżi Ewropej, is-Slovenja u s-Slovakkja. | Ġie konkluż u ffirmat il-kuntratt tal-ewwel tender f'dan il-proġett, jiġifieri dak tad-disinn u s-superviżjoni tal-bini tal-ATCC. l-ġdid. | Mistenni jibda x-xogħol fuq id-disinn tal-ATCC il-ġdid. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 250c | Radar ġdid illi se jissostitwixxi dak f'Ħad-Dingli. | Malta Air Traffic Services | Il-kuntratt ta' dan il-proġett kien iffirmat fi tmiem is-sena li għaddiet. | Il-MATS għamlet tiswijiet fir-radome u xogħol ieħor ta' tisbiħ fil-binjiet diversi li hemm fl-istazzjon ta' Ħad-Dingli. | Ir-radar kompla jiġi manifatturat mill-kumpanija Leonardo. | Ir-radar ser ikompli jiġi manifatturat mill-kumpanija Leonardo. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 250d | Aeronautical Message Handling System ġdida illi ser tkompli tgħin lill-kumpanija biex timmodernizza l-għodda sabiex twettaq ir-rwoli tagħha b'mod sigur u effiċjenti. | Malta Air Traffic Services | Saru negozjati ma' tliet kumpaniji li jipproduċu sistemi ta' AMHS. | Bdiet konsultazzjoni mal-aġenzija EUROCONTROL biex ikunu ċċarati l-ispeċifikazzjonijiet tat-tagħmir li jrid jinxtara. | Ġew konklużi t-technical specifications tal-AMHS wara li ġew diskussi mal-EUROCONTROL. | Mistenni li jinħarġu s-sejħiet għall-offerti mas-suppliers magħżula. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 254 | **Proġetti ta' Tisbiħ**<br><br>Bħala parti mix-xogħol sabiex isir titjib fl-ambjent urban ta' pajjiżna, il-Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi se tkun qed timbarka fuq żewġ proġetti ta' tisbiħ ta' pjazez fit-tramuntana u n-nofsinhar ta' Malta. Għal dan il-għan, se jsir titjib estetiku permezz ta' rinovazzjoni ta' | Il-Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi | Buġibba:<br><br>Sar xogħol fuq id-disinn tal-pjazza.<br><br>Marsaskala:<br><br>Beda l-proċess tal-għażla tal-perit li se jieħu ħsieb id-disinn tal-pjazza. | Buġibba:<br><br>Id-disinn ġie ppreżentat lill-Ministeru.<br><br>Marsaskala:<br><br>Il-perit ġie ingaġġat u qiegħed jaħdem fuq id-disinn tal- proġett ta' tisbiħ tal-pjazza ta' Marsaskala. | Buġibba:<br><br>Inbeda l-proċess ta' kunsultazzjoni mal-istakeholders konċernati.<br>Marsaskala:<br><br>Il-perit konċernat ippreżenta Concept Drawing tal-proġett lis-Sindku tal-lokal. | Jitkompla l-proċess ta' kunsultazzjoni mal-istakeholders u jiġu finalizzati l-pjanti u jsiru l-applikazzjonijiet neċessarji mal-awtoritajiet kompetenti. Jinħareġ it-tender relatat mal-pjazza ta' Buġibba. Dwar il-proġett | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | pavimentar, żieda ta' street furniture u qsari, kif ukoll installazzjoni ta' sistemi ta' dawl ambjentalment sostenibbli fil-pjazez ta' Buġibba u Marsaskala. | | | | | ta' Marsaskala mistennija jiġu finalizzati l-pjanti. | |
| 255 | Il-Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi identifikat Ġnien l-Istazzjon ġewwa Birkirkara, illi huwa parti mill-patrimonju Malti, sabiex isiru proġetti ta' tisbiħ għal esperjenza isbaħ għal min iżur il-gżejjer tagħna. Dan se jinkludi xogħol infrastrutturali u ta' manutenzjoni, titjib fl-aċċess u f'faċilitajiet bħal bankijiet u sistema ta' dawl moderna. Il-proġett ser jinkludi wkoll wirja permanenti dwar l-istorja tal-ferrovija sabiex jibqa' mfakkar kif jixraq il-vapur tal-art ġewwa pajjiżna. | Il-Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi | Il-FTŻD tinsab f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara biex jiġi implimentat dan il-proġett. Saru laqgħat biex jiġi deċiż kif se tiġi inkluża wirja dwar l-istorja tal-ferrovija ġewwa pajjiżna.<br>Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara għandu l-pjanti neċessarji ta' dan il-proġett ta' tisbiħ approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar. Bdiet ħidma mill-Kunsill biex joħorġu t-tenders għal dan il-proġett. | Tkomplew il-laqgħat mal-Kunsill biex jiġi identifikat l-involviment tal-MOT f'dan il-proġett biex jiġi assigurat li kollox jimxi skont l-istrateġija għat-turiżmu.<br>Komplew il-laqgħat dwar ir-restawr tal-vagun tal-ferrovija bejn FTŻD, Kunsill Lokali Birkirkara u l-Malta Railways. | Saru preparamenti relatati mat-tender tal-proġett. | Mistenni jinħareġ it-tender. Jinħareġ ukoll it-tender relatat mal-wirja permanenti dwar l-istorja tal-vagun f'Malta. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 256 | **Tisbiħ tal-Kosta**<br><br>Bħalissa għaddejjin b'ħidma fuq proġett ta' bajja ġdida fix-Xemxija, fejn wara li jitlesta l-Environment Impact Assessment, il-MEPA tkompli bil-proċess ta' evalwazzjoni sabiex | L-Awtorità ta' Malta għat-Turiżmu | L-MTA identifikat l-istudji li jeħtieġ li jsiru. L-ewwel studji saru u bdiet ħidma fuq il-pjanti tal-bajja. | Tlestew l-istudji ambjentali. Saru wkoll id-disinji u d-diskussjonijiet ma' TM u WSC. Sar ukoll programm ta' ħidma għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Tlestew l-istudji mill-konsulenti. | Jitkompla l-proċess tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) u l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u jibdew il-proċessi tat-tenders. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | joħorġu l-permessi meħtieġa kif ukoll jiġi identifikat is-sors tar-ramel għall-bajja. | | | | | | |
| 257 | **Ġestjoni ta’ Bajjiet u Aċċessibilità**<br><br>Mis-sena d-dieħla, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu se tkun qed tħares illi testendi l-mandat ta’ ġestjoni f’iktar bajjiet u testendi l-istaġun ta’ mmaniġjar tal-bajjiet Blue Flag b’xahar, mill-1 ta’ Ġunju sat-30 ta’ Settembru. | L-Awtorità ta’ Malta għat-Turiżmu | Bdew il-preparamenti għal ftehim ma’ Għawdex, Gaia, CSD, u Green MT fost l-oħrajn. | Issokta l-immaniġjar tal-bajjiet Blue Flag. Fil-pjan żdiedet ukoll il-bajja tax-Xlendi. Sadanittant il-bajja ta’ Għajn Tuffieħa ħadet il-Blue Flag għall-ewwel darba. | L-MTA kompliet testendi kemm il-bajjiet (Xlendi) u kemm l-istaġun tal-immaniġjar. L-MTA investiet mal-miljun ewro f’lifeguards, supervisors, tindif u faċilitajiet oħra. Din is-sena, Golden Bay ħadet il-Blue Flag. | Mistennija ssir evalwazzjoni tax-xogħol li sar matul is-sena. | Implimentata |
| 258 | Is-servizzi ta’ sigurtà fuq Kemmuna se jibdew ukoll minn qabel, fil-15 ta' Mejju. | L-Awtorità ta' Malta għat-Turiżmu | Bdew id-diskussjonijiet bejn l-MTA, MGOZ u MOT dwar x'ser ikunu l-azzjonijiet fid-dettall għal kull bajja, filwaqt li bdew il-preparamenti għall-budgets. | Tfassal pjan ta' ħidma bejn it-tliet partijiet. Is-servizz ta' lifeguards beda jingħata minn ERRC. | L-MTA iffinanzjat lill-Ministeru t'Għawdex biex jiġi estiż is-servizz ta' Kemmuna. | Mistennija ssir evalwazzjoni tax-xogħol li sar matul is-sena. | Implimentata |
| 259 | L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu qiegħda tħares ukoll lejn titjib fl-aċċess u faċilitajiet għal persuni b’diżabilità u l-anzjani f’għadd ta’ bajjiet. | L-Awtorità ta' Malta għat-Turiżmu | B'kollaborazzjoni mal-KNPD saru studji u pjanti biex tiżdied l-aċċessibilità fil-bajjiet. | L-MTA preparat disinji u ħarġet sejħa għal rampi tal-injam fl-Għadira, xiri ta' 10 amphibious wheel-chairs u xiri ta' 2 hoists biex persuni b'diżabilità, anzjani u nies oħra jkollhom aċċess aħjar għall-bajjiet u anke għall-għawm. | L-MTA żiedet ir-rampi fil-bajja tal-Għadira, amphibious chairs mal-bajjiet ramlin kollha u żewġ hoists fl-Exiles u fil-Ponta tal-Qawra. | Mistennija ssir evalwazzjoni tax-xogħol li sar matul is-sena. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 260 | **Kemmuna**<br><br>L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, flimkien ma' aġenziji oħra bħall-Ministeru għal Għawdex, Transport Malta, id-Dipartiment tal-Artijiet, MEPA u oħrajn, se tkompli tieħu ħsieb il-bajjiet tal-Blue Lagoon u Santa Marija, fejn se jitwal l-istaġun tal-lifeguards sabiex nassiguraw li dan il-post ikun aktar sigur anke f'dawk il-ġranet li mhux meqjusin bħala peak season. L-intenzjoni tal-Awtorità hija li tmur lil hinn mill-bajjiet u tipprepara viżjoni għal Kemmuna bħala park ħolistiku u mhux il-bajjiet biss. | L-Awtorità ta' Malta għat-Turiżmu | L-MTA flimkien mal-Ministeru t'Għawdex u dak tat-Turiżmu ffurmaw kumitat biex jiddiskutu dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni tal-bajjiet f'Għawdex u f'Kemmuna. Dan il-kumitat flimkien mal-MTA qed jieħu ħsieb il-ġestjoni tal-operaturi fil-Blue Lagoon u Santa Marija. Fl-isfond ta' dan bdew ukoll diskussjonijiet mal-MSDEC biex wieħed jara kif tista' ssir l-implimentazzjoni tal-management plan b'mod prattiku għall-benefiċċju tat-turiżmu. Dan iservi bħala bażi għall-formulazzjoni ta' viżjoni għal Kemmuna. | Tkomplew id-diskussjonijiet bejn il-Ministeru t'Għawdex u tat-Turiżmu biex jiġi konkluż mudell ta' operazzjoni għal umbrelel u sodod fil-Blue Lagoon u Santa Marija. Kien hemm stennija li tiġi konkluża l-qasma tal-Ambjent mill-MEPA biex tkun tista' tiġi determinata l-possibbiltà ta' implimentazzjoni tal-pjan. Dan kollu jservi għall-preparazzjoni tal-viżjoni għall-gżira. | Wara li saret evalwazzjoni tal-prodott ta' Kemmuna, twaqqaf kumitat immexxi miċ-Chairman tal-Awtorità biex jinkiteb dokument ta' viżjoni għal Kemmuna, b'enfażi fuq il-Blue Lagoon imma li jieħu l-kuntest tal-gżira kollha kemm hi. | Mistennija jitkomplew il-laqgħat tal-kumitat u konsultazzjonijiet ma' entitajiet biex jitlesta d-dokument. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 262 | **Air Malta**<br><br>Se nibqgħu naħdmu sabiex nilħqu l-objettivi tal-pjan ta' ristrutturar. Irridu niżguraw li wara dan il-perjodu, il-linja tal-ajru nazzjonali jkollha wkoll pjan ta' tkabbir fil-medium u long term, li jkun sostenibbli u li jassigura opportunitajiet | Air Malta | Baqgħu għaddejjin diskussjonijiet ma' kumpaniji biex jinstab sieħeb strateġiku. Sadanittant it-telf niżel għal 4 miljun ewro. | Ġie ffirmat Memorandum of Understanding bejn l-Air Malta, l-Alitalia u l-Gvern bħala shareholder ewlieni. Dan il-ftehim huwa kruċjali u l-bidu għal diskussjonijiet biex jinstab il-mudell ideali għaż-żewġ partijiet. | Komplew d-diskussjonijiet mal-kumpanija tal-ajru Alitalia dwar Strategic Partnership u Business Plan ġdid għall-Air Malta. | Jekk ma jseħħx il-ftehim strateġiku, isir studju biex jiġi determinat jekk l-Air Malta għandhiex tnaqqas il-flotta tagħha għal seba' ajruplani. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | għall-ħaddiema f'realtà ta' kumpanija li qed topera fl-aktar suq kompetittiv ta' kull żmien. | | | | | | |
| 263 | **Riforma fil-leġiżlazzjoni fuq it-turiżmu**<br><br>Se nkomplu naħdmu fuq ir-riforma fil-leġiżlazzjoni għall-operaturi fit-turiżmu sabiex innaqqsu l-burokrazija u norganizzaw aħjar il-liġijiet. Permezz ta' dan, se nkunu qed nissimplifikaw il-liċenzjar, inżidu l-infurzar u nżidu t-tipoloġiji fl-istabbilimenti b'introduzzjoni ta' kategoriji ġodda bħal Boutique Hotels. Minn din ir-riforma se jibbenefikaw madwar 6,000 operatur fl-industrija tat-turiżmu. | L-Awtorità ta' Malta għat-Turiżmu | Ir-riforma fil-leġiżlazzjoni tinkludi bidla fil-liġijiet kollha tat-turiżmu, inkluż l-Att prinċipali. Ir-riforma se tkun qed twassal għal regolamentazzjoni flessibbli li tirrfletti s-suq. Ħarġet id-draft tal-liġi għal konsultazzjoni pubblika. | Wara li spiċċa l-perjodu ta' konsultazzjoni, ġew diskussi t-talbiet kollha li saru mill-pubbliku u minn organizzazzjonijiet oħrajn. | Tkompliet il-kitba u t-traduzzjoni tal-liġijiet għall-Malti. Id-dokumenti ġew approvati. | Kif tispiċċa d-diskussjoni fil-Parlament, mistennija jiġu ppubblikati l-liġijiet u jibdew sensiela ta' laqgħat ta' informazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 264 | Dan filwaqt illi nkomplu nikkoperaw ma' aġenziji bħall-MEPA u d-Diviżjoni tal-Proprjetà sabiex jiġu mnedija politiki oħrajn ta' interess komuni, bħal dik tal-imwejjed u s-siġġijiet | Awtorità ta' Malta għat-Turiżmu | Il-Politika tal-Imwejjed u s-Siġġijiet qed tiġi maħduma bejn numru ta' aġenziji biex jitneħħa d-diżgwid li ġieli jkun hemm bejn awtoritajiet speċjalment fejn jidħlu standards speċifiċi. Id-dokument prinċipali tal-policy ġie rivedut biex jirrifletti sottomissjonijiet li saru mill-pubbliku u organizzazzjonijiet waqt konsultazzjoni pubblika mnedija bejn it-tliet Ministeri involuti. | Id-dokument ġie approvat mill-Bord il-ġdid tal-Awtorità tal-Ippjanar. | Wara li tlestiet il-Policy tal-Outside Catering Areas, beda x-xogħol fuq Policy għall-Kiosks. | Jitkompla x-xogħol u diskussjonijiet fuq id-dokument u jibdew konsultazzjonijiet interni u esterni. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 265 | Kalendarju tal-Avvenimenti: Għaddejja ħidma kollettiva ma' diversi entitajiet biex il-kalendarju tal-avvenimenti jingħaqad u jkun aktar konsolidat bil-għan illi l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu tkun tista' tippromovih barra minn Malta waqt fieri internazzjonali ma' operaturi fis-settur. | L-Awtorità ta' Malta għat-Turiżmu | Il-kalendarju tal-avvenimenti ġie ppubblikat fl-ewwel kwart ta' din is-sena. | | | | Implimentata |
| 266 | **Iċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi**<br><br>Għas-sena kurrenti u t-tliet snin li ġejjin, il-Gvern qed jaħdem fuq proġett kapitali bil-għan li jippreserva l-edifiċju, itejjeb is-servizz u jiġi ġġenerat dħul ġdid għaċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi. Fost affarijiet oħra, se tissaħħaħ l-aċċessibilità permezz ta' installazzjoni ta' żewġ lifts għall-pubbliku, se jiġu konvertiti spazji vojta u li bħalissa mhux qed | Dar il-Mediterran għall-Konferenzi | Ħareġ it-tender biex tkun installata sistema ta' arja ikkundizzjonata fis-Sacra Infermeria. | Sar ix-xogħol preparatorju biex kemm il-darba l-fondi tal-UE jiġu approvati, ikun jista' jibda l-proċess tal-ħruġ ta' tenders. Beda x-xogħol fuq l-arja ikkundizzjonata f'Sacra Infermeria. Beda s-servizz tax-*shuttle bus* minn kuntrattur privat f'okkazzjonijiet kbar f'Dar il-Mediterran. Dan sar obbligatorju mill-kuntratti ġodda li qed ikunu iffirmati mal-klijenti ma' dawk li kienu diġà iffirmaw il-kuntratt. Beda x-xogħol fuq is-*sound proofing* bejn Republic Hall u La Vallette Hall. | Proġett ko-finanzjat mill-EU-European Regional Development Fund (ERDF) - Ingħatat l-approvazzjoni ta' 5 Miljun Ewro f'fondi biex il-proġett ikun jista' jibda.<br><br>Ix-xogħol fuq l-arja ikkundizzjonata fis-Sacra Infermeria tlesta.<br><br>Kompla x-xogħol ta' *sound proofing* bejn Republic Hall u La Vallette Hall. | L-Awtorità tal-Ippjanar mistennija toħroġ it-tieni sett ta' permessi għall-proġett ħolistiku f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | jiġu utilizzati bħall-bejt tas-Sacra Infermeria, titjib fir-Republic Hall, restawr tal-Kappella Perellos, immodernizzar ta' faċilitajiet, kif ukoll proġett ambizzjuż sabiex is-swali jkunu soundproof. Qed naħdmu wkoll fuq servizz ta' shuttle bus illi se tkun qed twassal viżitaturi minn spazji ta' parkeġġ madwar il-Belt Valletta sal-MCC. Għat-twettiq ta' wħud mill-proġetti msemmija, se nkunu qed napplikaw għal fondi tal-Unjoni Ewropea. | | | | | | |
| 271 | **Upgrading, titjib u manutenzjoni ta' żoni pubbliċi ewlenin fil-pajjiż** Id-dħul minn din il-miżura, li mistenni jkun ta' madwar €6 miljuni, se jitħaddem mill-Fondazzjoni għall-Iżvilupp ta' Żoni Turistiċi bil-għan li jsir upgrading, titjib u manutenzjoni ta' żoni pubbliċi ewlenin fil-pajjiż. | Il-Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi | Saru laqgħat bejn il-Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-Turiżmu u s-Segretarju Permanenti għall-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura biex ikun stabbilit il-mekkaniżmu li permezz tiegħu jitħaddem dan il-fond. | Saru laqgħat mill-Ministeru għat-Turiżmu mal-imsieħba soċjali, b'mod speċjali fil-qasam tal-lukandiera, bil-għan li jkunu indirizzati diffikultajiet li tqajmu relatati mal-introduzzjoni tal-kontribuzzjoni marbuta ma' dan il-fond. | Kompliet tinġabar l-ekokontribuzzjoni min operaturi li joffru servizz ta' akkomodazzjoni. Minn dawn iridu jinqatgħu 15% rifużjoni amministrattiva ta' darba. | Tkompli tinġabar l-ekokontribuzzjoni minn operaturi li joffru servizz ta' akkomodazzjoni. Jibdew jinġabru l-ewwel pagamenti ta' din il-kontribuzzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-INTERN
U S-SIGURTÀ NAZZJONALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 26a | **Dixxiplina Fis-Sewqan**<br><br>Hemm bżonn li nżidu d-dixxiplina fit-toroq. Affarijiet bħal sewqan taħt l-effett tal-alkoħol, li jwassal għal periklu ta' mewt għas-sewwieqa, passiġġieri u persuni oħra, ma jistgħux ikunu tollerati. Il-Pulizija tinsab f'taħditiet biex iġġib apparat ġdid ta' breathalysers li jagħti reading u printout dak il-ħin, biex hekk tiġi evitata l-burokrazija li kien ikun hemm fil-passat. Se tiġi emendata l-liġi sabiex tagħmel tajjeb għas-sistemi l-ġodda li se jiġu użati filwaqt li se jiżdiedu l-multi għal min jinqabad isuq taħt l-effett tal-alkoħol. | Il-Korp tal-Pulizija | Din il-miżura ġiet implimentata fl-aħħar kwart tal-2015. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 26b | **Dixxiplina Fis-Sewqan**<br><br>Hemm bżonn li nżidu d-dixxiplina fit-toroq. Affarijiet bħal sewqan taħt l-effett tal-alkoħol, li jwassal għal periklu ta' mewt għas-sewwieqa, passiġġiera u persuni oħra, ma jistax ikun ittollerat. Il-Pulizija tinsab f'taħditiet biex iġġib apparat ġdid ta' breathalysers li jagħti reading u printout dak il-ħin, biex hekk tiġi evitata il-burokrazija li kien ikun hemm fil-passat. Se tiġi emendata l-liġi sabiex tagħmel tajjeb għas-sistemi l-ġodda li se jiġu użati filwaqt li se jiżdiedu l-multi għal min jinqabad isuq taħt l-effett tal-alkoħol. | Il-Korp tal-Pulizija | Din il-miżura ġiet implimentata fl-aħħar kwart tal-2015. | | | | Implimentata |
| 28a | **Servizz ta' Detenzjoni**<br><br>Is-Servizz ta' Detenzjoni ra l-iffirmar tal-ewwel ftehim settorjali bejn il-GWU u l-Gvern. Għas-sena 2016 huwa mistenni li tissaħħaħ is-sigurtà permezz ta' CCTV u permezz ta' installazzjoni ta' sistema kompluta ta' komunikazzjoni bir-radju. | Servizzi ta' Detenzjoni | Inġabret l-informazzjoni meħtieġa mingħand il-fornituri tas-CCTVs u saru l-pjanti meħtieġa. | Saret ħidma fuq id-dokumenti neċessarji biex jinħareġ it-tender. | Ħarġet is-sejħa għat-tender u ngħata lill-offerent preferut. | Mistennija jitwaħħlu s-CCTVs, jiġu ttestjati u jiġi kkumissjonat ix-xogħol neċessarju. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWARTDIPARTIMENT JANNAR SA MARZU | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 28b | **Servizz ta' Detenzjoni**<br><br>Is-Servizz ta' Detenzjoni ra l-iffirmar tal-ewwel ftehim settorjali bejn il-GWU u l-Gvern. Għas-sena 2016 huwa mistenni li tissaħħaħ is-sigurtà permezz ta' CCTV u permezz ta' installazzjoni ta' sistema kompluta ta' komunikazzjoni bir-radju. | Servizzi ta' Detenzjoni | Inġabret l-informazzjoni meħtieġa mingħand il-fornituri ta' komunikazzjoni bir-radju u saru l-pjanti meħtieġa. | Saret ħidma fuq id-dokumenti neċessarji biex jinħareġ it-tender. | Ħarġet s-sejħa għat-tender u ingħata lill-offerent preferut. | Mistennija tiġi installata s-sistema ta' komunikazzjoni bir-radju, tiġi ttestjata u jiġi kkummissjonat ix-xogħol neċessarju. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 29a | **Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili**<br><br>Għas-sena 2016 se tkompli tiġi msaħħa l-flotta ta' vetturi. Diġà ġew ordnati 6 light fire engines u high capacity foam carrier u dawn huma mistennija jaslu Malta fil-bidu tas-sena li ġejja. Il-valur huwa ta' €1.2 miljun. Sar ukoll ftehim mal-Ministeru għall-Finanzi biex matul is-sena li ġejja jiġu ordnati wkoll 12-il vettura ġdida oħra bi spiża ta' €2.5 miljun. Bħalissa qed jiġu ppreparati l-ispecifications tat-tender. | Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | 6 light fire engines u high capacity foam carrier:<br>Il-kumpanija li rebħet it-tender u li kellha tissupplixxi dawn il-vetturi infurmat lid-Dipartiment tal-Kuntratti li dawn se jkunu qed jittardjaw.<br><br>Xiri ta' tnax (12) -il vettura:<br>Tlestiet id-dokumentazzjoni kollha u nħareġ it-tender. | 6 light fire engines u high capacity foam carrier :<br>Stennija għall-wasla tal-vetturi.<br><br>Xiri ta' tnax (12)-il vettura:<br>Inxtraw u għandhom jaslu Malta fil-bidu tas-sena d-dieħla. It-tender ġie evalwat u mogħti. Inbeda l-proċess tax-xiri. | Il-kuntrattur ikkonferma li l-vetturi se jaslu sal-aħħar t'Ottubru. | Il-vetturi mistennija li jaslu Malta u jkunu għad-dispożizzjoni tad-DPĊ.<br><br>Xiri ta' tnax (12) -il vettura:<br>Mistenni jitkompla l-proċess mal-kuntrattur biex jiġi assigurat li l-vetturi jaslu fit-tieni kwart tas-sena 2017. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 29b | **Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili**<br><br>Għas-sena 2016 se tkompli tiġi msaħħa l-flotta ta' vetturi. Diġà ġew ordnati 6 light fire engines u high capacity foam carrier u dawn huma mistennija jaslu Malta fil-bidu tas-sena li ġejja. Il-valur huwa ta' €1.2 miljun. Sar ukoll ftehim mal-Ministeru għall-Finanzi biex matul is-sena li ġejja jiġu ordnati wkoll 12-il vettura ġdida oħra bi spiża ta' €2.5 miljun. Bħalissa qed jiġu ppreparati l-ispecifications tat-tender. Huwa maħsub ukoll li matul is-sena li ġejja d-DPĊ jibda jaħdem fuq kwartieri akbar u aktar moderni ġewwa Ħal Far, fil-viċinanzi tal-istazzjon tat-tifi tan-nar. Id-DPĊ applika wkoll għal fondi Ewropej taħt il-programm ISF fejn ġie propost proġett biex tissaħħaħ it-taqsima tal-Hazmat. Il-valur huwa stmat mas-€700,000. Huwa maħsub li matul is-sena 2016 inkomplu ntejbu s-servizz ta' voluntiera. | Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Saru laqgħat mad-Dipartiment tal-Artijiet u l-Malta Industrial Parks fejn ġie diskuss it-trasferiment tal-art f'Ħal Far. | Tlestew il-laqgħat u nbeda l-proċess formali mad-Dipartiment tal-Artijiet għat-trasferiment tal-art. | L-art ġiet trasferita fuq id-DPĊ. | Mistennija tintalab assistenza tal- Perit tal-Gvern biex jassisti lid-dipartiment fil-preparazzjoni tal-pjanti neċessarji u ssir l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 29c | **Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili**<br><br>Għas-sena 2016 se tkompli tiġi msaħħa l-flotta ta' vetturi. Diġà ġew ordnati 6 light fire engines u high capacity foam carrier u dawn huma mistennija jaslu Malta fil-bidu tas-sena li ġejja. Il-valur huwa ta' €1.2 miljun. Sar ukoll ftehim mal-Ministeru għall-Finanzi biex matul is-sena li ġejja jiġu ordnati wkoll 12-il vettura ġdida oħra bi spiża ta' €2.5 miljun. Bħalissa qed jiġu ppreparati l-ispecifications tat-tender. Huwa maħsub ukoll li matul is-sena li ġejja d-DPĊ jibda jaħdem fuq kwartieri akbar u aktar moderni ġewwa Ħal Far, fil-viċinanzi tal-istazzjoni tat-tifi tan-nar. Id-DPĊ applika wkoll għal fondi Ewropej taħt il-programm ISF fejn ġie propost proġett biex tissaħħaħ it-taqsima tal-Hazmat. Il-valur huwa stmat mas-€700,000. Huwa maħsub li matul is-sena 2016 inkomplu ntejbu s-servizz ta' voluntiera. | Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Ġew ippreparati l-ispeċifikazzjonijiet għax-xiri ta' trakk għall-ġarr tal-apparat tal-Hazmat u vettura iżgħar biex tintuża bħala first response vehicle.Ġiet ippreparata wkoll applikazzjoni għas-sejħa tal-fondi għal dan il-proġett. | Ġew approvati l-fondi Ewropej tal-programm ISF għal dan il-proġett. It-tender għax-xiri ta' dawn iż-żewġ vetturi ntbagħat għand id-Dipartiment tal-Kuntratti għall-pubblikazzjoni. | It-tender ġie ppubblikat. | Mistennija ssir l-aġġudikazzjoni tat-tender u jingħata lill-offerent preferut. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 29d | **Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili**<br><br>Għas-sena 2016 se tkompli tiġi msaħħa l-flotta ta' vetturi. Diġà ġew ordnati 6 light fire engines u high capacity foam carrier u dawn huma mistennija jaslu Malta fil-bidu tas-sena li ġejja. Il-valur huwa ta' €1.2 miljun. Sar ukoll ftehim mal-Ministeru għall-Finanzi biex matul is-sena li ġejja jiġu ordnati wkoll 12-il vettura ġdida oħra bi spiża ta' €2.5 miljun. Bħalissa qed jiġu ppreparati l-ispecifications tat-tender. Huwa maħsub ukoll li matul is-sena li ġejja d-DPĊ jibda jaħdem fuq kwartieri akbar u aktar moderni ġewwa Ħal Far, fil-viċinanzi tal-istazzjoni tat-tifi tan-nar. Id-DPĊ applika wkoll għal fondi Ewropej taħt il-programm ISF fejn ġie propost proġett biex tissaħħaħ it-taqsima tal-Hazmat. Il-valur huwa stmat mas-€700,000. Huwa maħsub li matul is-sena 2016 inkomplu ntejbu s-servizz ta' voluntiera. | Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Ħarġet is-sejħa għall-voluntiera u saru l-intervisti. Bdew isiru wkoll l-arranġamenti biex jinxtraw l-uniformijiet meħtieġa. | Ġew magħżula l-membri l-ġodda biex jissieħbu fil-Korp tal-Voluntiera u ħadu l-ġurament tal-ħatra. Il-voluntiera bdew it-taħriġ tagħhom. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 30a | **Investiment fil-Forzi Armati ta' Malta (Tagħmir u Riżorsi Umani)**<br><br>Għas-sena 2016 hemm diversi proġetti li se jitlestew jew jinbdew fosthom ix-xiri tat-tielet helicopter ġdid b'valur ta' €13.94 miljun fejn il-kuntratt diġà ġie ffirmat (fit-30 ta' Ġunju 2015); ix-xiri tat-tielet ajruplan ġdid valutat €15-il miljun. | Il-Forzi Armati ta' Malta | Beda x-xogħol mill-kumpanija li pprovdiet l-ewwel żewġ helicopters. Il-helicopter jinsab fuq l-assembly line ġewwa l-fabbrika fl-Italja. | Saret il-Provisional Acceptance fejn tim tekniku Malti għamel l-ispezzjonijiet neċessarji biex ikun jista' jiġi aċċettat il-helicopter. Il-helicopter ġie aċċettat u se jingħata lill-Forzi Armati ta' Malta. | Tkompla l-proċess biex jiġi assigurat li l-helicopter jasal Malta fl-aħħar kwart tas-sena. | Il-helicopter mistenni jasal Malta f'dan il-kwart. | Implimentata |
| 30b | **Investiment fil-Forzi Armati ta' Malta (Tagħmir u Riżorsi Umani)**<br><br>Għas-sena 2016 hemm diversi proġetti li se jitlestew jew jinbdew fosthom ix-xiri tat-tielet helicopter ġdid b'valur ta' €13.94 miljun fejn il-kuntratt diġà ġie ffirmat (fit-30 ta' Ġunju 2015); ix-xiri tat-tielet ajruplan ġdid valutat €15-il miljun. | Il-Forzi Armati ta' Malta | L-ajruplan ġie trasportat mill-Amerika għall-Ġermanja fejn beda x-xogħol ta' modifikazzjoni kif mitlub mill-FAM. Saru wkoll it-testijiet neċessarji biex jibdew il-modifikazzjonijiet strutturali u t-twaħħil tal-apparat neċessarju. | Ix-xogħlijiet strutturali ta' modifika fuq l-ajruplan ġew konklużi. Saru t-testijiet meħtieġa biex toħroġ iċ-ċertifikazzjoni u jiġu approvati l-modifikazzjonijiet mill-European Aviation Safety Agency (EASA). | Saru t-testijiet meħtieġa u ħarġet iċ-ċertifikazzjoni fuq ix-xogħol strutturali ta' modifika li sar. Tkompla x-xogħol strutturali ta' modifika. | Mistenni jitkompla x-xogħol strutturali ta' modifika fuq l-ajruplan. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31a | Barra minn hekk, hemm ukoll numru ta' proġetti kapitali kosponsorjati mill-ISF 2014-2020 li l-proċess tagħhom se jibda fl-2016 stmati li jiswew €75 miljun fuq ħames snin. Dawn jinkludu fosthom ix-xiri ta' offshore patrol vessel ġdida għas-somma ta' madwar €38 miljun, upgrade lill-P61 għal valur ta' madwar €7 miljun u xiri ta' robot u vann għall-EOD stmati li jiswew mal-€0.5 miljun. | Il-Forzi Armati ta' Malta | Ġie ppubblikat it-tender għall-konsulenza biex jassisti l-FAM fil-kitba tad-dettalji kuntrattwali u tekniċi. | Qed jiġi evalwat it-tender għall-konsulenza. | Ġie evalwat it-tender għall-konsulenza u r-rakkomandazzonijiet ġew mgħoddija għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti. | Mistenni jiġi ingaġġat il-konsulent wara l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 31b | Barra minn hekk, hemm ukoll numru ta' proġetti kapitali kosponsorjati mill-ISF 2014-2020 li l-proċess tagħhom se jibda fl-2016 stmati li jiswew €75 miljun fuq ħames snin. Dawn jinkludu fosthom ix-xiri ta' offshore patrol vessel ġdida għas-somma ta' madwar €38 miljun, upgrade lill-P61 għal valur ta' madwar €7 miljun u xiri ta' robot u vann għall-EOD stmati li jiswew mal-€0.5 miljun. | Il-Forzi Armati ta' Malta | Ġie deċiż li x-xogħol fuq il-patrol boat P61 isir minn min ħadimha oriġinarjament. | Ġie ppubblikat it-tender għall-għażla tal-konsulent u bdiet l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti. Bdew ukoll in-negozjati mal-kumpanija li se tagħmel ix-xogħol fuq P61. | Ingħata t-tender u tkomplew in-negozjati mal-kumpanija li se tagħmel ix-xogħol fuq P61. | Mistennija jiġu finalizzati n-negozjati mal-kumpanija li se tagħmel ix-xogħol fuq P61 skont ir-rikommandazzjonijiet tal-konsulent. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31c | Barra minn hekk, hemm ukoll numru ta' proġetti kapitali kosponsorjati mill-ISF 2014-2020 li l-proċess tagħhom se jibda fl-2016 stmati li jiswew €75 miljun fuq ħames snin. Dawn jinkludu fosthom ix-xiri ta' offshore patrol vessel ġdida għas-somma ta' madwar €38 miljun, upgrade lill-P61 għal valur ta' madwar €7 miljun u xiri ta' robot u vann għall-EOD stmati li jiswew mal-€0.5 miljun. | Il-Forzi Armati ta' Malta | Din il-miżura ġiet implimentata fl-aħħar kwart tal-2015. | | | | Implimentata |
| 33a | Finalment, għall-2016 hemm proġettati €500,000 għal taħriġ ta' suldati u uffiċjali kemm Malta u anke barra minn xtutna kif ukoll hemm €400,000 li se jintefqu sabiex il-FAM tibgħat suldati u uffiċjali f'missjonijiet barra l-pajjiż. | Il-Forzi Armati ta' Malta | Numru ta' suldati kienu fuq taħriġ barra minn Malta u f'ċentri u istituzzjonijiet edukattivi lokali filwaqt li oħrajn irċevew taħriġ minn tim ta' esperti f'oqsma differenti li ġew fuq żjara biex iwettqu taħriġ speċjalizzat. | Aktar suldati kienu fuq taħriġ barra minn Malta u f'ċentri u istituzzjonijiet edukattivi lokali filwaqt li oħrajn irċevew taħriġ minn tim ta' esperti f'oqsma differenti li ġew fuq żjara biex iwettqu taħriġ speċjalizzat. | Tkompla t-taħriġ għal aktar suldati barra minn Malta u f'ċentri u istituzzjonijiet edukattivi lokali kif ukoll taħriġ speċjalizzat minn tim ta' esperti barranin. | Mistenni jitkompla programm ta' taħriġ għas-suldati biex ikomplu jtejbu l-kapaċitajiet u l-ħiliet tagħhom fil-qadi ta' dmirijiethom. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 33b | Finalment, għall-2016 hemm proġettati €500,000 għal taħriġ ta' suldati u uffiċjali kemm Malta u anke barra minn xtutna kif ukoll hemm €400,000 li se jintefqu sabiex il-FAM tibgħat suldati u uffiċjali f'missjonijiet barra l-pajjiż. | Il-Forzi Armata ta' Malta | Intbagħtu numru ta' suldati u uffiċjali f'missjonijiet barra l-pajjiż. | Intbagħtu aktar suldati u uffiċjali f'missjonijiet barra l-pajjiż. | Tkompla l-kontribut ta' suldati u uffiċjali Maltin f'missjonijiet barra l-pajjiż. | Jintbagħtu numru ta' suldati u uffiċjali oħra għal missjonijiet barra l-pajjiż. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 34 | Matul l-2016 se nżidu l-allowance li jieħdu l-membri tal-Forzi Armati ta' Malta. Din iż-żieda se tkun id-doppju ta' dak li qed jieħdu fil-preżent. | Il-Forzi Armati ta' Malta | Ingħatat iż-żieda fl-allowance lill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta b'effett minn Jannar. | | | | Implimentata |
| 35 | Wara li tgħaddi l-liġi mill-Parlament, li diġà tinsab fuq l-Aġenda Parlamentari, matul l-2016 issir sejħa għar-Riżervisti fi ħdan il-Forzi Armati. | Il-Forzi Armati ta' Malta | Wara li l-liġi ġiet emendata u approvata fil-Parlament, ħarġet is-sejħa għal riżervisti ġodda. | Tlesta l-proċess ta' selezzjoni u ġew ingaġġati r-riżervisti ġodda. | | | Implimentata |
| 36 | Matul l-2016 il-FAM għandha l-ħsieb li tingaġġa 100 rekluta u 10 uffiċjali kadetti ġodda. | Il-Forzi Armati ta' Malta | Sar il-proċess ta' selezzjoni għal rekluti u uffiċjali kadetti. | Ġie konkluż il-proċess ta' selezzjoni. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37a | **It-Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomiċi tal-Pulizija**<br><br>Qed isir tisħiħ fit-Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomiċi tal-Pulizija f'dawk li huma riżorsi umani fejn l-Iskwadra telgħet minn sitt Spetturi għal għaxar Spetturi. Qed jiżdiedu n-nies fl-Investigation Teams tagħhom ukoll. Għas-sena 2016 huwa maħsub illi din l-Iskwadra tkun imsaħħa billi jiżdiedu nies professjonali oħra magħha bħal accountants u professjonisti oħra. Jekk dawn ir-riżorsi ma jinstabux mill-Korp tal-Pulizija, jiġu ingaġġati minn barra l-Korp. Se jkun hemm tisħiħ ukoll fl-għodod użati minn din l-Iskwadra fejn jirrigwardaw mezzi analitiċi. | Il-Korp tal-Pulizija | Bdiet il-ħidma fuq ir-rekwiżiti b'konnessjoni mal-ingaġġ ta' nies professjonali biex jissieħbu f'din l-iskwadra. | Kompliet il-ħidma fuq ir-rekwiżiti b'konnessjoni mal-ingaġġ ta' nies professjonali. | Tlestewi r-rekwiżiti b'konnessjoni mal-ingaġġ għal nies professjonali. | Mistennija toħroġ is-sejħa għall-ingaġġ ta' nies professjonali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37b | **It-Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomiċi tal-Pulizija**<br><br>Qed isir tisħiħ fit-Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomiċi tal-Pulizija f'dawk li huma riżorsi umani fejn l-Iskwadra telgħet minn sitt Spetturi għal għaxar Spetturi. Qed jiżdiedu n-nies fl-Investigation Teams tagħhom ukoll. Għas-sena 2016 huwa maħsub illi din l-Iskwadra tkun imsaħħa billi jiżdiedu nies professjonali oħra magħha bħal accountants u professjonisti oħra. Jekk dawn ir-riżorsi ma jinstabux mill-Korp tal-Pulizija, jiġu ingaġġati minn barra l-Korp. Se jkun hemm tisħiħ ukoll fl-għodod użati minn din l-Iskwadra fejn jirrigwardaw mezzi analitiċi. | Il-Korp tal-Pulizija | Il-Korp kiseb numru ta' liċenzji tas-software analitiku I2. | Għaddej taħriġ lil numru ta' uffiċjali fuq dan is-software. | Tkompla t-taħriġ lill-uffiċjali fuq dan is-software. | Mistenni jiġi konkluż it-taħriġ neċessarju. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 38 | **It-Tisħiħ tad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole (DPP)**<br><br>Għas-sena 2016 hemm il-pjan li jiġi mniedi proġett fit-Teknoloġija tal-Informatika msejjaħ Offender Management System u dan sabiex l-utenti ta' dan is-servizz (ħabs, probation u parole, qrati) ikollhom networking aktar effiċjenti. | L-Uffiċċju taċ-Chief Information Officer | Sar studju intern biex jiġu verifikati sistemi eżistenti li huma użati barra minn Malta. | Tlesta l-istudju u beda jiġi kkumpilat dokument ta' speċifikazzjonijiet tekniċi biex jiġu inklużi mat-tender. | Kompla jiġi kkumpilat id-dokument ta' speċifikazzjonijiet tekniċi biex jiġu inklużi mat-tender. | Mistenni jiġi ppubblikat it-tender u jibda l-proċess ta' evalwazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 39 | Se jkompli jissaħħaħ is-servizz tal-Victim Offender Mediation u matul l-2016 se jiġi varat il-proċess ta' medjazzjoni. | Id-Dipartiment tal-Probation u Parole | Beda jitfassal il-Victim's Charter hekk kif stipulat fir-Restorative Justice Act (2012). | Tlesta abbozz tal-Victim's Charter. Beda jiġi rivedut mill-membri tal-Victim Offender Mediation Committee. Bdiet titfassal ukoll espressjoni ta' interess biex jiġu identifikati medjaturi prospettivi. | Ġie approvat il-Victim's Charter u tfasslet l-espressjoni ta' interess biex jiġu identifikati medjaturi prospettivi. | Mistennija toħroġ is-sejħa biex jiġu identifikati medjaturi prospettivi u jibda s-servizz ta' medjazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 40 | Se jitkompla t-taħriġ lill-psikologi f'kollaborazzjoni man-National Offenders Management System fl-Ingilterra fi programmi mmirati lejn ir-riabilitazzjoni. | Id-Dipartiment tal-Probation u Parole | Il-Unit tal-Psikoloġija fi ħdan id-dipartiment beda l-kuntatti mal-Probation Board Northern Ireland biex isir programm ta' taħriġ dwar il-programmi li ser jiġu mixtrija mill-istess dipartiment. Il-programmi huma Thinking Skills u Community/ Sex Offenders Treatment Programme. | Il-Unit tal-Psikoloġija fi ħdan id-dipartiment wasal għal ftehim mal-Probation Board Northern Ireland u ġie stabbilit li t-taħriġ dwar il-programmi ta' mġiba ser isir f'Diċembru. | Ġew finalizzati l-preparamenti għat-taħriġ dwar il-programmi ta' mġiba. | Mistenni jsir it-taħriġ biex wara jiġu varati l-programmi għal titjib fis-servizz ta' riabilitazzjoni li joffri d-Dipartiment tal-Probation u Parole. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41a | **Il-Korp tal-Pulizija**<br><br>Se jkompli jsir investiment sostanzjali f'xiri ta' kompjuters ġodda filwaqt li jinxtara wkoll aktar apparat lill-pulizija bħal bullet proof vests. | L-Uffiċċju taċ-Chief Information Officer | Inxtraw kompjuters ġodda mgħammra bil-liċenzji skont standards maħruġa mill-MITA. | Ġew ordnati numru ta' kompjuters ġodda oħra u ħareġ it-tender min-naħa tal-MITA. | Ġie aġġudikat u ngħata t-tender min-naħa tal-MITA. | Mistennija jinxtraw il-kompjuters il-ġodda | Implimentata |
| 41b | **Il-Korp tal-Pulizija**<br><br>Se jkompli jsir investiment sostanzjali f'xiri ta' kompjuters ġodda filwaqt li jinxtara wkoll aktar apparat lill-pulizija bħal bullet proof vests. | Il-Korp tal-Pulizija | Inxtraw 200 bullet proof vest. | | | | Implimentata |
| 42 | Sabiex jissaħħu r-riżorsi umani huwa ttamat li matul l-2016 jiġu ingaġġati rekluti ġodda | Il-Korp tal-Pulizija | Ir-reklutaġġ beda, l-applikazzjonijiet għalqu u bdiet il-proċedura tas-selezzjoni. | Saru l-eżamijiet fiżiċi, tlestew l-intervisti u qed isiru l-eżamijiet mediċi. | Tlestew l-eżamijiet mediċi u ġew ingaġġati r-rekluti fl-Akkademja tal-Pulizija. | | Implimentata |
| 43 | Matul is-sena d-dieħla s-sezzjoni tal-Immigrazzjoni flimkien man-National Schengen Information Systems Unit se tniedi proġett sabiex iwassal għall-implimentazzjoni ta' magni ġodda għall-automated border control bħala parti mill-proġett tal-Ismart Borders tal-UE. Dan il-proġett stmat li jiswa €1 miljun. | Il-Korp tal-Pulizija | Bdiet tinġabar l-informazzjoni dwar l-aħjar sistemi li jistgħu jintużaw fl-ajruport internazzjonali ta' Malta. Dan qed isir bi preparazzjoni għall-applikazzjoni ta' dan il-proġett. | Bdew jiġu mfassla l-ispeċifikazzjonijiet biex toħroġ it-tender għax-xiri tas-sistema. | Ġew finalizzati l-ispeċifikazzjonijiet għax-xiri tas-sistema. | Mistennija toħroġ it-tender għax-xiri tas-sistema. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 44a | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.50 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini tal-NS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | Il-Korp tal-Pulizija | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej għal dan il-proġett. Sadanittant bdiet ħidma interna biex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa biex ikun implimentat dan il-proġett. | L-applikazzjoni bdiet tiġi evalwata mill-kumitat tal-evalwazzjoni tad-Diviżjoni tal-Fondi u Programmi (FPD). | L-applikazjoni baqgħet tiġi evalwata mill-kumitat tal-evalwazzjoni tad-Diviżjoni tal-Fondi u Programmi (FPD). | Mistennija aċċettazzjoni tal-grant agreement u tiġi finalizzata l-ħidma dwar l-informazzjoni meħtieġa biex ikun implimentat dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 44b | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.50 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini tal-NS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | Il-Korp tal-Pulizija | Bdiet tiġi ppreparata l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej filwaqt li bdiet ħidma interna biex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa biex ikun implimentat dan il-proġett. | Filwaqt li tkompliet ħidma interna, ġie deċiż illi l-proġett ser ikun qed jinkludi wkoll apparat ta' moniteraġġ. | Ġiet finalizzata l-ħidma interna dwar l-informazzjoni meħtieġa biex ikun implimentat dan il-proġett. | Stennija għas-sejħa għall-fondi Ewropej. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 44c | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.50 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini tal-NS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | Il-Korp tal-Pulizija | Bdiet tiġi ppreparata l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej filwaqt li bdiet ħidma interna biex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa biex ikun implimentat dan il-proġett. | Il-Korp ġie infurmat li l-applikazzjoni għal dan il-proġett ser tiġi ppubblikata fit-tielet kwart tas-sena. Tkomplew diskussjonijiet interni biex jiġi stabbilit il-kurrikulu tat-taħriġ provdut lill-pajjiżi terzi. | Ġew finalizzati d-diskussjonijiet biex jiġi stabbilit il-kurrikulu tat-taħriġ provdut lill-pajjiżi terzi. | Stennija għas-sejħa għall-fondi Ewropej. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 44d | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.50 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini tal-NS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | Il-Korp tal-Pulizija | Saru diskussjonijiet interni dwar l-apparat li għandu jinxtara għall-Korp biex b'hekk tkun tista' tibda ssir il-ħidma relatata ma' speċifikazzjonijiet għal dan l-apparat. | Saret ħidma fuq il-preparazzjonijiet għat-tenders għax-xiri tal-apparat li ġie identifikat bħala neċessarju. | Komplew jiġu ppreparati t-tenders għax-xiri tal-apparat. | Mistennija jiġu ppublikati xi tenders għal xiri ta' apparat u tibda l-evalwazzjoni tagħhom. Jitkompla l-proċess biex joħorġu l-kumplament tat-tenders. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 44e | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.50 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini tal-NS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | Il-Korp tal-Pulizija | L-applikazzjoni li permezz tagħha l-fondi Ewropej allokati għal dan il-proġett ser jiġu approvati ħarġet fil-bidu ta' Frar 2016. Inġabret l-informazzjoni kollha li kienet mitluba fl-applikazzjoni filwaqt li ġew riveduti l-costings kollha tal-proġett. L-applikazzjoni ġiet ikkonsolidata u ppreżentata. | Beda l-proċess tat-tfassil tat-tenders biex meta jiġu approvati l-fondi jkunu jistgħu jinħarġu. Saret ukoll applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex joħroġ il-permess għax-xogħol fil-post li ġie identifikat għall-uffiċini l-ġodda tas-Cyber Crime Unit. | Stennija għall-approvazzjoni tal-fondi. Sadanittant il-PSC (Project Selection Committee) fi ħdan is-Segratarjat Parlamentari għall-Presidenza UE 2017 u għall-fondi Ewropej talab kjarifiki dwar l-applikazzjoni tal-fondi. Il-kjarifiki ntbagħtu. | Mistenni jitkompla l-proċess tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex ikun jista' jinbeda x-xogħol fuq l-uffiċini l-ġodda tas- Cyber Crime Unit. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 44f | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.50 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini tal-NS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | Korp tal-Pulizija | Saru diskussjonijiet interni biex isir il-pjan u tinġabar l-informazzjoni meħtieġa. | Ġie identifikat sit adattat fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn għandha tinbena l-Command & Control Room il-ġdida. Saru s-surveys neċessarji dwar is-saħħa tal-pedamenti u l-istruttura tal-binja u tħejjew il-pjanti relattivi. Bdew jintlaqgħu wkoll offerti mingħand kumpaniji li jistgħu jagħmlu xogħol ta' tħaffir biex isiru aktar testijiet bir-reqqa dwar is-saħħa tal-pedamenti tal-binja kkonċernata. | Wara li saru proposti b'xi tibdil, il-Perit tal-Gvern ħejja l-pjanti relattivi biex issir l-applikazzjoni ta' żvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tal-imsemmija pjanti biex jinbeda l-proċess biex jitfasslu t-tenders relatati max-xogħlijiet u servizzi kollha meħtieġa. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 44g | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.50 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini tal-NS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | Il-Korp tal-Pulizija | Bdiet tinġabar l-informazzjoni meħtieġa bi preparazzjoni għall-applikazzjoni li permezz tagħha l-fondi Ewropej allokati għal dan il-proġett għandhom jiġu approvati. | Il-Korp ġabar l-informazzjoni meħtieġa biex ikun f'pożizzjoni li japplika għall-fondi Ewropej. | Ħarġet is-sejħa għall-applikazzjoni tal-Fondi Ewropej u ġiet preżentata l-applikazzjoni mill-IRU. | Stennija għall-approvazzjoni tal-applikazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 44h | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.50 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini tal-NS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | Il-Korp tal-Pulizija | Saret ħidma fuq il-preparazzjonijiet għat-tender. | Ġew approvati l-fondi Ewropej għax-xiri ta' erba' sistemi u vann għall-użu ta' sorveljanza. Beda x-xogħol fuq it-tender għal erba' sistemi ta' sorveljanza. | Ħareġ it-tender għal erba' sistemi ta' sorveljanza. Dwar ix-xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza għaddejja ħidma ma' kumpaniji barranin. | Mistenni jiġi evalwat il-proċess tat-tender għal erba' sistemi ta' sorveljanza filwaqt li jiġi konkluż il-proċess tax-xiri tal-vann għal użu ta' sorveljanza. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 44i | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.50 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini tal-NS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | Il-Korp tal-Pulizija | Ġiet sottomessa applikazzjoni għall-Fondi Ewropej. Saru wkoll kuntatti inizjali mal-Interpol dwar il-proġett. | Bdew diskussjonijiet mal-Interpol dwar il-proġett. | Beda l-proċess mal-MEAIM biex tiġi approvata l-applikazzjoni għal dan il-proġett. Ingħata aċċess għas-sistema SLTD fl-ajruport ta' Malta. | Mistenni jiġi konkluż il-proċess mal-MEAIM u tingħata aktar aċċessibilità tas-sistema. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 45 | **L-Akkademja tal-Pulizija**<br><br>Matul is-sena 2016 se tidħol fis-seħħ proposta oħra fejn se titjieb il-preżenza tal-pulizija f'żoni turistiċi. Dan se jsir wara taħriġ li numru ta' pulizija se jingħataw f'dan ir-rigward. | Il-Korp tal-Pulizija | Saru diskussjonijiet mal-ITS u mal-Akkademja tal-Pulizija rigward il-kurrikulu għat-taħriġ. Beda l-kors għall-membri tal-Korp fl-ITS u fl-Akkademja tal-Pulizija. | Saret il-gradwazzjoni tal-uffiċjali tal-Korp fit-Tourism Policing. Beda proġett pilota fil-lokalitajiet ta' San Ġiljan u Tas-Sliema. | | | Implimentata |
| 46 | Se ssir ħidma biex numru ta' għases madwar Malta u Għawdex jingħataw face lift xierqa ħalli ċ-ċittadini jingħataw servizz aħjar u l-pulizija jkunu f'pożizzjoni aħjar li jagħtu dan is-servizz. | Il-Korp tal-Pulizija | Saru spezzjonijiet f'numru ta' għases biex jiġu stabbiliti x-xogħlijiet meħtieġa. Wara numru ta' laqgħat, ġew stabbiliti numru ta' ħidmiet. Ġie deċiż li l-għases jingħaqdu fi gruppi ta' ħamsa biex jinħarġu t-tenders meħtieġa fi gruppi. Ġie deċiż ukoll li jitwaħħal aircondition f'kull reception area. | Qed jiġu diskussi d-disinji relatati mal-għamara li ser tinħtieġ f'kull għassa. Tkomplew id-diskussjonijiet fuq l-aircondition units biex tinħareġ is-sejħa. Saru wkoll il-kuntatti meħtieġa mal-inġinier minħabba x-xogħlijiet fuq dawl, ilma u drenaġġ. | Id-disinji tal-għamara tlestew u t-tender ġie ppubblikat. Ħarġet is-sejħa, ingħatat u bdiet l-installazzjoni tal-aircondition units. | Mistenni jitkompla x-xogħol ta' refurbishment f'numru ta' għases. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 52 | **Il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin**<br><br>Ħarġet it-tender għat-tkabbir tal-Faċilità Korrettiva għaż-Żgħażagħ ġewwa l-Imtaħleb, liema proġett huwa kofinanzjat minn fondi Norveġiżi għall-ammont ta' €1 miljun. Huwa mistenni li sat-tielet kwart tas-sena d-dieħla l-proġett ikun komplut. Marbut ma' dawn il-fondi hemm element ta' taħriġ minn uffiċjali ta' faċilitajiet korrettivi Norveġiżi lill-uffiċjali Maltin dwar sistemi ta' tmexxija ta' faċilitajiet taż-żgħażagħ. | Il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin | It-tender ingħata madankollu tressaq appell quddiem il-Bord tal-Appelli. L-appell intilef bl-appellant jiftaħ kawża l-Qorti. | Il-Qorti ma tatx raġun lill-appellant. Tfassal il-kuntratt u ħarġet il-letter of acceptance lill-kuntrattur biex jibdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. | Bdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. | Mistennija jitkomplew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 53a | Għas-sena 2016, hemm maħsuba diversi proġetti kapitali sabiex tiġi mmodernizzata l-faċilità ta' Kordin. | Il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Saru diskussjonijiet interni rigward ristrutturar tal-kċina l-ġdida. | Saret ħidma dwar il-pjanti neċessarji u saret ukoll sottomissjoni tal-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Il-proċess għadda għand l-awtoritajiet kompetenti għall-verifika u approvazzjoni finali. | Mistennija jiġu ffinalizati l-pjanti għall-ħruġ tat-tenders. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 53b | Għas-sena 2016, hemm maħsuba diversi proġetti kapitali sabiex tiġi mmodernizzata l-faċilità ta' Kordin. | Il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Saru diskussjonijiet interni rigward uffiċini u consultation rooms għall-professjonisti. | Saret ħidma dwar il-pjanti neċessarji, ġie identifikat il-post adekwat fejn għandhom isiru l-uffiċini u l-consultation rooms u saret ukoll sottomissjoni tal-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Il-proċess għadda għand l-awtoritajiet kompetenti għall-verifika u approvazzjoni finali. | Mistennija jiġu ffinalizati l-pjanti għall-ħruġ tat-tenders. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI,
L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 326 | **Ir-Riforma tal-Ekokontribuzzjoni**<br><br>Din is-sena twettqet l-ewwel fażi tar-riforma fil-mekkaniżmu tal-ekokontribuzzjoni. Bit-twettiq tajjeb ta' din ir-riforma, daħħalna wkoll fis-seħħ id-Direttiva tal-WEEE (Waste Electrical and Electronic Equipment) li permezz tagħha saħħaħna l-ħarsien tal-ambjent f'pajjiżna. Permezz ta' dan il-Baġit, se nneħħu l-Ekokontribuzzjoni minn fuq kontenituri tax-xorb, iċ-chewing gum u anke minn fuq il-basktijiet tal-plastik. Minflok, dawn se jiġu riflessi fit-taxxa tas-sisa. | L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) | Iddaħħlu miżuri biex ikun hemm audit trail iżjed ċar għall-WEEE li jinġabar mill-Kunsilli permezz tal-Bulky Refuse System. Tressqu proposti biex jiġu emendati u msaħħa l-Avviżi Legali li jirregolaw il-kontenituri tax-xorb, iċ-chewing gum u l-basktijiet tal-plastik. L-Avviżi Legali emendati ġew approvati mill-Kabinett u ħarġu għall-konsultazzjoni pubblika inkluż għall-korpi kostitwiti. | Il-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali applikaw mal-Awtorità għall-permess għall-ġarr tal-WEEE mid-djar. L-Awtorità evalwat din l-informazzjoni biex issegwi l-iżviluppi f'dan ir-rigward. Rigward l-eżenzjonijiet mill-ekokontribuzzjoni fuq kontenituri tax-xorb, iċ-chewing gum u l-basktijiet tal-plastik, il-prijorità kienet li jissaħħaħ il-qafas legali bil-għan li tkompli tittejjeb il-prestazzjoni ta' Malta f'dan is-settur, skont il-Pjan Nazzjonali dwar l-Immaniġjar tal-Iskart għall-Gżejjer Maltin 2014-2020. L-abbozzi legali li jemendaw dawn ir-regolamenti nħarġu għal konsultazzjoni għall-korpi kostitwiti b'mod konġunt bejn MSDEC, PA u MEUSAC. Il-kummenti tal-korpi kostitwiti ġew eżaminati, evalwati u kkunsidrati għall-preparazzjoni tal-abbozzi finali. | Il-Kunsilli Lokali ngħataw permess għall-ġarr tal-WEEE u skart goff. Għalkemm l-eko-kontribuzzjoni tneħħiet permezz ta' Avviż Legali, qed isir xogħol dwar rifużjoni tal-eżenzjoni dwar kontenituri tax-xorb. | L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) mistennija tiffinalizza l-emendi neċessarji għar-regolamenti fuq il-Packaging Waste. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 327 | **Ir-Riforma tal-Pitkalija**<br><br>Matul is-sena li ġejja se nagħmlu wkoll investiment qawwi sabiex jinxtraw kaxxi tal-Pitkalija li jkollhom ċippa elettronika ġo fihom sabiex dan jippermetti li jkun hemm traċċa ċara għand min tkun qiegħda l-kaxxa. | Il-Pitkalija | Tħejja u ġie ppubblikat it-tender għax-xiri tal-kaxxi biċ-ċippa u t-tender tas-sistema tal-IT. It-tender tas-sistema tal-IT ġie evalwat. | Ingħata t-tender tan-network, tlestiet is-sistema u saru t-testijiet neċessarji. | Saru l-preparamenti neċessarji biex wara li tlestiet is-sistema tal-IT, jinxtraw kaxxi biċ-ċippa. | Mistennija toħroġ sejħa għall-offerti biex jinxtraw kaxxi biċ-ċippa u jibda l-proċess ta' evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 328 | **Ir-Riforma tal-Pitkalija**<br><br>Se jinbeda wkoll il-proċess sabiex tinħareġ sejħa pubblika sabiex tkun tista' tressaq għal strutturi u mekkaniżmi iżjed moderni permezz ukoll ta' sehem mill-privat. Dan il-proġett mistenni jieħu perjodu ta' ftit snin." | Il-Pitkalija / Projects Malta | Saru diversi laqgħat bejn il-partijiet involuti, b'kollaborazzjoni bejn Projects Malta u l-konsulenti tagħhom Beat Limited, biex jitħejja pjan strateġiku dwar ir-riforma tal-Pitkalija. | Beat Ltd qed taħdem fuq proposta għall-bini ta' Pitkalija ġdida, bi proċessi moderni. | Komplew id-diskussjonijiet u analiżi ma' tim t'esperti kif ukoll ma' Projects Malta. | Mistennija jsiru preparamenti biex tinħareġ sejħa għal proposti fuq din ir-riforma. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 329 | **Il-Biċċerija Pubblika**<br><br>Mingħajr ma tiġi affettwata l-produzzjoni fil-Biċċerija, il-programm ta' tiġdid qed jissokta bir-restawr tal-istrutturi antiki li jiffurmaw il-kumpless l-antik tal-Biċċerija, bil-bdil ta' soqfa tal-asbestos u b'xogħol ieħor ta' insulazzjoni. Matul is-sena d-dieħla se jsir ukoll xogħol | Il-Biċċerija Pubblika | Tkompla u ngħalaq il-proċess ta' aġġudikazzjoni tat-tender biex jinbidlu s-soqfa tal-asbestos. Sadanittant, baqa' għaddej ix-xogħol fuq proġetti oħra fil-Biċċerija inkluż xogħol fuq iċ-changing facilities. | Sar xogħol fuq il-Cutting & Deboning Plant biex jinġieb għal-livelli Ewropej u beda jopera mill-ġdid f'impjant approvat. Ġie ffirmat ukoll il-kuntratt fuq sistema ċentralizzata għall-ħasil tal-impjant. Tlesta x-xogħol fuq ir-restawr tal-faċċati. Ġew aġġudikati diversi tenders oħra biex isir aktar xogħol. | Tlesta x-xogħol fuq is-sistema ta' power washers tal-Biċċerija, kif ukoll l-installazzjoni u t-tħaddim tas-sistemi li jiżguraw temperatura adegwata fuq il-linji tal-qatla. Tkompla x-xogħol ta' rinovazzjoni tal-linji tal-qatla u baqa' għaddej ix-xogħol ta' manifattura ta' | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | fuq sistemi li jiżguraw temperatura adegwata fuq il-linji tal-qatla kif ukoll it-tkomplija tar-rinovament estensiv tal-linji tal-qatla nfushom. | | | | taghmir għal linja tal-qatla. Tlesta wkoll il-proċess ta' evalwazzjoni ta' numru ta' tenders, filwaqt li oħrajn ġew ippubblikati. | | |
| 330 | **Is-Sajd u l-Akkwakultura**<br><br>Sabiex l-operat fil-qasam tas-sajd ikun konformi mar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea, bdew jitwaħħlu sistemi għall-użin tal-ħut meta dan jinħatt. Din l-istess sistema se tibda tintuża wkoll fil-pixkerija l-ġdida li mistennija tibda topera wara li jintemm l-istaġun tal-lampuki. | Id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura | Saru pedamenti f'diversi nħawi f'portijiet magħżula biex jiġu installati l-magni tal-użin fuqhom. | Ġew installati 16-il magna li 15 minnhom għandhom is-servizzi kollha meħtieġa biex jibdew jintużaw, inkluż tad-dawl u l-ilma. Beda t-taħriġ għas-sajjieda dwar l-użu ta' dawn il-magni. | Ġew installati sistemi addizzjonali. Beda bi prova l-proċess li s-sajjieda jibdew jiżnu u jipproduċu tikketti u dokumenti meħtieġa. Stennija għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar fuq il-post li tista' tiġi installata fih is-16-il magna. | Mistennija jiġu infurzati l-liġijiet fuq l-użin u t-traċċabilità. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 331 | Min-naħa l-oħra, ix-xogħlijiet fis-sular ta' fuq tal-pixkerija l-ġdida se jkomplu matul l-2016 biex fost l-oħrajn ikun hemm impjant għall-ipproċessar tal-ħut. | Id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura | Beda jsir l-ippjanar tas-sular ta' fuq tal-pixkerija. Ħarġet sejħa għall-proposti għal interess privat, però ma ġiet sottomessa l-ebda offerta. Saru konsultazzjonijiet biex jiġi deċiż kif jista' jsir l-aħjar użu minn dan l-ispazju. | Ġiet evalwata l-possibilità li l-investiment u l-operat isir mill-Gvern minħabba li ma ġiet sottomessa l-ebda offerta mill-privat. | Sar xogħol mad-Dipartiment tal-Artijiet biex jinħareġ it-tender. | Mistenni joħroġ it-tender u ssir l-evalwazzjoni tiegħu. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 332 | Fil-qasam tal-Akkwakultura, qed isir xogħol ta' tħejjija biex tiġi żviluppata akkwakultura offshore bil-ħsieb li din tkun sostenibbli fil-futur. Żviluppi pożittivi oħra fis-settur tas-sajd jinkludu n-negozjati b'suċċess li kellha Malta fuq ftehim ġdid dwar il-kwota tat-tonn u li permezz tiegħu se jkun hemm żidiet fil-kwota. Negozjati oħra huma mmirati lejn standardizzazzjoni ta' regolamenti biex ikunu japplikaw l-istess għal sajjieda Ewropej u oħrajn minn pajjiżi Afrikani. | Id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura | Ħarġet sejħa għall-offerti għal żvilupp ta' akkwakultura offshore, madankollu ma ġiet sottomessa l-ebda offerta. | Saru numru ta' diskussjonijiet f'tentattiv biex jiġu studjati possibilitajiet oħra dwar l-użu tal-konċessjoni fiż-żona tal-Akkwakultura tax-Xlokk. | Sar kuntatt ma' operaturi privati biex jiġu allokati siti fis-South East Aquaculture Zone. | Mistennija li l-kuntratti mal-operaturi privati jiġu finalizzati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 333 | Matul is-sena d-dieħla ser jitkompla wkoll il-proġett għall-mafqas tal-ħut (marine hatchery) bil-parteċipazzjoni tas-settur privat. | Id-Dipartiment tas-sajd u Akkwakultura | Saru diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Artijiet Pubbliċi f'dan ir rigward. | Ġie identifikat sit fejn jista' jinbena l-mafqas tal-ħut u saru diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Artijiet Pubbliċi biex l-allokazzjoni ta' dan il-post tkun tista' ssir. | Komplew diskussjonijiet biex jiġi identifikat sit adattat għal dan il-proġett. | Wara li jigi identifikat il-post għall-mafqas tal-ħut, mistennija jsiru l-istudji neċessarji biex dan il-post ikun adattat għal dan l-iskop. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 334 | **Breakwater għas-sajjieda f'Marsaxlokk**<br><br>Kif kien imwiegħed fil-Manifest Elettorali, il-Gvern reġa' ta bidu għall-proċess li kien kważi abbandunat sabiex jinkisbu l-permessi meħtieġa għall-iżvilupp ta' breakwater ġdid għas-sajjieda f'Marsaxlokk, kif ukoll għat-tiswija u titjib ta' dak eżistenti. Marbuta ma' dan il-proġett saru diskussjonijiet twal mal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea li wasslu għal rikonoxximent mill-istess Kummissjoni tal-ħtieġa ta' dan il-proġett. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni aċċettat li jkunu allokati madwar €8 miljuni taħt il-Fond Ewropew għall-Marittimu u s-Sajd mis-somma globali għall-proġett kollu. (Measure 160 of 2015 & measure 99 of 2014) | Id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura | Sar xogħol relatat mal-istudji għall-Environmental Impact Assessment u konsultazzjonijiet mal-MTI. Saru numru ta' laqgħat ta' konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk, mal-periti tal-MTI, id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura u l-kumpanija ta' konsulenti ambjentali u biex tiġi analizzata s-sitwazzjoni preżenti mitluba għall-Environmental Impact Assessment. | Ġew aġġornati l-pjanti relatati ma' dan l-iżvilupp u sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar biex minn applikazzjoni outline, tiġi sottomessa applikazzjoni għal permess intier. Sadanittant, kompla x-xogħol fuq l-Environmental Impact Assessment (EIA). | Saret laqgħa mal-ERA biex jiġu diskussi liema sampling points se jintużaw biex jiġi stabbilit x'tip ta' materjal (silt / ħama) hemm eżistenti fil-qiegħ tas-sit. L-MTI bdew jippreparaw it-tender ta' dan is-sampling ta' Rock & Soil investigation. | Tiġi ffinalizzata d-dokumentazzjoni biex l-Awtorità tal-Ippjanar tieħu deċiżjoni dwar il-proġett. Mistennija ssir laqgħa pubblika fl-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 335 | **L-Ambjent**<br><br>Matul l-2016 se nkomplu nieħdu inizjattivi speċifiċi f'dan il-qasam fosthom billi nkomplu nindukraw numru ta' siti ta' importanza naturali permezz ta' arranġamenti speċjali ma' numru ta' għaqdiet ambjentali. | Sezzjoni Strateġika fi ħdan l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Tfassal u ġie approvat il-Pjan ta' Ħidma għall-Park tal-Majjistral għas-sentejn li ġejjin. Saret evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fuq l-implimentazzjoni tal-kuntratti eżistenti tal-għaqdiet ambjentali. | Sar moniteraġġ biex jiġi żgurat li x-xogħlijiet qed jimxu mal-ftehim u li jintlaħqu l-miri. Sadanittant sar xogħol preparatorju fuq workplans ġodda li jidħlu fis-seħħ fil-futur. | Bdew jiġu diskussi l-kuntratti l-ġodda mal-għaqdiet ambjentali GAIA u Birdlife Malta għas-siti protetti ta' Għadira, is-Simar, Għajn Tuffieħa u r-Ramla l-Ħamra. | Jiġu finalizzati l-kuntratti li jkopru s-sentejn li ġejjin. Permezz ta' dawn l-arranġamenti l-NGOs ikunu obbligati jissottomettu pjan ta' ħidma. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 336 | Se jibdew jitwettqu wkoll numru ta' management plans fuq siti Natura 2000. | L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi | Wara li saret l-aħħar fażi tal-konsultazzjoni pubblika, il-pjanijiet ta' tmexxija ġew aġġornati b'kunsiderazzjoni ta' din il-konsultazzjoni u sussegwentament preżentati lill-Ministeru responsabbli biex ikunu approvati. Beda wkoll it-tfassil tal-pjan ta' implimentazzjoni skont l-abbozzi finali tal-pjanijiet. | Il-pjan ta' implimentazzjoni kif ukoll l-abbozz ta' Avviż tal-Gvern fil-Gazzetta tal-Gvern ġew ippreżentati lill-Bord tal-ERA u approvati. L-ERA bdiet il-proċess biex jinxtara software biex jiffaċilita t-tmexxija, l-implimentazzjoni, il-moniteraġġ u r-reviżjoni tal-pjanijiet għas-siti Natura 2000. | Ġew approvati l-pjanijiet ta' tmexxija u l-abbozz għall-Gazzetta tal-Gvern mill-Bord tal-ERA. Id-dokumenti approvati ntbagħtu lill-Ministeru tal-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima (MSDEC) biex isiru d-diskussjonijiet neċessarji. Beda l-proċess mill-ERA biex jinxtara software li jiffaċilita t-tmexxija, l-implimentazzjoni, il-moniteraġġ u r-reviżjoni tal-pjanijiet. | Mistennija approvazzjoni tal- Management Plans u Conservation Orders. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 337 | Huwa mistenni li jibda x-xogħol sabiex tkun aġġornata u msaħħa l-politika ġdida ambjentali. | L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi | Twaqqfet l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi b'inkarigu li taġġorna u ssaħħaħ il-politika ambjentali. | Bdew diskussjonijiet interni u bdiet titħejja strateġija ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Sar xogħol biex tiġi aġġornata statistika fuq l-oqsma ambjentali li ser toffri bażi għal din il-politika ġdida. | Mistenni jingħalaq ir-rapport fuq l-istat ambjentali biex ikun intlaħaq obbligu li kien baqa' pendenti u biex iservi ta' gwida fuq il-politika l-ġdida. Tibda tissaħħaħ il-Unit li se tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' politika ġdida ambjentali. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 338 | Matul l-2016, l-iżvilupp tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni għall-ekonomija l-ħadra (Green Economy) ħa jkun iffinalizzat u approvat mill-Kabinett sabiex wara jibda t-twettiq tal-istrateġija fuq numru ta' snin. Dan jinkludi lista ta' azzjonijiet li jippromovu l-investiment u tkabbir ekonomiku mmirat lejn l-edukazzjoni, l-impjiegi u s-sostenibbiltà tar-riżorsi fi ħdan bosta setturi ekonomiċi oħra li jinkludu l-iskart, l-ilma, l-enerġija, it-trasport, it-turiżmu, l-agrikoltura, il-kostruzzjoni u l-industrija. | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Saru diskussjonijiet interni fuq l-ekonomija l-ħadra u l-effett li din tħalli fuq l-ekonomija inġenerali bil-għan li l-pajjiż ikun aktar effiċjenti. | Saru l-formalitajiet neċessarji biex ġew ingaġġati esperti esterni u impjegati interni biex jgħinu fl-evalwazzjoni ekonomika u x-xogħol t'azzjoni segwenti. | Ġie konkluż is-social impact assessment fuq l-ekonomija ċirkulari (circular economy), b'riżultat li jpoġġi f'kuntest is-sitwazzjoni fuq l-ekonomija l-ħadra. Ġie konkluż ukoll is-sondaġġ fuq il-green jobs. Sadanittant sar xogħol bilaterali bejn il-ministeri rilevanti skont ir-riżultat tal-pjan ta' azzjoni biex jiġu identifikat l-azzjonijiet rispettivi. | Mistenni joħroġ rapport li jindika t-triq biex issir l-implimentazzjoni konkreta tal-azzjonijiet proposti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 339 | Sadanittant biex ikompli jittejjeb l-ambjent, fl-2016 se jitwettaq programm ta' moniteraġġ tal-ilma baħar bil-għan li l-ambjent tal-baħar jibda jgawdi minn protezzjoni akbar. | L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi | Saru laqgħat mal-ministeri biex tiġi diskussa l-implimentazzjoni tal-programm ta' moniteraġġ. Saru laqgħat oħra biex tiġi diskussa l-applikazzjoni għall-użu ta' fondi mill-European Maritime and Fisheries Fund (EMFF). | Ġiet ippreparata s-sejħa għall-offerti rigward l-implimentazzjoni tal-programm ta' moniteraġġ bil-għan li din tkun lesta hekk kif tinħareġ is-sejħa għall-fondi tal-EMFF. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-użu ta' fondi mill-European Maritime and Fisheries Fund (EMFF). | Saru diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq it-tender biex jiġi implementat il-programm ta' moniteraġġ mill-fondi tal-EMFF. | Tintgħażel il-kumpanija jew kumpaniji li ser jimplimentaw il-moniteraġġ. Ikomplu d-diskussjonijiet ma' entitajiet oħra governattivi biex informazzjoni relevanti għall-moniteraġġ li diġà tinġabar minn dawn l-entitajiet tkun aċċessibbli. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 340 | **Park Nazzjonali fin-Nofsinhar ta' Malta**<br><br>Se jinbdew ukoll xogħlijiet biex ikun żviluppat park ġdid fin-nofsinhar ta' Malta. Dan se jsir fuq medda art fin-naħa tal-Għassa tal-Munxar u tul il-kosta bejn il-Ponta taż-Żonqor f'Marsaskala u l-Blata l-Bajda fix-Xgħajra. Għal dan il-għan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru waqqaf kumitat b'sehem mill-Ministeru tal-Ambjent u b'rappreżentanza ta' esperti oħra sabiex ifassal pjan ta' implimentazzjoni. Dan il-proġett huwa mistenni li jibda jitwettaq matul is-sena d-dieħla. | L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi | Inbeda u ġie konkluż il-brief għal Management Plan tal-park u sar eżerċizzju ta' konsultazzjoni. | Saret l-evalwazzjoni miġbura mill-eżerċizzju ta' konsultazzjoni u tħejja l-Management Plan. Beda wkoll ix-xogħol biex jitwaqqaf korp legali li jkun responsabbli mill-proġett. | L-Isteering Committee li huwa responsabbli mill-kumpilazzjoni tal-management plan brief ippubblika dokument għal konsultazzjoni pubblika u saru konsultazzjonijiet pubbliċi max-Xgħajra, Ħaż-Żabbar u Marsaskala. Saret ukoll reviżjoni tar-riżultat ta' din il-konsultazzjoni pubblika biex jiġi aġġornat id-dokument. | L-Isteering Committee mistenni jippreżenta management plan brief tal-park lill-Ministru responsabbli, u l-Ministeru jippubblika avviż legali. Il-Ministeru jieħu ħsieb it-twaqqif tal-governanza, ippjanar u strutturi ta' implimentazzjoni neċessarja, inkluż Management Board u Management Body. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 341 | **Konsultazzjoni fuq il-ħela tal-ikel li jintrema**<br><br>Madwar l-Ewropa, qed iqum dibattitu qawwi rigward l-ammont ta' ikel li jintrema speċjalment minn stabbilimenti kbar bħal supermarkets. Numru ta' pajjiżi qegħdin idaħħlu liġijiet f'dan ir-rigward sabiex dan l-ikel jiġi użat bl-aħjar mod. Il-Gvern se jeżamina best practices u jniedi proċess ta' konsultazzjoni biex jara jekk hux neċessarju li jkun hemm leġiżlazzjoni, u jekk fil-każ, x'tip ta' leġiżlazzjoni tkun. | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Ġew appuntati esperti biex jagħmlu studju fuq din il-miżura. | L-esperti bdew jaħdmu fuq studju b'konnessjoni ma' din il-miżura. | L-esperti ffinalizzaw l-istudji tagħhom u saret l-analiżi dwarhom. | Mistenni jibda l-proċess biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-esperti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 342 | **It-Twaqqif tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi**<br><br>Il-qasma strateġika fil-MEPA sabiex titwaqqaf l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi se sseħħ hekk kif tinkiseb l-approvazzjoni parlamentari tal-liġijiet li tressqu matul l-2015. Il-Gvern huwa impenjat li din l-Awtorità jkollha r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Twaqqaf il-Bord tal-Awtorità l-ġdida dwar l-Ambjent, liema Bord jingħata poteri legali biex jassumi rwol amministrattiv min-naħa tal-Ambjent fil-proċess tal-qasma tal-MEPA u kompla proċess ta' reklutaġġ u l-proċessi oħra amministrattivi u operatorji li nbdew. | L-Att dwar il-protezzjoni tal-ambjent daħal fis-seħħ u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi assimilat il-funzjonijiet ambjentali. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | sabiex din tkun verament f'pożizzjoni b'saħħitha biex tara li l-ambjent f'Malta tassew ikun imħares bl-aħjar mod. L-Awtorità ser ikollha baġit ta' €8 miljun għall-ewwel sena. | | | | | | |
| 343 | **It-Tibdil fil-Klima**<br><br>Wara li fl-2015 iddaħħlet il-liġi fuq l-azzjoni kontra t-tibdil fil-klima, matul l-2016 iridu jibdew jinbnew l-istrutturi li hemm maħsuba f'din l-istess liġi- il-Climate Action Board u l-Climate Fund- sabiex naraw li l-pajjiż jibda jilqa' l-isfidi tad-tibdil fil-klima, inkluż l-obbligi internazzjonali fir-rigward. Sadanittant huwa mistenni wkoll li l-pajjiż ikollu l-ewwel Low Carbon Development Strategy u tkun adottata gwida nazzjonali dwar kif jistgħu jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Climate Action Act: Ġie mwaqqaf Climate Action Board biex tinbeda l-proċedura ta' implimentazzjoni ta' dan l-att li daħal fis-seħħ fl-2015. L-għan tat-twaqqif ta' dan il-Bord hu biex jagħmel ix-xogħol neċessarju li jilqa' l-isfidi tat-tibdil fil-klima, inkluż l-obbligi internazzjonali.<br><br>Low Carbon Development Strategy:<br>Beda xogħol fuq studju mill-esperti li jidentifika l-viżjoni għal din l-istrateġija. | Climate Action Act: Beda x-xogħol mill-Bord biex jiġi żviluppat il-mekkaniżmu neċessarju biex ikun attwat il-Climate Action Fund. Saru wkoll diskussjonijiet preliminari mal-Finanzi dwar fondi għal dan il-għan.<br><br>Low Carbon Development Strategy: Ġiet diskussa l-viżjoni nazzjonali fil-kumitat interministerjali tat-tibdil fil-klima biex tiġi Preżentata għall-kunsiderazzjoni tal-Kabinett. | Il-Climate Action Board u l-Climate Fund kompla jiltaqa' biex jara li l-pajjiż jibda jilqa' l-isfidi tat-tibdil fil-klima inkluż l-obbligi internazzjonali fir-rigward. Dwar il-Low Carbon Development Strategy, il-Vision Document ġie għal konsultazzjoni pubblika. | Il-vision document dwar il-Low Carbon Development Strategy mistenni jiġi ppreżentat għal konsultazzjoni pubblika. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 344 | Fl-istess ħin, b'rabta ma' dan il-qasam qed jiġu vvutati l-fondi neċessarji sabiex pajjiżna jsostni l-obbligi tiegħu ta' international climate finance. Dawn jinkludu għotja diretta u boroż ta' studju. | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Saru diversi taħditiet bejn l-MSDEC u l-UoM biex ikunu jistgħu joħorġu boroż ta' studju, li sejħa dwarhom ġiet ippubblikata f'Marzu. | Sar ix-xogħol neċessarju biex isir it-trasferiment finanzjarju għal din is-sena lill-Green Climate Fund. | Beda x-xogħol fuq l-għotja ta' fondi neċessarji biex pajjiżna jsostni l-obbligi tiegħu ta' international climate finance għall-2016. Dwar il-boroż ta' studju, l-Università ta' Malta kompliet issegwi l-applikazzjonijiet sottomessi. | Jitlesta x-xogħol fuq l-għotja tal-fondi neċessarji. L-Universita' ta' Malta mistennija tibda tipproċessa l-applikazzjonijiet sottomessi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 345 | Huwa l-ħsieb ukoll li matul l-2016 ikun hemm deċiżjoni finali dwar il-liġi dwar it-tniġġis mill-ħsejjes kif impenjajna li nagħmlu fil-Baġit 2015. | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Ġew ingaġġati esperti tekniċi u ġie approvat mill-Kabinett li tkun stabbilita kummissjoni li tirregola l-ħsejjes biex tkompli l-ħidma leġiżlattiva u toħloq il-parametri neċessarji f'dan ir-rigward. | B'konsultazzjoni u nomini minn diversi Ministeri kkonċernati, ġew identifikati ċ-Chairperson u l-membri għall-Kummissjoni dwar il-Ħsejjes. Din il-kummissjoni mhux statutorja ser tkun qed tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet neċessarji biex ikun hemm qafas li tassew jindirizza l-problema. | Twaqqfet il-Kummissjoni dwar it-Tniġġis mill-Ħsejjes u beda l-moniteraġġ tagħha. | Il-kummissjoni mistennija tippreżenta rapport ta' rakkomandazzjonijiet lill-Ministeru inkluż dwar il-qafas legali fuq it-tniġġis mill-ħsejjes. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 346 | **Green Public Procurement**<br><br>Se titkompla wkoll il-ħidma fil-qasam tal-green public procurement bil-għan li, fl-amministrazzjoni pubblika, il-prodotti u s-servizzi li jinxtraw ikunu ta' standard | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Saret l-evalwazzjoni tal-offerti rigward studju fuq implimentazzjoni tal-GPP u t-tfassil tat-tieni National Action Plan.<br><br>L-Uffiċċju tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku żviluppa | L-Uffiċċju tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku kompla jipprogressa bl-istudji ambjentali u ekoloġiċi u bir-reviżjoni tal-ewwel Pjan Nazzjonali. Saru laqgħat mal-konsulent involut li se jkun qed jaħdem fuq proġett biex jiġi | Ġie fformulat it-tieni pjan nazzjonali fuq il-GPP u saret konsultazzjoni pubblika. | Mistenni jiġi ppubblikat it-tieni pjan nazzjonali fuq il-GPP. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | ambjentali ogħla. Bħala parti minn din il-ħidma, qed tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-green public procurement u s-sena d-dieħla mistenni jitkompla x-xogħol biex jitħabbar it-tieni pjan nazzjonali f'dan il-qasam. | | linji gwida biex jgħin aktar lill-koordinaturi fil-ministeri. | evalwat il-proċess tal-akkwist pubbliku ekoloġiku. | | | |
| 347 | **L-Immaniġjar tal-Iskart**<br><br>Il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-pjan dwar l-immaniġjar tal-iskart se tissokta fl-2016. Wara li nħarġet sejħa għall-offerti matul l-2015, fl-2016 se titnieda kampanja edukattiva dwar l-iskart li se tkun fuq medda ta' tliet snin. | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Saru diversi taħditiet mal-konsorzju li rebaħ l-offerta għall-kampanja edukattiva. | Il-kampanja edukattiva dwar l-iskart tnediet f'April 2016. | Kompliet il-kampanja edukattiva. | Mistennija titkompla l-kampanja edukattiva filwaqt li jiġi analizzat l-impatt ta' din il-kampanja. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 348 | Sa tmiem din is-sena se jkun twettaq il-proġett pilota f'ħames lokalitajiet għat-tnedija tat-tielet borża, jiġifieri dik għall-iskart organiku. Din l-inizjattiva mistennija tinfirex aktar matul l-2016. | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Il-proġett pilota li sar fl-2015 ġie estiż għal lokalitajiet oħra li huma Ħal Kirkop, is-Swieqi, Marsaxlokk u l-Imġarr. Sadanittant, beda x-xogħol biex jiġi introdott f'lokalitajiet oħra kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. | Tkompliet l-implimentazzjoni u l-moniteraġġ tal-proġett pilota fid-disa' lokalitajiet filwaqt li tkompla x-xogħol għall-introduzzjoni tal-proġett fil-lokalitajiet l-oħra kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. | Filwaqt li jitkompla l-moniteraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġett pilota f'dawk il-lokalitajiet fejn il-proġett kien diġà introdott, bdiet kampanja bieb bieb f'Għawdex bi tħejjija għall-introduzzjoni tal-proġett. | Mistenni jibda l-moniteraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġett pilota f'Għawdex filwaqt li jitkompla f'dawk id-disa' lokalitajiet fejn il-proġett kien diġà introdott. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 349 | Bl-istess mod, b'konsultazzjoni sħiħa mal-għaqdiet kostitwiti u mas-settur, se jkun hemm inizjattivi ġodda sabiex l-iskart kummerċjali jibda jiġi rregolat b'mod effettiv. | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Twaqqaf grupp ta' ħidma bil-għan li tiġi evalwata l-possibbiltà tal-introduzzjoni tal-Polluter-Pays-Principle li huwa parti mill-EU Waste Framework Directives. | Beda jiltaqa' l-grupp ta' ħidma li qed jelenka l-istudji u preparamenti oħra neċessarji għal dan l-għan. | Twaqqaf grupp ta' ħidma bil-għan li tiġi evalwata l-possibbiltà tal-introduzzjoni tal-polluter pays principle li jagħmel parti mill-EU Waste Framework Directives. | Mistenni jibda jiltaqa' dan il-grupp ta' ħidma biex jibdew isiru l-preparamenti u studji neċessarji. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 350 | Tinbeda wkoll ir-riforma fil-qasam tal-batteriji li jitmexxa mill-WasterServ u dan kif ipprovdut fil-pjan nazzjonali tal-immaniġġjar tal-iskart. | WasteServ | Ġie stabbilit grupp ta' ħidma bil-għan li jiġu identifikati r-riformi meħtieġa f'dan il-qasam. Tlesta inventarju dwar l-aspett regolatorju kif ukoll dwar l-operat tal-kampanja Batterina. | Il-pjanijiet preżenti rigward ir-riforma fl-immaniġġjar tal-iskart tal-batteriji ġew diskussi u kien ifformulat pjan ta' implimentazzjoni. Saru preparamenti għal numru ta' laqgħat ta' konsultazzjoni ma' stakeholders ewlenin. | Saret konsultazzjoni pubblika dwar ir-riforma fil-qafas legali dwar il-batteriji kif ipprovdut fil-pjan nazzjonali tal immaniġġjar tal-iskart. | Mistennija jibdew il-preparamenti għall-implimentazzjoni tar-riforma. | Implimentata. |
| 351 | Fil-ġimgħat li ġejjin ser tinħareġ is-sejħa għall-proposti dwar ġbir ta' skart minn fliexken tal-plastik u bottijiet tal-metall li jkun fihom likwidu għax-xorb, u dan bil-għan li matul l-ewwel nofs tas-sena d-dieħla jkun identifikat l-aħjar mod li tiddaħħal sistema sabiex dan it-tip ta' skart jinġabar. | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Saru taħditiet ma' konsulent espert bl-iskop li jkun identifikat l-aħjar mod kif tiddaħħal din is-sistema. | Komplew id-diskussjonijiet neċessarji u ġie ppreparat l-ewwel abbozz ta' memorandum għall-Kabinett bi proposta li tgħin il-progress dwar din il-miżura. | Saru evalwazzjonijiet minn konsulenti fuq possibilitajiet li jwasslu għal diversi proposti biex jiġu kkunsidrati mill-Gvern qabel tinħareġ is-sejħa għal proposti. | Tkomplew il-preparamenti biex tigi implimentata din l-iskema. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 352 | Sadanittant matul l-aħħar xhur ta' din is-sena ser ikun lest l-istudju dwar waste-to-energy u matul is-sena d-dieħla, wara li l-Gvern ikun ħa deċiżjoni jekk hux se jmorru għall-impjant li jiġġenera l-enerġija mill-iskart jew inkella għall-esportazzjoni tal-iskart jew kombinazzjoni tat-tnejn, se jinbeda x-xogħol preparatorju fir-rigward. | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima u Wasteserv | Beda l-proċess ta' analiżi tal-istudji konklużi fl-2015 bl-iskop li tittieħed deċiżjoni infurmata f'dan ir-rigward. | Wara li tkompliet l-analiżi tal-istudju sar xogħol ieħor mill-WaseServ dwar il-landfill tal-Magħtab biex ikun magħruf kemm hemm spazju biex b'hekk jiġi preparat memorandum għall-Kabinett. | Tkompla x-xogħol fuq diversi studji biex tiġi analizzata l-aħjar triq għal Malta fis-settur tal-iskart li tkun ekonomikament possibbli, speċjalment fl-isfida li qed taffaċċja Malta fejn jidħlu l-ispazji limitati fil-miżbliet ikkontrollati. | Jitkompla x-xogħol sabiex jinbeda proġett infrastrutturali biex Malta jkolla impjant li jiġġenera l-enerġija mill-iskart. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 353 | **WasteServ**<br><br>Is-sena d-dieħla l-WasterServ se tibqa' għaddejja bil-ħidma sfiqa tagħha biex tittejjeb l-effiċjenza fl-impjanti tagħha. Sfida oħra għas-sena d-dieħla hija t-tneħħija tal-iskema tal-batteriji sabiex dawn jibdew jinġabru mill-privat. Il-WasteServ ser tkompli taħdem ukoll fit-twettiq tal-pjan nazzjonali għall-immaniġjar tal-iskart. Fost oħrajn se jinbeda proċess ta' riforma fis-civic amenity sites sabiex ikun analizzat l-aħjar metodu li bih jista' jkun involut il-privat fit-tmexxija ta' dawn is-siti. | WasteServ | Infetħet l-Autoclave tal-Marsa. Xogħlijiet dwar it-titjib fl-effiċjenza tal-WasteServ għadhom għaddejjin f'positijiet oħra. Fir-rigward tar-riforma tas-civic amenity sites, saru diversi diskussjonijiet interni u tfassal memorandum lill-Kabinett. | Ġie ppreżentat memorandum lill-Kabinett fuq ir-riforma tas-civic amenity sites. | Ir-riforma fis-Civic Amenity (CA) Sites daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Settembru. Beda jitqassam fuljett lil kull min għamel użu mis-CA Sites li jispjega li l-aċċess għas-CA Sites jingħata skont it-tip ta' vettura, bil-għan li niżguraw li skart domestiku biss jidħol f'dawn is-siti. Twaħħlu wkoll bords b'din l-informazzjoni fid-daħla ta' kull CA Site. Dan kollu kif ġie stipulat li se jsir fil-pjan nazzjonali tal-immaniġjar tal-iskart. | Wasteserv ser torganizza l-aħħar kompetizzjoni fl-iskejjel tal-Batterina, liema edizzjoni tkopri minn Ottubru sa Diċembru 2016. Fuq ir-riforma tas-CA Sites, Wasteserv mistennija tanalizza kif l-implimentazzjoni qed taffettwa lill-pubbliku li s-soltu jagħmel użu minn dawn is-siti, u jiġu diskussi soluzzjonijiet għall-isfidi li jinqalgħu skont il-pjan nazzjonali tal-immaniġjar tal-iskart. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 354 | **Parks u Afforestazzjoni:** Matul l-2015 inbdew xogħlijiet ta' tisbiħ f'Kennedy Grove u dawn mistennija jitlestew kollha sal-aħħar tas-sena. Inbeda wkoll ix-xogħol fuq park ġdid fil-foss ta' Ħaż-Żabbar fejn sa issa saru xogħlijiet ta' tindif u żbir. Dawn ix-xogħlijiet se jitkomplew ukoll matul l-2016 u b'rabta mal-iżvilupp ta' dan il-park inkiseb l-appoġġ finanzjarju ta' bank kummerċjali. | Parks | Ix-xogħol fuq Kennedy Grove tlesta u ġie inawgurat f'Diċembru 2015. Fil-park ta' Ħaż-Żabbar sar xogħol preparatorju biex jinkiseb il-permess tal-PA. Fl-istess park sar xogħol fuq chain-link-fencing u restawr ta' ħitan tas-sejjieħ. | Sar xogħol fuq Planting Scheme fil-park ta' Ħaż-Żabbar min-naħa tal-Università ta' Malta. | Wara li l-Awtorità tal-Ippjanar talbet xi informazzjoni oħra rigward l-applikazzjoni dwar il-Foss ta' Ħaż-Żabbar, id-disinji ġew riveduti biex jinkludu din l-informazzjoni. | Kif jinħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar, jinbeda x-xogħol tal-elettriku fuq is-sit. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 355 | Barra minn hekk, matul l-2015, il-proġett tat-tħaddir tal-komunitajiet ġie estiż f'ħames lokalitajiet oħra: erbgħa f'Malta u waħda f'Għawdex. B'hekk fuq medda ta' sentejn, in-numru ta' lokalitajiet li bbenefikaw minn din l-iskema żdied għal disgħa. Huwa maħsub li din l-inizjattiva tinbidel fi proġett nazzjonali li jitwettaq fuq medda ta' snin sabiex jilħaq il-bliet u rħula Maltin u Għawdxin kollha. | Parks | Ġew identifikati sitt lokalitajiet għal dan l-iskop: Ħ'Attard, Birżebbuġa, Bormla, San Ġwann, Santa Venera u x-Xewkija. B'hekk din is-sena ser ikunu ntlaħqu b'kollox ħmistax-il lokalità: tnax f'Malta u tlieta f'Għawdex. Il-lokalitajiet issottomettew il-proposti tagħhom li ġew milqugħa. | Inħarġu sejħiet pubbliċi biex isir ix-xogħol, u wħud mil-lokalitajiet bdew janalizzaw dawn is-sejħiet. | Is-sitt lokalitajiet li ġew identifikati (Ħ'Attard, Birżebbuġa, Bormla, San Ġwann, Santa Venera u x-Xewkija) ħarġu s-sejħiet rispettivi tagħhom. Bormla se jkomplu bix-xiri tal-materjal għat-taħwil. Ħ'Attard, Santa Venera u Birżebbuġa bdew jagħmlu l-ordnijiet tagħhom. | Mistennija jiġu konklużi x-xogħlijiet fis-sitt lokalitajiet magħżula għal din is-sena. Isiru spezzjonijiet minn uffiċjali tal-MSDEC biex jiċċertifikaw ix-xogħlijiet; tintbagħat id-dokumentazzjoni kollha mill-Kunsilli rispettivi dwar ix-xiri tal-materjal u jsir il-ħlas relatat lill-Kunsilli. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 356 | Fl-isfond ta' dan kollu qed jitlesta wkoll operational review fid-Direttorat tal-Parks u dan sabiex minbarra viżjoni ġdida dan ikollu riżorsi adekwati għall-operat u l-investimenti ġodda. Hemm il-ħsieb ukoll li ġaladarba dan l-istess Ministeru jlesti l-proġett tar-restawr tas-salini, dawn jgħaddu flimkien mal-art bassasa tal-madwar għand waħda mill-għaqdiet ambjentali sabiex isir wieħed mill-akbar santwarji tal-għasafar f'Malta. | Parks u l-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura | Ġie kkummissjonat u beda jsir review mill-Management Efficiency Unit dwar l-operat tad-Direttorat tal-Parks. Sadanittant baqa' għaddej ix-xogħol fuq ir-restawr tas-Salini li qed isir mill-MTI bil-fondi tal-EAFRD. | Tlesta abbozz tar-rapport bir-rakkomandazzjonijiet dwar l-operat tad-Direttorat tal-Parks u bdew jiġu analizzati biex jinħolqu miri u objettivi speċifiċi għall-oqsma differenti tal-operat, dejjem bl-għajnuna tal-MEU. Tlestew ix-xogħlijiet tar-restawr tas-Salini u anke nħareġ il-Compliance Certificate. Sadanittant, bdew għaddejjin diskussjonijiet għal ftehim biex ir-responsabbiltà tas-salini tgħaddi taħt l-MSDEC filwaqt li l-operat tal-proġett, inkluż is-santwarju tal-għasafar, jiġi operat mill-Birdlife Malta. | Ġie finalizzat l-abbozz tal-Heads of Agreement biex tinħareġ il-verżjoni finali u jiġi ffirmat bejn il-Ministeru (MSDEC), l-MTI u Birdlife Malta. | Mistenni jiġi ffirmat Heads of Agreement bejn MSDEC, MTI u Birdlife Malta. Wara jibdew diskussjonijiet biex jintlaħaq ftehim fuq il-Management Agreement tas-Salini. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 357 | **Servizzi Veterinarji u Fitosanitarji**<br><br>Bħala parti minn proċess ta' simplifikazzjoni, ċerti taqsimiet tan-National Livestock Database se jibdew ikunu aċċessibbli għal uffiċjali f'Ministeri oħra filwaqt li se jkun hemm punt ta' riferenza għall-klijenti kollha biex it-talbiet li jidħlu jiġu | Id-Direttorat għar-Regolazzjoni tal-Veterinerija | Ġew żviluppati sistemi ġodda fejn jidħol il-kontroll tal-importazzjoni. Dawn is-sistemi ġew ippruvati. | Beda x-xogħol biex jingħata aċċess għad-database lid-Dipartiment tal-Kummerċ u lid-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali. | Ġew finalizzati diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Kummerċ biex jiġi simplifikat il-proċess għal-liċenzji tal-importazzjoni. | Mistennija jiġu finalizzati diskussjonijiet li jirrigwardaw l-użu tad-database mal-Ministeru tas-Saħħa. Jiġi ffirmat Memorandum of Understanding mal-Ministeru għal Għawdex | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | referuti direttament lill-persuni kkonċernati. Koordinament simili bejn l-entitajiet rispettivi qed jiġi ppjanat ukoll fuq livell Ewropew fejn hemm il-ħsieb li jkun hemm aktar integrazzjoni permezz ta' sistema tal-informatika komuni. | | | | | | |
| 358 | Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti din is-sena beda jwettaq programm ta' stħarriġ dwar il-pesti tal-pjanti li hu kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Il-proġett jammonta għal spiża totali ta' €170,267. L-għan ta' dan l-istħarriġ hu li l-preżenza ta' ċerti pesti tiġi identifikata fil-ħin sabiex tippermetti li tittieħed azzjoni immedjata għall-eradikazzjoni. Dan se jitkompla matul is-sena 2016. | Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti | Il-programm ta' stħarriġ dwar il-pesti tal-pjanti ġie approvat għall-kofinanzjament mill-Kummissjoni Ewropea u nbdiet l-implimentazzjoni tiegħu. Matul dan il-perjodu, saru l-ispezzjonijiet u nġabru l-kampjuni li ġew ittestjati. | Il-programm ta' stħarriġ dwar il-pesti tal-pjanti kompla jitwettaq permezz ta' spezzjonijiet u ġbir ta' kampjuni. Ġie approvat ir-reklutaġġ ta' żewġ uffiċjali li ser jaħdmu fuq dan il-proġett u ġew assenjati l-fondi neċessarji biex jitkompla x-xogħol. | Baqa' għaddej ix-xogħol ta' stħarriġ dwar il-pesti tal-pjanti. | L-istħarrig dwar il-pesti tal-pjanti jkompli jitwettaq. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 359 | **Trattament xieraq tal-annimali**<br><br>Il-ħidma tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali se tissaħħaħ fis-snin li ġejjin hekk kif l-Uffiċċju tal-Kummissarju jitpoġġewlu għad-dispożizzjoni tiegħu riżorsi adegwati sabiex ikun jista' jopera b'mod awtonomu. | Il-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali | Ġiet ippreparata u ħarġet sejħa pubblika għall-kiri tal-Uffċċju għall-Kummissarju għal-Trattament Xieraq tal-Annimali. | Ġew evalwati l-offerti li ġew sottomessi u ntgħażlet l-aħjar offerta. | Ġie identifikat post minn fejn jopera l-Kummissarju għat-Trattamant Xieraq tal-Annimali. Bdew isiru xi xogħlijiet biex ikunu jistgħu jiġu akkomodati l-ħtiġijiet partikolari tal-uffiċċju ta' dan il-Kummissarju. | Mistennija jitlestew ix-xogħlijiet tal-finishings u jsir ix-xogħol neċessarju biex dan l-uffiċċju jkun jista' jopera. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 360 | Matul is-sena d-dieħla ser jitkompla wkoll xogħol fuq il-proġett għat-twaqqif ta' ċimiterju għall-annimali bil-parteċipazzjoni tas-settur privat. | Id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, Promozzjoni u Servizzi. | Ħarġet is-sejħa pubblika mid-Dipartiment tal-Artijiet Pubbliċi madankollu ma kienx hemm offerti validi. | Reġgħet ħarġet sejħa oħra għall-offerti mid-Dipartiment tal-Artijiet Pubbliċi. Daħlu s-sottomissjonijiet u beda l-proċess tal-evalwazzjoni. | Beda x-xogħol ta' infrastruttura u kostruzzjoni taċ-ċimiterju tal-annimali. | Mistenni jasal lejn tmiemu x-xogħol ta' kostruzzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 276 | **Restawr tal-Ġnien Botaniku tal-Argotti**<br><br>Qegħdin jiġu kkonċentrati diversi attivitajiet u proġetti fi bliet u rħula storiċi bħall-belt kapitali, l-Imdina u t-Tlett Ibliet (Kottonera) sabiex ikomplu jikkumplimentaw il-pjan tal-Gvern ta' riabilitazzjoni. Dawn ix-xogħlijiet se jiġu intensifikati u hemm proġetti estensivi ppjanati għall-Furjana u l-akkwati tal-Belt Valletta, li jinkludu l-bidu tar-restawr tal-Ġnien Botaniku tal-Argotti. | Parks | Bdew jiġu ppreparati l-programmi tax-xogħlijiet kif ukoll l-istimi tal-proġett kollu. Inbidlu l-pjanti tas-service culverts. Saru wkoll tibdiliet fil-pjanti tal-Herbarium Extension li huwa l-post fejn jinżammu kampjuni ta' pjanti u informazzjoni relatata li jintużaw għal għanijiet xjentifiċi. | Bdew jiġu ppreparati stimi ġodda minħabba li żdied xogħol ieħor bħal irranġar tal-culverts eżistenti tal-ġebel u skavar. Saru wkoll spezzjonijiet ta' Ġnien San Filippu li jagħmel parti mill-proġett tal-Argotti fit-totalità tiegħu. | Ġew ippreżentati l-istimi l-ġodda tal-proġett. Saru diskussjonijiet biex kamra biswit il-Ġnien tal-Argotti tiġi utilizzata bħala kamra għas-servizzi tad-dawl u l-ilma. Beda jsir xogħol ta' soft landscaping fi Ġnien San Filippu bħala preparazzjoni għal xogħlijiet akbar li jinkludu lift għall-aċċess għall-istess ġnien li ser ikollu d-daħla tiegħu biswit dik tal-ġnien tal-Argotti. | Mistennija jibdew xogħlijiet fuq ir-restawr tas-swar u fuq il-ħajt ta' mad-dawra tal-ġnien kif ukoll restawr fuq il-funtana tad-dniefel. Toħroġ ukoll sejħa għall-offerti għat-tisbiħ tal-ġnien u jiġu evalwati l-offerti relatati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U
EKONOMIJA DIĠITALI, MARITTIMA
U TAS-SERVIZZI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 319 | **Malta Marittima**<br><br>Ix-xogħol ta' promozzjoni li qed tagħmel il-kumpanija Malta Marittima lis-settur Malti se jkompli jissaħħaħ b'allokazzjoni akbar din is-sena min-naħa tal-Gvern li tlaħħaq it-€350,000. | Is-Segretarju Parlamentari għall-Kompetittività | Il-Kabinett approva l-avviż legali dwar it-twaqqif tal-Aġenzija Malta Marittima. Tħejja business plan u beda x-xogħol biex jitwaqqaf il-Bord tal-Aġenzija b'rappreżentanza mill-Kamra tal-Kummerċ, Malta Maritime Law Association (MMLA) u l-Malta Maritime Forum (MMF). Sar ix-xogħol fuq l-iżvilupp ta' sit elettroniku ta' Malta Marittima. | Malta Marittima ġiet varata f'April. Saru tħejjijiet biex Malta Marittima tipparteċipa fl-EU Maritime Day f'Turku, il-Finlandja. Tkompla x-xogħol biex jissaħħu r-riżorsi umani tal-Aġenzija. Wara r-reshuffle din il-miżura għaddiet għand l-MCDMS. | Malta Marittima saħħet ir-riżorsi umani tagħha fid-dipartiment tas-Servizzi Korporattivi u kompliet tfittex post adekwat minn fejn tista topera aħjar. Inxtara apparat elettroniku biex l-agenzija tkun tista' topera. | Mistennija li jimtlew numru ta' pożizzjonijiet kruċjali jimtlew u jinstab post adekwat biex l-aġenzija tkun tista' żżid l-operat u l-funzjonijiet tagħha. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 321 | **Fondi Ewropej għall-Intrapriżi Start-Up u dawk tal-Familja**<br><br>Permezz ta' numru ta' skemi fiż-żmien li ġej se nkunu qed naraw li ninvestu total ta' madwar €50 miljun li se jservu ta' injection għal dawk kollha li jixtiequ jinvestu jew ikabbru l-industrija tagħhom. Dawn il-€50 miljun ser ikunu forma ta' grants. Apparti minn dawn il-grants hemm ukoll 'il fuq minn €300 biljun f'loans li jistghu jinkisbu taħt il-Pjan għall-Investiment fl-Ewropa. | Malta Enterprise | Bejn Settembru u Ottubru 2015 il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar (MEIB) issottometta proposta ta' proġett tal-MCA għand MEAIM biex jiġi kkunsidrat għall-finanzjament mill-European Funds for Strategic Investments (EFSI). | Wara r-reshuffle din il-proposta għaddiet għand l-MCDMS. | Fil-bidu tas-sena 2016, l-MCA fi ħdan il-Ministeru ssottomettew proposta għal proġett ta' konnettività bħala parti mill-European Fund for Strategic Investment (EFSI).<br><br>Saru numru ta' laqgħat bejn l-MCA u l-European Investment Advisory Hub li rriżultaw f'interess mill-EIB fil-proġett ta' submarine cable. | Tkomplija tal-laqgħat bejn l-MCA u l-European Investment Advisory Hub. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Dawn il-fondi ser ikunu mifruxa fuq numru ta' inizjattivi li se jgħinu lil faxex differenti tal-industrija Maltija. Fost dawk li se jkunu qed jibbenefikaw hemm ukoll family-owned businesses kif ukoll start-ups. Interventi li jirriflettu innovazzjoni wkoll ser ikunu qed jibbenefikaw minn skemi speċifiċi. Investiment ġenerali - inkluż xiri ta' equipment u makkinarju - mistenni jgawdi wkoll minn dawn l-iskemi li se jkunu qed jitħabbru fix-xhur li ġejjin. | | | | L-EIB għaddew lill-MCA advisory agreement' biex il-European Investment Advisory Hub tkun tista' tassisti lill-MCA fuq dan il-proġett. | | |

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 213 | **Barts and the London School of Medicine and Dentistry f'Għawdex**<br><br>L-Università Ingliża ta' Queen Mary se tistabbilixxi campus barra mill-Ingilterra f'Għawdex għall-ewwel darba. Il-kampus Barts f'Għawdex mistenni jiftaħ il-bibien tiegħu f'Settembru 2017 u se jkun qiegħed jilqa' mat-300 student fuq perjodu ta' ħames snin. | L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex | Wara li ġie konkluż il-ftehim tal-Gvern Malti ma' Barts and the London School of Medicine & Dentistry, qed jitlestew il-pjanti tal-binja tal-iskola medika, li se tinbena fil-kampus tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. | Saru preparamenti ma' msieħba differenti,kemm fuq livell ta' bini kif ukoll f'dak li jirrigwarda staff u għalliema, biex l-iskola medika tiftaħ il-bibien tagħha f'Settembru 2017. | Sar xogħol preparatorju biex jiġu rilokati ċerti binjiet fl-isptar li qegħdin fis-sit fejn eventwalment se tinbena l-iskola medika. Saret l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini tal-Iskola Medika. | Mistenni jibda t-twaqqigħ tal-bini u jiġi ppreparat is-sit tal-Iskola Medika biex ikun jista' jibda l-proċess ta' kostruzzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 214 | **Hub Mediku f'Għawdex**<br><br>L-investiment mistenni f'dan il-qasam fis-sena 2016 se jagħti bidu għal servizzi mediċi ġodda li jwasslu għall-proġett tal-medical hub f'Għawdex. | L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex | Saru l-aħħar preparamenti neċessarji biex jiġi konkluż il-ftehim bejn il-Gvern u l-Vitals Global Healthcare (VGH). | Ġie konkluż il-ftehim bejn il-Gvern u l-VGH. Saru laqgħat mill-VGH mal-istaff tal-isptar. Beda l-proċess ta' pile testing fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex bħala fażi preliminari ta' studji, qabel tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-kostruzzjoni. | Beda l-proċess ta' handover bejn il-Ministeru tas-Saħħa u l-Vitals Global Healthcare biex l-isptar jitmexxa taħt forma ta' PPP. Bdew il-proċessi ta' reklutaġġ u taħriġ għall-impjegati tal-isptar. Tnieda servizz ta' air ambulance. | Mistennija tiġi sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini tal-isptar il-ġdid. Jiġu rilokati impjegati u pazjenti biex tkun tista' titwaqqa' parti mill-isptar fejn se jinbena l-isptar il-ġdid. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 215 | **National Health Systems Strategy**<br><br>Il-ħidma fis-settur tas-saħħa se tkompli matul is-sena 2016, bil-prijoritajiet ikunu dawk l-affarijiet li jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum ta' diversi persuni u pazjenti u dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa. | Twaqqfu u bdew jiltaqgħu numru ta' Gruppi ta' Kordinazzjoni li bdew jaħdmu fuq temi differenti f'oqsma ta' prijorità, fis-settur tas-saħħa. Il-ħidma tagħhom iffukat fuq l-identifikazzjoni tal-miżuri biex jitjieb is-servizz tas-saħħa u jitħejja pjan t'implimentazzjoni. Il-ħidma tagħhom għandha twassal biex jiġu sottomessi r-rapporti lill-NHSS Steering Committee għall-kunsiderazzjoni u b'hekk jiġi varat pjan ħolistiku li jieħu inkonsiderazzjoni r-riżorsi meħtieġa.<br><br>Is-settur tas-saħħa kompla bil-ħidma tiegħu li jwettaq miżuri speċifiċi fl-oqsma identifikati bħala prijorità. Fost il-miżuri li ġew imwettqa kien hemm: | Komplew il-laqgħat tal-Gruppi ta' Kordinazzjoni u tkompliet id-diskussjoni f'oqsma ta' prijorità partikolarment il-qasam tat-teknoloġija tal-informatika fis-saħħa, is-saħħa mentali, il-kura primarja, il-kura tat-tfal u l-politika dwar intitolament.<br><br>Is-settur tas-saħħa kompla bil-ħidma tiegħu li jwettaq miżuri speċifiċi fl-oqsma identifikati bħala prijorità.<br><br>Fost il-miżuri li ġew imwettqa kien hemm:<br>(a) It-tqassim tal-mediċini fid-djar ta' persuni anzjani;<br>(b) L-introduzzjoni tal-Chronic Disease Management Clinic fir-Rabat Malta, Ħal Qormi, Birkirkara u l-Furjana; | Is-settur tas-saħħa baqa' għaddej bil-ħidma tiegħu u komplew jiġu implimentati numru ta' inizjattivi li minnhom ibbenfikaw diversi persuni e pazjenti kif ukoll dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa. Ftit minn dawn l-inizjattivi jinkludu:<br><br>(a) l-introduzzjoni ta' outreach mill-POYC biex b'hekk diversi persuni jistgħu jinqdew aħjar;<br>(b) it-tqassim tal-mediċini fid-djar ta' persuni anzjani u persuni li għandhom diffikultà ta' mobilità f'Raħal Ġdid; | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | (a) L-introduzzjoni ta' pilloli tad-dijabete fil-formolarju tal-Gvern;<br>(b) L-introduzzjoni tal-programm tal-iscreening tal-utru;<br>(ċ) L-introduzzjoni tas-servizz ta' ambulanza għan-naħa ta' isfel ta' Malta. Din l-ambulanza qed tkun stazzjonata fiċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid. | (ċ) Ix-xiri ta' apparat ġdid u modern għall-użu mill-pazjenti li jżuru Mater Dei;<br>(d) L-introduzzjoni ta' lifestyle clinics f'numru ta' lokalitajiet. | (ċ) it-tnedija ta' servizz fejn, permezz ta' sħubija ma' dentisti privati, pazjenti jkunu jistgħu jsirilhom il-fillings u għaldaqstant inaqqsu mill-istennija;<br><br>(d) tagħmir ġdid fl-Isptar Mater Dei;<br>(e) l-introduzzjoni ta' Chronic Disease Management Clinic fiċ-ċentru tas-saħħa ta' Bormla;<br>(f) investiment f'apparat ġdid għaċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta. | | | | |
| 216 | **Lista ta' Stennija għall-Operazzjonijiet**<br><br>Il-listi ta' stennija għall-proċeduri u operazzjonijiet fl-isptar qed jonqsu sew u x-xogħol se jkompli fl-2016 biex dawn ikomplu jonqsu. Fl-MRI rajna tnaqqis fl-istennija minn sena u nofs fl-2013 għal tliet xhur. Fil-każ tal-katarretti, minn stennija ta' tliet snin fl-2013, l-istennija naqset għal sitt xhur. Naqqasna wkoll id-dewmien għal sleep studies, EMG, | L-Isptar Mater Dei | Bdew l-operazzjonijiet tal-irkopop fil-privat taħt kuntratt ġdid, fejn kull aspett tal-operazzjoni qed isir mill-privat. Komplew jinkrew it-teatri fil-privat biex isiru operazzjonijiet mill-konsulenti tad-Dipartiment tas-Saħħa. Ġie finalizzat il-ftehim biex jibdew isiru operazzjonijiet ippjanati l-Ħadd b'effett minn Marzu. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | echocardiograms, bone density scans u angiograms. Permezz ta' ftehim mal-privat qegħdin innaqqsu l-lista ta' stennija fuq il-hip and knee replacements. Din l-inizjattiva tassigura kwalità ta' ħajja aħjar għal ħafna nies u se tiġi implimentata bħala PPP. | | | | | | |
| 217 | **Sodod**<br><br>Il-blokka l-ġdida f'Mater Dei se jkollha 68 sodda ġdida u din dalwaqt se tibda tintuża. Dan huwa importanti iżda mhux biżżejjed. | L-Isptar Mater Dei | Din il-miżura ġiet implimentata fl-aħħar kwart tal-2015. | | | | Implimentata |
| 218 | Il-Gvern kommess li jniedi proġett ġdid biex jinbnew aktar sulari u din il-blokka toffri 300 sodda. Il-pjanijiet qegħdin fi stat avvanzat. | L-Isptar Mater Dei | Ġew iffinalizzati l-ewwel abbozzi tal-pjanti u tas-sejħa għall-proposti min-naħa tal-FMS. | Saru emendi tal-ewwel abbozzi tal-pjanti u tas-sejħa għall-proposti. | Tkomplew id-diskussjonijiet meħtieġa bil-għan li jitlestew il-pjanijiet għal dan il-proġett. | Mistennija tibqa' għaddejja l-ħidma biex jitlestew il-pjanijiet għal dan il-proġett u jintlaħaq il-qbil meħtieġ dwar l-oqsma varji tiegħu. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 219 | Fl-2016 ser inkomplu ndaħħlu sistemi ġodda ta' bed management f'Mater Dei biex nużaw bl-aktar mod effiċjenti l-ispazju li għandna f'dan l-isptar. | L-Isptar Mater Dei | Iddaħħal l-użu ta' quick discharge note u nbniet module ġdida tal-IT biex tgħin fl-immaniġjar tas-sodod. | Is-sistema l-ġdida li tiffaċilita d-discharge ta' pazjenti mill-wards ġiet installata fis-swali kollha. Beda t-taħriġ meħtieġ tal-impjegati fuq din is-sistema l-ġdida. | Tkompla x-xogħol fuq it-taħriġ relatat mal-użu tas-sistema l-ġdida li tiffaċilita d-discharge ta' pazjenti mill-wards. Ingħalqet is-sejħa għall-offerti għal xogħlijiet biex titlesta l-Hospitality Lounge. | Titlesta l-ewwel fażi tas-sistema l-ġdida tal-bed management. Jitlestew ix-xogħlijiet tal-Hospitality Lounge. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Inħarġet is-sejħa għall-proposti relatata max-xogħlijiet biex titlesta l-Hospitality Lounge. | | | |
| 220 | Apparti minn hekk, ġewwa l-Isptar San Luqa se jiġi żviluppat Karin Grech fi sptar ta' 320 sodda għall-anzjani. | Il-Ministeru għas-Saħħa | Saru diskussjonijiet u preparamenti ta' kif huwa l-aħjar mod li jsiru t-tibdiliet meħtieġa li jħallu l-operat għaddej filwaqt li jkun qed isir ix-xogħol. | Komplew id-diskussjonijiet u ntlaħaq ftehim mal-iżviluppatur privat (VGH). | Bdiet it-tranżizzjoni bejn il-Ministeru u l-VGH. L-Awtorità tal-Ippjanar approvat il-permess biex ikun jista' jibda x-xogħol ta' ristrutturar u restawr tal-bini. Bdiet it-tħejjija biex jibda x-xogħol ta' tindif ta' San Luqa u tħejjew networks temporanji ta' IT . | Mistennija tiżdied l-attività fuq ix-xogħol ta' tindif u preparamenti biex jibda x-xogħol ta' modernizzar tal-parti ta' ġewwa tal-isptar. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 221 | Se jiġi żviluppat ukoll sptar ġdid għar-riabilitazzjoni li joffri faċilitajiet li ma jeżistux Malta bħalissa. Tmenin sodda tar-riabilitazzjoni se jkunu dedikati għall-Gvern. | Il-Ministeru għas-Saħħa | Saru diskussjonijiet ta' kif għandu jitfassal l-isptar u kif ser jimxi l-operat filwaqt li saru taħditiet biex jiġi finalizzat il-ftehim bejn il-Gvern u l-operatur privat. | Ġie ffirmat il-ftehim u bdew it-tħejjijiet biex jibda x-xogħol ta' tindif intern tal-istruttura kollha. | Saru tħejjijiet kliniċi fl-istess ħin li bdew isiru x-xogħlijiet meħtieġa. | Mistennija tibda t-tħejjija ta' disinji pjanti għal din il-parti tal-proġett. Huwa mistenni li meta l-IT network temporanju jkun installat, jibda x-xogħol ta' tindif intern tal-istruttura. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 222 | Se jiġi żviluppat ukoll ċentru ġdid tad-dermatoloġija bi tnax-il sodda inpatient. | Il-Ministeru għas-Saħħa | Bdew it-taħditiet mal-istakeholders konċernati. | Tkomplew it-taħditiet u l-preparamenti biex ikun hemm 12-il sodda inpatient fl-Isptar San Luqa kif ukoll lok għall-outpatients ukoll. | Komplew it-taħditiet meħtieġa. | Mistennija tibda t-tħejjija ta' disinji u pjanti għal din il-parti tal-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 223 | Barra minn dan kollu se jkun qed jinħoloq ukoll sptar għat-turisti mediċi ġewwa s-sit ta' San Luqa. Dan il-proġett mistenni joħloq 1,000 impjieg ġdid. | Il-Ministeru għas-Saħħa | Bdew jitħejjew il-pjanti għal din il-parti tal-binja f'San Luqa. | Komplew id-diskussjonijiet u ntlaħaq ftehim mal-iżviluppatur privat (VGH). Sadanittant tkomplew il-preparamenti meħtieġa. | L-Awtorità tal-Ippjanar approvat il-permess biex ikun jista' jibda x-xogħol ta' ristrutturar u restawr tal-bini. Din il-parti tal-proġett tibda ssir fl-istess ħin li jibdew il-preparamenti fil-qasam tar-Riabilitazzjoni u Ġerjatrija. | Mistennija tibda t-tħejjija ta' disinji u pjanti għal din il-parti tal-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 224 | Fiż-żmien li ġej se jkun hemm aktar konsultazzjoni mal-istakeholders kollha fuq dawn l-iżviluppi tant importanti. | Il-Ministeru għas-Saħħa | Minbarra taħditiet fuq livell għoli, saru diskussjonijiet mal-ħaddiema biex wieħed jippjana aħjar fuq l-esperjenza tal-ħaddiema li jaħdmu llum. | Tkomplew id-diskussjonijiet. Ġew esperti mill-Amerika biex jagħtu l-fehmiet tagħhom ta' kif l-isptar jista' jiffunzjona aħjar u komplew il-laqgħat ma' numru kbir ta' ħaddiema. | Saru telekonferenzi mal-esperti Amerikani (PHI). | Mistennija jitkomplew it-telekonferenzi mal-esperti Amerikani u jsiru diskussjonijiet ma' entitajiet tal-Gvern biex jiġi żgurat li l-informazzjoni medika tal-pazjenti Maltin tinżamm kunfidenzjali u aġġornata. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 225 | **Mediċini Out of Stock**<br><br>Il-ħidma fuq il-problema tal-mediċini out of stock għelibnieha u se nkomplu naħdmu biex il-138,000 persuna li jikkwalifikaw għall-iskema tal-Pharmacy of Your Choice jgawdu mill-fatt li meta jmorru fl-ispiżerija tagħhom isibu dak li għandhom bżonn. | L-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek | Mediċini OOS: Il-POYC Unit ħadem biex jiggarantixxi li l-mediċina tkun disponibbli f'waqtha fl-ispiżeriji li minnhom jinqdew il-pazjenti li jibbenefikaw minn dan is-servizz. | Mediċini OOS: Il-POYC Unit kompliet bil-ħidma tagħha biex tassigura li l-mediċini jitwasslu għand il-pazjenti kollha fil-ħin u skont il-ħtieġa. | Mediċini OOS Il-POYC Unit kompliet bil-ħidma tagħha biex tassigura li l-mediċini jitwasslu għand il-pazjenti kollha fil-ħin u skont il-ħtieġa. | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Il-ħidma mal-operaturi tal-POYC se tkompli biex indaħħlu service level agreements kif ukoll biex invaraw proġett pilota għall-mediċini biex jitwasslu d-dar tal-pazjenti. | | Is-Service Level Agreement (SLA: L-SLA ġie ffirmat f'Ottubru 2015. Kompliet il-ħidma fuq il-preparamenti meħtieġa biex jiġi mfassal l-avviż legali marbut ma' dan il-ftehim.<br><br>Proġett Pilota ta' Tqassim ta' Mediċini fid-Djar: F'Novembru 2015 ġiet imħabbra l-Iskema ta' Tqassim tal-Mediċini b'Xejn fid-Djar tal-Pazjenti li għandhom 'il fuq minn 70 sena. Il-proġett pilota ser jibda fir-Rabat Malta u f'Raħal Ġdid. F'dan il-perjodu ntlaqgħu l-applikazzjonijiet mingħand il-pazjenti tal-lokalitajiet imsemmija. | Is-Service Level Agreement (SLA): Ġie diskuss l-abbozz ta' Avviż Legali mal-partijiet kollha interessati f'din l-inizjattiva.<br><br>Is-Service Level Agreement (SLA): Ġie diskuss l-abbozz ta' Avviż Legali mal-partijiet kollha interessati f'din l-inizjattiva. | Is-Service Level Agreement (SLA): L-Avviz Legali ġie ppubblikat.<br><br>Proġett Pilota ta' Tqassim ta' mediċini fid-djar: Il-proġett pilota ġie implimentat. L-ispiżeriji tal-komunità li qed jieħdu sehem fil-Proġett pilota bdew iqassmu l-mediċini għand il-pazjenti minn Awwissu. | | |
| 226 | **Emerġenza**<br><br>Diġà rajna tnaqqis minn tlettax-il siegħa għal erba' sigħat f'90% mill-każijiet. Se jkompli x-xogħol biex jitnaqqas il-ħin ta' stennija fid-Dipartiment tal-Accidents and Emergency. | L-Isptar Mater Dei | Komplew jittieħdu l-miżuri neċessarji biex ikun assigurat li l-ħin ta' stennija jibqa' jonqos. | Iddaħħlu proċessi ġodda fl-Emerġenza fejn it-tobba u l-infermiera jinqasmu f'timijiet biex b'hekk ix-xogħol ikun jista' jiġi koordinat aħjar. Fl-istess waqt bdiet tiġi żviluppata verżjoni ġdida tas-sistema tal-IT użata mid-Dipartiment. | Tnediet il-verżjoni l-ġdida tas-sistema tal-IT użata fid-Dipartiment. | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 227 | Is-sena d-dieħla se nkunu wkoll qegħdin noffru servizz dedikat ta' Paediatric Emergency li se joffri ambjent kif mistħoqq lit-tfal. | L-Isptar Mater Dei | Dan id-dipartiment ġie inawgurat f'Diċembru 2015 u kompla jissaħħaħ tul dan il-perjodu. | | | | Implimentata |
| 228 | **Tqassim tal-Mediċini fl-Isptar**<br><br>Qed naħdmu wkoll biex inbiddlu l-proċess ta' kif jitqassmu l-mediċini fl-isptar. Dan għandu jwassal biex il-pajjiż jiffranka l-flus għax titnaqqas il-ħela u tiżdied l-effiċjenza. B'dan il-mod, anke r-riżorsi umani jistgħu jintużaw ferm aħjar milli qed jintużaw illum. | Il-Ministeru għas-Saħħa | Ġew finalizzati l-pjanijiet mal-GRTU u l-Kamra tal-Ispiżjara dwar l-introduzzjoni tat-tqassim tal-mediċini fid-djar. Tlestiet il-fażi tal-pre-qualification fil-proċess biex jintgħażel operatur ekonomiku li jingħata concession biex jiddisinja, jibni, jinstalla u jopera sistema awtomatizzata għat-tqassim tal-mediċini. | Tkompla l-proċess li għandu jwassal biex jintgħażel l-operatur ekonomiku. Beda l-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerti sottomessi. | Saru site visits u d-djalogu dwar is-soluzzjonijiet finali. | Mistennija jiġu mistiedna l-kumpaniji biex jissottomettu l-aħjar offerta. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 229 | **Iċ-ċentru tas-saħħa ta' Ħal Kirkop**<br><br>Il-Gvern flimkien mal-privat se jkun qed jaħdem biex il-binja f'Ħal Kirkop li bħalissa qed isservi bħala berġa tas-saħħa tinbidel f'ċentru modern u li jibda joffri firxa wiesgħa ta' servizzi għall-pazjenti. | Id-Dipartiment għall-Kura Primarja | Għaddejjin diskussjonijiet rigward dan il-proġett mal-istakeholders kollha dwar kif se jkun żviluppat il-proġett. | Wara li ma ntlaħaqx qbil bejn il-Gvern u l-privat dwar kif għandu jiġi operat dan iċ-ċentru, ġie deċiż li għandu jkun immexxi mill-Gvern. Għaldaqstant bdiet il-ħidma biex jinħarġu s-sejħiet għall-offerti relatati max-xogħlijiet meħtieġa. | Saret il-ħidma meħtieġa biex jinħarġu s-sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet. | Mistennija ssir l-aġġudikazzjoni tas-sejħiet għall-offerti. | Fil-proċess li tigi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 230a | **Mental Health Services**<br><br>Se jiġi appuntat Bord tad-Diretturi ddedikat għall-Mental Health Services biex is-servizz jitjieb. | Servizzi għas-Saħħa Mentali | Il-management tal-Isptar Monte Carmeli għadda l-ideat tiegħu lill-Ministeru. | Tkomplew id-diskussjonijiet dwar kif għandha tiġi implimentata din il-miżura. | Tkompliet il-ħidma, kif ukoll id-diskussjonijiet meħtieġa, biex tkun tista' titwettaq din il-miżura. | Mistenni jiġi appuntat il-Bord tad-Diretturi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 230b | Apparti minn hekk, se jiġi mniedi pjan sħiħ għall-Isptar Mount Carmel biex is-servizz ta' hemmhekk jitjieb sew. | Servizzi għas-Saħħa Mentali | Bdew isiru l-pjanijiet għal sptar ġdid għal kundizzjonijiet psikjatriċi akuti. Il-Medical Brief tlesta u ġie ppreżentat lill-Ministeru. Ġew finalizzati wkoll il-protocols ta' ħidma tas-swali kollha tal-isptar. B'hekk ikun hemm aktar koordinazzjoni bejn is-swali u speċjalizzazzjonijiet differenti. | Kompliet il-ħidma biex jitfasslu l-pjanijiet għal sptar ġdid. Ġew iffinalizzati l-protokolli dwar l-Admissions u l-Elevated Supervision. Bdiet kollaborazzjoni mal-Aġenzija Appoġġ biex jiġi identifikat post alternattiv għal żgħażagħ bi problemi ta' mġiba. Inħatar ukoll Internal Board fuq Upkeep of Standards fost numru ta' miżuri oħra. | Kompliet il-ħidma biex jiġu preżentati mudelli finanzjarji u dokumenti legali relevanti. | Mistennija tkompli l-ħidma biex jitlestew id-dokumenti u wara jiġu diskussi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 232 | **Kwalità**<br><br>Il-Gvern qed jaħdem ukoll biex jiżdiedu l-istrumenti leġiżlattivi sabiex jipproteġu liċ-ċittadin. Dawn jinkludu ċ-Charter of Patient Rights u l-liġi dwar id-Donazzjoni ta' Organi. | Is-Supretendent għas-Saħħa Pubblika | Tħejjiet il-liġi dwar id-Donazzjoni ta' Organi u tressqet quddiem il-Parlament. Sar l-ewwel abbozz taċ-Charter of Patients Rights u ġie rivedut. | L-Att dwar id-Donazzjoni tal-Organi beda jiġi diskuss fil-Parlament. Iċ-Charter tad-Drittijiet tal-Pazjenti ġie varat f'April. Dakinhar ukoll iċ-Charter ġie ppubblikat u mniedi għall-konsultazzjoni. | L-Att dwar id-Donazzjoni ta' Organi, Tessuti u Ċelloli Umani ġie ippubblikat. F'Lulju, id-Direttorat għall-Istandards tal-Kura tas-Saħħa analizza l-feedback | Mistennija tiġi ppubblikata l-verżjoni finali taċ-Charter tad-Drittijiet tal-Pazjenti. Jibda jiġi segwit pjan biex jiġi implimentat iċ-Charter tad-Drittijiet tal-Pazjenti. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | kollu li segwa l-pubblikazzjoni għall-konsultazzjoni taċ-Charter tad-Drittijiet tal-Pazjenti. Dan ir-rapport ġie sottomess lill-Ministeru tas-Saħħa u ġew evalwati l-punti kollha mressqa waqt il- konsultazzjoni mal-pubbliku. | | |
| 233a | **Aċċess**<br><br>Għaddejjin negozjati mat-tobba tal-familja privati sabiex jikber l-irwol tagħhom fis-settur tas-saħħa, | Id-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa | Bdiet l-iskema fejn it-tobba tal-familja privati qegħdin jaraw pazjenti li kellhom kanċer tas-sider fil-kliniċi tagħhom. | Ħarġet sejħa biex tobba tal-familja privati jipparteċipaw fil-kura tal-pazjenti b'mard mentali fil-komunità. | Sar it-taħrig meħtieġ għat-tobba biex dawn ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-kura tal-pazjenti b'mard mentali fil-komunità. Il-pazjenti bdew jiġu riferuti għand it-tobba privati. | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 233b | U anke mal-Kunsilli Lokali sabiex jieħdu l-amministrazzjoni tal-bereġ f'idejhom. | Id-Dipartiment għall-Kura Primarja | Ġiet devoluta l-Berġa ta' Santa Luċija. | Ġiet devoluta l-Berġa tal-Birgu. | Ġiet devoluta l-Berġa ta' Ħal Safi. Skont il-pjan għal din is-sena, din il-parti tal-miżura ġiet implimentata. | | Implimentata |
| 234 | Qed issir applikazzjoni għall-Fond Ewropew Reġjonali għall-Iżvilupp sabiex jinbena Ċentru Reġjonali tas-Saħħa f'Raħal Ġdid li se jwassal servizzi li normalment insibuhom fl-Isptar jew fl-Outpatients, eqreb lejn il-komunità ta' madwar il-Port il-Kbir. | Id-Dipartiment għall-Kura Primarja | Tħejjiet l-applikazzjoni għall-bini ta' Ċentru Reġjonali tas-Saħħa. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni. | Stennija għall-eżitu tal-applikazzjoni għall-Fond Ewropew Reġjonali għall-Iżvilupp. | Skont l-eżitu tal-applikazzjoni sottomessa, isir xogħol fuq il-pjanti u t-tenders meħtieġa. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 235 | **IVF**<br><br>Se titkompla d-diskussjoni dwar il-liġi tal-IVF li qed tiġbed interess wiesa'. Apparti minn dan sejrin ukoll inżidu l-aċċess għall-IVF għal diversi gruppi ta' persuni oħra, mhux biss koppji. | L-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijun | L-Awtorità kompliet issegwi s-servizz tal-IVF, kif ukoll is-servizz ta' vitrification ta' gameti li qed jingħataw mill-Isptar Mater Dei kif ukoll mill-kliniċi privati liċenzjati.<br>Saret ukoll spezzjoni mill-Awtorità, flimkien mal-uffiċjali tas-Supretendent għas-Saħħa Pubblika, biex ikun assigurat li s-servizz jibqa' jingħata bl-aktar standards għoljin, kif ukoll li t-trasferiment u l-iffriżar tal-gameti jsir kif mitlub kemm mil-liġi Maltija kif ukoll mir-regoli u direttivi tal-UE.<br>Tlesta r-rapport mill-IVF Working Group dwar it-tibdil meħtieġ fil-liġi. | Ir-rapport mill-grupp ta' ħidma tal-IVF ġie ppreżentat lill-Ministeru għas-Saħħa. | Saru laqgħat biex ikun assigurat li t-trasferiment ta' gameti bejn il-klinika privata u dik ta' Mater Dei qed isir kif mitlub kemm mil-liġi Maltija kif ukoll mir-regoli u direttivi tal-UE.<br>L-Awtorità segwiet ukoll it-trasferiment ta' gameti li għall-ewwel darba ġew trasferiti minn klinika liċenzjata f'Malta għal klinika oħra liċenzjata fi Spanja. Intalab ukoll mapping tal-gameti kollha maħżuna f'żewġ kliniċi liċenzjati sa minn meta bdiet titħaddem il-liġi tal-IVF. Saret ħidma wkoll biex ikun determinat li kull klinika jkollha sistema ta' kwalità mħaddma kif mitlub mil-liġi dwar Human Tissue and Cells biex kull inċident li jista' jseħħ ikun rappurtat u tittieħed l-azzjoni meħtieġa.<br>Ir-rapport li ġie ppreżentat għadda għand il-Bioethics Committee. | Mistennija reazzjoni uffiċjali mill-Bioethics Committee. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 236 | **Dijabete**<br><br>Sal-aħħar tas-sena se nkunu daħħalna fuq il-formolarju tal-Gvern mediċini ġodda għad-dijabete, marda li tolqot madwar 10% tal-popolazzjoni tagħna. | Il-Ministeru għas-Saħħa | Tlesta t-tender u saret l-ordni għall-mediċini ġodda tad-dijabete. Waslet il-mediċina gliptins. | Waslet il-mediċina repaglinide u bdiet titqassam fl-ispiżerji tal-komunità. | Minkejja li din il-miżura ġiet implimentata, il-ħidma f'dan il-qasam ma waqfitx. Inħarġet sejħa għall-offerti biex kull min hu Type 1 diabetic ikun jista' jingħata l-glucose sticks. | Sal-aħħar tas-sena kull persuna li hi Type 1 diabetic tingħata l-glucose sticks. | Implimentata |
| 237 | **Mard Rari**<br><br>Se tkompli l-ħidma biex tiġi varata sistema sabiex mediċini li għandhom prezz għoli ħafna u li jintużaw biss minn pazjenti li għandhom mard aktar rari jkunu jistgħu jiġu provduti bil-mediċini meħtieġa. Dan waqt li nżommu s-sistema tas-saħħa sostenibbli. L-awtoritajiet se jkomplu jaħdmu ma' msieħba fl-industrija kemm f'Malta kif ukoll fl-Ewropa. | Il-Ministeru għas-Saħħa | Saru numru ta' laqgħat biex jiġu esplorati possibbiltajiet ta' aċċess aħjar għall-mediċini li jintużaw minn pazjenti li għandhom mard rari. Rappreżentant mill-Ministeru attenda laqgħa fi Brussell biex tiġi evalwata l-possibilità li Malta tipparteċipa fi proġett Ewropew li jismu Big Data for Better Outcomes (BD4BO). Rappreżentant mill-Ministeru ġie mistieden ukoll biex jissieħeb fil-Bord Konsultattiv Internazzjonali tal-konsorzju li japplika għall-Azzjoni ta' Koordinazzjoni u Appoġġ tal-istess proġett Big Data for Better Outcomes (BD4BO) tal-Innovative Medicines Initiative (IMIs). | Inbdew id-diskussjonijiet ma' stakeholders lokali kif ukoll barranin bil-għan li jintlaħaq qbil dwar il-proviżjon ta' mediċini għal dawk li għandhom mard rari. | Saru aktar laqgħat mal-industrija bil-għan li tinkiseb fehma aktar ċara tal-ħtiġijiet tas-settur. Il-kuntatt bejn il-gvern u l-industrija huwa kontinwu biex l-informazzjoni tiġi miġbura minn dipartimenti differenti, skont il-ħtiġijiet. | L-informazzjoni miġbura se titqassam lill-industrija biex in-negozjati jkunu jistgħu jiġu finalizzati. Dan għandu jwassal biex jinxtraw mediċini ġodda biex jiġi trattat mard rari. Ser tkompli l-ħidma biex jiġu kkunsidrati inizjattivi ta' prevenzjoni fil-qasam ta' mard rari. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 238 | Inizjattivi ġodda fis-settur tas-saħħa għas-sena li ġejja jinkludu l-Mobile Sexual Health Unit. | Id-Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard | Beda l-proċess ta' esplorazzjoni tal-possibilitajiet biex tiġi implimentata din il-miżura. | Ġie identifikat trakk tal-linja li jista' jintuża wara li jingħata l-permess minn Transport Malta. | Saret komunikazzjoni mas-CEO ta' Heritage Malta u mas-CEO ta' Transport Malta biex jingħata permess ħalli jintuża t-trakk tal-linja. | Mistennija tinħareġ it-tender għax-xogħol meħtieġ fuq it-trakk. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 239 | Policy dwar id-Dijabete | Id-Dipartiment għall-Informazzjoni u Riċerka dwar is-Saħħa | Il-policy dwar id-Dijabete (National Strategy for Diabetes 2016-2020) tnediet f'Diċembru 2015.<br>Ġie deċiż li l-pjan ta' azzjoni u l-ixprun tal-policy dwar id-dijabete għall-2016 jinkludi l-introduzzjoni ta' pilloli ġodda.<br>Matul dawn ix-xhur tlesta l-procurement meħtieġ. | Il-mediċini nxtraw u bdew jitqassmu. Sadanittant bdiet il-ħidma fuq il-pjan ta' azzjoni għas-sena 2017 biex ikun jista' jiġi kkunsidrat għall-baġit li jmiss. | Baqgħet għaddejja l-ħidma fuq preparamenti ta' inizjattivi ġodda li jagħmlu parti mill-istrateġija tad-dijabete. | Mistennija tittieħed deċiżjoni dwar liema inizjattivi ġodda ser jiġu implimentati matul l-2017. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 240 | Pjan Nazzjonali dwar il-Kanċer | Il-Ministeru għas-Saħħa | Saru numru ta' laqgħat ta' konsultazzjoni ma' diversi stakeholders. Bdiet il-ħidma fuq il-pjan u wħud mill-kapitoli ntbagħtu għall-feedback. | Il-feedback dwar il-pjan ġie kkonsolidat. Bdiet tiġi ppreparata sejħa biex isir cost-benefit analysis fuq dan il-pjan t'azzjoni. | Beda jitfassal il-pjan dwar il-kanċer. Beda wkoll il-cost-benefit analysis fuq il-pjan t'azzjoni. | Mistenni jitlesta l-Pjan dwar il-Kanċer lejn l-aħħar tas-sena. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 241 | Riċerka fuq l-Obeżità | Dipartiment għall-Informazzjoni u Riċerka dwar is-Saħħa | Ġie ppreparat u tlesta l-fieldwork tal-European Health Interview Survey. | Id-dejta ntbagħtet lill-EUROSTAT biex tiġi validata. B'hekk tkun tista' tibda tintuża għall-analiżi meħtieġa għar-riċerka li għandha ssir. Ġiet preparata lista ta' rapporti u factsheets li jistgħu jiġu prodotti minn din ir-riċerka. | Il-Ministeru tas-Saħħa beda jaħdem, bi sħab mal-PwC, fejn qed jiġi applikat mudell li PwC żviluppat fl-Awstralja u New Zealand fuq id-dejta miġbura f'dan l-istħarriġ f'Malta biex jinħareġ rapport dwar il-piż finanzjarju tal-problema tal-obeżità f'Malta. | Mistennija ssir it-tnedija tar-rapport li jkun ġie preparat. | Implimentata. |
| 242 | Ħidma fuq charter tad-drittijiet tal-pazjenti u liġi dwar id-donazzjoni tal-organi | Is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika | Din il-miżura qed tiġi rrappurtata f'Miżura 232. | | | | |
| 243 | Kif imwiegħed fil-manifest elettorali, qed isiru wkoll preparamenti biex jiddaħħlu servizzi għal persuni transgender li jħossu l-bżonn li jinbidel is-sess tagħhom biex dan jiġi konformi mal-ġeneru tagħhom. | Id-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa | Bdiet sensiela ta' diskussjonijiet dwar dan is-suġġett. | Komplew id-diskussjonijiet biex jiġu determinati s-servizzi offruti lil persuni transgender filwaqt li hemm stennija għall-fondi b'konnessjoni mal-istess servizzi. | Dan is-servizz huwa kumpless partikolarment fejn jidħol il-qasam kliniku fost kunsiderazzjonijiet oħra. Għaldaqstant saret aktar diskussjoni. | Tkompli d-diskussjoni biex jintlaħaq qbil dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 244 | Fid-dawl tal-impenn tal-Gvern sabiex filwaqt li titnaqqas il-burokrazija titjieb il-kwalità u l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa b'xejn, il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa nieda l-iskema ta' għoti ta' voucher ta' valur monetarju ta' €30 lill-pazjenti li jbatu mill-kundizzjoni kronika tas-Coeliac Disease. Pazjenti Coeliac li għandhom 'il fuq minn 60 sena u dawk li għandhom dħul baxx skont ir-Reġistru tas-Servizzi Soċjali jieħdu valur ta' €50.<br>Bħala Gvern li jisma' u li huwa dejjem qrib il-poplu, ġie deċiż li l-voucher ta' €30 jiżdied għal wieħed ta' €45.<br><br>Il-valur tal-vouchers huwa suppliment finanzjarju biex jagħmel tajjeb għad-differenza bejn prodotti tal-ikel ipproċessati bil-glutina u dawk il-prodotti tal-ikel ipproċessati | L-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek | Is-Coeliac Products Vouchers Scheme daħlet fis-seħħ fi Frar 2015. F'Novembru 2015 il-pazjenti bdew jirċievu vouchers ta' €45 kull xahar, u l-pazjenti ta' 60+ u dawk li jirċievu l-għajnuna soċjali telgħu għal €50.<br>Fuq talba minn xi operaturi nħarġu wkoll 2 sejħiet oħra għal parteċipazzjoni fl-iskema. | Fuq talba minn xi operaturi ħarġet ukoll sejħa oħra għal parteċipazzjoni fl-iskema li ser tagħlaq f'Lulju 2016. Baqgħu jingħataw iż-żidiet kif stipulat. | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | mingħajr glutina – jiġifieri prodotti li ma fihomx dqiq magħmul mill-qamħ, xgħir u ħafur. Permezz ta' din l-iskema, il-Gvern qed ikun sensittiv għat-talba ta' dawn il-pazjenti għax issa l-għażla tal-prodotti u tad-ditti hija waħda ferm aktar wiesgħa. | | | | | | |
| 184 | **Oqbra ġodda fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata**<br><br>Fl-2016, Projects Malta se tkompli x-xogħol biex tiġi stabbilita PPP għall-bini ta' oqbra ġodda fiċ-ċimiterju tal-Addolorata. | Projects Malta | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess marbut mal-estensjoni taċ-ċimiterju lill-Awtorità tal-Ippjanar, liema permess ġie approvat. | Tħejjiet is-Sejħa għall-Proposti marbuta ma' dan il-proġett. | Is-sejħa ghall-Proposti ħadet il-forma ta' PQQ, Competitive Dialogue u Restricted Tender. Ġiet ippubblikata l-PQQ fil-bidu ta' Settembru. Tlestew ukoll l-aħħar arranġamenti mad-Dipartiment tal-Artijiet. | Mistennija jintlaqgħu l-PQQs u jintgħażlu l-offerti t'interess skont il-Kriterji t'Evalwazzjoni mħejjija. Jibda wkoll il-Competitive Dialogue. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2014
# LI TWETTQU FL-2016

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 187 | Mis-sena d-dieħla, l-onorarja tal-Membri Parlamentari tibdà titħallas prorata skont l-attendenza. | OPM | Din il-miżura twettqet fl-ewwel kwart tas-sena 2015. | Implimentata |
| 140 | Il-proġetti kapitali fl-isport se jingħataw prijorità. Dawn jinkludu l-pitches tal-waterpolo u tal-futbol f'Birżebbuġa, il-canopy fil-Padiljun tal-Isport ta' Kordin, l-upgrading tal-Pixxina Nazzjonali u faċilitajiet tal-futbol f'Għawdex. Għal dan il-għan qegħdin nallokaw is-somma ta' 2.5 miljun ewro. | MEDE | Din il-miżura twettqet fir-raba' kwart tas-sena 2014. | Implimentata |
| 87 | Riabilitazzjoni tas-salini tal-melħ tas-Salina, San Pawl il-Baħar | MTI | Din il-miżura twettqet fir-raba' kwart tas-sena 2014. | Implimentata |
| 117 | Promozzjoni ta' blokki mhux liċenzjati permezz ta' preżentazzjonijiet fuq livell internazzjonali minn speċjalisti fil-qasam | MTI | L-ewwel kwart tas-sena 2015 | Implimentata |
| 81 | Għaddejjin l-arranġamenti meħtieġa sabiex jinfirdu id-direttorati tal-ippjanar u tal-ambjent fil-MEPA. Bit-twaqqif ta' Aġenzija dwar l-Ambjent u r-Riżorsi se niggarantixxu li l-Ambjent ikollu focus speċifiku bl-importanza meħtieġa. L-ambjent se jkun fiċ-ċentru ta' kull inizjattiva u deċiżjoni li tittieħed. | MSDEC | Din il-mizura twettqet fit-tieni kwart tas-sena 2015 | Implimentata |

MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2015
LI TWETTQU FL-2016

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| | Il-firda fir-responsabbiltajiet tal-MEPA tiġi ffinalizata. | OPM | Din il-miżura ġiet implimentata. | Implimentata |
| | Fix-xhur li ġejjin, Projects Malta se tvara numru ta' proġetti li jvarjaw mis-settur tas-saħħa, dak kummerċjali, it-turiżmu u sports fost l-oħrajn. | OPM (Enerġija u Proġetti) | Din il-miżura twettqet f'Marzu. | Implimentata |
| | Se jkun hemm ukoll investiment b'rabta ma' Renewable Joint Venture u Energy Service Centre. | OPM (Enerġija u Proġetti) | Din il-miżura twettqet f'Jannar. | Implimentata |
| | Awtonomija amministrattiva għall-Parlament Malti. Matul is-sena d-dieħla, se jittieħdu l-passi legali u amministrattivi kollha sabiex l-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna tissaħħaħ kif indikat fir-rapport u l-abbozz ta' leġiżlazzjoni mħejjija mill-President tal-Kamra. | MEAIM | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu. | Implimentata |
| | Investiment kbir fit-titjib ta' diversi toroq rurali f'diversi nħawi ta' pajjiżna li minnu se jgawdu primarjament il-bdiewa tagħna minħabba li ħafna minn dawn it-toroq iservu ta' aċċess importanti għall-għelieqi tagħhom. | MTI | Din il-miżura twettqet f'Jannar. | Implimentata |
| | (Diversi proġetti): Tisbiħ taz-zuntier tal-Knisja ta' Santa Liberata, il-Kalkara | MTI | Din il-miżura twettqet f'Jannar. | Implimentata |
| | (Xogħol tal-widien): Wied Ħarq Ħamiem, Pembroke | MTI | Din il-miżura twettqet fi Frar. | Implimentata |
| | (Xogħol tal-widien): Wied Baqqiegħa, Żebbuġ | MTI | Din il-miżura twettqet f'Jannar. | Implimentata |
| | Sabiex nippromovu aktar użu tar-roti se jitwaħħlu numru ta' bicycle racks f'diversi postijiet madwar il-Belt. | MTI | Din il-miżura twettqet f'Ġunju. | Implimentata |
| | Culverts fi Triq l-Iskola u Triq Caligari Ħaż-Żabbar CT3248/2014 | MTI | Din il-miżura twettqet f'Ġunju. | Implimentata |
| | Xogħol tal-culvert fi Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbug CT3050/2014 | MTI | Din il-miżura twettqet f'Ġunju. | Implimentata |
| | Se jinbeda xogħol ta' restawr fuq it-Torri ta' Wignacourt. | MTI | Din il-miżura twettqet f'Mejju. | Implimentata |
| | Restawr tal-pavimentar ta' Strada Stretta | MTI | Din il-miżura twettqet f'Ġunju. | Implimentata |
| | L-Imdina - immaniġġjar tal-Foss tal-Imdina | MTI | L-immaniġġjar tal-Foss tal-Imdina jirrikjedi xogħol kontinwu. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| | Wara li jiġi ffinalizzat l-istudju dwar feasibility teknika u finanzjarja rigward l-implimentazzjoni ta' submarine fibre optic cable ieħor bejn Malta u Għawdex, sabiex jattira investiment minn kumpaniji fis-settur diġitali. | MGOZ | Din il-miżura twettqet f'Jannar. | Implimentata |
| | Se nagħtu nifs ġdid lil diversi pjazez ġewwa Għawdex, fosthom dawk: f'Ghajnsielem, fix-Xagħra u fix-Xewkija | MGOZ | Ghajnsielem - Din il-parti tal-miżura kienet implimentata lejn tmiem l-2015.<br><br>Xagħra - Din il-parti tal-miżura ġiet implimentata f'Awwissu.<br><br>Xewkija - Din il-parti tal-miżura ġiet implimentata f'Gunju. | Implimentata |
| | Se nassiguraw li l-benefiċċju tal-ġranet tal-leave li jingħata meta jkun hemm xi adozzjoni tat-tfal ikun estiż sabiex ikun tal-istess tul tal-leave li tieħu kull persuna oħra f'każ ta' maternità. | MSDC | Il-Memorandum bit-tibdil meħtieġ fl-Avviżi Legali għadda mill-Kabinett f'Awwissu għall-pubblikazzjoni. | Implimentata |
| | Seed Investment Programme - Din l-iskema tikkontempla l-introduzzjoni ta' regoli ġodda taħt l-att dwar it-taxxa fuq id-dħul, liema regoli se joffru inċentivi lil dawk l-investituri li jinvestu f'intrapriżi li jkunu għadhom fl-istadju bikri tal-ħajja kummerċjali tagħhom – start up companies. Investituri privati se jingħataw kreditu ta' taxxa ekwivalenti għall-ammont ta' kapital (permezz ta' ishma) li jkunu investew f'kumpaniji li jkunu għadhom qed jinħolqu. L-investitur li jinvesti f'dawn il-kumpaniji se jkun jista' jingħata kreditu mit-taxxa sa massimu ta' 250,000 ewro f'sena. | MEIB | Din il-miżura twettqet f'Lulju. | Implimentata |
| | Se jiġi indirizzat l-Att tan-Negozju tal-Familja. Il-liġi se tagħti definizzjoni ċara ta' x'inhu negozju tal-familja u min huma l-membri tal-familja u se tinċentiva t-trasferiment tan-negozju bejn membri tal-istess familja. Kull negozju tal-familja rreġistrat taħt dan il-Att se jkun eliġibbli sabiex japplika għal numru ta' benefiċċji. | MEIB | Din il-miżura twettqet f'Awwissu. | Implimentata |
| | Se jiġi rilokati s-Suq tal-Belt u se jkun hemm 74 stall li diġà bdew jinħadmu u huwa mistenni li sal-aħħar ta' Diċembru jkunu tlestew 50 fil-mija tagħhom. | MEIB | Din il-miżura twettqet f'Awwissu. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| | Fil-bidu tas-sena d-dieħla, se jiġi ppubblikat abbozz ta' liġi dwar l-arbitraġġ fis-servizzi finanzjarji għall-konsultazzjoni. L-uffiċċju se jkun indipendenti mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji u l-arbitru se jkollu poteri estensivi sabiex ikun jista' jsib soluzzjoni għal ilmenti min-naħa tal-konsumaturi b'mod effettiv u imparzjali. | MFIN | Din il-miżura twettqet f'April. | Implimentata |
| | Seed Investment Programme - Din l-iskema tikkontempla l-introduzzjoni ta' regoli ġodda taħt l-att dwar it-taxxa fuq id-dħul, liema regoli se joffru inċentivi lil dawk l-investituri li jinvestu f'intrapriżi li jkunu għadhom fl-istadju bikri tal-ħajja kummerċjali tagħhom – start up companies. Investituri privati se jingħataw kreditu ta' taxxa ekwivalenti għall-ammont ta' kapital (permezz ta' ishma) li jkunu investew f'kumpaniji li jkunu għadhom qed jinħolqu. L-investitur li jinvesti f'dawn il-kumpaniji se jkun jista' jingħata kreditu mit-taxxa sa massimu ta' 250,000 ewro f'sena. | MFIN | Din il-miżura twettqet f'Jannar. | Implimentata |
| | Inċentivi fil-Liġi tat-Taxxa | MFIN | Din il-miżura twettqet f'Lulju. | Implimentata |
| | Hemm lok għal attività finanzjarja ġdida, jekk il-Gvern bis-serjetà jiffaċilita t-tħaddim ta' dak li jissejjaħ "Islamic Banking". Matul is-sena d-dieħla, se ndaħħlu t-tibdil leġiżlattiv neċessarju ħalli dan il-qasam jibda jiġi żviluppat u nattiraw lejn pajjiżna dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji Maltin u barranin li joperaw f'dan is-settur. | MFIN | Din il-miżura twettqet f'Diċembru 2015. | Implimentata |
| | Se nżidu s-servizz ta' respite f'ċentri residenzjali speċjalizzati, jew bis-saħħa ta' familji li jkunu lesti jagħtu dan is-servizz fuq bażi simili permezz tal-fostering sabiex inserrħu l-ġenituri ta' tfal b'diżabilità. Se nkabbru s-servizz li jingħata miċ-ċentri ta' matul il-jum. | MFSS | Din il-miżura twettqet f'Mejju. | Implimentata |
| | Kumpens lill-membri tal-forzi dixxiplinati li jsofru diżabilità waqt il-qadi ta' dmirijiethom. | MHAS | Din il-miżura twettqet f'Mejju. | Implimentata |
| | Strategija ffukkata fuq stock control practices li jiddetterminaw meta u kemm tinxtara mediċina. Innaqqsu l-frammentazzjoni ta' stocks li sa issa kkaratterizzaw il-mod kif kien isir l-istock management. | MFH | Din il-miżura twettqet f'Jannar. | Implimentata |

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU